L-Unjoni Ewropea

# Il-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali

MT



# Il-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali

L-Unjoni Ewropea

# Referenzi

## Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni 69/13/Euratom, KEFA, KEE tas-16 ta' Jannar 1969 li tistabbilixxi l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 13, 18.1.1969), imħassra u mibdula bid-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Ġunju 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 41):

"*Artikolu 1*

Il-kompitu tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, li huwa uffiċċju interistituzzjonali, għandu jkun li jippubblika l-pubblikazzjonijiet tal-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej u tal-Unjoni Ewropea fl-aħjar kundizzjonijiet possibbli."

*

Il-Kumitat Konsultattiv dwar il-Pubblikazzjonijiet tal-Kummissjoni ddefinixxa pubblikazzjoni bħala test idduplikat, maħsub l-aktar għall-użu estern, li l-produzzjoni tiegħu tikkostitwixxi spiża baġitarja.

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għandu r-responsabbiltà, fost oħrajn:

(i) li jistandardizza l-formati;

(ii) li jarmonizza l-preżentazzjoni tal-pubblikazzjonijiet.

NB: Skont id-Deċiżjoni msemmija hawn fuq, l-isem "L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej" inbidel għal "L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea", bid-dħul fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2009.

## Mandat

Il-gwida tal-istil titmexxa mill-entitajiet li ġejjin:

— Il-**Kumitat Interistituzzjonali**, imwaqqaf mill-Bord tat-Tmexxija tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, hu magħmul minn rappreżentanti ġenerali mill-istituzzjonijiet li ġejjin: Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Bank Ċentrali Ewropew, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni;

— It-**taqsima tal-koordinazzjoni ġenerali għall-gwida tal-istil**, ibbażata fl-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet;

— Il-**gruppi lingwistiċi interistituzzjonali** (wieħed kull lingwa), li r-rappreżentanti tagħhom jinħatru mill-membri tal-Kumitat Interistituzzjonali.

Il-Kumitat Interistituzzjonali jaħtar rappreżentanti uffiċjali biex jipparteċipaw direttament fix-xogħol tal-gruppi lingwistiċi. Il-kumitat jista' jaġixxi bħala arbitru fil-każ ta' problema kbira.

It-taqsima tal-koordinazzjoni ġenerali hija responsabbli mill-proċedura tal-ġestjoni ġenerali: jorganizza x-xogħol, jiżgura l-koerenza tad-deċiżjonijiet meħuda fil-gruppi differenti, jaġġorna u jiżviluppa l-proċess. Din it-taqsima hija responsabbli wkoll mill-ġestjoni ġenerali tas-sit web tal-gwida tal-istil u tipparteċipa direttament fl-iżvilupp tiegħu.

Il-gruppi lingwistiċi huma responsabbli mill-iżvilupp u s-segwitu tal-verżjonijiet lingwisitċi rispettivi tagħhom, bil-gwida tat-taqsima tal-koordinazzjoni ġenerali. Ir-rappreżentanti fil-gruppi tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jikkoordinaw ix-xogħol u jittrażmettu lura l-informazzjoni tat-taqsima tal-koordinazzjoni ġenerali. Il-gruppi huma magħmula minn rappreżentanti mill-entitajiet lingwistiċi varji tal-istituzzjonijiet: ġuristi lingwisti, tradutturi, terminologi, qarrejja tal-provi, eċċ.

Barra minn hekk, korpi varji li jieħdu d-deċiżjonijiet, notevolment is-Segretarjat Ġenerali, is-servizz tal-protokoll u s-servizzi inkarigati mir-relazzjonijiet esterni tal-Kummissjoni, huma kkonsultati regolarment

skont is-suġġett tal-ġurnata. Jinżamm kuntatt mill-qrib ma' organizzazzjonijiet internazzjonali varji, partikolarment fir-rigward ta' standardizzazzjoni (ISO).

# Daħla

Wara proċess li nbeda fl-1993 bit-tnedija tal-*Vade-mecum for editors, Il-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali* ġiet ippubblikata oriġinalment fl-1997 fi 11-il lingwa li aktar tard ġew estiżi għal 24. Din tirrappreżenta kisba importanti fl-armonizzazzjoni lingwistika unika fil-ġeneru tagħha minħabba l-għadd ta' komunitajiet lingwistiċi involuti fl-iżvilupp tagħha. Din għandha sservi ta' għodda ta' referenza għal xogħlijiet bil-miktub għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha tal-Unjoni Ewropea.

L-iżvilupp tagħha kien jeħtieġ il-ħolqien ta' kumitat ta' tmexxija interistituzzjonali li ħatar sensiela ta' rappreżentanti f'kull istituzzjoni u għal kull lingwa. Dawn jaħdmu taħt it-tmexxija ta' grupp ta' koordinament li jinsab fl-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

L-armonizzazzjoni bejn prattiċi (kultant diverġenti) issir, billi tiġi kkunsidrata l-perspettiva multilingwi tal-istituzzjonijiet, li tesiġi li t-testi tal-lingwi uffiċjali kollha jkunu komparabbli, b'tali mod li jkun irrispettat il-karattru speċifiku ta' kull lingwa.

L-Ewwel Parti tiġbor flimkien ir-regoli għall-applikazzjoni stretta fl-editjar tal-atti pubbliċi fil-Ġurnal Uffiċjali u t-Tieni Parti fiha n-normi tekniċi jew editorjali ewlenin li għandhom x'jaqsmu mal-pubblikazzjonijiet ġenerali. Barra minn hekk, minbarra l-qbil mar-regoli individwali ta' kull lingwa li jinsabu fir-Raba' Parti, l-24 grupp waslu għall-konklużjoni tal-konvenzjonijiet ta' xogħol komuni għal-lingwi kollha, elenkati fit-Tielet Parti tal-gwida. Din it-taqsima sservi ta' bażi awtentika biex tiżdied l-armonizzazzjoni bejn il-lingwi u l-istituzzjonijiet kollha bla distinzjoni.

Bi prinċipju, il-konvenzjonijiet uniformi adottati mill-Gwida tal-Istil għandhom prevalenza fuq kull soluzzjoni oħra proposta jew utilizzata qabel; l-applikazzjoni tagħhom hija obbligatorja f'kull fażi tal-proċedura bil-miktub.

Finalment, l-iskop tax-xogħol preżenti huwa, qabel kollox, li jinkoraġġixxi interazzjoni dinamika bejn l-utenti kollha tiegħu filwaqt li jkompli għaddej minn proċess ta' aġġornament kontinwu. Għalhekk l-awturi jappellaw lil kull qarrej għall-kontribuzzjoni attiva tiegħu billi jikkomunika kull informazzjoni utli, jiġbed l-attenzjoni għal żbalji jew omissjonijiet, u anki billi jibgħat suġġerimenti lid-dipartiment li ġej:

**Publications Office of the European Union** (L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea)
**"Style guide" Coordination** (Il-Koordinazzjoni tal-“Gwida tal-Istil”)A
(Unit A.1.002)
L-2985 Luxembourg
LUXEMBOURG
Ikkuntattja bl-email:

- mistqosijiet ġenerali
  (OP-ISG-coordination@publications.europa.eu),
- mistoqsijiet ġenerali li jikkonċernaw il-lingwa Maltija
  />(op-code-de-redaction-mt@publications.europa.eu).

# Werrej


**Referenzi** 3

**Daħla** 5

L-EWWEL PARTI — **Il-Ġurnal Uffiċjali** **11**

**Preambolu** 12

1. **L-istruttura tal-Ġurnal Uffiċjali** 17

1.1. **L-istruttura ġenerali** 17

1.2. **Is-serje L** 18

1.2.1. Il-klassifikazzjoni tal-atti 18

1.2.2. In-numerazzjoni tal-atti 19

1.2.3. Il-kontenut 22

1.3. **Is-serje C** 28

1.3.1. Il-klassifikazzjoni tad-dokumenti 28

1.3.2. In-numerazzjoni tad-dokumenti 29

1.3.3. Il-kontenut 31

2. **L-istruttura ta’ att legali** 33

2.1. **It-titolu** 33

2.2. **Preambolu (il-konsiderazzjonijiet u l-premessi)** 34

2.2.1. Konsiderazzjonijiet 34

2.2.2. Premessi 35

2.3. **L-artikoli (termini ta’ promulgazzjoni)** 36

2.4. **Il-formula tal-kwalità obbligatorja tar-regolamenti** 37

2.5. **Il-formuli tal-għeluq (il-post, id-data u l-firma)** 38

2.6. **L-annessi** 39

2.7. **Is-suddiviżjonijiet fl-atti** 39

3. **Ir-regoli tal-abbozzar tad-dokumenti** 41

3.1. **Ir-referenzi għall-Ġurnal Uffiċjali** 41

3.2. **Ir-referenzi għal att** 44

3.2.1. Il-forom tat-titolu 44

3.2.2. Ir-referenza għal atti oħrajn 45

3.2.3. Ir-referenzi għas-suddiviżjonijiet tal-atti 47

3.2.4. Ir-referenzi għall-emendi tal-atti 48

3.3. **Id-dispożizzjonijiet emendatorji** 49

3.3.1. Emendi fit-test 49

3.3.2. Żidiet u numerazzjoni 51

3.4. **L-ordni ta’ ċitazzjoni** 51

3.4.1. L-ordni tat-Trattati 51

3.4.2. L-ordni skont l-awtur 52

3.4.3. L-ordni tal-pajjiżi 53

3.4.4. L-ordni tal-lingwi u ta’ testi multilingwi 53

3.4.5. L-ordni tal-muniti 53

3.5. **Elenkar** 53

3.5.1. Punti elenkati — preżentazzjoni 54

3.5.2. Elenkar ta' atti 55

**3.6. Definizzjoni ta' espressjonijiet jew kliem 55**

**3.7. Il-ftehimiet internazzjonali 55**

**Tabelli ta' sommarju 56**

IT-TIENI PARTI — **Pubblikazzjonijiet ġenerali 62**

**4. Tħejjija u identifikazzjoni tad-dokumenti 63**

**4.1. L-awturi, id-dipartimenti tal-awtorizzazzjoni, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet u l-istampar 63**

4.1.1. L-awturi u l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet 63

4.1.2. Ġestjoni tal-proġetti mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet 64

4.1.3. Qari tal-Provi fl-Uffiċċju 64

**4.2. Dokumenti oriġinali (manuskritti) 65**

4.2.1. Il-prinċipju ta' katina tal-produzzjoni 66

4.2.2. Struttura loġika tad-dokumenti 66

4.2.3. Tħejjija tat-test 68

4.2.4. Dokumenti camera-ready, lesti għar-riproduzzjoni 70

**4.3. Tipi ta' pubblikazzjonijiet 70**

4.3.1. Monografiji 71

4.3.2. Riżorsi kontinwi 71

4.3.3. Pubblikazzjonijiet f'serje jew monografiji kkombinati 71

**4.4. Identifikaturi assenjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet 71**

4.4.1. Numru internazzjonali standard tal-kotba (ISBN) 72

4.4.2. Numru internazzjonali standard tal-pubblikazzjonijiet fis-serje (ISSN) 74

4.4.3. Identifikatur ta' oġġett diġitali (DOI) 75

4.4.4. Numru tal-katalogu 76

**4.5. Identifikatur assenjat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea 76**

**5. L-istruttura ta' pubblikazzjoni 78**

**5.1. Il-qoxra 78**

5.1.1. Komponenti tal-qoxra 78

5.1.2. Użu tal-kuluri fuq il-qxur 80

**5.2. Paġna tat-titolu 80**

**5.3. Naħa ta' wara tal-paġna tat-titolu 81**

5.3.1. Komponenti 81

5.3.2. Informazzjoni dwar il-prodott tal-karta stampata 82

**5.4. Id-drittijiet tal-awtur 83**

5.4.1. Drittijiet ta' riproduzzjoni (nota dwar id-drittijiet tal-awtur) 83

5.4.2. Kwalifika tad-drittijiet tal-awtur (id-dritt ta' riproduzzjoni u/jew tal-użu mill-ġdid) 85

5.4.3. Nota legali (formula ta' twissija) 86

5.4.4. Ir-riproduzzjoni ta' elementi artistiċi (tpinġijiet, ritratti, eċċ.) 87

**5.5. Testi preliminari u finali 88**

5.5.1. Dedika 88

5.5.2. Il-kelmtejn ta' qabel, il-prefazju u d-daħla 88

5.5.3. Il-werrej 88

5.5.4. Bibljografiji 89

5.5.5. Indiċi 89

**5.6. It-tqassim tat-test 89**

5.7. **In-numerazzjonijiet** **91**

5.8. **L-enfasi** **91**

5.9. **Ir-referenzi** **92**

5.9.1. Ir-referenzi għal-leġiżlazzjoni tal-UE 92

5.9.2. Ir-referenzi għat-Trattati 93

5.9.3. Ir-referenzi għall-kawżi tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali 94

5.9.4. Ir-referenzi bibljografiċi 97

5.10. **Il-kwotazzjonijiet** **98**

5.11. **Il-materjal artistiku (l-illustrazzjonijiet)** **99**

5.12. **It-tabelli** **100**

IT-TIELET PARTI — **Konvenzjonijiet komuni għal-lingwi kollha** **101**

6. **Istruzzjonijiet tipografiċi u r-reviżjoni tat-test** **102**

6.1. **Il-qari tal-manuskritt** **102**

6.2. **Il-qari tal-manuskritt elettroniku** **102**

6.3. **Is-sinjali tal-qari tal-provi** **102**

6.4. **Is-sinjali tal-punteġġatura u l-ispazji fil-programmi tal-Word** **104**

6.5. **Il-punteġġatura fiċ-ċifri** **105**

7. **Il-pajjiżi, il-lingwi, il-muniti u l-abbrevjazzjonijiet tagħhom** **106**

7.1. **Il-pajjiżi** **106**

7.1.1. Ismijiet u taqsiriet 106

7.1.2. L-ordni tal-pajjiżi fil-lista 108

7.2. **Il-lingwi** **110**

7.2.1. L-ordni tal-verżjonijiet tal-lingwa u l-kodiċi ISO (testi multilingwi) 110

7.2.2. L-elenkar tal-lingwi fit-test (testi unilingwi) 111

7.2.3. Indikazzjoni tal-lingwi ppubblikati 112

7.2.4. Ir-regoli li jirregolaw il-lingwi fl-istituzzjonijiet 112

7.3. **Il-muniti** **113**

7.3.1. L-euro u s-cent 113

7.3.2. L-ordni tal-muniti u l-kodiċi ISO 113

7.3.3. Ir-regoli dwar kif għandhom jinkitbu l-unitajiet monetarji 115

8. **In-noti ta' qiegħ il-paġna u r-referenzi tagħhom** **118**

8.1. **Referenzi għan-noti ta' qiegħ il-paġna** **118**

8.2. **L-ordni tan-noti ta' qiegħ il-paġna** **118**

9. **Konvenzjonijiet oħra** **120**

9.1. **L-indirizzi** **120**

9.1.1. L-indirizzi: prinċipji ġenerali 120

9.1.2. L-indirizzi f'dokumenti monolingwi 121

9.1.3. L-indirizzi f'dokumenti multilingwi 123

9.1.4. L-indirizzi fl-Istati Membri: preżentazzjoni u eżempji 124

9.1.5. L-indirizzi fl-Istati Membri: karatteristiċi speċifiċi 126

9.2. **L-indirizzi elettroniċi** **128**

9.3. **In-numri tat-telefown** **129**

9.4. **Il-kwotazzjoni ta' xogħlijiet u referenzi għall-Ġurnal Uffiċjali** **130**

9.5. **L-istruttura amministrattiva tal-Unjoni Ewropea: it-titoli uffiċjali u l-ordni tal-kwotazzjoni tagħhom** **130**

9.5.1. L-istituzzjonijiet u l-korpi 130
9.5.2. Is-servizzi interistituzzjonali 132
9.5.3. L-organizzazzjonijiet deċentralizzati (aġenziji) 133
9.5.4. L-aġenziji eżekuttivi 135
9.5.5. Korpi u aġenziji tal-Euratom 136
9.5.6. Organizzazzjonijiet oħra 136

9.6. **Id-direttorati ġenerali u s-servizzi tal-Kummissjoni: It-titoli uffiċjali** **137**

IR-RABA’ PARTI — **Pubblikazzjonijiet bil-Malti** **140**

10. **Regoli interni għall-preżentazzjoni tat-test** **141**

10.1. **Il-punteġġatura** **141**

10.1.1. Il-punt (.) 141
10.1.2. Il-virgola (,) 141
10.1.3. Il-punt u l-virgola (;) 142
10.1.4. Iż-żewġ punti (:) 142
10.1.5. Il-parentesi tondi () 142
10.1.6. Il-parentesi kwadri [] 142
10.1.7. Il-virgoletti doppji jew singli (“ ” jew ‘ ’) 143
10.1.8. Is-sing qasir (-) 143
10.1.9. Is-sing twil (—) (–) 143
10.1.10. Il-puntini ([...]) 144
10.1.11. L-iżbarra (solidus) (/) 144
10.1.12. Il-punt interrogattiv (?) 144
10.1.13. Il-punt esklamattiv (!) 144

10.2. **Għajnuna ortografika** **145**

10.2.1. Indikazzjonijiet dwar l-ortografija 145
10.2.2. Singular jew plural? 145

10.3. **L-ittri kapitali u l-ittri ż-żgħar** **146**

10.4. **In-numri, id-dati u l-ħin** **147**

10.5. **L-unitajiet ta’ kejl** **148**

10.6. **Il-korsiv** **148**

10.7. **L-abbrevjazzjonijiet u l-akronimi** **149**

10.8. **Mixxellanji** **149**

11. **Xogħlijiet ta’ referenza** **150**

**Annessi** **151**

Anness A1 **Gwida għall-grafiki għall-emblema Ewropea** **152**
Anness A2 **L-emblemi** **156**
Anness A3 **L-abbrevjazzjonijiet u s-sinjali li jintużaw** **163**
Anness A4 **L-akronimi ewlenin u l-abbrevjazzjonijiet** **166**
Anness A5 **Il-lista tal-pajjiżi, it-territorji u l-muniti** **171**
Anness A6 **Il-kodiċi tal-pajjiżi** **194**
Anness A7 **Il-kodiċi tal-muniti** **198**
Anness A8 **Il-kodiċi tal-lingwi (Unjoni Ewropea)** **206**
Anness A9 **Istituzzjonijiet, korpi, servizzi interistituzzjonali u organizzazzjonijiet: lista multilingwi** **207**

| | | |
|---|---|---|
| Anness A10 | Ir-reġjuni | 253 |
| Anness B | Kliem magħqud jew mifrud | 262 |
| Anness C | Mixxellanji | 272 |
| **Indiċi** | | **273** |

## L-Ewwel Parti

# Il-Ġurnal Uffiċjali

*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, id-dokumenti ppubblikati fih u r-regoli speċifiċi dwar l-abbozzar huma deskritti hawnhekk. Għandha tinqara flimkien mat-Tielet u r-Raba’ Parti, kif ukoll mal-annessi, li japplikaw ukoll għat-testi ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali.



# Preambolu

## L-isfond storiku

**1952**

Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat KEFA, inħoloq ġurnal uffiċjali għall-pubblikazzjoni ta' avviżi, id-deċiżjonijiet u atti oħrajn.
Il-Ġurnal Uffiċjali ħareġ għall-ewwel darba fit-30 ta' Diċembru.
Mill-1952 sad-19 ta' April 1958, il-ġurnal kien jismu *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar*, bl-Olandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż u t-Taljan bħala lingwi uffiċjali.

**1958**

Wara d-dħul fis-seħħ ta' żewġ trattati oħra, it-Trattat KEE (Komunità Ekonomika Ewropea) u t-Trattat Euratom, it-titolu tal-Ġurnal Uffiċjali ġie adattat u sar *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.
Il-Ġurnal Uffiċjali l-ġdid ħareġ għall-ewwel darba fl-20 ta' April.

**1968**

Is-serje L (*Leġiżlazzjoni*) u s-serje C (*Informazzjoni u Avviżi*) bdew jiġu ppubblikati f'Jannar.
L-ewwel ħarġa tas-serje L ġiet ippubblikata fit-3 ta' Jannar.
L-ewwel ħarġa tas-serje C ġiet ippubblikata fit-12 ta' Jannar.

**1978**

L-ewwel ħarġa tas-serje S (*Suppliment għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*) ġiet ippubblikata fis-7 ta' Jannar.
Is-sejħa għall-offerti u l-avviżi tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, pereżempju, kienu ppubblikati qabel fis-serje L (sa Diċembru 1974) u fis-serje C (sa Diċembru 1977) rispettivament.

**1981**

Id-database tas-CELEX (*Communitatis Europaeae Lex*) — sistema ta' dokumentazzjoni interistituzzjonali multilingwi awtomatizzata għal-liġi Komunitarja — saret aċċessibbli għall-pubbliku.
Mifruxa fil-Kummissjoni kollha, is-CELEX hija aċċessibbli fuq l-Internet u fuq tejp manjetiku.

**1986**

Is-serje S saret aċċessibbli f'forma elettronika (database tat-Tenders Electronic Daily (TED)).

**1987**

Is-serje L u s-serje C saru aċċessibbli fil-forma ta' microfiche.

**1991**

F'Jannar, inħolqot is-serje C ... A.

**1992**

F'Ottubru, il-ġestjoni tas-CELEX ġiet ittrasferita mill-Kummissjoni għall-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

**1997**

Is-serje S saret disponibbli fuq CD-ROM.

### 1998

Is-serje L u s-serje C saru disponibbli fuq is-sit tal-EUR-Lex fuq l-Internet.
Mill-1 ta' Lulju, is-serje S ma baqgħetx tiġi ppubblikata f'verżjoni stampata iżda f'verżjoni elettronika biss fuq CD-ROM u fuq l-Internet (id-database tat-TED).

### 1999

Mill-31 ta' Awwissu s-serje C ... E bdiet tiġi ppubblikata f'forma elettronika (E = elettronika).

### 2001

Is-serje L u s-serje C saru disponibbli fuq CD-ROM.

### 2002

L-aċċess għall-EUR-Lex sar b'xejn mill-1 ta' Jannar.

### 2003

Mill-1 ta' Frar, il-Ġurnal Uffiċjali reġa' bidel ismu għal *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (it-Trattat ta' Nizza).

### 2004

Mill-1 ta' Mejju, il-Ġurnal Uffiċjali beda jiġi ppubblikat f'20 lingwa minħabba t-tkabbir. Skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 930/2004 saret deroga għall-edizzjoni Maltija tal-ĠU — għal tliet snin (mill-1.5.2004 sat-30.4.2007) l-istituzzjonijiet kienu obbligati jippubblikaw bil-Malti biss ir-regolamenti adottati b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.
L-istrixxa bil-kulur fuq l-ispina tal-ĠU tneħħiet fl-1 ta' Mejju u l-verżjonijiet lingwistiċi huma identifikati bil-kodiċi ISO fuq quddiem u wara tal-ġurnal.
Mill-1 ta' Mejju, id-databases tas-CELEX u l-EUR-Lex bdew ikunu disponibbli fi 22 lingwa.
L-aħħar verżjoni stampata tad-Direttorju tal-Leġiżlazzjoni Komunitarja fis-seħħ ġiet ippubblikata f'Lulju. Għaldaqstant, minn Awwissu 'l quddiem id-Direttorju jinsab fl-EUR-Lex.
Mill-1 ta' Novembru, l-entrati fid-database tas-CELEX ġew integrati fid-database tal-EUR-Lex u fil-31 ta' Diċembru s-CELEX ma baqax jiġi aġġornat.

### 2007

Mill-1 ta' Jannar, il-Ġurnal Uffiċjali beda jiġi ppubblikat fi 23 lingwa minħabba l-adeżjoni tar-Rumanija u l-Bulgarija, u minħabba d-deċiżjoni li tiġi ppubblikata l-leġiżlazzjoni sekondarja bl-Irlandiż. Madankollu, fil-verżjoni Irlandiża bdiet issir deroga simili għal dik li saret għall-Malti: għal ħames snin (mill-1.1.2007 sal-31.12.2011), l-istituzzjonijiet huma biss obbligati jippubblikaw bl-Irlandiż ir-regolamenti adottati b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill flimkien (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005).
Fl-1 ta' Jannar ġiet implimentata struttura ġdida għall-klassifikazzjoni tal-atti ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali.

### 2009

Mill-1 ta' Diċembru, il-jum li fih daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Liżbona, żdiedet intestatura L V temporanja mal-ĠU, intitolata "Atti adottati mill-1 ta' Diċembru 2009, skont it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat Euratom". Din l-intestatura tneħħiet aktar tard fil-31 ta' Diċembru.

### 2010

Fl-1 ta' Jannar, ġiet introdotta struttura ġdida rigward il-klassifikazzjoni tal-atti fil-ĠU li tirrifletti l-bidliet li saru permezz tat-Trattat ta' Liżbona.

### 2012

Id-deroga għall-Irlandiż li kienet stabbilita fl-2007 ġiet estiża għal ħames snin oħra bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1257/2010 (mill-1.1.2012 sal-31.12.2016).

**2013**

Mill-1 ta' Lulju, minħabba l-adeżjoni tal-Kroazja, il-Ġurnal Uffiċjali beda jiġi ppubblikat f'24 lingwa.

**2014**

Fl-1 ta' April, tieqaf il-produzzjoni tas-serje C ... E.

**2016**

Fl-1 ta' Jannar, jinħolqu s-serje L ... I u C ... I.
F'Marzu, jiġi introdott l-Identifikatur Ewropew tal-Leġiżlazzjoni (l-ELI — European Legislation Identifier) fil-portal tal-EUR-Lex.

**2017**

Id-deroga għall-Irlandiż terġa' tiġi estiża bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2015/2264, iżda l-kamp ta' applikazzjoni tagħha għandu jitnaqqas gradwalment, bil-għan li titneħħa għalkollox sal-31 ta' Diċembru 2021.

**2022**

Id-deroga għall-Irlandiż ma tibqax tapplika mill-1 ta' Jannar.

**2023**

Mill-1 ta' Ottubru, ġiet introdotta l-pubblikazzjoni att b'att tal-Ġurnal Uffiċjali.
Is-serje L... I, C... A u C... I twaqqfu.

# Servizzi awturi għall-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji

L-elenku sħiħ tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji jinsabu fit-Taqsima 9.5.

**Il-Parlament Ewropew** (Brussell, il-Lussemburgu u Strasburgu)

Diversi dipartimenti jibagħtu t-testi tagħhom lill-Ġurnal Uffiċjali.

**Kunsill Ewropew** (Brussell)

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jibgħat it-testi.

**Kunsill tal-Unjoni Ewropea** (Brussell)

Is-Segretarjat Ġenerali jibgħat it-testi.

**Il-Kummissjoni Ewropea** (Brussell u l-Lussemburgu)

Is-Segretarjat Ġenerali huwa responsabbli biex jibgħat it-testi tal-Kummissjoni li għandhom jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali: dawn huma l-atti legali vinkolanti (is-serje L), il-proposti tal-Kummissjoni, l-informazzjoni u l-avviżi (is-serje C), u s-sejħiet għall-kuntratti u l-avviżi tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (is-serje S).

**Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea** (Il-Lussemburgu)

Ir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja huwa responsabbli biex jipprovdi t-testi.

**Bank Ċentrali Ewropew** (Frankfurt am Main)

Id-Direttorat Ġenerali Segretarjat u Servizzi Lingwistiċi jew id-Direttorat Ġenerali għas-Servizzi Legali jipprovdi t-testi.

**Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri** (Il-Lussemburgu)

L-Unità "Komunikazzjoni u Rapporti" hija responsabbli biex tibgħat it-testi.

**Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà** (Brussell)

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jibgħat it-testi.

**Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew** (Brussell)

Ir-Reġistru jibgħat it-testi.

**Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni** (Brussell)

Ir-Reġistru jibgħat it-testi ta' diversi unitajiet.

**Il-Bank Ewropew tal-Investiment** (Il-Lussemburgu)

Ħafna awturi jipprovdu t-testi differenti.

**L-Ombudsman Ewropew** (Strasburgu) **u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data***(Brussell)

Ħafna awturi differenti jipprovdu t-testi.

**Uffiċċji u aġenziji**

Għal-lista tal-uffiċċji u l-aġenziji, ara t-Taqsimiet 9.5.3 sa 9.5.6.

Għal-lista multilingwi tal-istituzzjonijiet, il-korpi, is-servizzi interistituzzjonali, l-uffiċċji u l-aġenziji, ara l-Anness A9.

# LegisWrite

Il-LegisWrite hija għodda informatika li tgħin fit-tfassil, ir-reviżjoni u l-iskambju ta' dokumenti uffiċjali bejn l-istituzzjonijiet, irrispettivament jekk humiex ta' natura leġiżlattiva jew le. Din l-għodda tistandardizza l-istruttura u l-preżentazzjoni tat-testi.

Tista' tikseb iktar informazzjoni dwar LegisWrite minn GoPro (il-Gwida għall-proċeduri), aċċessibbli għall-persunal tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE:https://webgate.ec.europa.eu/fpfis/wikis/display/REGISTRY/Legiswrite (EN)

# Xogħlijiet ta' referenza

Ix-xogħlijiet ta' referenza ewlenin għat-testi li jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali huma dawn li ġejjin:

(a) għal problemi ta' natura lingwistika:

— L-Akkademja tal-Malti, *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*, Malta, Gutenberg Press, 2004,

— Aquilina Joseph, *English-Maltese Dictionary Vol. 1-4*, Malta, Midsea Books Ltd, 1999,

— Aquilina Joseph, *Maltese-English Dictionary Vol. 1 & 2*, Malta, Midsea Books Ltd, 1999,

— Serracino Inglott Mario, *Id-Dizzjunarju Malti u Teżawru ta' Malti Mħaddem*, Malta, Gutenberg Press, 2003.

(b) għal dak li għandu x'jaqsam mal-abbozzar tal-leġiżlazzjoni:

— *Gwida Prattika Komuni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni maħsuba għal persuni involuti fl-abbozzar ta' testi ġuridiċi tal-Unjoni Ewropea*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2015,

— *Manwal Komuni għall-Preżentazzjoni u l-Abbozzar ta' Atti suġġetti għall-Proċedura Leġislattiva Ordinarja*(il-Parlament, il-Kunsill, il-Kummissjoni), edizzjoni 2023 (*),

— Il-Kunsill, *Formularju tal-Atti Stabbiliti fi ħdan il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, Brussell, edizzjoni 2023,

— *Legislative drafting — a Commission manual* (*).

(c) għall-akronimi u t-taqsiriet:

— IATE (database għall-ġbir, id-distribuzzjoni u l-ġestjoni kondiviża tat-terminoloġija bejn l-istituzzjonijiet, l-aġenziji u korpi oħra tal-Unjoni Ewropea).

(d) għall-verifika tat-titoli, tal-kontenut, u tal-aħħar emendi tal-atti, eċċ.:

— EUR-Lex (jipprovdi aċċess dirett u b'xejn għal-liġi tal-UE u l-ĠU, kif ukoll it-trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-proposti leġiżlattivi.

Barra minn hekk, ċerti edizzjonijiet tal-Ġurnal Uffiċjali jservu bħala referenza fissa f'oqsma bħall-agrikoltura, is-sajd, ftehimiet kummerċjali, in-Nomenklatura Magħquda, ftehimiet ma' pajjiżi terzi, eċċ.

(*) Link interna/dokument ta' ħidma għall-persunal tal-istituzzjonijiet Ewropej. Verżjoni bil-Malti ma teżistix.

# 1. L-istruttura tal-Ġurnal Uffiċjali

Fis-serjejiet differenti tal-Ġurnal Uffiċjali jiġu ppubblikati l-atti legali u d-dokumenti tal-UE.

## 1.1. L-istruttura ġenerali

*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jikkonsisti fi tliet serjejiet:

— is-serje L: *Leġiżlazzjoni,*

— is-serje C: *Informazzjoni u Avviżi,*

— is-serje S: *Suppliment ta'* Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Is-serje L u C huma ppubblikati att b'att kuljum, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, kif ukoll is-Sibtijiet, il-Ħdud u l-festi pubbliċi f'każijiet urġenti.

**Pubblikazzjoni att b'att tal-Ġurnal Uffiċjali**

Sat-30 ta' Settembru 2023, l-edizzjonijiet ta' kuljum tal-Ġurnal Uffiċjali kienu kompilazzjonijiet ta' dokumenti ppubblikati dakinhar stess. Bl-introduzzjoni tal-pubblikazzjoni att b'att fl-1 ta' Ottubru 2023, kull ħarġa tal-Ġurnal Uffiċjali fiha dokument wieħed biss.

Il-pubblikazzjoni att b'att iżżid kemm il-flessibbiltà kif ukoll il-ħeffa tal-proċess tal-pubblikazzjoni. Id-dokumenti kollha issa huma ppubblikati b'mod indipendenti, u b'hekk l-użu ta' serje addizzjonali għall-pubblikazzjonijiet urġenti mhuwiex meħtieġ. Għaldaqstant, is-serje L... I u C... I twaqqfu mill-1 ta' Ottubru 2023 u se tibqa' biss is-serje L u C ewlenija. Is-serje C... A twaqqfet ukoll.

Ir-referenzjar tal-Ġurnal Uffiċjali huwa bbażat fuq is-serje tiegħu, in-numru tad-dokument (għajr għall-ftehimiet internazzjonali u r-rettifiki), id-data tal-pubblikazzjoni u l-ELI — ir-referenza tal-paġna ma għadhiex valida. Għal aktar informazzjoni dwar ir-referenzjar, ara t-Taqsima 3.1 "Ir-referenzi għall-Ġurnal Uffiċjali".

### Is-serje L

Is-serje L tiġbor fiha dawn l-intestaturi:

— atti leġiżlattivi (L I),

— atti mhux leġiżlattivi (L II),

— atti oħrajn (L III),

— rettifiki.

Ara wkoll it-Taqsima 1.2 "is-serje L".

### Is-serje C

Is-serje C tiġbor fiha dawn l-intestaturi:

— riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet (C I),

— komunikazzjonijiet (C II),

— atti preparatorji (C III),

— informazzjoni (C IV),

— avviżi (C V),

— rettifiki.

Minħabba l-għadd ta' atti differenti li jiġu ppubblikati fis-serje C, hemm varjetà akbar ta' preżentazzjonijiet tipografiċi meta mqabbla mal-Ġurnal Uffiċjali tas-serje L, iżda r-regoli li wieħed irid jimxi magħhom jibqgħu l-istess għat-tnejn li huma.

Ara wkoll it-Taqsima 1.3 "is-serje C".

**Is-serje C qabel l-1 ta’ Ottubru 2023**

Is-serje C kienet supplimentata bis-serje C ... A, is-C ... E (twaqqfet mill-1 ta’ April 2014) u s-serje C ... I. Il-puntini jirrappreżentaw in-numru tal-Ġurnal Uffiċjali tas-serje C ta’ dakinhar.

— Is-serje C ... A (A = Anness)
Din is-serje kienet riżervata għall-pubblikazzjoni ta’ kompetizzjonijiet miftuħa, avviżi ta’ pożizzjonijiet vakanti u katalogi komuni (varjetajiet ta’ speċijiet agrikoli, eċċ.).

— Is-serje C ... E (E = elettronika)
Din is-serje kienet riżervata għall-pubblikazzjoni ta’ ċerti testi, bħalma huma l-pożizzjonijiet tal-Kunsill skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja jew il-minuti u t-testi adottati mill-Parlament Ewropew. Dawn huma disponibbli fuq is-sit tal-EUR-Lex (u fuq id-DVD li dak iż-żmien kien joħroġ kull xahar).

— Is-serje C ... I (I = iżolata)

**ĠU C 137, 27.5.2010**
**ĠU C 137 A, 27.5.2010**
**ĠU C 137 E, 27.5.2010**
**ĠU C 119 I, 5.4.2018**

## Is-serje S

Is-serje S (S = suppliment) hija riżervata għall-pubblikazzjoni ta’ sejħiet għal offerti għal kuntratti pubbliċi, kif ukoll avviżi mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp u istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji oħrajn. Din is-serje hija disponibbli fuq DVD u minn fuq l-Internet (id-database tat-TED).

# 1.2. Is-serje L

Is-serje L tkopri l-atti leġiżlattivi, l-atti non-leġiżlattivi u atti oħrajn raggruppati f’intestaturi u subintestaturi.

## 1.2.1. Il-klassifikazzjoni tal-atti

L-atti huma kklassifikati skont l-intestatura (L I, L II, eċċ.) u s-subintestatura (“Regolamenti”, “Direttivi”, eċċ.) fl-ordni mogħtija hawn taħt (ara wkoll l-istruttura tal-Ġurnal Uffiċjali fl-EUR-Lex).

**Il-Ġurnal Uffiċjali — serje L**

### L I — Atti leġiżlattivi

— Regolamenti
— Direttivi
— Deċiżjonijiet
— Baġits

### L II — Atti mhux leġiżlattivi

— Ftehimiet internazzjonali
— Regolamenti
— Direttivi
— Deċiżjonijiet
— Rakkomandazzjonijiet
— Linji gwida
— Regoli ta’ proċedura
— Atti adottati minn korpi stabbiliti permezz ta’ ftehimiet internazzjonali
— Ftehimiet interistituzzjonali

### L III — Atti oħrajn

— Iż-Żona Ekonomika Ewropea

NB: L-intestatura **L IV — Atti adottati qabel l-1 ta' Diċembru 2009 skont it-Trattat KE, it-Trattat UE u t-Trattat Euratom**, intużat temporanjament wara l-1 ta' Jannar 2010 biex tiġbor fiha atti adottati qabel l-1 ta' Diċembru 2009 taħt it-Trattat KE, it-Trattat UE u t-Trattat Euratom. Din l-intestatura llum m'għadhiex fl-użu.

Taħt kull intestatura, l-atti huma kklassifikati skont:

- it-tip (regolament, direttiva, deċiżjoni, baġit, eċċ.), u
- l-ordni tal-awtur (ara t-Taqsima 3.4.2): Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, il-Kunsill, il-Kummissjoni Ewropea, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Bank Ċentrali Ewropew, il-Qorti tal-Awdituri, eċċ.

NB: Taħt l-intestatura L II, is-subintestaturi “Regolamenti”, “Direttivi” u “Deċiżjonijiet”, skont l-ordni msemmija hawn fuq u għall-awturi kkonċernati, l-atti huma kklassifikati fl-ordni li ġejja:

1. atti bbażati direttament fuq it-Trattati;
2. atti delegati;
3. atti ta’ implimentazzjoni.

Għal eżempji, ara “Tabelli ta’ sommarju”.

## Intestaturi

Is-serje L tal-Ġurnal Uffiċjali tinkludi l-intestaturi li ġejjin.

### L I — Atti leġiżlattivi

Din l-intestatura tiġbor fiha l-“atti leġiżlattivi” skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri r-regolamenti, id-direttivi u d-deċiżjonijiet li jiġu adottati:

- bil-“proċedura leġiżlattiva ordinarja” (l-adozzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill),
- bi “proċedura leġiżlattiva speċjali” (adottata mill-Kunsill bil-parteċipazzjoni tal-Parlament Ewropew jew adottata mill-Parlament Ewropew bil-parteċipazzjoni tal-Kunsill).

L-atti leġiżlattivi jkopru wkoll il-baġit annwali tal-Unjoni Ewropea (kif ukoll kull baġit emendatorju relatat), kif ikun adottat skont proċedura leġiżlattiva speċjali.

NB: Il-“baġit annwali” tal-Unjoni Ewropea qabel kien jissejjaħ il-“baġit ġenerali”. Fl-2022, għalhekk, it-titolu tal-att li jadotta definittivament il-baġit, inbidel (“Adozzjoni definittiva tal-baġit annwali tal-Unjoni Ewropea”).

Qabel l-1 ta’ Diċembru 2009, il-baġit tal-Unjoni Ewropea kien jiġi ppubblikat fl-Intestatura L II (Atti mhux leġiżlattivi), bl-att ta' adozzjoni intitolat “Adozzjoni finali tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea”. Id-dikjarazzjonijiet tad-dħul u n-nefqa tal-aġenziji li kienu jiġu ppubblikati fis-serje L issa jinsabu fis-serje C.

### L II — Atti mhux leġiżlattivi

Din l-intestatura tiġbor fiha l-“atti mhux leġiżlattivi” skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea: ir-regolamenti, id-direttivi u d-deċiżjonijiet li ma jkunux adottati bi proċedura leġiżlattiva, (l-atti delegati (l-Artikolu 290), l-atti ta’ implimentazzjoni (l-Artikolu 291) u l-atti bbażati direttament fuq it-Trattat (atti li jirreferu għal ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet PESK, eċċ.)), kif ukoll atti oħrajn, bħal ma huma r-rakkomandazzjonijiet u l-linji gwida tal-BĊE.

### L III — Atti oħrajn

Din l-intestatura tkopri l-"atti l-oħrajn", bħal dawk taż-Żona Ekonomika Ewropea.

## 1.2.2. In-numerazzjoni tal-atti

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jipprovdi n-numerazzjoni.

Għajr għall-ftehimiet internazzjonali u r-rettifiki, l-atti u testi oħra kollha jirċievu numru. Dan in-numru huwa uniku u huwa jew parti mit-titolu jew imqiegħed fl-aħħar tat-titolu f'parentesijiet kwadri. Huwa jirrappreżenta wkoll in-numru tal-Ġurnal Uffiċjali li fih l-att jew test ieħor huwa ppubblikat.

## Numerazzjoni

In-numru ta' att hu magħmul minn tliet elementi, ippreżentati skont din l-ordni:

— l-abbrevjazzjoni tal-qasam, imqiegħed bejn il-parentesijiet ("UE" għall-Unjoni Ewropea, "Euratom" għall-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, "UE, Euratom" għall-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, "PESK" għall-politika estera u ta' sigurtà komuni),

— referenza għas-sena tal-pubblikazzjoni, magħmula minn erba' ċifri,

— in-numru sekwenzjali, ibbażat fuq sekwenza għal kull sena u li jkun fih numru ta' ċifri kemm ikun meħtieġ:

(qasam) SSSS/N

NB: Għal ċerti atti, in-numru assenjat mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet ma jinkludix qasam u jitqiegħed f'parentesijiet kwadri fl-aħħar tat-titolu. Dan in-numru ma jitqiesx bħala parti mit-titolu u mhuwiex ikkwotat fir-referenzi tal-att ikkonċernat.

[SSSS/N]

## i Qabel l-1 ta' Jannar 2015

In-numerazzjoni tal-atti kien ivarja skont it-tip tal-att, u għadu jintuża fir-referenzi għal dawn l-atti.

### Il-prinċipji ġenerali

(a) Meta n-numru sekwenzjali jiġi qabel is-sena, tintuża l-abbrevjazzjoni "Nru":

**Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 16/2010**

**Id-Deċiżjoni Nru 284/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

Madankollu, meta s-sena tiġi qabel in-numru sekwenzjali, l-abbrevjazzjoni "Nru" ma tintużax:

**Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/300/UE**

(b) Is-sena għandu jkollha erba' ċifri (kien ikun hemm tnejn qabel l-1 ta' Jannar 1999):

**Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 23/1999**

**Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/294/UE**

**Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2820/98**

NB: L-abbrevjazzjonijiet li jirreferu għall-qasam inbidlu matul iż-żminijiet, hekk kif ġew adottati trattati ġodda u emendi għat-Trattati:

— Qabel l-1 ta' Novembru 1993: l-abbrevjazzjonijiet użati huma "KEE", "KEFA" u "Euratom".

— Mill-1 ta' Novembru 1993, (id-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Maastricht): "KEE" saret "KE". Jiżdiedu l-abbrevjazzjonijiet "ĠAI" (għal Ġustizzja u Affarijiet Interni), "PESK" (għal politika estera u ta' sigurtà komuni) u "KSM" (għal konvenzjonijiet iffirmati bejn Stati Membri).

— Mill-24 ta' Lulju 2002 (wara l-iskadenza tat-Trattat KEFA), "KEFA" ma baqgħetx tintuża.

— Fl-1 ta' Diċembru 2009, wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lizbona, ġiet introdotta l-abbrevjazzjoni "UE". L-abbrevjazzjoni "KE" ma għadhiex tintuża aktar. L-abbrevjazzjonijiet maħluqa wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea sarulhom dawn it-tibdiliet: "PESK" baqgħet tintuża, filwaqt li "ĠAI" u "KSM" ma għadhomx jintużaw iktar.

### Numerazzjoni

L-atti għandhom numru sekwenzjali assenjat minn wieħed mis-serje koeżistenti, u l-ordni tal-elementi jiddependi mit-tip ta' att.

### Regolamenti

Dawn l-atti huma numerati kif ġej: l-abbrevjazzjoni (fil-parentesijiet), segwit bin-numru sekwenzjali u s-sena:

**Ir-Regolament (UE) Nru 641/2010**

In-numerazzjoni tar-regolamenti evolviet matul iż-żmien. Id-diversi stadji huma:

— mill-1952 sal-31 ta’ Diċembru 1962:
**Ir-Regolament Nru 17**

— mill-1 ta’ Jannar 1963 sal-31 ta’ Diċembru 1967 (ir-referenza għat-trattat/trattati rilevanti u s-sena ġew miżjuda man-numru):
**Ir-Regolament Nru 1009/67/KE**

— mill-1 ta’ Jannar 1968 (il-pożizzjoni tar-referenza għat-trattat inbidlet):
**Ir-Regolament (KEE) Nru 1470/68**

## Direttivi

Għal direttivi, is-sena tkun segwita b’numru sekwenzjali u bl-abbrevjazzjoni:

**Id-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE**

Mill-1 ta’ Jannar 1992 sal-31 ta’ Diċembru 2014, in-numru kien jiġi assenjat mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Xi direttivi aktar qodma għandhom numru ordinali fit-titolu:

**L-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 73/239/KEE**

## Deċiżjonijiet

Għal deċiżjonijiet ippubblikati taħt l-intestatura L I, in-numru sekwenzjali jiġi segwit mis-sena u l-abbrevjazzjoni:

**Id-Deċiżjoni Nru 477/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

Deċiżjonijiet adottati skont proċedura leġiżlattiva għandhom jingħataw numru mill-istess serje ta’ klassifikazzjoni ta’ dawk tar-regolamenti (id-Deċiżjoni Nru 477/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 478/2010, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 479/2010, eċċ.).

Għal deċiżjonijiet ippubblikati taħt l-intestatura L II, is-sena tiġi segwita min-numru sekwenzjali u l-abbrevjazzjoni:

**Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/294/UE**

## Baġits

L-adozzjoni definittiva tal-baġit ġenerali u tal-baġits emendatorji jkollhom numru jidher fil-werrej u fil-paġna tat-titolu (pereżempju, “2010/117/UE, Euratom”) imma mhux iċċitat fir-referenza.

# Numerazzjoni doppja

Ċerti atti jista’ jkollhom żewġ numri:

— in-numru attribwit mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, pereżempju “(UE) 2015/299”, u

— numru assenjat mill-awtur, pereżempju “BĊE/2015/5”, “ATALANTA/4/2015”, eċċ.

Għal atti tal-Bank Ċentrali Ewropew, kif ukoll għal deċiżjonijiet tal-Kumitat Politiku u ta’ Sigurtà, in-numru mogħti mill-awtur jitqiegħed bejn il-parentesijiet fl-aħħar tat-titolu:

**Ir-Regolament (UE) 2015/534 tal-Bank Ċentrali Ewropew [...] (BĊE/2015/13)**

**Id-Deċiżjoni (UE) 2015/299 tal-Bank Ċentrali Ewropew [...] (BĊE/2015/5)**

**Il-Linja gwida (UE) 2015/732 tal-Bank Ċentrali Ewropew [...] (BĊE/2015/20)**

**Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta’ Sigurtà (PESK) 2015/711 [...] (ATALANTA/4/2015)**

NB: Id-deċiżjonijiet, il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew ippubblikati qabel l-1 ta’ Jannar 2015 jiġu ċċitati biss bin-numru assenjat mill-awtur:

**(4) Id-Deċiżjoni (UE) 2016/1975 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2016/39)** (2) **tirreferi għall-kompetenzi tal-Bord Eżekuttiv skont l-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni BĊE/2013/54 tal-Bank Ċentrali Ewropew** (3)**. Id-Deċiżjoni BĊE/2013/54 tħassret bid-Deċiżjoni (UE) 2020/637 (BĊE/2020/24). […]**

(2) Id-Deċiżjoni (UE) 2016/1975 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-8 ta’ Novembru 2016 dwar is-subdelega ta’ setgħat biex tingħata akkreditazzjoni provviżorja (BĊE/2016/39) (ĠU L 304, 11.11.2016, p. 9, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2016/1975/oj).

(3) Id-Deċiżjoni BĊE/2013/54 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-20 ta’ Diċembru 2013 dwar il-proċeduri ta’ akkreditazzjoni għal manifatturi ta’ oġġetti tal-euro siguri u oġġetti tal-euro u li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2008/3 (ĠU L 57, 27.2.2014, p. 29, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2013/106(3)/oj).

Għal ċerti atti, in-numru assenjat mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet ma jinkludix qasam u jitqiegħed f’parentesijiet kwadri fl-aħħar tat-titolu. Dawn jinkludu: id-deċiżjonijiet tad-diversi kunsilli u kumitati maħluqa permezz ta’ ftehimiet internazzjonali, atti li jirrigwardaw iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jew l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) u regolamenti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE):

**Id-Deċiżjoni Nru 1/2015 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE […] [2015/1909]**

**Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 159/2014 […] [2015/94]**

**Id-Deċiżjoni tal-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA Nru 226/17/COL […] [2018/564]**

**Ir-Regolament Nru 78 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) […] [2015/145]**

### Qabel l-1 ta’ Jannar 2015

Atti li jirrigwardaw iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jew l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) u regolamenti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) għandhom biss numru assenjat mill-awtur.

### Atti u testi oħrajn mhux numerati

Il-ftehimiet internazzjonali (ara t-Taqsima 1.2.3 “L II — Atti mhux leġiżlattivi”) u r-rettifiki mhumiex innumerati.

Fir-rigward tal-ftehimiet internazzjonali, l-Unjoni ma tistax unilateralment tagħti numru peress li hija biss waħda mill-partijiet għall-ftehim.

### Qabel l-1 ta’ Ottubru 2023

Flimkien ma' ftehimiet internazzjonali u rettifiki, id-dokumenti li ġejjin ma kinux ikunu numerati:

— informazzjoni li għandha x’taqsam mad-data ta’ dħul fis-seħħ ta’ ftehim internazzjonali, u

— regoli ta’ proċedura.

## 1.2.3. Il-kontenut

### L I — L-atti leġiżlattivi

#### (a) Regolamenti

F’din is-subintestatura nsibu regolamenti adottati b’mod konġunt mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill (il-proċedura leġiżlattiva ordinarja), jew individwalment minn waħda miż-żewġ istituzzjonijiet, bil-parteċipazzjoni tal-istituzzjoni l-oħra (proċedura leġiżlattiva speċjali).

**Ir-Regolament (UE) 2015/475 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939**

### (b) Direttivi

F'din is-subintestatura nsibu direttivi adottati jew mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill flimkien (il-proċedura leġiżlattiva ordinarja), jew individwalment mill-Kunsill, bil-parteċipazzjoni tal-Parlament Ewropew (proċedura leġiżlattiva speċjali):

Id-Direttiva (UE) 2015/254 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/121

### (c) Deċiżjonijiet

F'din is-subintestatura nsibu deċiżjonijiet adottati jew mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill flimkien (il-proċedura leġiżlattiva ordinarja), jew individwalment mill-Kunsill, bil-parteċipazzjoni tal-Parlament Ewropew (proċedura leġiżlattiva speċjali):

Id-Deċiżjoni (UE) 2015/601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2015/457

### (d) Baġits

F'din is-subintestatura nsibu l-baġits annwali u baġits emendatorji tal-Unjoni Ewropea relatati, preċeduti bl-att li jadottahom definittivament, jiġu ppubblikati f'din it-taqsima:

L-Adozzjoni definittiva (UE, Euratom) 2023/278 tal-baġit annwali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023

Adozzjoni definittiva (UE, Euratom) 2023/1752 tal-baġit emendatorju Nru 2 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023

In-numru jingħata lill-adozzjoni definittiva, jiġifieri lill-att li jsir qabel il-baġit annwali jew il-baġit emendatorju. Il-baġit annwali nnifsu ma jġorr miegħu l-ebda numru, filwaqt li l-baġits emendatorji jkollhom numru assenjat mill-awtur:

Il-baġit emendatorju Nru 2 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023

## L II — Atti mhux leġiżlattivi

### (a) Ftehimiet internazzjonali

F'dan il-kuntest, "Ftehimiet internazzjonali" (minn hawn 'il quddiem imsejħa ftehimiet) jinkludu dawk il-ftehimiet konklużi bejn l-Unjoni Ewropea u/jew il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, konvenzjonijiet iffirmati mill-Istati Membri, ftehimiet, konvenzjonijiet u protokolli stabbiliti mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill, ftehimiet interni bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill, ftehimiet f'forma ta' Skambju ta' Ittri, eċċ.

Il-ftehimiet, kif definiti hawn fuq, mhumiex innumerati. L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jassenjalhom biss in-numru tal-Ġurnal Uffiċjali (dan in-numru jidher fil-header tal-Ġurnal Uffiċjali).

F’din is-subintestatura nsibu:

— deċiżjonijiet li għandhom x’jaqsmu ma’ ftehim, u li għandhom it-test tal-ftehim mehmuż,

> **Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/209 tal-10 ta’ Novembru 2014 dwar l-iffirmar, f’isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim għal koperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Faeroe li jassoċja lill-Gżejjer Faeroe ma’ Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)**
>
> Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Faeroe li jassoċja lill-Gżejjer Faeroe ma’ Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)

> **Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/105 tal-14 ta’ April 2014 dwar l-iffirmar, f’isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja ta’ Protokoll għall-Ftehim ta’ Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn parti waħda, u r-Repubblika tal-Azerbajġan, mill-parti l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Azerbajġan dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Azerbajġan fi programmi tal-Unjoni**
>
> Protokoll għall-Ftehim ta’ Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn parti waħda, u r-Repubblika tal-Ażerbajġan, mill-parti l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ażerbajġan dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Ażerbajġan fi programmi tal-Unjoni

— deċiżjonijiet li għandhom x’jaqsmu ma’ ftehim, iżda li ma għandhomx it-test tal-ftehim mehmuż,

> **Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1796 tal-1 ta’ Ottubru 2015 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Żvizzera li jassoċja l-Konfederazzjoni Żvizzera ma’ Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u l-Programm ta’ Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li jikkumplimenta Orizzont 2020, u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-attivitajiet ITER imwettqa minn Fużjoni għall-Enerġija**

— informazzjoni li għandha x’taqsam mad-dħul fis-seħħ tal-ftehimiet.

> **Informazzjoni relatata mad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u Saint Lucia dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir [2023/2212]**

> NB: Din tkun l-unika informazzjoni ppubblikata fis-serje L.

## (b) Regolamenti

F’din is-subintestatura nsibu ċerti regolamenti tal-Kunsill (regolamenti bbażati direttament fuq it-Trattati u r-regolamenti ta’ implimentazzjoni), regolamenti tal-Kummissjoni (regolamenti bbażati direttament fuq it-Trattati, ir-regolamenti delegati u ta’ implimentazzjoni) u regolamenti tal-Bank Ċentrali Ewropew:

- **Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/106**
- **Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/81**
- **Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/281**
- **Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/52**
- **Ir-Regolament (UE) 2015/534 tal-Bank Ċentrali Ewropew [...] (BĊE/2015/13)**

Regolamenti tal-BĊE, li jkun diġà ngħatalhom numru mill-awtur (“BĊE/2015/13”), jiġu ppubblikati b’numerazzjoni doppja (ara t-Taqsima 1.2.2, “Numerazzjoni doppja” ).

## (c) Direttivi

F'din is-subintestatura nsibu ċerti direttivi tal-Kunsill (direttivi bbażati direttament fuq it-Trattati u direttivi ta' implimentazzjoni) u direttivi tal-Kummissjoni (direttivi bbażati direttament fuq it-Trattati u direttivi delegati u ta' implimentazzjoni):

- **Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652**
- **Id-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2015/565**
- **Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2015/573**
- **Id-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1168**

## (d) Deċiżjonijiet

Din is-subintestatura tkopri:

— deċiżjonijiet tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, deċiżjonijiet tal-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri u deċiżjonijiet meħuda bi ftehim komuni bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri:

- **Id-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/578 tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri**

— ċerti deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew:

- **Id-Deċiżjoni (UE) 2015/1614 tal-Parlament Ewropew**

— deċiżjonijiet tal-Kunsill Ewropew:

- **Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2018/509**

— ċerti deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill:

- **Id-Deċiżjoni (UE) 2015/468 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

— ċerti deċiżjonijiet tal-Kunsill (deċiżjonijiet ibbażati direttament fuq it-Trattati, li jinkludu d-deċiżjonijiet tal-PESK, u d-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni):

- **Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1025**
- **Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/156**
- **Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/76**

— Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni (deċiżjonijiet ibbażati direttament fuq it-Trattati, deċiżjonijiet delegati u ta' implimentazzjoni):

- **Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/119**
- **Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2015/1602**
- **Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzojni tal-Kummissjoni (UE) 2015/103**

— Deċiżjonijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew:

- **Id-Deċiżjoni (UE) 2015/299 tal-Bank Ċentrali Ewropew [...] (BĊE/2015/5)**

Deċiżjonijiet tal-BĊE, li jkun diġà ngħatalhom numru mill-awtur ("BĊE/2015/5"), jiġu ppubblikati b'numerazzjoni doppja (ara t-Taqsima 1.2.2, "Numerazzjoni doppja").

NB: Qabel l-1 ta' Diċembru 2009, kien hemm żewġ tipi ta' deċiżjonijiet (u li għalihom ċerti lingwi kienu jużaw termini differenti): min-naħa l-waħda, deċiżjonijiet li kellhom fihom artikolu li jsemmi d-destinatarju/i fl-aħħar tat-termini ta' promulgazzjoni u numru ta' notifika fit-titolu; min-naħa l-oħra, id-deċiżjonijiet *sui generis*, li kellhom it-termini ta' promulgazzjoni tagħhom jibdew b'"iddeċidew/iddeċieda/iddeċidiet" (u mhux "adottaw/adotta(t) din id-deċiżjoni"). Din id-differenza ma għadhiex aktar valida bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lizbona. Madankollu, f'ċerti każijiet, deċiżjonijiet mingħajr destinatarju jintużaw bl-istess mod bħal deċiżjonijiet *sui generis*.

## (e) Rakkomandazzjonijiet

F'din is-subintestatura nsibu rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill skont l-Artikoli 121, 126, 140 u 292 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni (l-Artikolu 292) u r-rakkomandazzjonijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (l-Artikolu 292):

**Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1029**

**Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/682**

Rakkomandazzjonijiet tal-BĊE, li jkun diġà ngħatalhom numru mill-awtur, jiġu ppubblikati b'numerazzjoni doppja (ara t-Taqsima 1.2.2, "Numerazzjoni doppja")

Rakkomandazzjonijiet oħra jiġu ppubblikati fis-serje C.

## (f) Linji gwida

F'din is-subintestatura nsibu linji gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew. Dawn l-atti, li jkun diġà ngħatalhom numru mill-awtur ("BĊE/2015/20"), jiġu ppubblikati b'numerazzjoni doppja (ara t-Taqsima 1.2.2, "Numerazzjoni doppja"):

**Il-Linja gwida (UE) 2015/732 tal-Bank Ċentrali Ewropew [...] (BĊE/2015/20)**

## (g) Regoli ta' proċedura

Dan jikkonċerna r-regoli ta' proċedura tal-istituzzjonijiet u l-korpi; ir-regoli ta' proċedura tal-uffiċċji u l-aġenziji li jiġu ppubblikati fis-serje C. Ir-regoli ta' proċedura jingħataw numru fl-aħħar tat-titolu, bejn parentesijiet kwadri:

**Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tar-Reġjuni [SSSS/N]**

**Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Awdituri [SSSS/N]**

**Emendi għall-Istruzzjonijiet lir-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali [SSSS/N]**

Jekk ir-regoli ta' proċedura jiġu annessi ma' xi att, dawn jiġu kklassifikati taħt l-istess intestatura tal-att u ma jingħatawx numru:

**Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/354 tat-2 ta' Marzu 2015 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-Faċilità tal-Investiment stabbilit taħt l-awspiċji tal-Bank Ewropew tal-Investiment *(l-att li miegħu huma annessi r-regoli ta' proċedura)***

## (h) Atti adottati minn korpi stabbiliti permezz ta' ftehimiet internazzjonali

F'din is-subintestatura nsibu d-deċiżjonijiet tal-korpi stabbiliti permezz ta' ftehimiet internazzjonali, kif ukoll ir-regolamenti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE). Dawn l-atti għandhom numerazzjoni doppja (ara wkoll t-Taqsima 1.2.2, "Numerazzjoni doppja").

**Id-Deċiżjoni Nru 1/2015 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE [...] [2015/1909]**

**Id-Deċiżjoni Nru 1/2015 tal-Kumitat Konġunt UE-Svizzera [...] [2015/542]**

**Ir-Regolament Nru 78 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) [...] [2015/145]**

**Id-Deċiżjoni Nru 3/JP/2018 [...] [2019/347]**

### (i) Ftehimiet interistituzzjonali

Ftehimiet interistituzzjonali jirregolaw ċertu aspetti tal-konsultazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u huma l-prodott ta’ konsensus bejniethom — jiġifieri jikkostitwixxu forma ta’ regoli konġunti ta’proċedura.

L-istituzzjonijiet jiddeċiedu jekk jippubblikawx dawn il-ftehimiet fis-serje L jew fis-serje C skont il-kuntest, l-ambitu u l-effetti tagħhom.

## L III — Atti oħrajn

### Iż-Żona Ekonomika Ewropea

F'din is-subintestatura nsibu:

— deċiżjonijiet adottati fil-qafas taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE):

**Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 159/2014 [...] [2015/94]**

— atti adottati fil-qafas tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA):

**Id-Deċiżjoni tal-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA Nru 226/17/COL [...] [2018/564]**

**Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA Nru 2/2015/SC [...] [2015/2024]**

— Regoli ta’ proċedura tal-Qorti tal-EFTA.

Dawn l-atti, bl-eċċezzjoni tar-regoli ta’ proċedura tal-Qorti tal-EFTA, għandhom numerazzjoni doppja (ara wkoll t-Taqsima 1.2.2, “Numerazzjoni doppja”).

Fl-atti li joriġinaw mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA), is-sena msemmija fin-numru tal-att ikun fiha biss żewġ ċifri: 226/17/COL (“COL” tirreferi għall-Kulleġġ tal-Awtorità ta’ Sorveljanza).

## Rettifiki

Ir-rettifiki jistgħu jidhru biss f’ċerti verżjonijiet lingwistiċi u t-tul u l-kontenut tagħhom jista’ jvarja minn verżjoni ta’ lingwa għal oħra. Dawn huma l-uniċi dokumenti ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali li mhumiex sinottiċi:

Ir-rettifiki mhumiex innumerati peress li ma jitqisux bħala atti separati. Madankollu, huma jirċievu n-numru tal-Ġurnal Uffiċjali SSSS/9NNNN, fejn in-numru sekwenzjali b’ħames ċifri dejjem jibda b’9.

Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2023/90103

17.11.2023

**Rettifika tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2484 tad-9 ta' Novembru 2023 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/715/UE fir-rigward tal-inklużjoni tat-Tajwan fil-lista tal-pajjiżi terzi stabbilita b'dik id-Deċiżjoni**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L, 2023/2484, l-10 ta' Novembru 2023)*

## 1.3. Is-serje C

Is-serje C tkopri varjetà wiesgħa ta' dokumenti miġbura skont l-intestaturi u s-subintestaturi.

### 1.3.1. Il-klassifikazzjoni tad-dokumenti

Is-serje C tal-Ġurnal Uffiċjali tkopri varjetà wiesgħa ta' dokumenti. Din hija lista mhux eżawrjenti ta' dokumenti miġbura skont l-intestatura u s-subintestatura (għall-ordni tal-elenkar, ara l-istruttura tal-Ġurnal Uffiċjali fl-EUR-Lex).

**Il-Ġurnal Uffiċjali — is-serje C**

#### C I — Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet

- Riżoluzzjonijiet
- Rakkomandazzjonijiet
- Opinjonijiet

#### C II — Komunikazzjonijiet

- Ftehimiet interistituzzjonali
- Dikjarazzjonijiet konġunti
- Komunikazzjonijiet minn istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni Ewropea

#### C III — Atti preparatorji

- L-inizjattivi tal-Istati Membri
- Il-Parlament Ewropew
- Il-Kunsill
- Il-Kummissjoni Ewropea
- Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
- Il-Bank Ċentrali Ewropew
- Il-Qorti tal-Awdituri
- Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà
- Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
- Il-Kumitat tar-Reġjuni
- Il-Bank Ewropew tal-Investiment
- L-uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni Ewropea

#### C IV — Informazzjoni

- Informazzjoni minn istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni Ewropea
- Informazzjoni mill-Istati Membri

— Informazzjoni dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (l-ewwel dawk mill-istituzzjonijiet, imbagħad dawk mill-Istati Membri)

— Informazzjoni minn pajjiżi terzi

### C V — Avviżi

— Proċeduri amministrattivi

— Proċedimenti tal-qorti

— Proċeduri dwar l-implimentazzjoni tal-politika kummerċjali komuni

— Proċeduri dwar l-implimentazzjoni tal-politika tal-kompetizzjoni

— Atti oħrajn

Ġewwa s-subintestaturi, id-dokumenti jiġu kklassifikati skont l-ordni tal-awtur (ara t-Taqsima 3.4.2).

## 1.3.2. In-numerazzjoni tad-dokumenti

### In-numru tal-avviż

Għajr għar-rettifiki, id-dokumenti ppubblikati fis-serje C jingħataw numru tal-avviż mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

In-numru tal-avviż jikkonsisti fi:

(a) l-ittra “C” li tikkorrispondi għas-serje C,

(b) is-sena tal-pubblikazzjoni, li tinkludi erba’ ċifri,

(c) in-numru sekwenzjali, ibbażat fuq sekwenza annwali, u li jinkludi l-ammont ta’ ċifri li hemm bżonn.

C/SSSS/N

Dan in-numru jitqiegħed taħt it-titolu, fiċ-ċentru u bejn il-parentesi.

In-numru tal-avviż huwa identiku għan-numru tal-Ġurnal Uffiċjali li jidher fil-header tal-Ġurnal Uffiċjali.

### i Qabel l-1 ta’ Ottubru 2023

In-numru tal-avviż kien ikun fih:

(a) is-sena tal-pubblikazzjoni:

  (i) sal-31 ta’ Diċembru 1998, l-aħħar żewġ ċifri,

  (ii) mill-1 ta’ Jannar 1999, l-erba’ ċifri kollha,

(b) in-numru tal-Ġurnal Uffiċjali,

(c) in-numru li juri l-ordni tal-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali.

98/C 45/01
2010/C 2/08

### Numerazzjoni speċjali

Ċerti dokumenti għandhom in-numerazzjoni tagħhom fit-titolu:

— il-pożizzjonijiet tal-Kunsill skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja:

**Il-Pożizzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 11/2010 fl-ewwel qari**

NB: Qabel, fil-qafas tal-proċedura ta’ kodeċiżjoni, kien ikun hemm “Pożizzjonijiet Komuni tal-Kunsill”:

**Il-Pożizzjoni Komuni (KE) Nru 14/2005 tal-Kunsill**

— l-għajnuna mill-Istat:

**L-Għajnuna mill-Istat C 32/09**

NB: Oqgħod attent għan-numerazzjoni: C 55/99, C 55/2000 (erba’ numri għas-sena 2000), C 55/01, eċċ.

— kawżi tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti Ġenerali u tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku:

**Kawża C-187/10 (Il-Qorti tal-Ġustizzja)**

**Kawża T-211/10 (Il-Qorti Ġenerali — mill-15.11.1989)**

**Kawża F-29/10 (It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku — mit-23 ta’ Lulju 2005 sal-31 ta’ Awwissu 2016)**

**Qabel il-15 ta’ Novembru 1989 (għall-Qorti tal-Ġustizzja biss): Kawża 84/81**

NB: It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, maħluq fl-2004, temm l-attivitajiet tiegħu fl-1 ta’ Settembru 2016 wara li ttrasferixxa l-kompetenzi tiegħu lill-Qorti Ġenerali.

— opinjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri:

**Opinjoni Nru 01/2022 (qabel l-1 ta’ Jannar 2022: Opinjoni Nru 1/2021)**

— kawżi tal-Qorti tal-EFTA:

**Kawża E-5/10**

— avviżi ta’ kompetizzjonijiet miftuħa (ippubblikati fis-serje C...A sat-30 ta’ Settembru 2023):

**EPSO/AD/177/10**

— avviżi ta’ pożizzjonijiet vakanti:

**COM/2010/10275**

— Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali:

**Id-Deċiżjoni Nru H8 tas-17 ta’ Diċembru 2015 (aġġornata bi ftit kjarifiki tekniċi fid-9 ta’ Marzu 2016) dwar il-metodi ta’ ħidma u l-kompożizzjoni tal-Kummissjoni Teknika għall-Ipproċessar tad-Dejta tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali**

— baġits emendatorji tal-aġenziji:

**Stqarrija ta’ dħul u ħruġ tal-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini għas-sena finanzjarja 2010 — baġit emendatorju Nru 1**

— sejħiet għal proposti:

**Sejħa għal proposta IX-2011/01 — “Għotjiet lil partiti politiċi fuq livell Ewropew”**

NB: Sal-23 ta’ Lulju 2002 (data ta’ skadenza tat-Trattat KEFA), kien hemm “kunsensi” tal-Kunsill:

**Kunsens Nru 22/96**

**Kunsens Nru 6/2002**

### 1.3.3. Il-kontenut

#### C I — Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet

F'din l-intestatura nsibu:

— riżoluzzjonijiet (eż. riżoluzzjonijiet (mhux leġiżlattivi) tal-Parlament Ewropew, riżoluzzjonijiet tal-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Unjoni Ewropea mlaqqgħin fil-Kunsill, riżoluzzjonijiet tal-Kunsill, riżoluzzjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, riżoluzzjonijiet tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni),

— rakkomandazzjonijiet (eż. rakkomandazzjonijiet tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill, rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill, rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni, rakkomandazzjonijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew),

— opinjonijiet li t-talba għalihom minn xi istituzzjoni mhijiex obbligatorja (pereżempju, l-opinjoni tal-Kunsill, l-opinjoni tal-Kummissjoni, l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew, l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri, l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, l-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*, eċċ.).

#### C II — Komunikazzjonijiet

F'din l-intestatura nsibu:

— ftehimiet interistituzzjonali (li jinkludu deċiżjonijiet li jemendaw dawk il-ftehimiet); l-istituzzjonijiet jiddeċiedu jekk jippubblikawhomx fis-serje L jew fis-serje C skont il-kuntest, l-ambitu u l-effetti tagħhom,

— dikjarazzjonijiet konġunti,

— komunikazzjonijiet minn istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni Ewropea (pereżempju, xi deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew, komunikazzjonijiet tal-Kunsill, xi deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni, numru ta' katalogi komuni tal-ispeċijiet tal-pjanti agrikoli u speċijiet ta' ħxejjex, Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda (NM), l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda, in-nonoppożizzjonijiet għal konċentrazzjonijiet notifikati, in-notifikazzjoni minn qabel ta' konċentrazzjoni, l-awtorizzazzjonijiet ta' għajnuna mill-Istat, deċiżjonijiet tal-entitajiet maniġerjali, il-proċeduri ta' ingaġġ, eċċ.).

#### C III — Atti preparatorji

F'din l-intestatura nsibu:

— inizjattivi tal-Istati Membri,

— atti preparatorji tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji (riżoluzzjonijiet leġiżlattivi, pożizzjonijiet u riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-pożizzjonijiet tal-Kunsill, opinjonijiet li t-talba tagħhom hija obbligatorja u rakkomandazzjonijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew, opinjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li t-talba tagħhom hija obbligatorja, opinjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew li t-talba tagħhom hija obbligatorja, opinjonijiet tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni li t-talba tagħhom hija obbligatorja, eċċ.).

#### C IV — Informazzjoni

F'din l-intestatura nsibu:

— informazzjoni mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni Ewropea. Pereżempju: Stqarrijiet mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri meta jiltaqgħu fil-Kunsill, atti tal-Kunsill, deċiżjonijiet tal-Kunsill, rapporti annwali tal-Kunsill, rapporti dwar il-kontroll baġitarju u l-ġestjoni finanzjarja tal-istituzzjonijiet u l-korpi differenti, minuti tas-sessjonijiet parzjali tal-Parlament Ewropew, deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew, deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni rigward in-nomina tal-membri, rati tal-kambju tal-euro, sommarji ta' deċiżjonijiet

tal-Unjoni Ewropea dwar awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni, nomini ta' mħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ir-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri, ir-rapporti tal-Qorti tal-Awdituri, ir-rati ta' mgħax iffissati mill-Bank Ċentrali Ewropew, deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali, atti minn uffiċċji u aġenziji, regoli ta' proċedura minn uffiċċji u aġenziji,

- informazzjoni minn Stati Membri (eż. informazzjoni mill-Istati Membri dwar għajnuna mill-Istat awtorizzat, obbligazzjonijiet tas-servizz pubbliku, estratti ta' deċiżjonijiet tal-qrati tal-ġustizzja nazzjonali, valutazzjonijiet tal-istokkijiet ta' prodotti tal-UE, diversi proċeduri nazzjonali, listi ta' prodotti, eċċ.),
- informazzjoni rigward iż-Żona Ekonomika Ewropea (l-ewwel, informazzjoni mill-istituzzjonijiet (il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA), segwita b'informazzjoni minn pajjiżi membri taż-ŻEE jew tal-EFTA),
- informazzjoni minn pajjiżi terzi.

## C V — Avviżi

F'din l-intestatura nsibu:

- proċeduri amministrattivi (eż. avviżi ta' kompetizzjonijiet, reklutaġġ, pożizzjonijiet vakanti, sejħiet għal proposti, sejħiet għat-turija ta' interess, avviżi ta' stediniet għal offerti, gwidi għal kompetizzjonijiet ġenerali, listi ta' riżerva, eċċ.),
- proċedimenti ġudizzarji (avviżi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, avviżi tal-Qorti tal-EFTA, eċċ.),
- proċeduri relatati mal-implimentazzjoni tal-politika kummerċjali komuni (opinjonijiet rigward proċeduri ta' antidumping, proposti ta' għeluq tal-ilment, notifiki ta' inizjazzjoni ta' proċediment kontra l-għoti ta' sussidji, avviżi dwar il-miżuri ta' kumpens diġà fis-seħħ, eċċ.),
- proċeduri relatati mal-implimentazzjoni tal-politika dwar il-kompetizzjoni (għajnuna mill-Istat, notifiki minn qabel ta' konċentrazzjoni, l-opinjonijiet tal-gvernijiet tal-Istati Membri, avviż ta' wasla ta' lment, eċċ.),
- atti oħrajn (eż. avviżi għall-attenzjoni ta' persuni, gruppi u entitajiet inklużi f'listi, talbiet għall-pubblikazzjoni, pubblikazzjonijiet ta' sommarju ta' speċifikazzjonijiet, komunikazzjonijiet dwar konsultazzjoni pubblika, avviż ta' stedina għal offerti, avviż rigward talba ta' Stat Membru, eċċ.).

## Rettifiki

Ir-rettifiki jistgħu jidhru biss f'ċerti verżjonijiet lingwistiċi u jistgħu jvarjaw fit-tul u l-kontenut minn verżjoni lingwistika għal oħra.

Ir-rettifiki ma jingħatawx numru tal-avviż. Madankollu, huma jirċievu n-numru tal-Ġurnal Uffiċjali C/SSSS/9NNNN fejn in-numru sekwenzjali b'ħames ċifri dejjem jibda b'9.

> NB: It-Trattati mhux ratifikati u t-Trattati konsolidati, kif ukoll ir-rettifiki għat-Trattati, jiġu ppubblikati fis-serje C mingħajr intestatura.

# 2. L-istruttura ta' att legali

Din id-dijagramma turi l-elementi bażiċi ta' att legali. Skont il-kumplessità tat-test, elementi bħal partijiet, titoli, kapitoli jew taqsimiet jistgħu jintużaw fil-preambolu, termini ta' promulgazzjoni u annessi.




## 2.1. It-titolu

It-titolu sħiħ ta' att ikun fih:

- it-tip ta' att (regolament, direttiva, eċċ.),
- in-numru (jiġifieri, l-abbrevjazzjoni(jiet) li japplikaw ("UE", "Euratom", "UE, Euratom", "PESK"), is-sena u n-numru sekwenzjali tal-att),
- l-isem l-awtur tal-att,
- id-data tal-adozzjoni (id-data tal-firma tal-atti adottati b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill),
- is-suġġett,
- fl-atti b'numerazzjoni doppja, in-numru assenjat mill-awtur (ara t-Taqsima 1.2.2, "Numerazzjoni doppja").

Ir-regoli li għandhom jiġu segwiti biex issir referenza għal titolu huma elenkati fit-Taqsima 3.2.

Jekk it-titolu ta' xi att jiġi emendat b'att ieħor jew huwa s-suġġett ta' rettifika, it-titolu emendat jew ikkoreġut, minn hemm 'il quddiem, għandu jiġi dejjem iċċitat.

NB: Fl-ewwel paġna ta' att, it-terminu "kodifikazzjoni" jew "riformulazzjoni" jista' jidher taħt it-titolu. Dan it-terminu, dejjem b'ittri żgħar u b'tipa grassa, jitqiegħed taħt it-titolu, fil-parentesi. Ma jissemmiex fir-referenzi għall-att inkwistjoni.

## 2.2. Preambolu (il-konsiderazzjonijiet u l-premessi)

Il-"preambolu" huwa kull ma jiddaħħal bejn it-titolu u t-termini ta' promulgazzjoni tal-att.

### 2.2.1. Konsiderazzjonijiet

Il-konsiderazzjonijiet jindikaw, fl-ordni li ġej:

1. il-**bażi ġuridika** għall-att:

   (a) atti ta' leġiżlazzjoni primarja (it-trattati, l-atti ta' adeżjoni, protokolli annessi għat-Trattati) u ftehimiet internazzjonali (ftehimiet, protokolli, konvenzjonijiet) li jikkostitwixxu l-bażi ġenerali għat-test inkwistjoni.

   **Wara li kkonsidrat it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea [u b'mod partikolari l-Artikolu/Artikoli ... tiegħu],**

   **Wara li kkonsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea [u b'mod partikolari l-Artikolu/Artikoli ... tiegħu],**

   **Wara li kkonsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika [u b'mod partikolari l-Artikolu/Artikoli ... tiegħu],**

   **Wara li kkonsidrat it-Trattat tal-Adeżjoni tal-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja,**

   L-abbrevjazzjoni tat-Trattat/i ma tissemmiex.

   Jekk tkun qed issir referenza għal iktar minn trattat wieħed, dawn għandhom jiġu ċċitati f'linji separati, b'dan l-ordni: it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

   L-atti primarji jiġu ċċitati mingħajr referenza f'nota ta' qiegħ il-paġna. Ftehimiet internazzjonali u protokolli għal ftehimiet internazzjonali jistgħu jiġu ċċitati fil-forma qasira tagħhom b'referenza f'nota ta' qiegħ il-paġna.

   (b) fejn ikun il-każ, il-leġiżlazzjoni sekondarja li tikkostitwixxi l-bażi speċifika tat-test. It-titolu sħiħ ta' dan it-tip ta' leġiżlazzjoni jiġi segwit b'referenza għall-Ġurnal Uffiċjali fejn l-att ikun ġie ppubblikat:

   **Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar l-indikazzjoni permezz ta' ttikkettar u l-informazzjoni standard tal-prodott dwar il-konsum tal-enerġija u riżorsi oħra minn prodotti marbuta mal-enerġija (1), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,**
   **[...]**

   (1) ĠU L 153, 18.6.2010, p. 1,ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2010/30/oj.

2. l-**atti preparatorji** (eż. proposti, inizjattivi, talbiet, rakkomandazzjonijiet, approvazzjonijiet jew opinjonijiet previsti fit-Trattati) possibbilment segwiti b'referenza għal nota ta' qiegħ il-paġna:

   **Wara li kkonsidrat il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,**
   **Wara li kkonsidrat l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (1),**
   **Wara li kkonsidrat l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (2),**
   **[...]**

   (1) L-opinjoni tal-5 ta' Mejju 2010 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

   (2) L-opinjoni tas-17 ta' Frar 2010 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

   F'dawk il-każijiet fejn it-Trattat ikun jeħtieġ li istituzzjoni jew korp jiġi kkonsultat, u l-konsultazzjoni tirriżulta f'opinjoni, il-konsiderazzjoni korrispondenti jkollha l-kliem "Wara li kkonsidrat l-opinjoni ta'...", segwita b'nota ta' qiegħ il-paġna li jkun fiha r-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali, jew, jekk dan ma jseħħx, il-kliem "Opinjoni ta' [data] (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).".

F'dawk il-każijiet fejn it-Trattat ikun jeħtieġ li istituzzjoni jew korp jiġi kkonsultat, imma fejn il-konsultazzjoni ma tirriżultax f'opinjoni, il-konsiderazzjoni korrispondenti jkollha l-kliem "Wara li kkonsidrat ..." (mingħajr ma tkun segwita b'referenza għal nota ta' qiegħ il-paġna u mingħajr l-ebda preċiżazzjoni oħra).

3. fl-atti leġiżlattivi:

(a) it-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali:

**Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,**

(b) il-proċedura segwita:

(i) il-proċedura leġiżlattiva ordinarja:

**Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja** (3)**,**
**[...]**

(3) Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2009 (ĠU C 87 E,1.4.2010, p. 191) u l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tal-15 ta' Frar 2010 (ĠU C 107 E, 27.4.2010, p. 1). Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Lulju 2010 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2010.

(ii) il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, mal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni:

**Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, fid-dawl tat-test konġunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fl-24 ta' Jannar 2011** (2)**,**
**[...]**

(2) Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 (ĠU C 184 E, 8.7.2010, p. 312), il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tal-11 ta' Marzu 2010 (ĠU C 122 E, 11.5.2010, p. 1), il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Lulju 2010 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), id-deċiżjoni tal-Kunsill tal-31 ta' Jannar 2011 u r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2011 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

(iii) proċedura leġiżlattiva speċjali:

**Filwaqt li jaġixxu skont proċedura leġiżlattiva speċjali,**

Il-konsiderazzjonijiet jibdew b'ittra kapitali u jispiċċaw b'virgola.

## 2.2.2. Premessi

Il-Premessi jagħtu r-raġunijiet għall-kontenut tat-termini ta' promulgazzjoni (ngħidu aħna, l-artikoli) ta' att.

Il-premessi jibdew bil-kelma "Billi:". Huma numerati u kull sentenza f'kull premessa tibda b'ittra kapitali u tispiċċa b'punt, ħlief l-aħħar sentenza tal-aħħar premessa, li tispiċċa b'virgola.

(a) Il-Premessi huma ppreżentati kif ġej:

**Billi:**

**(1) Ir-Regolament (KE) Nru 763/2008 jistabbilixxi regoli komuni għall-provvista, kull għaxar snin, ta' dejta komprensiva dwar il-popolazzjoni u d-djar.**

**(2) Sabiex tkun tista' tiġi vvalutata l-kwalità tad-dejta trażmessa lill-Kummissjoni (Eurostat) mill-Istati Membri, hemm bżonn li jiġu definiti l-modalitajiet u l-istruttura tal-kwalità ta' implimentazzjoni.**

**(3) ...**

**(4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tas-Sistema tal-Istatistika,**

Fit-test, il-premessi jiġu ċċitati kif ġej (ċifri mingħajr parentesijiet):

**premessa 1, premessa 2, eċċ.**

(b) Fil-każijiet fejn ikun hemm biss premessa waħda, ma jsirx inċiż jew numerazzjoni. "Billi:" tkun f'linja għaliha. Il-premessa tagħlaq b'virgola:

> **Billi:**
> **Sabiex ikunu koperti l-ħtiġijiet fl-istatistika għas-suġġetti dettaljati rilevanti stipulati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1700, il-Kummissjoni jenħtieġ tispeċifika l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għas-sett tad-data fl-użu tad-dominju tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għas-sena ta' referenza 2023,**

NB: — Sas-6 ta' Frar 2000, il-premessi kienu jibdew b'ittra kapitali u jispiċċaw b'punt u virgola (dan il-metodu ta' kif jintwerew il-premessi għadu jintuża f'ċerti atti tal-Kunsill):

**Billi l-Kummissjoni ...;** ***(għall-ewwel premessa u dawk li jiġu warajha)***

**Billi l-opinjoni ...,** ***(għall-aħħar premessa)***

Peress li dawn il-premessi ma kinux numerati, kienet issir referenza għalihom bħala l-ewwel, it-tieni u t-tielet premessa, eċċ. F'xi testi (b'mod partikolari dawk li għandhom x'jaqsmu mal-anti-dumping), il-premessi kienu jibdew bil-kelma "Billi:", il-premessi kienu jkunu numerati u kull premessa kellha ittra kapitali fil-bidu u punt fl-aħħar (li saret il-prattika ġenerali).

Kien hemm perjodu ta' tranżizzjoni bejn Diċembru 1998 u s-6 ta' Frar 2000 fejn iż-żewġ tipi ta' strutturi tal-premessi kienu aċċettati.

— Fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit, ippubblikati fis-serje L, il-premessi jiġu preċeduti b'sing u, minflok numru, il-premessi jingħataw ittra:

— **wara li kkunsidra l-kontijiet tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2008,**

— **wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2008, flimkien mat-tweġibiet tal-Kulleġġ,**

— **wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill [...],**

A. **billi l-Kulleġġ [...],**

B. **billi fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Kulleġġ [...], il-Qorti tal- Awdituri [...],**

## 2.3. L-artikoli (termini ta' promulgazzjoni)

### Informazzjoni ġenerali

It-termini ta' promulgazzjoni, li jikkostitwixxu l-parti normattiva tal-att, jinqasmu f'artikoli. Fejn it-termini ta' promulgazzjoni huma sempliċi, dawn jitqiegħdu f'"Artikolu Uniku".

NB: Meta att ikun fih iktar minn artikolu wieħed, l-artikoli jiġu numerati wara xulxin tul id-dokument kollu (Artikolu 1, Artikolu 2, Artikolu 3, eċċ.). In-numerazzjoni trid tkun kontinwa mill-bidu sal-aħħar tat-termini ta' promulgazzjoni.

L-artikoli jistgħu jiġu raggruppati f' "partijiet", "titoli", "kapitoli" u "taqsimiet" (ara t-tabella fit-Taqsima 2.7).

Kull artikolu jista' jkun suddiviż f'paragrafi, subparagrafi, punti, inċiżi u sentenzi.

Il-paragrafi u s-subparagrafi jistgħu ma jkunux numerati jew ikunu numerati permezz ta' numri Għarab u jista' jkollhom punti jew inċiżi, li jistgħu jkunu preċeduti minn sing. (Għat-terminoloġija tad-diversi partijiet ta' artikolu, ara d-dijagramma fit-Taqsima 2, Taqsima 2.7 u d-dijagramma "Tabelli ta' Sommarju: L-Istruttura ta' att legali".)

NB: Bil-Franċiż, paragrafi numerati jissejħu "paragraphe" u paragrafi mhux innumerati jissejħu "alinéa".

### L-Artikolu finali (fid-direttivi u d-deċiżjonijiet)

Fid-direttivi u, fejn ikun il-każ, id-deċiżjonijiet, l-aħħar artikolu jispeċifika d-destinatarji.

### Direttivi

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.
*jew*
Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri skont it-Trattati.
*(F'każ fejn id-direttiva mhijiex indirizzata lill-Istati Membri kollha:* Stati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro*, eċċ.)*.
*jew*
Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri li *[pereżempju:* għandhom passaġġi fuq l-ilma interni kif imsemmi fl-Artikolu 1(1)*]*.
*jew*
Din id-Direttiva hija indirizzata lil *[l-isem (uffiċjali) sħiħ tal-Istat(i) Membru/i]*.

### Deċiżjonijiet

— deċiżjonijiet indirizzati lill-Istati Membri kollha:

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

— deċiżjonijiet indirizzati lil Stati Membri speċifiċi:

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri skont it-Trattati.
*jew*
Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil *[l-isem (uffiċjali) sħiħ tal-Istat(i) Membru/i]*.

— deċiżjonijiet indirizzati lil entitajiet speċifiċi:

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil *[l-isem sħiħ u l-indirizz tal-entità]*.

NB: — Huma l-ismijiet sħaħ, fl-ordni tal-protokoll, tal-Istati Membri li jintużaw (ara t-Taqsima 7.1.1):

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, lir-Repubblika Taljana u lir-Rumanija.

— L-aħħar artikolu tal-linji gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew jindika wkoll l-indirizzati:

Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema

## 2.4. Il-formula tal-kwalità obbligatorja tar-regolamenti

Fir-regolamenti, wara l-artikolu finali, tintuża din il-formula:

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.
*jew*
Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.
(Din il-formula tintuża meta r-regolament ma japplikax għal u fl-Istati Membri kollha (pereżempju, Stati Membri li l-munita tagħhom mhix l-euro (ara, pereżempju, ir-Regolament (UE) Nru 1210/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill), kooperazzjoni mtejba, eċċ.)).

Din is-sentenza ma tiffurmax parti mill-aħħar artikolu u ssegwi preżentazzjoni tipografika speċjali. Titpoġġa apparti u fiċ-ċentru, f'wisa' ta' test iqsar mit-test tal-artikoli.

# 2.5. Il-formuli tal-għeluq (il-post, id-data u l-firma)

L-att jispiċċa b'li ġej:

— l-ewwel il-kliem "Magħmul fi ..., ..." bil-post u d-data fejn saret il-firma,

— segwiti bil-firma/firem.

NB: Il-kelma "Magħmul" tirreferi għall-att u mhux għad-diversi forom li jista' jkollu.

## Post u data

Fil-leġiżlazzjoni sekondarja, il-post u d-data jidhru hekk:

**Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Settembru 2010.**

fejn id-data hija d-data meta l-att ġie ffirmat (atti adottati mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill flimkien) jew adottati (f'każijiet oħra).

Fi trattati, ftehimiet internazzjonali, eċċ. id-data sħiħa tinkiteb fi kliem:

**Magħmul fi Brussell fl-erbgħa u għoxrin jum ta' Marzu fis-sena elfejn u għaxra, f'żewġ oriġinali, bl-ilsien Ingliż**

Il-post tal-firma tal-atti tal-istituzzjonijiet jista' jkun Brussell (inġenerali), il-Lussemburgu (matul is-sessjonijiet tal-Kunsill f'April, Ġunju u Ottubru), Strasburgu (partikolarment għall-Parlament Ewropew, inkluż meta dan jiffirma mal-Kunsill) jew Frankfurt am Main (għall-biċċa l-kbira tal-atti tal-Bank Ċentrali Ewropew).

## Firem (lista mhux sħiħa)

Fil-leġiżlazzjoni sekondarja:

| Il-Parlament Ewropew | Il-Kunsill Ewropew | Il-Kunsill |
|---|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew*<br>*Il-President*<br>...<br>(inizjali u kunjom sħiħ) | *Għall-Kunsill Ewropew*<br>*Il-President*<br>...<br>(inizjali u kunjom sħiħ) | *Għall-Kunsill*<br>*Il-President*<br>...<br>(inizjali u kunjom sħiħ) |

| Il-Kummissjoni | | |
|---|---|---|
| **Regolamenti, direttivi, deċiżjonijiet mingħajr destinatarju** | | **Deċiżjonijiet b'destinatarju** |
| *Għall-Kummissjoni*<br>*Il-President*<br>...<br>(isem sħiħ) | *Għall-Kummissjoni,*<br>*F'isem il-President,*<br>...<br>(isem sħiħ)<br>Membru tal-Kummissjoni | *Għall-Kummissjoni*<br>...<br>(isem sħiħ)<br>*Viċi President* |
| *Għall-Kummissjoni,*<br>*F'isem il-President,*<br>...<br>(isem sħiħ)<br>*Viċi President* | *Għall-Kummissjoni,*<br>*F'isem il-President,*<br>...<br>(isem sħiħ)<br>*Direttur Ġenerali*<br>*Direttorat Ġenerali ...* | *Għall-Kummissjoni*<br>...<br>(isem sħiħ)<br>*Membru tal-Kummissjoni* |

| **Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE** | **Bank Ċentrali Ewropew** | |
|---|---|---|
| | **Regolamenti, linji gwida** | **Deċiżjonijiet, rakkomandazzjonijiet** |
| *Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*<br>*Il-President*<br>…<br>(isem sħiħ) | *Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE*<br>*Il-President tal-BĊE*<br>…<br>(isem sħiħ) | *Il-President tal-BĊE*<br>…<br>(isem sħiħ) |
| | *Għall-Bord Eżekuttiv tal-BĊE*<br>*Il-President tal-BĊE*<br>…<br>(isem sħiħ) | |

Fi ftehimiet internazzjonali:

| **Ftehimiet, protokolli, konvenzjonijiet** | |
|---|---|
| *Għall-Unjoni Ewropea*<br>(firma) | *Għall-Istati Membri*<br>(firma) |

| **Ftehimiet f'forma ta' skambju ta' ittri** | |
|---|---|
| *F'isem il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea* | *Għall-Unjoni Ewropea* |

## 2.6. L-annessi

L-anness ta' att ġeneralment ikun fih regoli jew *data* teknika li, għal raġunijiet prattiċi, ma jidhrux fit-termini ta' promulgazzjoni, u li spiss jieħdu l-forma ta' lista jew tabella.

It-termini ta' promulgazzjoni għandhom dejjem jindikaw ċar, permezz ta' referenza (pereżempju, "elenkati fl-Anness", "fl-Anness I", "li jinsab fl-Anness"), ir-rabta bejn id-dispożizzjonijiet ta' att u l-anness tiegħu.

Għalkemm m'hemm l-ebda regola stretta li tirregola l-preżentazzjoni tal-annessi, dawn normalment huma suddiviżi f'punti identifikati permezz ta' numri Għarab segwiti minn punt f'kull livell (eż. "10.2.3.").

## 2.7. Is-suddiviżjonijiet fl-atti

| **Suddiviżjoni** | **Numerazzjoni** | **Referenza fit-test** |
|---|---|---|
| | **Atti** | |
| **Preambolu** (1) | | |
| Konsiderazzjoni (1) | | fl-ewwel konsiderazzjoni |
| Premessa numerata (1) | (1), (2) | fil-premessa 1 (2) |
| Premessa mhux numerata (1) | | fl-ewwel premessa (2) |
| **Termini ta' promulgazzjoni** (3) | | |
| Artikolu (3) | Artikolu uniku<br>Artikolu 1, 2 | fl-Artikolu uniku<br>fl-Artikolu 1, 2 |
| Paragrafu numerat (3) | 1., 2. | fil-paragrafu 1, 2 (meta fl-istess artikolu)<br>fl-Artikolu 2(1) (jirreferi għal paragrafu numerat f'artikolu differenti) |

| Suddiviżjoni | Numerazzjoni | Referenza fit-test |
|---|---|---|
| Subparagrafu (4) | | fl-ewwel, it-tieni, u t-tielet subparagrafu<br>fl-[Artikolu 1(1)], it-tieni subparagrafu |
| Paragrafu mhux numerat | | fl-ewwel, it-tieni, u t-tielet<br>fl-[Artikolu 1,] l-ewwel paragrafu |
| Punt (3) | (a), (b)<br>(i), (ii)<br>(1), (2) | fil-punt (a), (b)<br>fil-punt (i), (ii)<br>fil-punt (1), (2)<br>fl-[Artikolu 1(1), l-ewwel subparagrafu], punt (a)(i)(1) |
| Inċiż (sing twil*Alt 0151*)) (5) | — | fl-ewwel, it-tieni inċiż<br>fl-[Artikolu 1(1), l-ewwel subparagrafu, punt (a)(i)(1),] l-ewwel inċiż |
| **Anness** | | |
| | Anness<br>Anness I, II (*jew* A, B) | fl-Anness<br>fl-Anness I, II (*jew* A, B) (tal-att) |
| **Appendiċi** | | |
| | Appendiċi<br>Appendiċi 1, 2 | fl-Appendiċi 1, 2 (tal-Anness) |
| **Suddiviżjonijiet oħra** | | |
| Parti | Parti I, II<br>(*jew* l-Ewwel Parti, it-Tieni Parti) | fil-Parti I, II<br>(*jew* l-Ewwel Parti, it-Tieni Parti) |
| Titolu | Titolu I, II | fit-Titolu I, II<br>fi [Il-Parti I], it-Titolu I |
| Kapitolu | Kapitolu I, II<br>(*jew* Kapitolu 1, 2) | fil-Kapitolu 1, 2<br>(*jew* I, II)<br>fi [Il-Parti I, Titolu I,] Kapitolu I,<br>(*jew* [Parti I, Titolu I,] Kapitolu I) |
| Taqsima | Taqsima 1, 2 | fit-Taqsima 1, 2<br>(fi) [Il-Parti I, Titolu I, Kapitolu I,] Taqsima 1 |
| Punt (6) | I, II (*jew* A, B)<br>I. (*jew* A. *jew* 1.) | fil-punt I, II (*jew* A, B)<br>f'punt I (A, 1) |

(1) Ara t-Taqsima 2.2.
(2) Qabel is-7 ta' Frar 2000, meta l-premessi kienu mingħajr numru: fl-ewwel premessa, it-tieni premessa.
(3) Fejn fit-termini ta' promulgazzjoni ta' xi att eżistenti jiddaħħlu artikoli, paragrafi numerati jew suddiviżjonijiet oħrajn li jkunu identifikati b'numru jew ittra, dawn jingħataw in-numru jew l-ittra tas-suddiviżjoni preċedenti tal-istess livell b'żieda tal-ittra "a", "b", "c", "d", eċċ. Ara wkoll it-Taqsima 3.3.2.
(4) Is-suddiviżjonijiet ta' paragrafu numerat.
(5) Qabel l-introduzzjoni tal-għodda tal-abbozzar ibbażata fuq l-XML, EdiT, fl-2021, l-inċiżi setgħu jintużaw bħala l-ewwel livell fil-listi.
(6) Użati f'ċerti rakkomandazzjonijiet, riżoluzzjonijiet, u dikjarazzjonijiet.

NB: — Referenza għall-frażi introduttorja tista' ssir bi kliem bħal "fil-bidu ta'", "il-kliem introduttorju ta'" jew "il-parti introduttorja ta'". Il-frażi introduttorja tispiċċa b'żewġ punti.

— Is-suddiviżjonijiet f'din it-tabella mhumiex ikklassifikati f'ordni fiss. L-ordni jista' jvarja skont in-natura tat-test.

# 3. Ir-regoli tal-abbozzar tad-dokumenti

Jeżistu regoli stretti għall-abbozzar tal-atti ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali.

It-testi għall-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali jeħtieġ li jkunu disponibbli b'kull waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

It-testi tal-pubblikazzjonijiet tal-verżjonijiet lingwistiċi kollha fil-Ġurnal Uffiċjali huma sinottiċi, jiġifieri l-istess test f'paġna partikolari jista' jinstab fuq l-istess paġna tal-istess ĠU fi kwalunkwe verżjoni lingwistika oħra.

Flimkien mar-regoli msemmija hawn taħt, l-atti ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali jsegwu r-regoli msemmija fit-Tielet u r-Raba' Parti ta' din il-Gwida, inklużi l-annessi, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-użu ta' ittri kbar jew żgħar (inklużi dawk tal-kumitati jew kummissjonijiet), it-taqsiriet, l-indirizzi, eċċ.

## 3.1. Ir-referenzi għall-Ġurnal Uffiċjali

Ir-referenzi għall-Ġurnal Uffiċjali jistgħu jsiru bi tliet modi differenti:

### Il-forma t-twila

Il-**forma t-twila** hija: *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (korsiv)

Tintuża:

(a) fit-test, pereżempju:

> Żewġ membri tal-Bord tal-Appell u żewġ membri supplenti għandhom jinħatru mill-Bord Maniġerjali tal-Awtorità minn lista mqassra proposta mill-Kummissjoni, wara sejħa pubblika għal turija ta' interess ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u wara konsultazzjoni tal-Bord tas-Superviżuri.

(b) fil-formulazzjoni tad-dħul fis-seħħ ta' att:

> Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(c) fir-rettifiki, taħt it-titolu, bħala referenza għall-Ġurnal Uffiċjali oriġinali kkonċernat:

— għal-dokumenti ppubblikati bejn l-1 ta' Frar 2003 u it-30 ta' Settembru 2023:

> *(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 107 tal-25 ta' April 2015)*

> *(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 275 tal-4 ta' Awwissu 2023)*

— għal dokumenti ppubblikati wara l-1 ta' Ottubru 2023:

> *(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L, 2023/2433, is-27 ta' Ottubru 2023 )*

> *(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C, C/2023/100, is-6 ta' Ottubru 2023 )*

NB: Jekk issir referenza għal pubblikazzjonijiet maħruġa qabel jew fil-31 ta' Jannar 2003, ir-referenza għandha ssir għal *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

F'rettifika għal att ippubblikat fl-Edizzjoni Speċjali tal-Ġurnal Uffiċjali, ir-referenza għall-edizzjoni speċjali tiżdied taħt ir-referenza għall-pubblikazzjoni inizjali:

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej L 183 tad-29 ta' Ġunju 1989)*

*(Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 05, Volum 001, p. 349)*

## Il-forma l-qasira

Il-**forma l-qasira** hija: Il-Ġurnal Uffiċjali (mhux korsiv)

Tintuża:

(a) fin-noti ta’ qiegħ il-paġna kif ġej:

> (2) Għadu/għadha mhux/mhix ippubblikat/a fil-Ġurnal Uffiċjali.

(b) f’testi inqas formali.

## Il-forma mqassra

Il-**forma mqassra** hija: ĠU L, ĠU C, ĠU S.

Is-serjejiet L...I, C...A, C...I twaqqfu mill-1 ta’ Ottubru 2023 u s-serje C...E twaqqfet mill-1 ta' April 2014.

Tintuża:

(a) fin-noti ta’ qiegħ il-paġna magħmula mir-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali:

> (1) ĠU L, 2023/2387, 2.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/2387/oj.

> (2) ĠU C, C/2023/90, 2.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2023/90/oj.

(b) fit-tabelli:

> ĠU L, 2023/2387, 2.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/2387/oj

NB: Ir-referenzi għall-Ġurnal Uffiċjali nbidlu matul iż-żminijiet, hekk kif bdew jiġu ppubblikati serjejiet ġodda:

— qabel l-1 ta’ Lulju 1967, il-paġinazzjoni kienet kontinwa u warajha kien ikun hemm l-aħħar żewġ ċifri tas-sena kalendarja li fih ġie stampat il-ġurnal:

**ĠU 106, 30.10.1962, p. 2553/62**

— mill-1 ta’ Lulju 1967, kull Ġurnal Uffiċjali kien jibda minn paġna 1:

**ĠU 174, 31.7.1967, p. 1**

— mill-1 ta’ Jannar 1968, inħolqu s-serjejiet L u C:

**ĠU L 32, 6.2.1968, p. 6**

**ĠU C 1, 12.1.1968, p. 1**

— fl-1 ta’ Jannar 1978, inħolqot is-serje S:

**ĠU S 1, 7.1.1978, p. 1**

— fl-1 ta’ Jannar 1991, inħolqot is-serje C ... A (twaqqfet mill-1 ta’ Ottubru 2023):

**ĠU C 291 A, 8.11.1991, p. 1**

— fil-31 ta’ Awwissu 1999, inħolqot is-serje C ... E (twaqqfet mill-1 ta’ April 2014):

**ĠU C 247 E, 31.8.1999, p. 28**

— mill-1 ta’ Jannar 2016, inħolqu s-serjejiet L ... I u C ... I (twaqqfu mill-1 ta’ Ottubru 2023):

**ĠU L 11 I, 16.1.2016, p. 1**

**ĠU C 15 I, 16.1.2016, p. 1**

— Fl-1 ta ’Ottubru 2023, ġiet introdotta l-pubblikazzjoni att b’att tal-Ġurnal Uffiċjali:

**ĠU L, 2023/2387, 2.10.2023, ELI:** http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/2387/oj

**ĠU C, C/2023/90, 2.10.2023, ELI:** http://data.europa.eu/eli/C/2023/90/oj

Għad-dokumenti ppubblikati fis-serje L qabel l-introduzzjoni tal-pubblikazzjoni att b’att, huwa rrakkomandat li l-ELI jiżdied mar-referenza eżistenti tal-ĠU, sakemm l-ELI jkun disponibbli:

**ĠU L 314, 6.12.2022, p. 26, ELI:** http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2371/oj

Qabel l-1 ta' Ottubru 2023, l-ELI ma kienx jingħata lil dokumenti fis-serje C.

## L-Identifikatur Ewropew tal-Leġiżlazzjoni

Bl-introduzzjoni tal-pubblikazzjoni tal-att b’att tal-Ġurnal Uffiċjali fl-1 ta' Ottubru 2023, l-Identifikatur Ewropew tal-Leġiżlazzjoni (ELI) huwa assenjat għal kull dokument ippubblikat fis-serje L u fis-serje C.

L-ELI huwa sistema biex id-dritt nazzjonali u tal-UE jsir disponibbli online f’format standardizzat, sabiex ikun jista’ jiġi aċċessat, skambjat u użat mill-ġdid bejn il-fruntieri (għal informazzjoni dettaljata, ara EUR-Lex).

L-ELI, meta applikat għad-dokumenti tal-Ġurnal Uffiċjali, fih parti fissa (http://data.europa.eu/eli/), varjabbli skont is-serje tal-ĠU, u l-abbrevjazzjoni “oj”:

— Serje L:

http://data.europa.eu/eli/**tip ta’ att**/**sena**/**numru sekwenzjali**/oj

http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2065/oj

— Serje C:

http://data.europa.eu/eli/**serje tal-ĠU**/**sena**/**numru sekwenzjali**/oj

http://data.europa.eu/eli/C/2023/100/oj

Għar-rettifiki, l-ELI fih **id-dettalji tal-pubblikazzjoni oriġinali**, il-kelma "**rettifika**" u **d-data tal-pubblikazzjoni** fil-format ssss-xx-jj, segwita bl-abbrevjazzjoni "oj":

— Serje L:

http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2065/corrigendum/2023-10-12/oj

— Serje C:

http://data.europa.eu/eli/C/2023/100/corrigendum/2023-10-17/oj

Dan l-identifikatur jikkostitwixxi element obbligatorju tar-referenzi għas-serje L tal-Ġurnal Uffiċjali. Għar-referenzi għas-serje C, l-użu tal-ELI huwa fakultattiv iżda rrakkomandat.

## 3.2. Ir-referenzi għal att

Kif tikkwota att jew parti minn att jiddependi minn fejn jiġi kkwotat.

### 3.2.1. Il-forom tat-titolu

It-titolu ta' att jista' jkollu żewġ forom: titolu sħiħ jew titolu mqassar.

Meta att jissemma għall-ewwel darba fit-test ta' att ieħor, jingħata t-titolu sħiħ, u r-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali li kien ippubblikat fih tingħata dejjem f'nota ta' qiegħ il-paġna. Fil-konsiderazzjonijiet, it-titolu sħiħ jissemma fil-kontenut tat-test, filwaqt li fil-premessi, fl-artikoli u fl-annessi jingħata fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

Fir-referenzi ta' wara ta' att li ssemma qabel, jintuża t-titolu mqassar, mingħajr ma jissemma l-awtur jew ir-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali.

#### It-titolu sħiħ

Il-komponenti tat-titolu sħiħ ta' att huma:

— it-tip ta' att (regolament, direttiva, eċċ.),

— in-numru (jiġifieri, l-abbrevjazzjoni(jiet) li japplikaw ("UE", "Euratom", "UE, Euratom", "PESK"), is-sena u n-numru sekwenzjali tal-att),

— l-isem l-awtur tal-att,

— id-data tal-adozzjoni (id-data tal-firma tal-atti adottati b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill),

— is-suġġett,

— fl-atti b'numerazzjoni doppja, in-numru assenjat mill-awtur (ara t-Taqsima 1.2.2, "Numerazzjoni doppja").

L-ordni ta' dawn il-komponenti tvarja skont il-lingwa. Fil-Malti, il-komponenti tat-titolu sħiħ ma jiġux separati b'virgoli.

It-titolu sħiħ jingħata dejjem b'referenza għall-Ġurnal Uffiċjali li fih kien ippubblikat l-att. Fil-konsiderazzjonijiet, it-titolu sħiħ jingħata fit-test u r-referenza tingħata f'nota ta' qiegħ il-paġna:

**Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/476 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 fuq il-miżuri li jistgħu jittieħdu mill-Unjoni wara rapport adottat mill-Korp għall-Ftehim fuq Tilwim tal-WTO dwar kwistjonijiet fuq anti-dumping u anti-sussidji (1) […]**

(1) ĠU L 83, 27.3.2015, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2015/476/oj.

Meta att jissemma għall-ewwel darba fi premessa, f'Artikolu jew f'Anness, it-titolu sħiħ tiegħu jingħata f'nota ta' qiegħ il-paġna flimkien mar-referenza tal-Ġurnal Uffiċjali:

> **(14) Hu kkunsidrat li t-transazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli, kif definiti fir-Regolament (UE) 2015/2365 tal- Parlament Ewropew u tal-Kunsill (2), ma jikkontribwixxux għall-proċess ta' identifikazzjoni tal-prezz [...]**
>
> (2) Ir-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar it-trasparenza ta' transazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli u l-użu mill-ġdid u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 1,ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2015/2365/oj).

NB: Il-konsiderazzjoni tat-titolu sħiħ tinkludi kull kelma li fih it-titolu, fosthom "li jemenda..." jew "u jħassar...", iżda mhux il-kliem ta' taħt it-titolu: "kodifikazzjoni", "riformulazzjoni", eċċ.

## It-titolu mqassar

It-titolu mqassar jintuża fil-premessi, fl-Artikoli u fl-Annessi. Il-komponenti tiegħu huma:

— it-tip ta' att,

— in-numru (jiġifieri, l-abbrevjazzjoni(jiet) li japplikaw ("UE", "Euratom", "UE, Euratom", "PESK"), is-sena u n-numru sekwenzjali tal-att),

— isem l-awtur tal-att, meta ssemma l-ewwel darba,

— fl-atti b'numerazzjoni doppja, in-numru assenjat mill-awtur (ara t-Taqsima 1.2.2, "Numerazzjoni doppja").

> **(45) L-annimali ta' razza pura għat-tnissil li jiddaħħlu fil-kotba tat-tnissil għandhom ikunu identifikati bi qbil mar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (2). [...]**
>
> (2) Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") (ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj).

It-titolu mqassar mingħajr l-awtur u mingħajr in-nota ta' qiegħ il-paġna jintuża għar-referenzi ta' wara tal-att li diġà ssemma:

> **(46) Fil-każ ta' annimali ta' razza pura għat-tnissil tal-ispeċi ekwina, ir-Regolament (UE) 2016/429 li l-awtoritajiet kompetenti [...]**

NB: Meta jissemma att delegat jew ta' implimentazzjoni bi preċiżjoni, b'titolu sħiħ tiegħu jew bit-titolu mqassar tiegħu, l-indikazzjoni tat-tip ta' att dejjem ikun fiha t-terminu "Delegat" jew "ta' Implementazzjoni":

**L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat b'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.**

Min-naħa l-oħra, l-indikazzjoni tat-tip ta' att ma tinkludix it-terminu "Delegat" jew "ta' Implementazzjoni" meta fit-test tal-att issir referenza għal, pereżempju: "Adottat dan ir-Regolament", "l-Anness ta' dan ir-Regolament", "Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri", "l-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni", eċċ.

# 3.2.2. Ir-referenza għal atti oħrajn

## Fit-titolu

It-titolu ta' att qatt ma jkun fih it-titolu sħiħ ta' att ieħor. Fin-noti ta' qiegħ il-paġna qatt ma ssir referenza għat-titolu ta' att ieħor.

### Data

Normalment ma tissemmiex id-data tal-att imsemmi:

> **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 127/2010 tal-5 ta' Frar 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2042/2003 (ma tissemmiex id-data) dwar il-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru [navigabbiltà] ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol**

Id-data tissemma biss meta ma jkunx hemm numru attribwit għall-att:

Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/182/UE tal-25 ta’ Frar 2008 li temenda d-**Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 1980** li tistabbilixxi l-Kumitat Konsultattiv għall-Programm tal-Fużjoni

Regolament tal-Kummissjoni 2005/769/KE tas-27 ta’ Ottubru 2005 li tistabbilixxi regoli dwar il-ksib ta’ għajnuna f’ikel mill-NGOs awtorizzati mill-Kummissjoni biex jixtru u jimmobilizzaw prodotti li għandhom jiġu forniti skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1292/96 u li tabbroga **d-Deċiżjoni tagħha tat-3 ta’ Settembru 1998**

## L-awtur

L-awtur tal-att imsemmi għandu jissemma biss jekk l-awtur ikun differenti:

Regolament Delegat **tal-Kummissjoni** (UE) 2015/281 tas-26 ta’ Novembru 2014 li jissostitwixxi l-Annessi I u II tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 **tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta’ sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali

NB: Madankollu biex jiġu evitati ċerti forom ibridi mhux ċari, meta jissemmew bosta atti ta’ awturi differenti, ir-referenza ssir dejjem għall-awturi rispettivi tagħhom (anki jekk dan ikun ifisser li jrid jittenna isem l-awtur tal-att imsemmi), pereżempju:

Regolament **tal-Kummissjoni** (UE) Nru 86/2010 tad-29 ta’ Jannar 2010 li jemenda l-Anness I tar-Regolament **tal-Kunsill** (KE) Nru 1005/2008 fir-rigward tad-definizzjoni ta’ prodotti tas-sajd u li jemenda r-Regolament **tal-Kummissjoni** (KE) Nru 1010/2009 fir-rigward tal-iskambju tal-informazzjoni dwar spezzjonijiet ta’ bastimenti ta’ pajjiżi terzi u arranġamenti tekniċi dwar iċ-ċertifikati tal-qabdiet

## Id-dikjarazzjoni tas-suġġett

Id-dikjarazzjoni tas-suġġett tista’ titqassar jew titħalla barra:

Regolament (UE) 2015/1525 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Settembru 2015 li jemenda r-**Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli***(id-dikjarazzjoni tas-suġġett jissemma sħiħ)*

Direttiva tal-Kummissjoni 2010/3/UE tal-1 ta’ Frar 2010 li temenda għall-għan ta’ adattament għall-progress tekniku, l-Annessi III u VI tad-**Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE li għandha x’taqsam mal-prodotti kożmetiċi***(id-dikjarazzjoni tas-suġġett tqassret)*

Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Mejju 2015 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta’ fondi u li jħassar **ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006***(id-dikjarazzjoni tas-suġġett tħalliet barra)*

Il-partijiet “[u] li jemenda …” jew “[u] li jħassar …” fl-att li qiegħda ssir referenza għalih, jitħallew barra:

Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta’ Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta’ reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda **r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta’ ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x’taqsam mat-trasport bit-triq**

Fi ftit kliem, **id-data** tal-att li jissemma fit-titolu ta’ att ieħor **għandha titħalla barra** (ħlief f’xi eċċezzjonijiet), u **l-awtur jissemma biss jekk ikun differenti**, filwaqt li **s-suġġett** tiegħu għandu jissemma kollu jew parti minnu, jew m’għandha tissemma l-ebda parti minnu skont il-ħtiġijiet tal-awtur.

# Fil-konsiderazzjonijiet

L-atti primarji jissemmew mingħajr referenza f’nota ta’ qiegħ il-paġna. Madankollu, ftehimiet internazzjonali jistgħu jissemmew bit-titolu mqassar tagħhom u/jew b’referenza f’nota ta’ qiegħ il-paġna, ara t-Taqsima 2.2.1.

Madankollu, l-att sekondarju għandu jissemma dejjem bit-titolu sħiħ u warajh tingħata referenza għan-nota ta' qiegħ il-paġna li tindika l-Ġurnal Uffiċjali fejn ġie ppubblikat:

**Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar l-indikazzjoni permezz ta' ttikkettar u l-informazzjoni standard tal-prodott dwar il-konsum tal-enerġija u riżorsi oħra minn prodotti marbutin mal-enerġija (1), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,**

**[...]**

(1) ĠU L 153, 18.6.2010, p. 1,ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2010/30/oj.

NB: Jekk issir referenza għar-Regolamenti tal-Persunal, tissemma l-parti ewlenija tas-suġġett u wara jitniżżlu biss l-istituzzjoni u n-numru tar-Regolament:

**Wara li kkunsidrat ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-kundizzjonijiet tal-impjieg ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea, stabbiliti bir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 (1),**

**[...]**

(1) ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1968/259(1)/oj.

## Fil-premessi, fl-Artikoli u fl-Annessi

Normalment, fil-premessi, fl-Artikoli u fl-Annessi jissemma biss it-titolu mqassar tal-att:

— Jekk att jissemma għall-ewwel darba, it-titolu mqassar isemmi isem l-awtur tal-att. Warajh issir referenza għal nota ta' qiegħ il-paġna li ssemmi t-titolu sħiħ tal-att u l-Ġurnal Uffiċjali fejn ikun ġie ppubblikat:

**(5) Fejn miżuri ta' ħarsien tan-negozju jsiru meħtieġa, għandhom jiġu adottati skont id-dispożizzjonijiet ġenerali stipulati fir-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (6) [...]**

(6) Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet (ĠU L 83, 27.3.2015, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2015/478/oj).

Fil-prinċipju, it-termini normattivi (jiġifieri l-artikoli) m'għandhomx jirreferu għal atti li jkun għadhom ma ssemmewx fil-konsiderazzjonijiet jew fil-premessi.

— Meta l-att ikun diġà ssemma fil-konsiderazzjonijiet jew f'xi parti oħra tat-test (ħlief fit-titolu), it-titolu mqassar ma jsemmix l-awtur u warajh ma ssirx nota ta' qiegħ il-paġna:

**2. Għall-fini tal-Artikoli 5 sa 8 ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar is- Salvagwardji stabbilit permezz tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2015/478.**

Din ir-regola jaf għandha xi eċċezzjonijiet, l-aktar fejn jidħlu l-annessi li jkun fihom xi formoli jew dokumenti oħrajn li jistgħu jintużaw b'mod separat, u għalhekk ikun meħtieġ li jittenna t-titolu sħiħ u r-referenza tal-Ġurnal Uffiċjali tal-att li jkun diġà ssemma.

F'ġieħ il-leġġibbiltà, il-listi t-twal tal-atti jistgħu jsemmu t-titoli sħaħ fil-kontenut tat-test iżda r-referenzi tal-Ġurnal Uffiċjali jsemmuhom biss fin-noti ta' qiegħ il-paġna.

## 3.2.3. Ir-referenzi għas-suddiviżjonijiet tal-atti

1. Id-diversi partijiet ta' referenza huma msemmija f'ordni dixxendenti, minn ġenerali għal dik speċifika:

**l-Artikolu 1(2) il-punt (a), tar-Regolament [...]**

**l-Artikolu 2 u l-Artikolu 3(2) jipprevedu li [...]**

**l-Artikolu 1(1), it-tieni sentenza**

**l-Artikolu 2(3) u l-Artikolu 3 jipprevedu li [...]**

2. Meta jissemmew suddiviżjonijiet tal-istess tip, l-isem ma jiġix ripetut:

> il-Kapitoli I u II

> l-Artikoli 1, 4 u 9

> l-ewwel u t-tielet inċiż
> *(jew:* l-ewwel u t-tielet inċiż, b'"inċiż" fis-singular*)*

Meta jissemmew diversi artikoli, paragrafi jew suddiviżjonijiet oħra, li huma numerati wieħed wara l-ieħor, trid issir distinzjoni bejn "l-Artikoli 2, 3 u 4" (li teskludi artikolu addizzjonali bħal "l-Artikolu 3a, 3b", eċċ.) u "l-Artikoli 2 sa 4" (li tinkludi l-artikoli kollha miżjuda wara).

3. Meta ssir referenza għal suddiviżjonijiet tal-istess tip fejn wieħed jew iktar minnhom huma akkumpanjati minn suddiviżjonijiet ta' livell iktar baxx, is-suddiviżjoni kkonċernata tissemma kull darba:

> l-Artikolu 2 u l-Artikolu 3(1) tar-Regolament [...]
> *(u mhux* "l-Artikoli 2 u 3(1) tar-Regolament [...]"*)*

> l-Artikolu 2, l-Artikolu 5(2) u (3) u l-Artikoli 6 sa 9 tar-Regolament [...]
> *(u mhux* "l-Artikoli 2, 5(2) u (3) u 6 sa 9"*)*

> [...] u u b'mod partikolari, l-Artikolu 1, il-punti (1)(b) u (3)(c), [...]

4. Ir-ripetizzjoni tal-kelma "punt" għandha tiġi evitata:

> fil-punt (b)(ii)

> fil-punt (b)(ii)(1)
> *(u mhux* "fil-punt (b), punt (ii), punt (1)"*)*

5. Meta ssir referenza għal anness, jinkiteb:

> [...] qabdiet tal-istokk imsemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament [...]
> *(u mhux* "għal dan ir-Regolament"*)*

> L-Anness I huwa sostitwit bit-test fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

Id-dispożizzjonijiet tal-annessi ssir referenza għalihom kif ġej:

> Ipunt 2.1.3.7. (a)(iii)(2), ir-raba' inċiż, tal-[Anness/l-Anness [I]]

Ftehimiet internazzjonali ma jissemmewx bħala annessi:

> It-test tal-Ftehim hu mehmuż ma' din id-Deċiżjoni (innota l-kelma "mehmuż", mhux "anness").

## 3.2.4. Ir-referenzi għall-emendi ta' att

Fil-Ġurnal Uffiċjali, in-noti ta' qiegħ il-paġna ma għadhomx jinkludu l-aħħar modifiki ta' att, imma huma limitati biss għar-referenza għall-ĠU tal-att fil-verżjoni inizjali tagħha. L-atti msemmija fit-testi ppubblikati fil-ĠU għandhom jinftiehmu bħala l-atti fil-verżjoni tagħhom fis-seħħ. Il-frażijiet "kif emendat (l-aħħar) bi", "ikkoreġut bi" u "imħassar bi" ma għadhomx jintużaw aktar.

Xi kultant, madankollu, l-awtur ikun irid jirreferi għal test speċifiku kif ikun jidher f'data speċifika jew ikun irid jagħmel enfasi fuq xi att emendatorju partikolari. F'dan il-każ, l-att emendatorju jiġi ċċitat bħala

"referenza statika" fil-forma qasira tiegħu u b'referenza għal nota ta' qiegħ il-paġna jekk ikun iċċitat għall-ewwel darba:

> (6) L-Anness III B tar-Regolament (KE) Nru 517/94 kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1398/2007 (5) ġie żvujtat [...]
>
> [...]
>
> (2) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1398/2007 tat-28 ta' Novembru 2007 li jemenda l-Annessi II, III B u VI għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94 dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' prodotti tat-tessuti minn ċerti pajjiżi terzi li mhumiex koperti bi ftehimiet bilaterali, protokolli jew arranġamenti oħra, jew b'regoli speċifiċi Komunitarji oħra dwar l-importazzjoni (ĠU L 311, 29.11.2007, p. 5,ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2007/1398/oj).

## 3.3. Id-dispożizzjonijiet emendatorji

Hemm dispożizzjonijiet dwar l-emendi u n-numerazzjoni fl-att emendat.

### 3.3.1. Emendi fit-test

1. Meta jiġi sostitwit **artikolu sħiħ**, it-test il-ġdid jibda bl-indikazzjoni tal-artikolu (preċedut minn virgoletti tal-ftuħ), imqiegħda fuq ix-xellug mal-marġni:

> L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2001/689/KE huwa sostitwit b'dan li ġej:
>
> "*Artikolu 3*
>
> Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp magni tal-ħasil tal-platti, kif ukoll l-assessjar relatat u l-bżonnijiet ta' verifika, jibqgħu validi sat-28 ta' Frar 2009.".

NB: It-test tal-artikolu l-ġdid għandu punt (jew punt u virgola) wara l-virgoletti tal-għeluq.

2. Meta l-emenda tikkonċerna **suddiviżjoni mmarkata** ta' artikolu (paragrafu, punt, inċiż, eċċ.), it-test il-ġdid jibda b'virgoletti tal-ftuħ, segwiti min-numru tal-paragrafu, il-punt, l-inċiż, eċċ.:

> Ir-Regolament (KE) Nru 409/2009 huwa emendat kif ġej:
>
> (1) fl-Artikolu 3, il-**punt (g)** huwa sostitwit b'dan li ġej:
> '**(g)** 'l-istat tal-ipproċessar' tfisser il-mod kif il-ħut jiġi ppreservat (frisk, immellaħ frisk u ffriżat).";
>
> (2) fl-Artikolu 4, il-**paragrafu 1** huwa sostitwit b'dan li ġej:
> "**1.** Il-fatturi ta' konverżjoni tal-Komunità stipulati fl- Annessi II, III u IV għandhom japplikaw sabiex jiġi kkonvertit il-piż tal-ħut ipproċessat f'piż ta' ħut ħaj.".

Jekk jiġi sostitwit biss l-ewwel subparagrafu ta' paragrafu numerat, in-numru tal-paragrafu ma jiġix imsemmi fit-test il-ġdid:

> (3) fl-Artikolu 28(1), l-**ewwel subparagrafu** huwa sostitwit b'dan li ġej:
> "Kwalunkwe proposta jew inizjattiva ppreżentata lill-awtorità leġiżlattiva mill-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (minn hawn 'il quddiem 'ir-Rappreżentant Għoli') jew minn Stat Membru, li jista' jkollha impatt fuq il-baġit, inkluż bidliet fin-numru ta' karigi, għandha tkun akkumpanjata b'dikjarazzjoni finanzjarja u bl-evalwazzjoni prevista fl-Artikolu 27(4)."

3. Meta t-test li ser jiġi sostitwit **ma jkunx immarkat**, tintuża din il-formula:

> (1) fl-Artikolu 78, l-**ewwel paragrafu** huwa sostitwit b'dan li ġej:
> "Il-prinċipju tal-allokazzjoni tal-ammonti li jikkorrispondu mal-erba' punti perċentwali msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 għandu jiġi kkompilat billi jittieħdu l-ishma tal-Istati Membri fiż-żona agrikola u fl-impjieg agrikolu, ppeżati b'65 % u b'35 % rispettivament.";
>
> (7) fl-Artikolu 15(2), it-**tieni subparagrafu** huwa sostitwit b'dan li ġej:
> "Qabel l-1 ta' Ġunju ta' wara s-sena ta' kummerċjalizzazzjoni konċernata, il-produtturi għandhom iħallsu ammont ta' EUR 500 għal kull tunnellata għall-kwantitajiet ta' zokkor imsemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu, li għalihom ma jistgħux jipprovdu evidenza aċċettabbli lil Stat Membru li r-raffinar seħħ minħabba raġunijiet tekniċi ġustifikati u eċċezzjonali.".

4. Jekk ser tiġi sostitwita biss **sentenza**, ma jiġi repetut l-ebda sinjal ta' suddiviżjoni, anke jekk l-ewwel sentenza ta' paragrafu numerat tkun is-suġġett ta' emenda:

> (c) fil-paragrafu 4, l-**ewwel sentenza** hija sostitwita b'dan li ġej:
> "F'każ li ksur serju, kif definit fis-Sezzjoni I(1) tal-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 302/2009, jinstab abbord bastiment tas-sajd tal-Komunità, l-Istat Membru tal-bandiera għandu jiżgura li, wara l-ispezzjoni, il-bastiment tas-sajd iwaqqaf kull attività ta' sajd."

Meta s-sostituzzjoni tirreferi għal **parti minn sentenza** (espressjoni, kelma, data, u ammont) l-indikazzjoni tas-suddiviżjoni ma tintużax u s-sostituzzjoni tinkiteb f'rig wieħed:

> Fl-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 2005/692/KE, id-data "31 ta' Diċembru 2010" hija sostitwita bid-data "30 ta' Ġunju 2012".

NB: Biex l-affarijiet ikunu ċari u biex jiġu evitati problemi ta' traduzzjoni, nirrikkmandaw li, pjuttost milli jiddaħħlu jew jitħassru sentenzi jew frażijiet partikolari, jiġi sostitwit l-artikolu, il-paragrafu, il-punt jew l-inċiż kollu. Madankollu, ma tkunx problema jekk tinbidel data jew ċifra biss.

5. Il-formula introduttorja tvarja skont jekk hemmx emenda waħda jew aktar:

(a) jekk hemm diversi emendi, il-formula introduttorja tiġi:

> Ir-Regolament (UE) 2017/745 huwa emendat kif ġej:
>
> (1) fl-Artikolu 1(2), it-tieni subparagrafu huwa emendat kif ġej:
>
> (a) ...;
>
> (b) ...;
>
> (2) L-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:
>
> (a) il-paragrafu 5 huwa emendat kif ġej:
>
> (i) ...;
>
> (ii) ...;

(b) jekk hemm emenda waħda biss, il-formula tiġi:

> L-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru .../2010 huwa sostitwit b'dan it-test:
> *(u mhux:*
> Ir-Regolament UE Nru .../2010 huwa emendat kif ġej:
> L-Artikolu 3 huwa ssostitwit b'dan li ġej*)*

6. Jekk jiġi emendat anness, jintużaw il-formuli introduttorji li ġejjin:

> **L-Anness [...] huwa emendat kif ġej:**

jew, jekk l-emendi huma msemmija fl-anness:

> **L-Anness tar-Regolament (UE) Nru .../2010 huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.**

Jekk se jiġi sostitwit l-anness sħiħ, it-termini ta' promulgazzjoni jużaw din il-formula:

> **L-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru .../2007 huwa sostitwit bit-test li jinsab fl-Anness ta' dan ir-Regolament.**

L-Anness jiġi ppreżentat hekk:

> *ANNESS*
> *"ANNESS*
> [...]".

### 3.3.2. Żidiet u numerazzjoni

Fejn fit-termini ta' promulgazzjoni ta' xi att eżistenti jiddaħħlu artikoli, paragrafi numerati jew suddiviżjonijiet oħrajn li jkunu identifikati b'numru jew ittra, dawn jingħataw in-numru jew l-ittra tas-suddiviżjoni preċedenti tal-istess livell b'żieda tal-ittra "a", "b", "c", "d", eċċ.: eż. l-artikoli mdaħħla wara Artikolu 1 isiru "Artikolu 1a", "Artikolu 1b", eċċ. Bl-istess mod, artikolu li jiddaħħal bejn l-Artikolu 1a u l-Artikolu 1b isir "Artikolu 1aa".

Regoli speċjali għandhom japplikaw fil-każijiet li ġejjin:

— f'każijiet eċċezzjonali fejn artikoli, paragrafi numerati jew suddiviżjonijiet numerati oħrajn jiddaħħlu qabel suddiviżjoni tal-istess livell li tidher fl-ewwel post, dawn jissejħu "Artikolu –1", "Artikolu –1a", "paragrafu –1", "paragrafu –1a", "punt –a", "punt –aa", eċċ.,

— inserimenti aktar kumplessi jistgħu jsiru wkoll bl-użu tas-simbolu "–". Pereżempju, l-inseriment tal-Artikolu 1–a bejn l-Artikolu 1 u l-Artikolu 1a.

Fejn jiddaħħlu artikoli, paragrafi numerati jew suddiviżjonijiet oħrajn li jkunu identifikati b'numru jew ittra, l-artikoli, il-paragrafi jew is-suddiviżjonijiet l-oħrajn li jiġu wara m'għandhomx ikunu numerati mill-ġdid għaliex jista' jkun li atti oħrajn diġà jirreferu għalihom. Numerazzjoni mill-ġdid għandha ssir biss f'każ ta' kodifikazzjoni jew riformulazzjoni.

(*Sors:* Manwal Komuni, ara t-Taqsima C.8.3.2.)

## 3.4. L-ordni ta' ċitazzjoni

It-Trattati, l-awturi, il-pajjiżi, il-lingwi u l-muniti huma ċċitati f'ordni speċifika u bl-użu ta' formoli partikolari.

### 3.4.1. L-ordni tat-Trattati

Mill-1 ta' Diċembru 2009 (id-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lizbona) l-ordni li fih jiġu ċċitati t-Trattati (b'mod partikolari l-konsiderazzjonijiet) huwa kif ġej:

— Wara li kkonsidrat it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

— Wara li kkonsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— Wara li kkonsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

NB: Sat-30 ta’ Novembru 2009, l-ordni li fih kienu jiġu ċċitati t-Trattati kien kif ġej:

— Wara li kkonsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

— Wara li kkonsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar,
*(it-Trattat KEFA skada fl-23 ta’ Lulju 2002)*

— Wara li kkonsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

— Wara li kkonsidrat it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,
*(dan it-Trattat spiss jiġi l-aħħar, iżda jista’ jiġi l-ewwel).*

L-ordni li fih il-“Komunitajiet” kienu jiġu ċċitati nbidel matul iż-żminijiet:

1. Sal-aħħar tal-1997, l-ordni li fih kienu jiġu ċċitati l-Komunitajiet fit-titoli tal-atti kien jinbidel kull sena skont din l-iskema:
   - K(E)E, Euratom, KEFA:
     1968, 1971, 1974, 1977, 1980, 1983, 1986, 1989, 1992, 1995,
   - Euratom, KEFA, K(E)E:
     1969, 1972, 1975, 1978, 1981, 1984, 1987, 1990, 1993, 1996,
   - KEFA, K(E)E, Euratom:
     1970, 1973, 1976, 1979, 1982, 1985, 1988, 1991, 1994, 1997.
2. Mill-1998 sat-23 ta’ Lulju 2002, l-ordni ma kienx jinbidel, kif ġej:
   - KE, KEFA, Euratom
3. Bejn l-24 ta’ Lulju 2002 (wara l-iskadenza tat-Trattat KEFA) u t-30 ta’ Novembru 2009, l-ordni li fih kienu jiġu ċċitati l-Komunitajiet kien:
   - KE, Euratom
4. Wara l-1 ta’ Diċembru 2009:
   - UE, Euratom

It-termini “Komunità Ekonomika Ewropea” u “Komunità Ewropea” kienu jintużaw kif ġej:

— Il-Komunità Ekonomika Ewropea jew KEE: għal atti adottati qabel l-1 ta’ Novembru 1993,

— Il-Komunità Ewropea jew KE: għal atti adottati mill-1 ta’ Novembru 1993.

## i Ir-referenza għat-Trattati

Meta t-Trattati jissemmew għall-ewwel darba għandhom jintużaw it-titoli sħaħ.

Għaċ-ċitazzjonijiet li jiġu wara:

(1) meta jiġi ċċitat trattat wieħed biss fl-istess test, tintuża l-kelma “Trattat”,

(2) meta jiġu ċċitati diversi trattati fl-istess test, sakemm jista’ jkun tingħata d-denominazzjoni sħiħa. Inkella, it-titoli tat-trattati jistgħu jiġu ċċitati fil-forma mqassra:

— “Trattat UE” għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

— “TFUE” għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— “Trattat KE” għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

— “Trattat Euratom” għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

— “Trattat KEFA” għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar.

NB: Fl-1999 (it-Trattat ta’ Amsterdam) u fl-2009 (it-Trattat ta’ Liżbona) seħħew rinumerazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet tat-Trattati. Il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali jsegwu prattiki partikolari biex jiċċitaw artikoli, skont jekk ikunux jixtiequ jirreferu għall-verżjonijiet ta’ qabel jew ta’ wara ta’ dawn ir-rinumerazzjonijiet suċċessivi.

## 3.4.2. L-ordni skont l-awtur

L-ordni li fih l-awturi jidhru fl-intestaturi u s-subintestaturi differenti tal-Ġurnal Uffiċjali huwa kif ġej:

— Ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri (imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill jew le),

— Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri,

— Il-Parlament Ewropew,

— Kunsill Ewropew,

— Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill,
— Kunsill,
— Il-Kummissjoni Ewropea,
— Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea,
— Il-Bank Ċentrali Ewropew,
— Il-Qorti tal-Awdituri,
— Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà,
— Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,
— Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni,
— Il-Bank Ewropew tal-Investiment,
— L-Ombudsman Ewropew,
— Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*,
— L-uffiċċji u l-aġenziji,
— Korpi stabbiliti permezz ta’ ftehimiet internazzjonali.

Għal atti u avviżi li jikkonċernaw iż-Żona Ekonomika Ewropea (l-intestaturi L III u C IV), l-ordni skont l-awtur huwa kif ġej:

— Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE,
— L-awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA,
— Il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA,
— Il-Kumitat Konsultattiv taż-ŻEE,
— Il-Qorti tal-EFTA.

Biex tara l-ordni tal-protokoll tal-ismijiet differenti tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji, ara t-Taqsima 9.5.

### 3.4.3. L-ordni tal-pajjiżi

Għall-ismijiet, l-abbrevjazzjonijiet u l-ordni li fih jitniżżlu l-pajjiżi ara t-Taqsima 7.1 u l-Annessi A5 u A6.

| | |
|---|---|
| NB: | Fir-referenzi għal ftehimiet internazzjonali, f’każ ta’ Stat li nbidillu ismu, jintuża l-isem użat fiż-żmien meta ġew iffirmati l-atti msemmija u ma jinbidilx bl-isem il-ġdid. |

### 3.4.4. L-ordni tal-lingwi u ta’ testi multilingwi

Għall-ismijiet, l-abbrevjazzjonijiet u l-ordni li fih jidhru l-lingwi u l-verżjonijiet lingwistiċi, ara t-Taqsima 7.2.

### 3.4.5. L-ordni tal-muniti

Għall-ismijiet, l-abbrevjazzjonijiet u l-ordni li fih jidhru l-muniti, ara t-Taqsima 7.3 u l-Anness A7.

Għar-regoli dwar kif jiġu espressi l-unitajiet monetarji, ara t-Taqsima 7.3.3.

## 3.5. Elenkar

Il-punti u l-atti elenkati f’test jimxu ma’ regoli speċifiċi.

### 3.5.1. Punti elenkati — preżentazzjoni

1. Jekk id-diversi punti f'lista jkunu ppreċeduti minn frażi introduttorja, il-frażi tispiċċa b'żewġ punti, anki jekk tintroduċi frażi introduttorja oħra:

> Ir-Regolament (KE) Nru 1623/2000 huwa emendat kif ġej:
>
> 1. L-Artikolu 92 huwa emendat kif ġej:
>
> (a) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:
>
> (i) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:
>
> "(c) il-post ta' stabbiliment [...]:"

2. Il-punti ta' lista jiġu nnumerati permezz ta' ittri żgħar fil-parentesi għall-ewwel livell, numri Rumani żgħar fil-parentesi għat-tieni livell u numri Għarab fil-parentesi għat-tielet livell. L-inċiżi huma użati għar-raba' livell. Din-id-Direttiva għandha tapplika għa:

> Din-id-Direttiva għandha tapplika għal:
>
> (a) ...:
>
> (i) ...:
>
> (1) ...:
>
> — ...:

Bħala eċċezzjoni, fl-artikolu dwar id-definizzjonijiet u fid-dispożizzjonijiet ta' emenda (ara t-Taqsima 3.3), il-punti huma nnumerati permezz ta' numri Għarab fil-parentesi għall-ewwel livell, ittri żgħar fil-parentesi għat-tieni livell u numri Rumani żgħar fil-parentesi għat-tielet livell.

3. Il-punti elenkati li jkunu ppreċeduti b'ċifra jew ittra jiġu sseparati b'punt u virgola. Dawk li jkunu ppreċeduti b'sing jiġu sseparati b'virgoli:

> Din id-Direttiva għandha tapplika għal:
>
> (a) ...;
>
> (b) ...:
>
> (i) ...;
>
> (ii) ...;
>
> (iii) ...:
>
> (1) ...;
>
> (2) ...:
>
> — ...,
>
> — ...,
>
> — ...;
>
> (3) ...

4. Fit-tabelli jew listi, il-punteġġatura mhux soltu tintuża wara l-punti elenkati.

### 3.5.2. Elenkar ta' atti

Meta jsiru listi ta' atti tal-istess tip, la l-isem tal-awtur u lanqas it-tip ta' att ma jerġa' jiġi rripetut jekk ikun identiku:

> **(1) Id-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/90/KE (3) u 2003/91/KE (4) ġew adottati biex jiżguraw li l-varjetajiet li l-Istati Membri jinkludu fil-katalogi nazzjonali tagħhom jikkonformaw [...]**
>
> **[...]**
>
> (3) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/90/KE tas-6 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni għall-iskopijiet tal-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/53/KE fir-rigward tal-karatteristiċi li għandhom jiġu koperti bħala minimu mill-eżami u l-kondizzjonijiet minimi għall-eżami ta' ċerti varjetajiet ta' speċi ta' pjanti agrikoli (ĠU L 254, 8.10.2003, p. 7,ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/90/oj).
>
> (4) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/91/KE tas-6 ta' Ottubru 2003 li twaqqaf il-miżuri ta' implimentazzjoni għall-għanijiet ta' Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE rigward il-karatteristiċi li għandhom jiġu inklużi bħala minimu ottenut mill-eżami u l-kondizzjonijiet minimi għall-eżami ta'ċerti varjetajiet ta'speċi ta' ħaxix (ĠU L 254, 8.10.2003, p. 11,ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/91/oj).

L-abbrevjazzjoni(jiet) tat-Trattat(i) huma parti integrali min-numru tal-att u għalhekk jiġu rrepetuti qabel kull numru:

> **[...] tar-Regolamenti (KE) Nru 852/2004 u (KE) Nru 853/2004 [...]**

> **Id-Direttivi 94/35/KE u 94/36/KE [...]**

Preferibbilment l-atti jiġu ċċitati f'ordni kronoloġiku.

## 3.6. Definizzjoni ta' espressjonijiet jew kliem

Id-definizzjoni ta' espressjoni jew kelma dejjem tidher bejn virgoletti doppji (jintużaw il-virgoletti singoli meta tkun diġà ġewwa l-virgoletti):

> **Il-Kummissjoni tinnota li skont ir-Regolament dwar il-Bini tal-Vapuri, "bini tal-vapuri" tfisser il-bini ta' qxur tal-baħar kummerċjali motorizzati.**

F'lista, l-espressjoni jew kelma titqiegħed bejn virgoletti doppji:

> **Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:**
>
> **(1) "investiment ambjentalment sostenibbli" tfisser investiment f'attività ekonomika waħda jew aktar li jikkwalifikaw bħala ambjentalment sostenibbli taħt dan ir-Regolament;**
>
> **(2) "parteċipant fis-swieq finanzjarji" tfisser ...**

Il-punti jiġu nnumerati b'numri Għarab fil-parentesi. Fejn ikun meħtieġ li jkun hemm iktar suddiviżjonijiet, jintużaw ittri żgħar fil-parentesi għat-tieni livell u numri Rumani żgħar fil-parentesi għat-tielet livell.

## 3.7. Il-ftehimiet internazzjonali

Ftehimiet internazzjonali jistgħu jkunu kkollegati ma' att ta' leġiżlazzjoni sekondarja, li ġeneralment japprovahom. Dawn jiġu "mehmuża" (u mhux "annessi") ma' dan l-att (deċiżjoni jew regolament).

Peress li dawn l-atti jkunu ffirmati minn pajjiżi terzi, mhuwiex permess li jsiru bidliet fit-test ta' dawn l-atti.

Fil-ftehimiet internazzjonali, eċċ. tinkiteb id-data sħiħa fi kliem (ara t-Taqsima 2.5).

# Tabelli ta' sommarju

## Il-kontenut tas-serje

| **L** (1) | **C** (2) | **S** |
|---|---|---|
| Atti leġiżlattivi (L I)<br>Atti mhux leġiżlattivi (L II)<br>Atti oħra (L III) | Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet (C I)<br>Komunikazzjonijiet (C II)<br>Atti Preparatorji (C III)<br>Informazzjoni (C IV)<br>Avviżi (C V) | Kuntratti Pubbliċi (sejħiet għal offerti): xogħlijiet, provvisti, servizzi, (miftuħa, ristretti, proċeduri mħaffa)<br>Avviżi mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni Ewropea jew programmi tal-Unjoni (eż. il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, il-Bank Ewropew tal-Investiment, eċċ.) |

(1) Serje supplimentata bis-serje L … I (twaqqfet mill-1 ta' Ottubru 2023)(ara t-Taqsima 1.1).
(2) Serje supplimentata bis-serje C … A (twaqqfet mill-1 ta' Ottubru 2023), C … E (twaqqfet mill-1 ta' April 2014) u C … I (twaqqfet mill-1 ta' Ottubru 2023) (ara t-Taqsima 1.1).

## Elementi distintivi tar-regolamenti, direttivi u deċiżjonijiet (L I u L II)

| Istituzzjoni | Att | In-natura tal-att | Elementi identifikattivi — atti leġiżlattivi / atti mhux leġiżlattivi | Taħt l-intestatura | Firmatarju |
|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Parlament Ewropew + Kunsill** | Regolament | Leġiżlattiv (proċedura leġiżlattiva ordinarja) | L-ewwel konsiderazzjoni: *Wara li kkonsidraw it-Trattat […], u b'mod partikolari l-Artikolu …* tiegħu<br>+ konsiderazzjoni: *Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja* | L I | Il-President tal-Parlament Ewropew + Il-President tal-Kunsill |
| | Direttiva | Leġiżlattiva (proċedura leġiżlattiva ordinarja) | L-ewwel konsiderazzjoni: *Wara li kkonsidraw it-Trattat …, u b'mod partikolari l-Artikolu …* tiegħu<br>+ konsiderazzjoni: *Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja* | L I | Il-President tal-Parlament Ewropew + Il-President tal-Kunsill |
| | Deċiżjoni | Leġiżlattiva (proċedura leġiżlattiva ordinarja) | L-ewwel konsiderazzjoni: *Wara li kkonsidraw it-Trattat …, u b'mod partikolari l-Artikolu …* tiegħu<br>+ konsiderazzjoni: *Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja* | L I | Il-President tal-Parlament Ewropew + Il-President tal-Kunsill |
| | Deċiżjoni (eż. mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni) | Mhux leġiżlattiva | L-ewwel konsiderazzjoni: *Wara li kkonsidraw it-Trattat …,*<br>l-ebda konsiderazzjoni dwar il-proċedura leġiżlattiva | L II | Il-President tal-Parlament Ewropew + Il-President tal-Kunsill |
| **Il-Parlament Ewropew** | Regolament | Leġiżlattiv (proċedura leġiżlattiva ordinarja) | L-ewwel konsiderazzjoni: *Wara li kkonsidra t-Trattat …, u b'mod partikolari l-Artikolu …* tiegħu<br>+ konsiderazzjoni: *Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali* | L I | Il-President tal-Parlament Ewropew |
| | Deċiżjoni | Mhux leġiżlattiva | L-ewwel konsiderazzjoni:*Wara li kkonsidra t-Trattat …, u b'mod partikolari l-Artikolu …* tiegħu<br>l-ebda konsiderazzjoni dwar il-proċedura leġiżlattiva | L II | Il-President tal-Parlament Ewropew |
| **Kunsill Ewropew** | Deċiżjoni | Mhux leġiżlattiva | L-ewwel konsiderazzjoni:*Wara li kkonsidra t-Trattat …, u b'mod partikolari l-Artikolu …* tiegħu<br>l-ebda konsiderazzjoni dwar il-proċedura leġiżlattiva | L II | Il-President tal-Kunsill Ewropew |

*(Ikompli)*

| Istituzzjoni | Att | In-natura tal-att | Elementi identifikattivi — atti leġiżlattivi / atti mhux leġiżlattivi | Taħt l-intestatura | Firmatarju |
|---|---|---|---|---|---|
| **Kunsill** | Regolament | Leġiżlattiv (proċedura leġiżlattiva ordinarja) | L-ewwel konsiderazzjoni: *Wara li kkonsidra t-Trattat ..., u b’mod partikolari l-Artikolu ...* tiegħu<br>+ konsiderazzjoni: *Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali* | L I | Il-President tal-Kunsill |
| | Regolament (ibbażat direttament fuq it-Trattati) | Mhux leġiżlattiv | L-ewwel konsiderazzjoni: *Wara li kkonsidra t-Trattat ..., u b’mod partikolari l-Artikolu ...* tiegħu<br>l-ebda konsiderazzjoni dwar il-proċedura leġiżlattiva | L II | Il-President tal-Kunsill |
| | Regolament ta’ implimentazzjoni | Mhux leġiżlattiv | L-ewwel konsiderazzjoni: *Wara li kkonsidra t-Trattat ...,*<br>+ it-tieni konsiderazzjoni: *Wara li kkonsidra ..., u b’mod partikolari l-Artikolu ...* tiegħu<br>l-ebda konsiderazzjoni dwar il-proċedura leġiżlattiva | L II | Il-President tal-Kunsill |
| | Direttiva | Leġiżlattiva (proċedura leġiżlattiva ordinarja) | L-ewwel konsiderazzjoni: *Wara li kkonsidra t-Trattat ..., u b’mod partikolari l-Artikolu ...* tiegħu<br>+ konsiderazzjoni: *Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali* | L I | Il-President tal-Kunsill |
| | Direttiva (ibbażata direttament fuq it-Trattati) | Mhux leġiżlattiva | L-ewwel konsiderazzjoni: *Wara li kkonsidra t-Trattat ..., u b’mod partikolari l-Artikolu ...* tiegħu<br>l-ebda konsiderazzjoni dwar il-proċedura leġiżlattiva | L II | Il-President tal-Kunsill |
| | Direttiva ta’ implimentazzjoni | Mhux leġiżlattiva | L-ewwel konsiderazzjoni: *Wara li kkonsidra t-Trattat ...*<br>+ it-tieni konsiderazzjoni: *Wara li kkonsidra ..., u b’mod partikolari l-Artikolu ...*<br>l-ebda konsiderazzjoni dwar il-proċedura leġiżlattiva | L II | Il-President tal-Kunsill |
| | Deċiżjoni | Leġiżlattiva (proċedura leġiżlattiva ordinarja) | L-ewwel konsiderazzjoni: *Wara li kkonsidra t-Trattat ..., u b’mod partikolari l-Artikolu ...* tiegħu<br>+ konsiderazzjoni: *Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali* | L I | Il-President tal-Kunsill |
| | Deċiżjoni (ibbażata direttament fuq it-Trattati, inklużi d-Deċiżjonijiet tal-PESK) | Mhux leġiżlattiva | L-ewwel konsiderazzjoni: *Wara li kkonsidra t-Trattat ..., u b’mod partikolari l-Artikolu ...* tiegħu<br>Fil-każ ta’ deċiżjonijiet tal-PESK, l-ewwel konsiderazzjoni: *Wara li kkonsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu ...* tiegħu,<br>l-ebda konsiderazzjoni dwar il-proċedura leġiżlattiva | L II | Il-President tal-Kunsill |
| | Deċiżjoni ta’ implimentazzjoni | Mhux leġiżlattiva | L-ewwel konsiderazzjoni: *Wara li kkonsidra t-Trattat ...*<br>+ it-tieni konsiderazzjoni: *Wara li kkonsidra ..., u b’mod partikolari l-Artikolu ...*<br>l-ebda konsiderazzjoni dwar il-proċedura leġiżlattiva | L II | Il-President tal-Kunsill |
| **Il-Kummissjoni** | Regolament (ibbażat direttament fuq it-Trattati) | Mhux leġiżlattiv | L-ewwel konsiderazzjoni: *Wara li kkonsidrat it-Trattat ..., u b’mod partikolari l-Artikolu ...* tiegħu<br>l-ebda konsiderazzjoni dwar il-proċedura leġiżlattiva | L II | Il-President tal-Kummissjoni |

*(Ikompli)*

| Istituzzjoni | Att | In-natura tal-att | Elementi identifikattivi — atti leġiżlattivi / atti mhux leġiżlattivi | Taħt l-intestatura | Firmatarju |
|---|---|---|---|---|---|
| | Regolament delegat | Mhux leġiżlattiv | L-ewwel konsiderazzjoni: *Wara li kkonsidrat it-Trattat ...,*<br>+ it-tieni konsiderazzjoni: *Wara li kkonsidrat ..., u b'mod partikolari l-Artikolu ...* tiegħu<br>l-ebda konsiderazzjoni dwar il-proċedura leġiżlattiva | L II | Il-President tal-Kummissjoni |
| | Regolament ta' implimentazzjoni | Mhux leġiżlattiv | L-ewwel konsiderazzjoni: *Wara li kkonsidrat it-Trattat ...,*<br>+ it-tieni konsiderazzjoni: *Wara li kkonsidrat ..., u b'mod partikolari l-Artikolu ...* tiegħu<br>l-ebda konsiderazzjoni dwar il-proċedura leġiżlattiva | L II | Il-President tal-Kummissjoni |
| | Direttiva (ibbażata direttament fuq it-Trattati) | Mhux leġiżlattiva | L-ewwel konsiderazzjoni: *Wara li kkonsidrat it-Trattat ..., u b'mod partikolari l-Artikolu ...* tiegħu<br>l-ebda konsiderazzjoni dwar il-proċedura leġiżlattiva | L II | Il-President tal-Kummissjoni |
| | Direttiva delegata | Mhux leġiżlattiva | L-ewwel konsiderazzjoni: *Wara li kkonsidrat it-Trattat ...,*<br>+ it-tieni konsiderazzjoni: *Wara li kkonsidrat ..., u b'mod partikolari l-Artikolu ...* tiegħu<br>l-ebda konsiderazzjoni dwar il-proċedura leġiżlattiva | L II | Il-President tal-Kummissjoni |
| | Direttiva ta' implimentazzjoni | Mhux leġiżlattiva | L-ewwel konsiderazzjoni: *Wara li kkonsidrat it-Trattat ...,*<br>+ it-tieni konsiderazzjoni: *Wara li kkonsidrat ..., u b'mod partikolari l-Artikolu ...* tiegħu<br>l-ebda premessa dwar il-proċedura leġiżlattiva | L II | Il-President tal-Kummissjoni |
| | Deċiżjoni (ibbażata direttament fuq it-Trattati) | Mhux leġiżlattiva | L-ewwel konsiderazzjoni: *Wara li kkonsidrat it-Trattat ..., u b'mod partikolari l-Artikolu ...* tiegħu<br>l-ebda konsiderazzjoni dwar il-proċedura leġiżlattiva | L II | Il-President tal-Kummissjoni<br>Membru tal-Kummissjoni (jekk ikun hemm destinatarji) |
| | Deċiżjoni delegata | Mhux leġiżlattiva | L-ewwel konsiderazzjoni: *Wara li kkonsidrat it-Trattat ...*<br>+ it-tieni konsiderazzjoni: *Wara li kkonsidrat ..., u b'mod partikolari l-Artikolu ...* tiegħu<br>l-ebda konsiderazzjoni dwar il-proċedura leġiżlattiva | L II | Il-President tal-Kummissjoni<br>Membru tal-Kummissjoni (jekk ikun hemm destinatarji) |
| | Deċiżjoni ta' implimentazzjoni | Mhux leġiżlattiva | L-ewwel konsiderazzjoni: *Wara li kkonsidrat it-Trattat ...,*<br>+ it-tieni konsiderazzjoni: *Wara li kkonsidrat ..., u b'mod partikolari l-Artikolu ...* tiegħu<br>l-ebda konsiderazzjoni dwar il-proċedura leġiżlattiva | L II | Il-President tal-Kummissjoni<br>Membru tal-Kummissjoni (jekk ikun hemm destinatarji) |
| **Bank Ċentrali Ewropew** | Regolament | Mhux leġiżlattiv | L-ewwel konsiderazzjoni: *Wara li kkonsidra t-Trattat ..., u b'mod partikolari l-Artikolu ... tiegħu*<br>l-ebda konsiderazzjoni dwar il-proċedura leġiżlattiva | L II | Il-President tal-Bank Ċentrali Ewropew |
| | Deċiżjoni | Mhux leġiżlattiva | L-ewwel konsiderazzjoni: *Wara li kkonsidra t-Trattat ..., u b'mod partikolari l-Artikolu ... tiegħu*<br>l-ebda konsiderazzjoni dwar il-proċedura leġiżlattiva | L II | Il-President tal-Bank Ċentrali Ewropew |

*(Ikompli)*

| Istituzzjoni | Att | In-natura tal-att | Elementi identifikattivi — atti leġiżlattivi / atti mhux leġiżlattivi | Taħt l-intestatura | Firmatarju |
|---|---|---|---|---|---|
| | Linja gwida | Mhux leġiżlattiva | L-ewwel konsiderazzjoni: *Wara li kkonsidra t-Trattat ..., u b'mod partikolari l-Artikolu ... tiegħu*<br>l-ebda konsiderazzjoni dwar il-proċedura leġiżlattiva | L II | Il-President tal-Bank Ċentrali Ewropew |

# In-numerazzjoni tal-Ġurnali Uffiċjali

| Id-data | In-numru |
|---|---|
| Mill-1952 sat-30.6.1967 (il-ĠU kien ikollu l-paġinazzjoni ta' sena sħiħa u s-sena inkluża) | ĠU 106, 30.12.1962, p. 2553/62 |
| Mill-1.7.1967 (kull ħarġa bdiet tibda minn paġna numru 1) | ĠU 174, 31.7.1967, p. 1 |
| **Mill-1968 (inħolqu l-ĠU L u C)** | **ĠU L 76, 28.3.1968, p. 1**<br>**ĠU C 108, 19.10.1968, p. 1** |
| 1978 (inħoloq il-ĠU S) | ĠU S 99, 5.5.1978, p. 1 |
| Mill-1991 sat-30.9.2023 (ĠU C...A) | ĠU C 194 A, 31.7.2008, p. 1 |
| Mill-31.8.1999 sal-31.3.2014 (ĠU C ... E) | ĠU C 189 E, 26.7.2008, p. 1 |
| Mill-1.1.2016 sat-30.9.2023 (ĠU L...I u C...I) | ĠU L 11 I, 16.1.2016, p. 1<br>ĠU C 15 I, 16.1.2016, p. 1 |
| Mill-1.10.2023 (l-introduzzjoni tal-Ġurnal Uffiċjali ppubblikat att b'att) | ĠU L, 2023/2387, 2.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/2387/oj<br>ĠU C, C/2023/90, 2.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2023/90/oj |

# In-numerazzjoni tal-atti (is-serje L)

**Regulations**

| Id-data | In-numru |
|---|---|
| Mill-1952 sal-31.12.1962 | Ir-Regolament Nru 17 |
| Mill-1.1.1963 sal-31.12.1967 | Ir-Regolament Nru 1009/67/KEE |
| Mill-1.1.1968 sal-31.10.1993 | Ir-Regolament (KEE) Nru 1470/68 |
| Mill-1.11.1993 sal-31.12.1998 | Ir-Regolament (KE) Nru 3031/93 |
| Mill-1.1.1999 sat-30.11.2009 | Ir-Regolament (KE) Nru 302/1999<br>Ir-Regolament (KE) Nru 1288/2009 |
| Mill-1.12.2009 sal-31.12.2014 | Ir-Regolament (UE) Nru 1178/2009 |
| **Mill-1.1.2015** | **Ir-Regolament (UE) 2015/475** |

## Direttivi, deċiżjonijiet

| Atti | Id-data | In-numru |
|---|---|---|
| Direttiva (L I u L II) | Sal-31.12.2014 | Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<br>Id-Direttiva tal-Kunsill 2010/12/UE<br>Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/29/UE |
| | **Mill-1.1.2015** | **Id-Direttiva (UE) 2015/254 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**<br>**Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/121**<br>**Id-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2015/565** |
| Deċiżjoni (L I) | Sal-31.12.2014 | Id-Deċiżjoni Nru 284/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill |
| | **Mill-1.1.2015** | **Id-Deċiżjoni (UE) 2015/601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** |
| Deċiżjoni (L II) | Sal-31.12.2014 | Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE<br>Id-Deċiżjoni 2010/204/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<br>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/231/PESK |
| | **Mill-1.1.2015** | **Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/119**<br>**Id-Deċiżjoni (UE) 2015/468 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**<br>**Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/76** |

## Rakkomandazzjonijiet, linji gwida (L II)

| Atti | Id-data | In-numru |
|---|---|---|
| Rakkomandazzjoni | Sal-31.12.2014 | 2009/1019/UE |
| | **Mill-1.1.2015** | **(UE) 2015/682** |
| Linji gwida | Sal-31.12.2014 | 2009/1021/UE (BĊE/2009/28) |
| | **Mill-1.1.2015** | **(UE) 2015/732 (BĊE/2015/20)** |

NB: Ir-Rakkomandazzjonijiet jiġu ppubblikati:

— fis-serje L (atti mhux leġiżlattivi — L II): Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill (Artikoli 121, 126 u 140 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea), rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni (Artikolu 292), rakkomandazzjonijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (Artikolu 292);

— fis-serje C (riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet — C I): Rakkomandazzjonijiet tal-Parlament Ewropew għall-attenzjoni tal-Kunsill, rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill, rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni, rakkomandazzjonijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew;

— fis-serje C (atti preparatorji — C III): Rakkomandazzjonijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (Artikoli 129 u 219).

## Deċiżjonijiet taż-ŻEE, deċiżjonijiet tal-EFTA u rakkomandazzjonijiet

| Atti | Id-data | In-numru |
|---|---|---|
| Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE | Sal-31.12.2014 (numerazzjoni mill-awtur biss) | Nru 119/2009 |
| | **Mill-1.1.2015 (numerazzjoni doppja)** | **Nru 159/2014 [2015/94]** |
| Id-Deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA | Sal-31.12.2014 (numerazzjoni mill-awtur biss) | Nru 133/09/COL |
| | **Mill-1.1.2015 (numerazzjoni doppja)** | **Nru 30/15/COL [2015/1813]**<br>**Nru 226/17/COL [2018/564]** |
| Ir-Rakkomandazzjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA | Sal-31.12.2014 (numerazzjoni mill-awtur biss) | Nru 119/07/COL |
| | **Mill-1.1.2015 (numerazzjoni doppja)** | **Nru N/SS/COL [SSSS/N]** |

# Struttura ta' Att



It-Tieni Parti

# Pubblikazzjonijiet ġenerali

Il-Pubblikazzjonijiet ġenerali jinkludu identifikaturi, elementi editorjali bħal avviżi dwar id-drittijiet tal-awtur, u jsegwu n-normi għar-referenzi, iċ-ċitazzjonijiet, l-istruttura, eċċ.



# 4. Tħejjija u identifikazzjoni tad-dokumenti

Id-dokumenti jitħejjew minn diversi atturi matul il-proċess tal-pubblikazzjoni, u l-identifikaturi jiġu assenjati skont it-tipi ta’ pubblikazzjoni.

## 4.1. L-awturi, id-dipartimenti tal-awtorizzazzjoni, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet u l-istampar

L-awturi, il-persuni inkarigati mill-proġetti u l-qarrejja tal-provi jipparteċipaw fil-proċess ta’ produzzjoni ta’ test.

### 4.1.1. L-awturi u l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

L-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni Ewropea jistgħu jużaw l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għall-bżonnijiet kollha tal-pubblikazzjoni tagħhom. L-Uffiċċju jpoġġi għad-dispożizzjoni tal-awturi, fost oħrajn, is-servizzi li ġejjin:

— tħejjija ta’ pubblikazzjonijiet stampati u pubblikazzjonijiet multimedjali (CD-ROM, DVD, siti tal-Internet, kotba elettroniċi) u kuntratti ma’ provvedituri esterni,

— disinn grafiku,

— servizzi ta’ qari tal-provi,

— POD, printing on demand (pubblikazzjonijiet stampati fuq rikjesta),

— provvista ta’ identifikaturi (ISBN, ISSN, DOI, numri tal-katalogi — ara t-Taqsima 4.4).

NB: Għall-pubblikazzjonijiet imħejjija direttament mill-Uffiċċju, l-identifikaturi jingħataw awtomatikament.

#### Il-proċedura fil-qosor

Id-dipartiment tal-awturi għandu l-ewwel nett jagħmel rikjesta lid-dipartiment tal-awtorizzazzjoni tal-istituzzjoni, l-organu jew l-aġenzija tiegħu. Imbagħad tiġi stabbilita u mibgħuta rikjesta għall-pubblikazzjoni lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni jew tal-istima li ssir, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet iħejji l-karti tal-ordni u jibgħathom lid-dipartiment tal-awtorizzazzjoni għall-firma.

Wara li jaslu l-manuskritt definittiv u l-karti tal-ordni ffirmati, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet iħejji t-tipografija u l-qari inizjali tad-dokument. Fit-tmiem tal-produzzjoni, wara l-verifika ta’ għadd ta’ eżemplari, tal-identifikaturi (l-ISBN, l-ISSN, id-DOI, in-numru tal-katalogu), tal-prezz eventwali tal-bejgħ u tal-modi tal-kunsinna, tintbagħat il-formola għall-pubblikazzjoni.

Wara l-kunsinna, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet iwettaq kontrolli kwalitattivi tal-pubblikazzjoni u jivverifika l-konformità bejn il-pubblikazzjoni kkunsinnata u l-fattura.

F’dak li għandu x’jaqsam mal-pubblikazzjonijiet perjodiċi, wieħed għandu jevita l-bdil tat-titolu jew tal-preżentazzjoni matul is-sena kkonċernata, billi dawn il-modifiki jirriżultaw f’kumplikazzjonijiet u dewmien għas-serje u l-katalogu, kif ukoll diffikultajiet fil-bejgħ u taħwid għall-qarrej.

**Għall-awturi**

**Trid toħloq pubblikazzjoni? Trid tagħmel poster? Trid tolqot udjenza speċifika?**
**It-tweġibiet għall-mistoqsijiet tekniċi u amministrattivi tiegħek jinsabu kollha fuq**

https://op.europa.eu/en/web/publicare/providing-publishing-and-preservation-services

*(Ħolqa interna ta’ ħidma għall-persunal tal-istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-Unjoni Ewropea)*

## 4.1.2. Ġestjoni tal-proġetti mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

### Interventi mill-managers tal-proġetti

Il-managers tal-proġetti jipproċedu għat-tħejjija tat-tipografija tal-manuskritt. L-indikazzjonijiet tipografiċi, l-għażla tal-karattri, id-determinazzjoni tal-formati u l-pjanifikazzjoni tal-iskadenzi għandhom jikkorrispondu mal-informazzjoni li jkun hemm fil-kuntratti ta' qafas, is-sejħiet għal offerti u l-karti tal-ordni.

Il-managers jikkontrollaw l-identifikaturi internazzjonali; ISBN, ISSN, DOI (ara t-Taqsima 4.4), kif ukoll in-numru tal-katalogu tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet stess.

Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-qoxra; jekk il-ħxuna tal-pubblikazzjoni tippermetti, it-titolu għandu jkun stampat fuq ix-xewka tagħha.

Il-formola għall-pubblikazzjoni tingħata wara l-verifika, partikolarment tal-paġni introduttorji (it-titolu, id-dritt tal-awtur, il-werrej, eċċ.). Din għandha tingħata mingħajr eċċezzjoni bil-miktub lill-istamperija bil-punti li ġejjin:

— it-titolu tal-pubblikazzjoni,
— indikazzjoni tal-lingwa jew il-lingwi tal-pubblikazzjoni,
— l-għadd ta' eżemplari rikjesti,
— il-karatteristiċi ewlenin,
— id-data tal-iskadenza għall-kunsinna, li tinkludi l-indikazzjonijiet dwar id-depożitu u l-ħlasijiet parzjali,
— il-post(ijiet) tal-kunsinna, possibbilment b'lista tal-lokalitajiet (fejn ikun xieraq).

### Id-disinjaturi

L-uffiċċju tal-ħolqien tal-grafika joħloq abbozzi u mudelli għall-posters, fuljetti, il-qoxra u l-mudelli tal-paġni, li jistgħu jintbagħtu lill-awturi qabel ma jiġu finalizzati.

Id-disinjaturi jistgħu wkoll jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-identitajiet viżwali (l-emblemi, grafika, eċċ.) u d-disinn grafiku tas-siti tal-Internet (il-preżentazzjoni viżiva, il-banners, eċċ.).

## 4.1.3. Qari tal-Provi fl-Uffiċċju

Il-qarrejja tal-provi jservu ta' par għajnejn ġodda għat-test li se jiġi ppubblikat u huma fdati bil-kontroll lingwistiku (ir-rispett lejn il-lingwa u l-konvenzjonijiet tagħha) u tekniku (rispett lejn it-tipografija). Madankollu, il-qarrejja tal-provi mhumiex reviżuri: għandhom jibqgħu newtrali fil-konfront tal-intenzjonijiet tal-awtur u dan jibqa' dejjem l-uniku ġudikatur fir-rigward tat-test.

### Finalizzazzjoni tal-manuskritti

Il-manuskritti jiġu fdati lill-qarrejja tal-provi għall-finalizzazzjoni (preparazzjoni tipografika u qari tat-test). Dan l-istadju qabel il-produzzjoni huwa maħsub biex jikkoreġi l-iżbalji ortografiċi u grammatikali u jindividwa l-impreċiżjonijiet u l-inkoerenzi, biex il-messaġġ li jintbagħat ikun jinftiehem perfettament. Għandu wkoll ikun hemm eżami bir-reqqa tal-omoġeneità fl-elementi kollha tal-manuskritt. Kull ambigwità jew dubju għandu jiġi indirizzat b'kooperazzjoni mill-qrib mad-dipartiment tal-awturi.

Il-qarrejja tal-provi għandhom ukoll jassiguraw li t-test ikun konformi mar-regoli u l-konvenzjonijiet interistituzzjonali ta' din il-Gwida tal-Istil.

NB: Fuq talba tad-dipartiment tal-awturi, u bil-qbil tiegħu minn qabel, jistgħu jsiru interventi editorjali iktar profondi (reviżjoni editorjali tat-test).

In-numerazzjoni tal-paġni tal-manuskritt, li trid tkun ġiet miftiehma mad-dipartiment tal-awturi, tiġi kkontrollata u kkompletata, skont il-każ. L-elementi kollha neqsin tal-manuskritt għandhom jiġu notifikati immedjatament. Għandha tiġi ċċekkjata wkoll il-konformità tan-noti fit-test man-noti ta' qiegħ il-paġna.

Hija l-kompetenza tas-servizz tal-awtur li jaċċerta l-konformità tal-verżjonijiet lingwistiċi differenti tal-manuskritt. Madankollu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jista' jwettaq dan il-kontroll, skont il-każ, u jekk is-servizz tal-awtur jagħti biżżejjed żmien qabel id-dati ta' skadenza.

L-għan ewlieni tal-finalizzazzjoni tal-manuskritti huwa li jiffaċilita l-ħidma tal-kompożizzjoni b'tali mod li ma jsirux spejjeż żejda iktar 'il quddiem. Il-kwalità tal-manuskritt mogħti lill-istampatur hija għalhekk element ewlieni fil-proċess sussegwenti tal-produzzjoni. L-awturi, huma u jikkonformaw mal-indikazzjonijiet dwar it-tħejjija u l-preżentazzjoni tal-manuskritti (ara t-Taqsima 4.2), u huma u jassiguraw il-kwalità impekkabbli tat-test, għandhom l-opportunità li jillimitaw l-ispejjeż tal-produzzjoni, filwaqt li jħaffu l-proċess (il-formola għall-pubblikazzjoni tista' tingħata wkoll għall-ewwel prova).

Manuskritt difettuż jista' jintbagħat lura lill-awtur.

Manuskritt tajjeb jiggarantixxi produzzjoni rapida u ta' kwalità.

### Il-provi u l-korrezzjonijiet tal-awtur

Il-provi jiġu kkoreġuti mill-qarrejja tal-provi li jivverifikaw il-korrispondenza tat-test mal-manuskritt mogħti u mar-regoli tal-użu għal kull lingwa. Jintbagħat sett tal-ewwel provi lid-dipartiment tal-awturi għall-approvazzjoni u fl-istess ħin biex jiddaħħlu l-korrezzjonijiet tal-awtur.

Il-korrezzjonijiet tal-awtur fuq il-provi għandhom ikunu limitati għal dak li hu essenzjali. Id-dipartiment tal-awtur għandu jassigura li l-korrezzjonijiet tiegħu jkunu leġibbli, viżibbli u b'tali mod li l-qarrej tal-provi ma jkollux għalfejn jirrevedi x-xogħol linja b'linja (korrezzjonijiet bl-aħmar, viżibbli ħafna, imdawrin b'ċirku jew fil-ġenb tal-paġna; l-awtur ma għandux jagħmel il-korrezzjonijiet tiegħu fuq karta separata).

L-istampatur iqis bħala korrezzjoni tal-awtur — bi spiża addizzjonali — kull korrezzjoni fuq il-prova li tkun differenti mill-manuskritt inizjali (titjib, korrezzjonijiet, armonizzazzjonijet, aġġornamenti, kjarifiki li jirriżultaw minn manuskritt mhux ċar jew mhux imħejji sew, eċċ.). F'dan l-istadju, wieħed ma għandux jibqa' jimmodifika l-frażjoloġija, u lanqas ma għandu jaġġorna l-fatti jew iċ-ċifri li jaslu fl-aħħar minuta u li jkunu iktar reċenti mill-perjodu ta' referenza tax-xogħol, u lanqas ma għandhom jiżdiedu sinjali tal-punteġġatura bil-għan ta' perfezzjoni mhux realistika.

Il-korrezzjonijiet tal-awtur, jiġifieri l-addizzjonijiet u t-tneħħijiet kollha, minn sempliċi virgola għal paragrafu sħiħ, għandhom jiġu evitati kemm jista' jkun minħabba possibbiltà ta' dewmien u tal-ispejjeż li jinvolvu. L-ispejjeż jistgħu jilħqu ammonti sinifikanti u li ma jkunux jidhru proporzjonati fil-konfront tal-korrezzjonijiet mitluba. Modifika minima tista' twassal għar-riformular ta' paragrafi sħaħ, għal tqassim mill-ġdid ta' diversi paġni jew tal-manuskritt kollu b'effett eventwali fuq il-paġinazzjoni, fuq il-werrej u fuq ir-referenzi fit-test jew fl-indiċi (fil-każ ta' modifiki li jitqiesu indispensabbli, hija r-responsabbiltà tal-awtur li jieħu f'idejh it-tibdil li jirriżulta).

Il-kompożizzjoni teħtieġ ġeneralment żewġ provi. Waqt l-ewwel prova, il-qarrej tal-provi jaqra t-test kollu u jqabblu mal-manuskritt; huwa jivverifika jekk it-test fihx l-elementi kollha u jekk tħarsux l-istruzzjonijiet tipografiċi. Fit-tieni prova mbagħad huwa jivverifka kull korrezzjoni li tkun saret fl-ewwel prova. L-ebda korrezzjoni tal-awtur ma għandha tiġi aċċettata fl-istadju tat-tieni prova.

Fir-rigward ta' pubblikazzjonijiet perjodiċi jew urġenti, u li jkunu soġġetti għal data ta' skadenza, id-dipartiment tal-awtur għandu jirispetta data għat-tmiem tal-editjar. Din l-eżiġenza tippermetti mhux biss li jiġu rispettati l-iskadenzi, iżda wkoll li ma jsirux korrezzjonijiet tal-awtur fl-aħħar minuta u, għalhekk, ma jsirux spejjeż żejda.

Fl-aħħar nett, ta' min jinnota li l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet ma jistax jaċċetta li jsiru korrezzjonijiet tal-awtur mingħajr il-qbil formali tad-dipartiment tal-awtorizzazzjoni.

## 4.2. Dokumenti oriġinali (manuskritti)

Mill-aħħar tas-snin 90, il-manuskritti bdew jiġu prodotti f'forma elettronika (Word, PDF, HTML, eċċ.). It-tħejjija u l-ipproċessar tat-test huma marbutin mill-qrib mal-użu ta' proċeduri tal-informatika definiti sewwa (macros, programmi ta' korrezzjoni, eċċ). Din it-taqsima tiddeskrivi l-proċeduri rrakkomandati għall-ipproċessar ottimizzat tat-testi li għandhom jiġu ppubblikati, li sempliċement jiżdiedu max-xogħol tradizzjonali tat-test (tħejjija lingwistika).

Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċentraw fuq l-ipproċessar tal-fajls f'format Word, l-għodda standard biex jiddaħħlu d-dokumenti oriġinali fl-istituzzjonijiet Ewropej. Il-prinċipji bażiċi deskritti aktar 'il quddiem jistgħu faċilment jiġu adattati għal kwalunkwe software ieħor tas-suq.

### 4.2.1. Il-prinċipju ta' katina tal-produzzjoni

Id-dokumenti oriġinali pprovduti mis-servizzi tal-awturi (manuskritti) għandhom jiġu soġġetti għal tħejjija organizzata bir-reqqa. Għal produzzjoni effikaċi, u fl-istess ħin rapida, huwa rrakkomandat li jiġu stabbiliti "ktajjen ta' produzzjoni" bejn is-servizzi tal-awturi, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet u l-istamperiji.

"Katina ta' produzzjoni" tfisser sempliċement il-prinċipji ta' xogħol komuni applikati sa mit-tfassil tat-test fuq mezz elettroniku:

— folji tal-istili/mudelli jew protokolli tal-immarkar (ara t-Taqsima 4.2.2),

— regoli ta' kitba standard (b'applikazzjoni tar-regoli u l-konvenzjonijiet ta' din il-Gwida tal-Istil fl-istadju l-aktar kmieni fil-proċedura tat-tħejjija tad-dokumenti).

Fil-bidu ta' kwalunkwe xogħol, il-manager tal-proġett għandu jistabbilixxi l-parametri ta' produzzjoni kollha b'konsultazzjoni mill-qrib mal-awtur u mal-istampatur. Wieħed għandu jibda billi jistabbilixxi l-konfigurazzjoni meħtieġa tal-fajls. Iżda qabel kollox, huwa f'dan l-istadju li għandu jiġi stabbilit bi preċiżjoni l-użu tal-protokolli tal-immarkar jew tal-folji tal-istili (ara t-Taqsima 4.2.2), li d-definizzjoni tagħhom tiddependi ħafna mill-programmi ta' konverżjoni tal-kodiċi/ta' rkupru tal-istampaturi stess.

F'tali proċedura, kwalunkwe azzjoni għandha tasal fl-ogħla punt possibbli fil-katina tal-produzzjoni. Vantaġġi: it-tħejjija tal-manuskritt tista' tittejjeb, bl-evitar ta' bosta interventi manwali inutli, jew li jiswew il-flus, u li ħafna drabi huma sorsi ta' żbalji. Fl-aħħar, il-produzzjoni tkun aktar rapida, il-kwalità aħjar u l-ispejjeż tal-produzzjoni jonqsu.

Fl-aħħar nett, pjan ta' xogħol stabbli u unifikat jippermetti lil kull min jagħmel intervent, sabiex itejjeb il-proċeduri tiegħu. Jekk l-iskema tkun waħda ġġeneralizzata, dawn il-proċeduri identiċi jistgħu jiġu stabbiliti għall-atturi kollha tal-produzzjoni, b'mod partikolari għall-istamperiji, u dan, f'każ li jkun hemm xi diffikultà mhux prevista, jippermetti lill-Uffiċċju, u għalhekk lill-atturi, sabiex ikunu jistgħu jbiddlu b'mod rapidu għal parti kontraenti oħra f'każ ta' ħtieġa, mingħajr waqfien brutali fil-proċess tal-produzzjoni.

### 4.2.2. Struttura loġika tad-dokumenti

Dokument stampat huwa magħmul minn żewġ elementi: *il-kontenut*, jiġifieri s-sekwenzi ta' karattri assoċjati mal-istruttura loġika tagħhom, u *l-preżentazzjoni*.




Il-preżentazzjoni, li taqa' fil-qasam tat-tipografija, hija ffinalizzata mill-istampatur, skont l-istruzzjonijiet ta' min jieħu ħsieb il-grafika. L-aktar spiss, il-preżentazzjoni tat-test oriġinali, it-tqassim tal-paġni, eċċ., ma jikkorrispondux mal-preżentazzjoni finali tat-test magħmul mill-istampatur. Barra minn hekk, matul it-tħejjija tal-manuskritt, li wieħed ikun irid li xogħlu jkun simili ħafna għall-preżentazzjoni fuq il-karta stampata hija ta' spiss xi ħaġa inutli, jew anke ta' tfixkil (pereżempju, wieħed għandu jiżgura li ma jiġix introdott qtugħ manwali fil-kliem, għax dan il-qtugħ ikollu jitneħħa meta d-dokument jiġi pproċessat mill-istampatur).

Madankollu, b’mod imperattiv, l-istampatur għandu jkun jista’ jagħraf il-partijiet differenti tat-test. Għal dan, meta jiddaħħal it-test, wieħed għandu jiżgura li:

— jew japplika style sheet,

— jew japplika mmarkar li jsegwi protokoll stabbilit sew.

## Style sheets tal-kompjuter

Jekk it-test għandu jiġi interpretat sew mill-istampatur, huwa importanti ħafna li l-livelli differenti tat-test jiġu mmarkati korrettament (intestaturi, test normali, annotazzjonijiet, eċċ.).

F’dan ir-rigward, Word joffri soluzzjoni sempliċi, iżda li għandha tintuża b’mod strett: l-istili. Kull komponent tat-test huwa magħmul differenti bl-applikazzjoni ta’ marka (stil) differenti:

— livell tal-intestatura (*Heading 1, Heading 2,* eċċ.),

— test normali, allinjat bil-marġni ndaqs, allinjat fuq naħa waħda, eċċ. (*Normal,* eċċ.),

— referenzi, kaxex, noti ta’ qiegħ il-paġna, eċċ.

Għal kull element għandu jiġi attribwit stil uniku, preferibbilment magħmul fuq skema loġika.

**!** Pereżempju, tibdilx id-daqs jew l-għamla tal-headings b’mod manwali (tipi grassi, korsiv, eċċ.)!

Madankollu, jekk kull awtur titħallielu l-għażla tal-użu tal-istili, dan malajr jista’ joħloq diffikultà. Kull xogħol huwa soġġett għal trattament partikolari, b’abbundanza ta’ stili li faċilment jista’ jsir diffiċli biex jiġi kkontrollat. Din hija r-raġuni l-għala huwa preferibbli, jew meħtieġ, li jkun hemm standardizzazzjoni tal-istili.

Idealment, l-istyle sheets applikabbli għax-xogħlijiet differenti għandu jkollhom l-istess bażi (folja standard). Fl-istess ħin, l-istyle sheets jistgħu jakkumpanjaw mudelli xierqa, li jippermettu li tiġi ssodisfata d-diversità tal-preżentazzjonijiet (“mudell xieraq” ifisser l-adattament ta’ style sheet unika għall-preżentazzjoni tipografika speċifika tax-xogħol li għandu jitħejja).

L-użu strett tal-istili, b’mod partikolari biex isiru intestaturi differenti, għandu vantaġġ ieħor f’Word: huwa jippermetti lill-awtur sabiex joħloq werrej b’mod awtomatiku, li huwa impossibbli meta jsir divrenzjar manwali tat-titoli.

## Protokoll tal-immarkar

Teknika oħra ewlenija għat-tibdil tal-elementi tat-test hija l-applikazzjoni ta’ “protokoll tal-immarkar”, jiġifieri l-indikazzjoni tal-livell loġiku tal-elementi kollha tat-test (pereżempju, titolu tal-kapitolu, tat-taqsima; test normali, test imdaħħal ġewwa; referenzi). Għandu jinħadem protokoll tal-immarkar bid-deskrizzjoni tal-elementi msemmija, tal-marki u tal-preżentazzjoni tipografika mixtieqa.

Il-marki ta’ spiss ikollhom format tat-tip <MARKER>, pereżempju <TCHAP> għal marka li tindika titolu ta’ kapitolu. Dawn ġejjin mil-lingwaġġ tal-immarkar SGML (standard generalised markup language). Mill-implimentazzjoni tal-SGML, saru bosta evoluzzjonijiet, attwalment, bi predominanza tal-XML.

Il-marki użati f’dawn il-protokolli għandhom il-vantaġġ li jistgħu jiġu interpretati direttament mill-programmi ta’ editjar megħjunin mill-kompjuter (kif ukoll mill-programmi avvanzati tal-ipproċessar tat-test), li jagħmlu x-xogħol iebes ta’ preżentazzjoni tad-dokumenti qabel l-istampar superfluwu. L-applikazzjoni tal-protokolli tal-immarkar teħtieġ ftehim fi stadju pjuttost bikri, idealment mit-tfassil tax-xogħol.

Fil-każ ta’ dokument b’ħafna lingwi, jaqbel li jiġi assoċjat is-servizz ta’ traduzzjoni tal-istituzzjoni. Dan, li jaġixxi bħala multiplikatur tat-testi, billi jżid il-verżjonijiet ligwistiċi mixtieqa, jista’ jipproċessa t-test immarkat, u b’hekk jikkonċentra fuq il-kontenut mingħajr ma jitlef riżorsi biex jipproduċi preżentazzjoni inutilment. Wieħed għandu jsemmi wkoll li dokument immarkat, li jkun fih ammont minimu ta’ kodiċi ta’ formatjar, huwa aktar adattat għall-ipproċessar b’għodda tat-teknoloġija lingwistika avvanzata.

### 4.2.3. Tħejjija tat-test

#### Struzzjonijiet għall-ittajpjar

Sabiex jiġu mtejba l-proċeduri tax-xogħol għall-għanijiet ta' produzzjoni (karta, CD/DVD, Internet, eċċ.), huwa indispensabbli li jiġu rispettati l-istruzzjonijiet li ġejjin:

##### Ġenerali

— Ittajpjar kontinwu (mingħajr tqassim tal-paġni).

— Test mhux allinjat bil-marġni ndaqs, mingħajr qtugħ fl-aħħar tal-linja, anke jekk ikunu kliem komposti.

— Spazji fil-punteġġatura (ara t-Taqsima 6.4).

— Ipproċessar loġiku u koerenti tat-test (uża l-istess parametri għall-elementi identiċi ta' dokument).

##### Il-karattri speċjali

— Uża l-karattri speċjali disponibbli.

— Projbizzjoni ta' kwalunkwe traslitterazzjoni ("ss" għal "ß", "ue" għal "ü", eċċ.).

— Dejjem uża ċ-ċifri "1" u "0" tat-tastiera, u mhux "l" jew "O" minflokhom.

— L-ellissi (...) tagħmilhom billi tittajpja *Alt 0133* jew *Ctrl-Alt-punt (.)* (tużax tliet punti wara xulxin (...)).

##### Iċ-ċifri

— Numri li jesprimu kwantità: issepara l-gruppi ta' tliet ċifri bi spazju tal-ittajpjar (spazju fiss), u mhux b'punt (eżempju: 300 000).

— Numri li jesprimu numerar, bħalma huma l-annati, numerar tal-paġni, eċċ.: mingħajr spazju (eżempji: 1961, p. 2064).

— Numri deċimali: b'punt (eżempju: 13.6), u mhux b'virgola (ara t-Taqsima 6.5).

— Regoli tal-kitba taċ-ċifri (ara wkoll it-Taqsima 10.4).

NB: Fil-Ġurnal Uffiċjali n-numri deċimali jinkitbu b'virgola.

##### L-ispazji protetti

— Jippermettu li jiġi evitat il-qtugħ ta' entitajiet fl-aħħar tal-linja li għandhom jibqgħu flimkien.

— Għandhom jintużaw fil-każijiet li ġejjin u fil-każijiet indikati fir-regoli tal-punteġġatura (ara t-Taqsima 6.4):

| | | |
|---|---|---|
| Nru• | ĠU L• | 10•000 |
| p.• | ĠU C• | M. C.•M. Dupont |

NB: F'Word, l-ispazju fiss isir permezz tas-sekwenza *Alt 0160* jew *Ctrl-Shift-space bar*.

##### Il-graffs, l-istampi u t-tabelli

— Għaqqad il-graffs u l-istampi f'fajls apparti, f'format b'riżoluzzjoni għolja.

— Ivverifika d-drittijiet ta' riproduzzjoni/id-dritt tal-awtur għall-istampi u l-illustrazzjonijiet.

— Immarka l-post fejn għandha tiddaħħal l-istampa/il-graff b'marka ċara (<STAMPA1>, <GRAFF1>, <TABELLA1>, eċċ.).

— Ibgħat il-fajls Excel apparti.

## Il-virgoletti

— Uża l-virgoletti li jappartjenu għal-lingwa.

— Fil-lingwa Maltija, il-kwotazzjoni nagħmluha bejn virgoletti doppji (“ ”) iżda nużaw virgoletti singli (‘ ’) meta nkunu qed nikkwotaw kwotazzjoni ġo kwotazzjoni (fil-parentesi, il-kodiċi alfanumeriku li għandu jintuża għall-kitba tagħhom):

| | | |
|---|---|---|
| livell 1 | “...” | (*Alt 0147*/*Alt 0148*)<br>(kwotazzjoni) |
| livell 2 | ‘...’ | (*Alt 0145*/*Alt 0146*)<br>(kwotazzjoni ġo kwotazzjoni) |

Livelli ulterjuri għandhom ikunu ripetizzjonijiet tal-livelli 1 u 2.

## L-apostrofu

— Uża l-apostrofu tipografiku tajjeb (’ jew ′, skont il-grupp ta’ karattri użati), li jinkiseb bis-sekwenza *Alt 0146*, u mhux kif jidher fuq it-tastiera (').

## L-ittri kbar/ ittri żgħar

— M’għandek tikteb l-ebda titolu kollu b’ittri kbar.

— Applika l-ittri kbar/ittri żgħar skont ir-regoli ta’ din il-Gwida tal-Istil (ara t-Taqsima 10.3).

## In-noti ta’ qiegħ il-paġna

— Uża biss il-funzjoni *References/Insert footnote*.

— Għal manuskritt li għandu jiġi prodott fuq karta, fil-prinċipju huwa inutli, jew anke ta’ ostakolu, li terġa’ tirranġa manwalment in-numri tan-noti. Pereżempju: Word joħloq “1” iżda dawk li jikkoreġu japplikaw “(1)”. L-istampatur jieħu biss il-funzjoni *Footnote*; għalhekk huwa xogħlu li jerġa’ jirranġa n-numri tan-noti b’mod korrett, skont il-konvenzjonijiet ta’ din il-Gwida tal-Istil.

— Numerar ċar tan-noti f’ċifri Għarab (ħlief s-sinjali l-oħrajn, bħall-asterisk jew l-ittri, għal każijiet partikolari).

— Ipprojbixxi n-noti tat-tip *idem* jew *ibidem* (għax it-tqassim tal-paġni tax-xogħol stampat huwa differenti minn dak tal-manuskritt oriġinali).

— Ir-referenza għal nota tal-qiegħ (inklużi l-parentesi) tinkiteb dejjem bit-tipa Rumana (anke f’testi jew titoli miktubin bil-korsiv jew b’tipa grassa).

## Is-sing

— Uża s-sing twil (*Alt 0151*) biex iddaħħal l-elementi ta’ numerar (l-istess regola għal-lingwi kollha).

## Titoli

— Tużax format manwali, iżda l-istyle sheets tal-kompjuter.

— Fin-nuqqas ta’ style sheet partikolari, uża l-istili Word (Heading 1, Heading 2, Normal, eċċ.).

— Qatt ma għandek tikteb it-titoli kollha b’ittri kbar.

NB: Bl-użu tal-istili ta’ Word, fl-aħħar tal-ipproċessar tat-test, jista’ jinħoloq werrej b’mod awtomatiku; meta jinbidel f’PDF biex jitpoġġa online, dawn it-titoli joħolqu hyperlinks b’mod awtomatiku (sinjali ta’ ktieb, jew bookmarks), elementi indispensabbli biex il-konsultazzjoni online ta’ dokumenti PDF twal tkun waħda komda.

### Rakkomandazzjonijiet oħrajn

Meta manuskritt jintbagħat f'bosta lottijiet, is-servizz tal-awtur għandu jiżgura, waqt il-kunsinna tal-ewwel parti, li jipprovdi werrej tax-xogħol (anke jekk provviżorju), sabiex il-qarrejja tal-provi jkun jista' jkollhom dehra tax-xogħol kollu.

Kull manuskritt għandu jiġi vverifikat bir-reqqa mis-servizz tal-awtur qabel ma jintbagħat lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet. Ir-reviżjonijiet għandhom jibqgħu l-eċċezzjoni u jkunu perfettament ċari, leġġibbli u preċiżi. Reviżjonijiet importanti magħmula fl-istadju tal-ewwel prova jwasslu għal dħul ta' kliem ġdid, għandhom effett fuq it-tqassim tal-paġni (u xi drabi jbiddluh għalkollox, għax iwasslu għal bidla wara l-oħra) u spiss ikunu jeħtiġu provi supplimentari u verifika ġdida (b'konsegwenza li jkun hemm posponimenti tad-data tal-produzzjoni u żieda fl-ispejjeż).

Fl-aħħar nett, jaqbel li sa fejn ikun possibbli, ma jsirux reġistrazzjonijiet komposti, li jiġbru testi maħluqa b'software differenti.

## 4.2.4. Dokumenti camera-ready, lesti għar-riproduzzjoni

F'każ ta' dokumenti li huma camera-ready, i.e. lesti għar-riproduzzjoni, is-servizz tal-awtur għandu jiżgura li fit-test ikunu saru l-interventi meħtieġa kollha, filwaqt li ma ssir l-ebda korrezzjoni fl-istadju tar-riproduzzjoni (ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali).

Għandu jsir qari mill-ġdid bir-reqqa direttament wara li jiġi ttajpjat it-test, qabel ma jkun ippaġġnat (page layout) b'mod definittiv. Dan l-ippaġġnar għandu wkoll jiġi soġġett għal verifika tipografika fil-fond qabel ma jiġi prodott it-test.

It-testi għandu jkollhom numru tal-paġna b'mod kontinwu mill-paġna tat-titolu, inkluża din tal-aħħar. In-numerar għandu jinkludi l-paġni vojta. Il-partijiet u l-kapitoli li jibdew fuq paġna fuq il-lemin (paġna farradija) ikollhom numru farradi. Jekk it-test tal-parti jew tal-kapitolu preċedenti jieqaf fuq paġna farradija, għandha tiġi paġna vojta qabel il-parti l-ġdida jew il-kapitolu l-ġdid. Pereżempju, jekk il-Kapitolu 1 jispiċċa fuq paġna 19, il-Kapitolu 2 għandu jibda fuq paġna 21, u paġna 20 tkun vojta.

L-ispazju li jiġi qabel titolu jew sottotitolu dejjem għandu jkun akbar minn dak li jisseparah mit-test.

Bejn il-paragrafi u l-inċiżi, għandu jitħalla spazju doppju vojt bejn il-linji.

Mhuwiex permess li paġna tibda mill-aħħar linja ta' inċiż. Huwa preferibbli, iżda biss f'dan il-każ, li taqbeż b'linja l-limitu tal-istruttura tal-paġna preċedenti. Bl-istess mod, wieħed għandu jevita li jispiċċa paġna b'titolu jew b'sottotitolu, bl-ewwel sing jew bl-ewwel linja tan-numerar.

Il-kwotazzjonijiet u l-innumerar għandhom ikunu allinjati, jekk ikun il-każ, mad-daħla tal-ewwel linja.

# 4.3. Tipi ta' pubblikazzjonijiet

Fil-livell internazzjonali, l-identifikazzjoni u l-klassifikazzjoni tad-dokumenti huma regolati minn ftehimiet u standards differenti, b'mod partikolari dawn li ġejjin:

— ISO 690:2021: referenzi bibljografiċi
https://www.iso.org/standard/72642.html

— ISO 5127:2017: informazzjoni u dokumentazzjoni, glossarju
https://www.iso.org/standard/59743.html

— ISO 2108:2017: numru internazzjonali standard tal-ktieb (ISBN)
https://www.iso.org/standard/65483.htmlhttps://www.isbn-international.org

— ISO 3297:2020 numru internazzjonali standard tal-pubblikazzjonijiet fis-serje (ISSN)
https://www.iso.org/standard/73846.html

— deskrizzjoni bibljografika standard internazzjonali (International Standard Bibliographic Description (ISBD)), Federazzjoni internazzjonali tal-għaqdiet tal-bibljotekarji u tal-bibljoteki (International Federation of Library Associations and Institutions (IFLA))
https://www.ifla.org/files/assets/cataloguing/isbd/isbd-cons_2007-en.pdf

L-istandards ISO jistgħu jinkisbu mingħand il-membri tal-ISO, li l-lista tagħhom tinsab fuq is-sit (https://www.iso.org/members.html).

Skont it-tifsira ta' dawn l-istandards u l-ftehimiet, il-pubblikazzjonijiet jistgħu jinqasmu f'żewġ kategoriji ewlenin: il-monografiji u r-riżorsi kontinwi.

### 4.3.1. Monografiji

Skont l-istandard ISO 2108:2020 (ISBN), il-monografiji huma pubblikazzjonijiet mhux perjodiċi, kompluti f'volum wieħed jew maħsuba li jkunu kompluti f'numru limitat ta' volumi separati, li jistgħu jiġu ppubblikati simultanjament jew le, u jkunu disponibbli għall-pubbliku f'kull forma ta' prodott (ktieb bil-qoxra iebsa, ktieb bil-qoxra ratba, ktieb awdjo fuq kasett, CD, DVD, ktieb bil-braille, sit web, ktieb elettroniku, eċċ.).

Il-monografiji f'diversi volumi jikkonsistu f'numru speċifikat ta' partijiet fiżikament separati (volumi distinti), għajr għall-pubblikazzjonijiet f'faxxikli. Dawn maħsuba li jiġu ppubblikati bħala ħaġa waħda. Il-partijiet separati jista' jkollhom it-titolu tagħhom stess kif ukoll indikazzjoni tar-responsabbiltà.

Kull monografija hi identifikata permezz ta' numru internazzjonali standard tal-ktieb, jew ISBN (international standard book number (ara t-Taqsima 4.4.1)).

### 4.3.2. Riżorsi kontinwi

Skont l-istandard ISO 3297:2020 (ISSN), ir-riżorsi kontinwi huma xogħlijiet li tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku f'kull format, f'edizzjonijiet suċċessivi jew integrati li ġeneralment ikollhom fuqhom in-numru tal-ordni jew l-indikazzjoni kronoloġika u li t-tul ta' żmien tal-pubblikazzjoni tagħhom ma jkunx stabbilit minn qabel. Ir-riżorsi kontinwi jinkludu:

- il-pubblikazzjonijiet f'serje, li huma definiti bħala riżorsi ppubblikati mingħajr limiti ta' żmien f'edizzjonijiet suċċessivi jew f'partijiet separati, li huma ġeneralment innumerati (gazzetti, rivisti, perjodiċi, ġurnali stampati jew elettroniċi, pubblikazzjonijiet annwali (rapporti, kotba annwali, reġistri, eċċ.), memorji u ġabriet ta' monografiji);
- ir-riżorsi integrati permanenti, li huma definiti bħala riżorsi kontinwi kompluti permezz ta' aġġornamenti integrati, mingħajr limiti ta' żmien (databases, pubblikazzjonijiet ta' folji separati aġġornati b'mod kontinwu jew siti web aġġornati kontinwament, bħall-Gwida tal-Istil attwali fil-verżjoni tagħha fuq l-Internet).

NB: Ġabra tfisser għadd ta' pubblikazzjonijiet separati, kull waħda b'titolu tagħha, marbuta flimkien permezz ta' titolu kollettiv. Dan it-titolu kollettiv huwa t-titolu tal-kollezzjoni. Kull pubblikazzjoni separata tista' tkun innumerata jew le. Il-pubblikazzjonijiet li jagħmlu parti minn ġabra jistgħu jkunu monografiji jew pubblikazzjonijiet f'serje.

Kull riżorsa kontinwa hi identifikata b'numru internazzjonali standard tal-pubblikazzjonijiet fis-serje, jew ISSN (international standard serial number (ara t-Taqsima 4.4.2)).

### 4.3.3. Pubblikazzjonijiet f'serje jew monografiji kkombinati

Barra minn hekk, ċerti pubblikazzjonijiet f'serje (kotba annwali u ġabriet monografiċi) għandhom jitqiesu bħala monografiji maħsuba, pereżempju, għall-ħtiġijiet ta' tqegħid fis-suq. Dawn għandhom ikunu jistgħu jinkisbu individwalment jew permezz ta' abbonament.

Dawn il-pubblikazzjonijiet għandhom, b'mod partikolari, jitqiesu bħala pubblikazzjonijiet f'serje u jingħataw ISSN. Barra minn hekk, bħala monografiji dawn għandhom ISBN.

## 4.4. Identifikaturi assenjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

Sa mill-2001, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jaġixxi bħala aġenzija uffiċjali għall-għoti tal-identifikaturi ta' wara l-pubblikazzjonijiet tal-istituzzjonijiet, entitajiet, aġenziji jew korpi oħrajn tal-Unjoni

Ewropea: ISBN (numru internazzjonali standard tal-kotba), ISSN (numru internazzjonali standard tal-pubblikazzjonijiet f'serje u riżorsi kontinwi oħra) u DOI (identifikatur diġitali ta' oġġett). Dawn l-identifikaturi internazzjonali jintużaw biex jirreġistraw b'mod inekwivokabbli u esklussiv il-pubblikazzjonijiet fid-dinja kollha. Hija indikata wkoll identifikazzjoni interna (numru tal-katalogu) għal kull prodott (kotba, fuljetti, posters, eċċ.) f'kull format (karta, elettroniku, CD/DVD, eċċ.).

L-allokazzjoni tal-identifikaturi tirrikjedi li s-servizzi tal-awtur jipprovdu lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet b'żewġ kopji fiżiċi tal-ktieb, kif ukoll jibagħtu l-verżjoni elettronika (PDF).

Kull meta ssir talba għall-pubblikazzjoni, l-identifikaturi jiġu allokati awtomatikament mill-Uffiċċju.

## 4.4.1. Numru internazzjonali standard tal-kotba (ISBN)

Kull pubblikazzjoni monografika (ara t-Taqsima 4.3.1) tirċievi numru internazzjonali standard tal-kotba (ISBN) mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

L-allokazzjoni ta' ISNB ma għandha l-ebda sinifikat jew valur legali fir-rigward tal-proprjetà tad-drittijiet fuq il-ktieb ikkonċernat, u lanqas fir-rigward tal-kontenut tiegħu.

Ladarba jkun allokat lill-prodott, l-ISBN ma jistax jiġi mmodifikat, sostitwit jew użat mill-ġdid.

Jintalab ISBN separat:

— għal kull verżjoni lingwistika ta' pubblikazzjoni,

— għal kull format separat ta' prodott (fil-każ ta' ktieb ippubblikat u li jkun disponibbli f'forma ta' verżjonijiet f'formati differenti (PDF, HTML, eċċ.), kull waħda minn dawn trid tirċievi ISBN separat),

— għal kull edizzjoni separata li tinvolvi modifiki konsiderevoli li jaffettwaw waħda jew aktar partijiet ta' prodott, kif ukoll jekk it-titolu jkun oġġett ta' tibdil; min-naħa l-oħra, ma jistax jiġi allokat ISBN separat lill-prodott li tiegħu ma nbidlu la l-edizzjoni, la l-forma u lanqas l-editur, meta l-prezz biss ikun tbiddel jew meta l-prodott imsemmi kien biss oġġett ta' modifiki ħfief, bħal fil-każ tal-korrezzjoni tal-iżbalji tal-istampar,

— għal kull modifika tal-forma ta' prodott (ktieb bil-qoxra iebsa, ktieb bil-qoxra ratba, verżjoni online, eċċ.).

Fil-każ ta' diversi volumi, jiġi allokat ISBN għal kull wieħed mill-volumi u ISBN ta' raggruppament hu allokat għall-volumi kollha. L-ISBN ta' raggruppament kif ukoll dak ta' kull wieħed mill-volumi rispettivi għandhom jidhru fuq wara tal-paġna tat-titolu ta' kull volum.

NB: Meta jkun jikkostitwixxi ħaġa waħda kompluta, kapitolu separat fi ktieb jista' wkoll ikun immarkat b'ISBN. Xi partijiet separati (pereżempju, kapitolu) ta' pubblikazzjonijiet monografiċi, pubblikazzjonijiet stampati separati jew artikli meħuda minn riżorsi kontinwi li jkunu disponibbli separatament, jistgħu wkoll jiġu identifikati permezz ta' ISBN.

Meta pubblikazzjoni tiġi ppubblikata b'mod konġunt jew bħala koedizzjoni minn żewġ edituri jew aktar, kull editur jista' jalloka l-ISBN tiegħu billi jindikah fuq il-paġni tad-drittijiet tal-awtur. Madankollu, fuq il-pubblikazzjoni, għandu jidher biss ISBN wieħed f'forma ta' barcode.

ISBN għandu jkun allokat ukoll għal pubblikazzjonijiet f'folji separati għal skop determinat (jiġifieri mhux maħsuba biex jiġu ppubblikati b'mod indefinit). Min-naħa l-oħra, il-pubblikazzjonijiet f'folji separati aġġornati kontinwament (riżorsi integrati) jew il-partijiet individwali aġġornati ma għandhomx jirċievu ISBN.

### Pożizzjoni u indikazzjoni tal-ISBN

Sa mill-1 ta' Jannar 2007, in-numru ISBN, li għandu dejjem jidher fuq l-oġġett, jinvolvi 13-il element strutturati f'ħames gruppi, ippreċeduti mill-prefiss ISBN segwit minn spazju:

— grupp 1: prefiss jew kodiċi EAN (European Article Numbering) li jiddefinixxi l-"ktieb" bħala l-artiklu identifikat (il-prefissi disponibbli bħalissa huma d-978 u d-979),

— grupp 2: numru ta' identifikazzjoni tal-grupp (92 = organizzazzjonijiet internazzjonali),

— grupp 3: numru ta' identifikazzjoni tal-editur (kodiċi awtur),

— grupp 4: numru ta’ identifikazzjoni tat-titolu fil-produzzjoni tal-editur,

— grupp 5: pożizzjoni ta’ kontroll.

ISBN 978-92-79-00077-5

## Pubblikazzjonijiet stampati

Fuq il-pubblikazzjonijiet stampati, l-ISBN għandu jkun stampat fuq wara tal-paġna tat-titolu flimkien mal-identifikaturi l-oħra kollha (ara l-eżempju fit-Taqsima 5.3.1). Jekk dan ma jkunx possibbli, dan għandu jidher fin-naħa t’isfel tal-paġna tat-titolu jew jiżdied mal-indikazzjoni tad-drittijiet tal-awtur.

Huwa għandu jidher ukoll fuq il-parti t’isfel tal-qoxra ta’ wara (u fil-parti t’isfel tal-qoxra barranija) (ara l-eżempju fit-Taqsima 5.1.1).

NB: F’koedizzjonijiet, l-ISBN tal-koeditur jista’ jidher ukoll fil-parti t’isfel tal-qoxra ta’ wara u/jew fil-parti t’isfel tal-qoxra barranija f’forma ta’ barcode.

## Pubblikazzjonijiet elettroniċi jew forom oħra ta’ prodotti mhux stampati

Għall-pubblikazzjonijiet online, l-ISBN għandu jidher fuq il-paġna tal-iskrin li jindika t-titolu jew l-ekwivalenti tiegħu, u/jew fuq l-iskrin li jindika d-drittijiet tal-awtur.

Għal kull prodott ieħor (CD-ROM, DVD, eċċ.), l-ISBN għandu jidher fuq it-tikketta mwaħħla b’mod permanenti fuq il-prodott jew, jekk dan ma jkunx possibbli, fin-naħa t’isfel tal-parti ta’ wara ta’ kull ippakkjar permanenti tal-oġġett (kaxxa, borża, frejm, eċċ.).

L-ISBN għandu jkun ukoll inkluż fid-*data* kollha dwar il-pubblikazzjoni jew il-prodott.

Ara wkoll il-A quick reference guide.

Fil-każ ta’ pubblikazzjoni f’formati differenti, jekk dawn ikunu miġbura flimkien f’lott wieħed, jintalab ISBN wieħed; jekk dawn ikunu oġġett ta’ distribuzzjoni separata, kull verżjoni għandha tingħata ISBN. Barra minn hekk, l-ISBN kollha għandhom jidhru flimkien f’kull verżjoni, b’indikazzjoni mqassra tal-format, bħal fl-eżempju li ġej:

| | |
|---|---|
| Print | ISBN 978-951-45-9693-3 |
| PDF | ISBN 978-951-45-9694-0 |
| EPUB | ISBN 978-951-45-9695-7 |
| HTML | ISBN 978-951-45-9696-4 |

L-ISBN għandu jidher ukoll fuq il-materjal kollu li jakkumpanja lill-pubblikazzjoni.

**Links utli għall-ISBN**

Aġenzija internazzjonali tal-ISBN:
https://www.isbn-international.org (EN)

Gwida tal-implimentazzjoni tal-ISBN:
https://www.isbn-international.org/content/isbn-users-manual (EN)

Mistoqsijiet dwar l-ISBN:
https://www.isbn.org/faqs_general_questions (EN)

Sistema EAN.UCC:
https://www.gs1.org/ (EN)

ISO 2108:2017: numru internazzjonali standard tal-ktieb (ISBN):
https://www.iso.org/standard/65483.html (EN)

L-istandards ISO jistgħu jinkisbu mingħand il-membri tal-ISO, li l-lista tagħhom tinsab fuq is-sit:
https://www.iso.org/members.html (EN)

## 4.4.2. Numru internazzjonali standard tal-pubblikazzjonijiet fis-serje (ISSN)

Ir-riżorsi kontinwi (pubblikazzjonijiet f'serje u riżorsi integrati permanenti) (ara t-Taqsima 4.3.2) għandhom jiġu identifikati permezz ta' numru internazzjonali standard tal-pubblikazzjonijiet fis-serje (ISSN), allokat mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

L-allokazzjoni ta' ISSN ma għandha l-ebda sinifikat jew valur legali fir-rigward tal-proprjetà tad-drittijiet fuq il-ktieb ikkonċernat, u lanqas fir-rigward tal-kontenut tiegħu.

ISSN hu allokat b'mod uniku:

— għat-tul kollu tal-ħajja ta' titolu,

— għal kull verżjoni lingwistika,

— għal kull edizzjoni (kull xahar, kull sena, eċċ.),

— għal kull mezz separat.

Fil-każ ta' diversi volumi, ISSN hu allokat għat-titolu ewlieni, indipendentement min-numru ta' volumi li jiffurmawh. L-ISSN għandu jkun allokat ukoll għal ġabra ta' monografiji bħala tali (f'dan il-każ l-ISBN jiġi allokat għal kull volum tal-ġabra).

L-ISSN hu marbut b'mod permanenti ma' "titolu ewlieni", maħluq permezz tan-network tal-ISSN waqt ir-reġistrazzjoni tar-riżorsa. It-titolu ewlieni huwa uniku għal kull riżorsa kontinwa.

Għandu jiġi allokat ISSN ġdid (u titolu ewlieni ġdid) għal riżorsa kontinwa:

— għal kull modifika konsiderevoli tat-titolu,

— għal kull modifika tal-mezz.

L-ISSN proprju (u għalhekk titolu ewlieni partikolari) għandu jiġi allokat għal kull suppliment jew għal kull sottoserje li takkumpanja eventwalment ir-riżorsa kontinwa.

### Pożizzjoni u indikazzjoni tal-ISSN

L-ISSN jikkonsisti f'żewġ gruppi ta' erba' numri (numri Għarab) separati permezz ta' sing, ippreċeduti mill-abbrevjazzjoni ISSN segwita minn spazju. L-aħħar element (element ta' kontroll) jista' jkun X:

ISSN 0251-1479

ISSN 1831-855X

L-ISSN għandu jidher b'mod ċar fuq jew fl-ewwel kunsinna ta' pubblikazzjoni f'serje, kif ukoll fuq jew f'kull kunsinna suċċessiva, kif ukoll f'kull verżjoni ta' riżorsa integrata permanenti.

Meta l-ISSN ikun akkumpanjat minn identifikatur ieħor (bħal ISBN fil-każ ta' volum ta' kollezzjoni), iż-żewġ numri għandhom jidhru flimkien, kull wieħed identifikat bil-prefiss meħtieġ (ISBN, ISSN, doi, eċċ.).

Jekk riżorsa kontinwa jkollha diversi ISSN minħabba t-titoli differenti (bħat-titolu ta' kollezzjoni prinċipali u t-titoli tas-sottokollezzjonijiet tagħha), l-ISSN għandhom jidhru kollha fuq tali riżorsa, b'distinzjoni, pereżempju, bl-għajnuna ta' titolu komplut u mqassar bejn parentesi.

Ara wkoll il-A quick reference guide.

Fil-każ ta' pubblikazzjoni fuq mezzi differenti (bl-allokazzjoni tal-ISSN u ta' titoli ewlenin differenti), l-ISSN kollegati jistgħu jidhru fuq ir-riżorsi kontinwi, filwaqt li jistabbilixxu distinzjoni bejniethom, bħal fl-eżempju li ġej:

| | |
|---|---|
| Print | ISSN 1562-6585 |
| HTML | ISSN 1063-7710 |

Għax-xogħlijiet stampati, fuq kull pubblikazzjoni għandu jidher, fir-rokna ta' fuq, fuq il-lemin tal-qoxra jew, jekk ma jkunx hemm qoxra, b'mod ċar u li jidher sew, preferibbilment fl-ordni li ġej: paġna tat-titolu, nota marġinali, spazju vojt, qoxra ta' wara, indikazzjoni fl-aħħar tal-ktieb (colophon) jew paġni editorjali.

Għax-xogħlijiet fuq mezzi elettroniċi (xogħlijiet online, CD-ROM, eċċ.), dan għandu jidher fuq il-paġna tal-iskrin li jindika t-titolu jew, fin-nuqqas ta' dan, fuq il-menù prinċipali, u, jekk ikun possibbli, fuq kull tikketta mwaħħla b'mod permanenti mal-pubblikazzjoni. Jekk ma jkunx possibbli li jitwaħħal l-ISSN fuq il-prodott jew fuq it-tikketta tiegħu, dan għandu jidher fuq il-kontenitur.

Għar-riżorsi online, dan għandu jidher ukoll fil-metadata (fil-qasam tal-identifikazzjoni).

### L-ISSN ta' kollegament (ISSN-L)

Skont it-tifsira tal-istandard ISO 3297:2020 (ISSN), l-ISSN ta' kollegament (ISSN-L) hu allokat għal riżorsa kontinwa (ara t-Taqsima 4.3.2) għar-raggruppament tal-mezzi fiżiċi differenti tar-riżorsa kkonċernata, indipendentement min-numru ta' mezzi (kull wieħed minn dawn il-mezzi għandu jkollu fuqu ISSN separat).

L-ISSN-L jippreżenta ruħu bħala sekwenza ta' żewġ gruppi ta' erba' numri separati b'sing, preċeduti mill-abbrevjazzjoni ISSN-L segwita minn spazju:

ISSN-L 0251-1479

L-ISSN-L għandu jiġi mmodifikat meta t-titoli tal-mezzi fiżiċi kollha ta' riżorsa jkunu oġġett ta' modifika li tirriżulta fl-istess ħin. Għaldaqstant, hu allokat ISSN ġdid għal kull mezz separat bħalma hu allokat ISSN-L ġdid, b'mod globali.

**Links utli għall-ISSN**

Ċentru internazzjonali tal-ISSN:
https://www.issn.org (EN)

Manwal tal-ISSN:
https://www.issn.org/understanding-the-issn/assignment-rules/issn-manual/ (EN)

ISO 3297:2020: numru internazzjonali standard tal-pubblikazzjonijiet fis-serje (ISSN):
https://www.iso.org/standard/73846.html (EN)

L-istandards ISO jistgħu jinkisbu mingħand il-membri tal-ISO, li l-lista tagħhom tinsab fuq is-sit:
https://www.iso.org/members.html (EN)

## 4.4.3. Identifikatur ta' oġġett diġitali (DOI)

Id-DOI (digital object identifier) huwa sistema ta' identifikazzjoni ta' prodott f'ambjent diġitali maħsub biex jiżgura l-kontinwità tal-hyperlinks. Dan jista' jkun applikat għal:

— pubblikazzjoni fl-intier tagħha,
— ritratt,
— tabella,
— kapitolu, eċċ.

Kull DOI huwa uniku u permanenti. Dokument iżomm id-DOI tiegħu matul l-eżistenza kollha tiegħu jew f'każ li jiġi eliminat dan id-dokument, id-DOI ma jistax jerġa' jiġi użat.

In-numru DOI jikkonsisti fi prefiss u f'suffiss separati bi żbarra. Dan għandu jkun ippreżentat kif ġej (ippreċedut mill-abbrevjazzjoni "doi" b'ittri żgħar segwita minn żewġ punti, mingħajr spazju):

doi:10.2788/14231

Bħala prinċipju, il-pożizzjoni tiegħu ssegwi l-istess prinċipji applikati għall-ISBN jew l-ISSN.

**Links utli għad-DOI**

International DOI Foundation (IDF):
https://www.doi.org (EN)

*The DOI® handbook:*
https://www.doi.org/hb.html (EN)

Informazzjoni u linji gwida dwar id-DOI:
https://www.crossref.org/education/metadata/persistent-identifiers/doi-display-guidelines (EN)

### 4.4.4. Numru tal-katalogu

Minbarra l-identifikaturi internazzjonali, ix-xogħlijiet kollha mwettqa mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma mmarkati b'identifikatur intern, jiġifieri n-numru tal-katalogu.

Dan huwa għodda ta' ġestjoni interna tal-Uffiċċju, użat għal finijiet ta' tixrid. Dan jintuża, fost affarijiet oħra, biex jirreġistra l-pubblikazzjonijiet fil-katalogi. Jintuża wkoll bħala mezz ta' identifikazzjoni f'diversi applikazzjonijiet tal-informatika.

In-numru tal-katalogu huwa stampat fuq il-qoxra ta' wara, fir-rokna ta' fuq, fuq in-naħa tal-lemin; jekk ma jkunx hemm qoxra, dan għandu jidher b'mod li jkun jidher sew fuq il-ktieb.

OA-09-22-124-MT-C

## 4.5. Identifikatur assenjat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

### Identifikatur Ewropew tal-ġurisprudenza (ECLI)

L-identifikatur Ewropew tal-ġurisprudenza (European case-law identifier — ECLI) ġie żviluppat biex jiffaċilita ċ-ċitazzjoni korretta u inekwivoka tad-deċiżjonijiet mill-Qrati Ewropej u nazzjonali. Kien introdott progressivament mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-2014.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea assenjat ECLI għad-deċiżjonijiet kollha ppreżentati mill-Qrati tal-Unjoni Ewropea sa mill-1954 (sentenzi, ordnijiet, opinjoni tal-Qorti, deċiżjonijiet (proċedura ta' eżami mill-ġdid)), għall-konklużjonijiet u l-opinjonijiet tal-Avukati Ġenerali u għall-informazzjoni dwar dawn id-deċiżjonijiet (sommarji u eżami mill-ġdid, informazzjoni dwar deċiżjonijiet mhux ippubblikati).

L-ECLI huwa kompost minn ħames elementi mandatorji, f'karattri alfanumeriċi Latini biss, separati biż-żewġ punti, kif muri hawn taħt:

(1) it-Taqsira ECLI, tindika identifikatur Ewropew tal-ġurisprudenza;

(2) il-kodiċi tal-pajjiż li jikkorrispondi mal-Istati Membri tal-qorti jew tat-tribunal ikkonċernat (ara t-tabella fit-taqsima 7.1.1), jew il-kodiċi "EU" fejn hi l-qorti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;

(3) il-kodiċi tal-qorti li tkun tat id-deċiżjoni (għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, "C" tikkorrispondi għall-"Qorti tal-Ġustizzja", "T" tikkorrispondi għall-"Qorti Ġenerali" u "F" tikkorrispondi għat-"Tribunal għas-Servizz Pubbliku");

NB: It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, maħluq fl-2004, temm l-attivitajiet tiegħu fl-1 ta' Settembru 2016 wara li ttrasferixxa l-kompetenzi tiegħu lill-Qorti Ġenerali.

(4) is-sena li fiha ngħatat, id-deċiżjoni f'erba' ċifri;

(5) numru tas-serje skont format li huwa deċiż minn kull Stat Membru jew mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Dan in-numru jikkonsisti f'25 karattru alfanumeriku. Mhi permessa l-ebda marka ta' punteġġatura oħra ħlief il-punt.

ECLI:EU:C:2006:710

**Bażi ġuridika**

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill li jitolbu għall-introduzzjoni tal-identifikatur Ewropew tal-ġurisprudenza (ECLI) u sett uniformi minimu ta' metadata għall-ġurisprudenza (ĠU C 127, 29.4.2011, p. 1).

**Ħoloq utli tal-ECLI**

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, metodu ta' ċitazzjoni tal-ġurisprudenza:
https://curia.europa.eu/jcms/jcms/P_126035/mt

Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika:
https://e-justice.europa.eu/content_european_case_law_identifier_ecli-175-mt.do

Regoli għaċ-ċitazzjoni tal-ġurisprudenza:
ara t-taqsima 5.9.3.

# 5. L-istruttura ta’ pubblikazzjoni

L-istruttura ta’ pubblikazzjoni tinkludi diversi partijiet bħall-qoxra, il-paġna tat-titlu, l-elementi tal-edizzjoni (eż. avviżi dwar id-drittijiet tal-awtur) u elementi ta’ preżentazzjoni bħal referenzi u kwotazzjonijiet.

## 5.1. Il-qoxra

Il-qoxra ta’ ktieb hija magħmula minn erba’ paġni assenjati bħala I, II, III u IV. Jekk il-wisa’ tal-ktieb tippermetti, it-titolu jrid ikun stampat fuq id-dahar b’tali mod li jinqara orizzontali mix-xellug għal-lemin, meta mqiegħed ċatt bil-paġna I ’il fuq. Il-massa tat-titolu tkun proporzjonali għall-wisa’ tal-qoxra ta’ wara.

### 5.1.1. Komponenti tal-qoxra

Ara wkoll il-A quick reference guide.

Kull waħda mill-erba’ paġni tal-qoxra għandha komponenti distintivi.

Il-paġna I jkollha l-isem u l-emblema tal-editur, it-titolu tax-xogħol u, fejn xieraq, is-sottotitolu u l-isem tal-awtur (speċjalment fil-każ tal-kopubblikazzjonijiet); jistgħu jidhru wkoll in-numru tal-volum, għal xogħol li fih aktar volumi, u t-titolu tal-ġabra jew tas-serje kif ukoll in-numru tal-ordni tax-xogħol:

— **it-titolu tax-xogħol**: irid ikun qasir, li jolqtok u sinifikanti. Meta jkun rapport annwali jew studju dwar perjodu speċifiku, l-indikazzjoni tas-sena jew tal-perjodu hija parti essenzjali tat-titolu jew tas-sottotitolu,

— **is-sottotitolu**: f’massa iċken minn dik tat-titolu, hu jikkompletah,

— **l-emblema tal-editur**: ma għandhiex tidher ħlief fuq il-paġna I tal-qoxra,

— **l-isem tal-awtur**: jekk jidher fuq il-qoxra ta’ barra, xorta jrid jidher fuq il-paġna tat-titolu,

> NB: It-titolu ta’ direttorat ġenerali ta’ istituzzjoni jew ta’ korp fl-ebda każ ma għandu jissemma fil-paġna I tal-qoxra, ħlief għall-Eurostat u l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet. Madankollu, jista’ jiddaħħal fil-paġna tat-titolu.

— **in-numru tal-volum**: jekk hemm iżjed minn volum wieħed, huwa preferibbli li jiġu nnumerati f’ċifri Rumani.

Ġeneralment, il-paġna II titħalla vojta.

Il-paġna III jkollha avviż pubbliċitarju.

Il-paġna IV jkollha l-prezz tal-bejgħ (jekk xieraq), il-logo tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, l-ISBN (in-numru internazzjonali ta' standardizzazzjoni tal-kotba) u n-numru tal-katalogu:

— **Il-prezz tal-bejgħ**: il-prezz ta' bażi ta' kull pubblikazzjoni huwa stipulat f'euro. Il-prezzijiet kollha stampati fuq il-qoxra tal-pubblikazzjonijiet u fil-katalogi jiġu ppreżentati hekk:

  Prezz fil-Lussemburgu (VAT eskluża): EUR ...

— **L-**emblema tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: l-emblema tinsab fil-qiegħ tal-paġna IV tal-qoxra. L-isem "L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea" jidher f'waħda mil-lingwi tal-UE għall-verżjonijiet b'lingwa waħda u diversi lingwi għall-verżjonijiet multilingwi.

## Standards speċifiċi tal-pubblikazzjonijiet perjodiċi jew serjali

F'*pubblikazzjoni serjali*, l-ISSN (numru internazzjonali standardizzat tal-pubblikazzjonijiet f'serje) jiżdied mal-elementi ppreżentati hawn fuq. Jiġi stampat fir-rokna ta' fuq fin-naħa tal-lemin tal-paġna I.

Ċerti *pubblikazzjonijiet perjodiċi* jiġu bla qoxra. Il-paġna I jkun fiha b'mod addizzjonali n-numru u s-sena tal-pubblikazzjoni. F'uħud mill-każijiet, il-paġni II u III jintużaw għall-preżentazzjoni tat-taqsira. Huwa preferibbli li s-sena tal-pubblikazzjoni tikkorrispondi mas-sena kalendarja.

Fil-paġna IV jidhru l-prezz (prezz tal-abbonament u l-prezz għal kull ħarġa), in-numru tal-katalogu kif ukoll il-logo tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjoniijiet.

### Paġna I tal-qoxra




*ISSN*

*Titolu tax-xogħol*

*Is-sena*

*Emblema tal-Ewropa*

*Editur*

## Paġna III tal-qoxra (avviż pubbliċitarju)

**Kif tikkuntattja lill-UE**

**Personalment**
Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta’ ċentri tal-Europe Direct. Tista’ ssib l–indirizz tal-eqreb ċentru għalik online (european-union.europa.eu/contact-eu/meet-us_mt).

**Bit-telefown jew bil-miktub**
Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea. Tista’ tikkuntattja lil dan is-servizz:
— bit-telefown bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jafu jimponu ħlas għal dawn it-telefonati),
— fuq dan in-numru standard: +32 22999696,
— permezz ta’ din il-formola: european-union.europa.eu/contact-eu/write-us_mt.

**Kif issib tagħrif dwar l-UE**

**Online**
L-informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa (european-union.europa.eu).

**Pubblikazzjonijiet tal-UE**
Tista’ tara jew tordna l-pubblikazzjonijiet tal-UE minn op.europa.eu/mt/publications.
Kopji multipli ta’ pubblikazzjonijiet bla ħlas tista’ tiksibhom billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru tad-dokumentazzjoni lokali tiegħek (european-union.europa.eu/contact-eu/meet-us_mt).

**Il-liġi tal-UE u dokumenti relatati**
Għal aċċess għall-informazzjoni legali tal-UE, inkluż il-liġijiet kollha tal-UE mill-1951 ’l hawn, fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha, żur is-sit EUR-Lex (eur-lex.europa.eu).

***Data* miftuħa tal-UE**
Il-portal data.europa.eu jagħti aċċess għal settijiet tad-*data* miftuħa mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE. Dawn jistgħu jitniżżlu u jerġgħu jintużaw mingħajr ħlas, għal skopijiet kummerċjali u mhux kummerċjali. Il-portal jagħti aċċess ukoll għal għadd kbir ta’ settijiet tad-*data* mill-pajjiżi Ewropej.

## Paġna IV tal-qoxra




*In-numru tal-katalogu*

*1. L-emblema tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet*
*2. ISBN*
*3. Il-prezz tal-bejgħ*

## 5.1.2. Użu tal-kuluri fuq il-qxur

L-użu tal-kuluri fuq il-qxur irid ikun riżervat għar-riproduzzjoni tad-disinji grafiċi inġenerali kif ukoll bħala marka distinta tal-ġabriet u s-serjejiet.

L-użu ta’ kulur wieħed bħala indikatur għal kull lingwa ma għadux konvenjenti, fid-dawl tal-għadd ta’ lingwi uffiċjali u r-riskji ta’ konfużjoni.

# 5.2. Paġna tat-titolu

Il-paġna tat-titolu jkollha:

— l-editur (ara t-Taqsima 4.4.1),

— it-titolu u, jekk applikabbli, is-sottotitolu tax-xogħol (ara t-Taqsima 5.1.1),

- in-numru tal-edizzjoni (edizzjoni ġdida jew stampar mill-ġdid) u/jew is-sena,
- il-post ta’ oriġini tal-editur (għandu jiġi indikat għal kull pubblikatur skont l-informazzjoni tat-trattat u l-protokolli rispettivi),
- isem l-awtur (ara t-Taqsima 5.1.1),

> NB: It-titolu ta’ direttorat ġenerali jista’ jidher fuq il-paġna tat-titolu, iżda qatt ma għandu jidher fuq il-paġna I tal-qoxra.

- in-numru tal-volum, għal pubblikazzjoni li jkun fiha iktar minn volum wieħed (ara t-Taqsima 5.1.1),
- it-titolu tal-ġabra jew tas-serje kif ukoll in-numru serjali tax-xogħol, skont il-każ.

## Edizzjoni ġdida jew stampar mill-ġdid

Pubblikazzjoni li jsirlha tibdil importanti tat-test jew tat-tipografija, għandha tkun ippubblikata f’edizzjoni ġdida (bl-indikazzjoni tan-numru tal-edizzjoni).

Jekk ma jkun hemm involut xejn ħlief stampar mill-ġdid, jistgħu jiġu indikati d-dati differenti tal-istampar mill-ġdid.

### Paġna tat-titolu


Il-Kummissjoni Ewropea

Rapport Ġenerali
dwar l-Attività
tal-Unjoni Ewropea

2008

Brussell · Il-Lussemburgu, 2009

*Editur*

*Titolu tax-xogħol (is-sena jew il-perjodu kopert irid jagħmel parti mit-titolu ta’ rapport annwali jew ta’ studju dwar dik is-sena jew dak il-perjodu)*

*Post tal-oriġini tal-editur*

# 5.3. Naħa ta’ wara tal-paġna tat-titolu

Il-verso tal-paġna tat-titolu għandu komponenti distintivi.

## 5.3.1. Komponenti

Ara wkoll il-A quick reference guide.

Fuq il-wara tal-paġna tat-titolu jinsabu, f’dan l-ordni, l-elementi li ġejjin:

- f’pubblikazzjoni stampata, il-kliem “*Printed by [stampatur] in [pajjiż]*” (bl-Ingliż u bil-korsiv) u, jekk applikabbli, l-ekotikketta/i u/jew nota dwar il-prodott tal-karta stampata (ara t-Taqsima 5.3.2),
- jekk xieraq, il-kliem “Il-manuskritt tlesta f’[Xahar] [Sena]”,
- jekk xieraq, il-kliem “Edizzjoni riveduta”, “Edizzjoni rettifikata” jew “Edizzjoni Nru *n*”,
- jekk xieraq, riżervi eventwali fir-rigward tar-responsabbiltà tal-istituzzjoni (ara t-Taqsima 5.4.3),
- il-post tal-pubblikazzjoni (kwartieri ġenerali tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet), l-isem tal-pubblikatur u s-sena tal-pubblikazzjoni (skont id-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom tas-26 ta’ Ġunju 2009, il-pubblikatur huwa l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea),
- id-dettalji dwar id-drittijiet tal-awtur (b’xi spjegazzjoni/awtorizzazzjoni għar-riproduzzjoni) (ara wkoll t-Taqsimiet 5.4.1 u 5.4.2),
- jekk xieraq, id-drittijiet tal-awtur tal-illustrazzjonijiet jekk mhumiex inklużi biswithom (ara t-Taqsima 5.4.4),
- l-identifikaturi (ISBN, DOI…) (ara wkoll it-Taqsima 4.4).

NB: Is-sena tal-pubblikazzjoni titqiegħed wara l-isem tal-pubblikatur sabiex issir distinzjoni ċara mis-sena tad-drittijiet tal-awtur (ara t-Taqsima 5.4.1).

**Il-wara tal-paġna tat-titolu**




1. *Informazzjoni dwar il-prodott tal-karta stampata*
2. *Informazzjoni dwar il-manuskritt jew l-edizzjoni*
3. *Nota legali tas-servizz tal-awturi*
4. *Il-post, il-pubblikatur u s-sena ta’ pubblikazzjoni*
5. *Id-drittijiet tal-awtur*
6. *Identifikaturi*

## 5.3.2. Informazzjoni dwar il-prodott tal-karta stampata

Kull prodott tal-karta stampata fil-prinċipju jrid jinkludi l-informazzjoni li ġejja, imdaħħla mill-istampatur:

- isem l-istampatur u l-pajjiż fejn isir l-istampar,
- l-ekotikketta/i applikabbli,
- possibbilment nota dwar il-karta użata.

### Isem l-istampatur u l-pajjiż fejn isir l-istampar

In-nota dwar isem l-istampatur u l-pajjiż fejn isir l-istampar tiġi ppreżentata b’mod identiku fil-verżjonijiet lingwistiċi kollha, bl-Ingliż u bil-korsiv:

*Printed by [stampatur] in [pajjiż]*

### Ekotikketta

Tiżdied informazzjoni dwar il-prodott tal-karta stampata fil-forma ta’ ekotikketta waħda jew iktar, pereżempju:

### Nota dwar il-karta użata

Tista’ tiżdied nota dwar il-karta użata, f’forma minn dawn li ġejjin:

— karta ġdida:

Stampat fuq karta bajda ħielsa mill-klorur elementari (ECF)

Stampat fuq karta bajda ħielsa kompletamentmill-klorur elementari (TCF)

— karta riċiklata:

Stampat fuq karta riċiklata
Stampat fuq karta riċiklata ħielsa mill-klorur (PCF)

Fil-każ ta’ karta riċiklata, qatt ma tista’ tintuża l-formula “bajda bla klorur”. Fil-fatt, huwa impossibbli li tiġi rintraċċata l-oriġini tal-karta kollha użata fil-proċess tar-riċiklaġġ (u allura tkun tista’ tingħata garanzija tan-nuqqas totali ta’ klorur). Fil-verità, huwa l-proċess tar-riċiklaġġ li jista’ jitwettaq bla klorur.

## 5.4. Id-drittijiet tal-awtur

Id-drittijiet tal-awtur huma dritt esklussiv li jappartjeni lill-awtur jew lill-editur li jutilizza, għal żmien determinat, xogħol letterarju jew artistiku.

### 5.4.1. Drittijiet ta’ riproduzzjoni (nota dwar id-drittijiet tal-awtur)

Ir-regola għall-protezzjoni tiġi ssodisfata jekk il-kopji kollha ta’ pubblikazzjoni jkollhom avviż ta’ dan it-tip, imsemmi **drittijiet ta’ riproduzzjoni**, bl-iskop li jinforma lill-pubbliku li l-protezzjoni tad-dritt tal-awtur hija ddikjarata fir-rigward tax-xogħol rilevanti:

© [isem id-detentur], [is-sena]
*pereżempju:*
© L-Unjoni Ewropea, 2018

Għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni Ewropea, hemm żewġ tipi ta’ drittijiet tal-awtur, skont jekk ikollhiex personalità ġuridika jew le l-entità li għaliha jappartienu s-servizzi tal-awturi.

### Istituzzjonijiet u korpi mingħajr personalità ġuridika

Fil-każ ta’ pubblikazzjoniijet uffiċjali tal-istituzzjonijiet jew il-korpi tal-Unjoni u s-servizzi interistituzzjonali relatati (bħall-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet), **id-drittijiet tal-awtur jappartjenu lill-Unjoni Ewropea** bħala entità sħiħa, u mhux lil kull istituzzjoni jew entità b’mod individwali, għajr dawk

li għandhom il-personalità ġuridika tagħhom stess (il-Bank Ċentrali Ewropew, il-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Fond Ewropew tal-Investiment):

© L-Unjoni Ewropea, [is-sena]

*Qabel l-implimentazzjoni tat-Trattat ta' Liżbona (sat-30 ta' Novembru 2009):*
© Il-Komunitajiet Ewropej, [is-sena]

## Entitajiet b'personalità ġuridika

### Istituzzjonijiet u korpi

Il-Bank Ċentrali Ewropew, il-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Fond Ewropew tal-Investiment għandhom il-personalità ġuridika proprja tagħhom u, għaldaqstant, tad-drittijiet tal-awtur proprji tagħhom:

© Il-Bank Ċentrali Ewropew, [is-sena]

© Il-Bank Ewropew tal-Investiment, [is-sena]

© Il-Fond Ewropew tal-Investiment, [is-sena]

NB: Uża d-denominazzjoni sħiħa, mhux l-abbrevjazzjoni biss:

© Il-Bank Ċentrali Ewropew, [is-sena]
*u mhux* © BĊE, [is-sena]

### Organizzazzjonijiet deċentralizzati (aġenziji)

L-organizzazzjonijiet deċentralizzati (aġenziji; ara Taqsima 9.5.3 għal-lista sħiħa) għandhom il-personalità ġuridika proprja tagħhom u **għalhekk għandhom jiġu indikati bl-isem bħala d-detenturi** tad-drittijiet tal-awtur:

© L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, [is-sena]

NB: — Uża d-denominazzjoni sħiħa, mhux l-abbrevjazzjoni biss:

© l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, [is-sena]
*jew possibbilment:*
© l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), [is-sena]
*u mhux* © Frontex, [is-sena]

— Jekk id-drittijiet tal-awtur ikunu ġew ittrasferiti lill-Unjoni Ewropea b'kuntratt jew dokument legali ieħor:

© L-Unjoni Ewropea, [is-sena]

### Euratom

Id-dokumenti mfassla fl-ambitu tat-Trattat Euratom (u li jaqgħu taħt il-linja baġitarja tal-Euratom) iridu jinkludu drittijiet ta' riproduzzjoni kif xieraq:

© Il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, [is-sena]

Dan ikun il-każ, pereżempju, għal dokumenti varji jew għal pubblikazzjonijiet speċjalizzati fil-qasam tal-enerġija atomika ppubblikati miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka.

## Nota dwar is-sena

Għall-pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, it-tul ta' żmien tal-protezzjoni konferit lil xogħol f'lingwa speċifika speċifiku jibda minn mindu tiġi ppubblikata l-ewwel darba. Għalhekk is-sena li trid tidher fl-avviż tad-drittijiet tal-awtur mhix dik tal-pubblikazzjoni ta' dik tal-verżjoni lingwistika eventwali oriġinali, iżda dik tal-pubblikazzjoni tal-verżjoni lingwistika rilevanti.

Meta xi xogħol jiġi stampat għall-ewwel darba f'lingwa speċifika, is-sena tal-pubblikazzjoni u s-sena tad-drittijiet tal-awtur ikunu l-istess. F'każ ta' stampar mill-ġdid, l-avviż tad-drittijiet tal-awtur ma jinbidilx. Min-naħa l-oħra, fil-każ ta' pubblikazzjonijiet mill-ġdid, li jikkostitwixxu pubblikazzjonijiet ġodda, id-data tal-avviż tad-drittijiet tal-awtur trid tikkorrispondi mas-sena tal-pubblikazzjoni tal-pubblikazzjoni l-ġdida.

Meta jinbidel il-format ta' pubblikazzjoni (pereżempju, minn ktieb stampat isir e-book), is-sena tal-edizzjoni hija l-istess bħall-edizzjoni oriġinali jekk ma tkun saret l-ebda bidla. Jekk isiru bidliet sostanzjali, tiġi ppubblikata edizzjoni ġdida, u mhux talli għandha tkun ippubblikata d-data tal-pubblikazzjoni tal-ewwel edizzjoni (f'dan l-eżempju l-verżjoni stampata), imma anke dik tal-edizzjoni l-ġdida (e-book).

### Elementi grafiċi u artistiċi

Jekk il-pubblikazzjoni fiha elementi (ritratti, illustrazzjonijiet, graffs, testi, eċċ.) li d-dritt tal-awtur tagħhom jappartjeni lil parti terza jew jekk l-Unjoni Ewropea ma tkunx akkwistat id-drittijiet għal xi pubblikazzjoni, is-sors ta' kull element u, jekk hemm bżonn, il-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom, għandhom jiġu indikati b'mod ċar. Is-servizzi tal-awtur (istituzzjonijiet, korpi, aġenziji) għandhom jiksbu awtorizzazzjoni bil-miktub mid-detenturi tad-dritt tal-awtur ta' dawn l-elementi (ara Taqsima 5.4.4).

Il-kunċetti tad-dritt tal-awtur japplikaw ukoll għall-pubblikazzjonijiet elettroniċi, u għalhekk għat-test kollu ppubblikat fuq l-internet. Ara wkoll il-paġna dwar id-drittijiet tal-awtur fuq Europa (https://europa.eu/european-union/abouteuropa/legal_notices_mt).

Għax-xogħlijiet letterarji, artistiċi jew xjentifiċi, ara wkoll il-linji gwida dwar id-drittijiet morali marbutin mal-uffiċjali (https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/intellectual-property/Documents/MAN_Guidelines-on-Literary-Scientific-and-Artistic-Works.pdf (ħolqa interna għall-persunal tal-istituzzjonijiet Ewropej)).

Jekk ikollok xi mistoqsija, ikkuntattja lis-servizz responsabbli għad-drittijiet tal-awtur fi ħdan l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet (OP-COPYRIGHT@publications.europa.eu).

## 5.4.2. Kwalifika tad-drittijiet tal-awtur (id-dritt ta' riproduzzjoni u/jew tal-użu mill-ġdid)

Fil-pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, id-drittijiet ta' riproduzzjoni (ara t-Taqsima 5.4.1) huma akkumpanjati minn spjega (**kwalifika tad-drittijiet tal-awtur**) rigward il-livell ta' protezzjoni.

NB: Fin-nuqqas ta' spjegazzjoni bħal din, ix-xogħol huwa kompletament protett, soġġett għall-eċċezzjonijiet previsti minn varji leġiżlazzjonijiet nazzjonali u l-konvenzjonijiet internazzjonali:

© L-Unjoni Ewropea, [is-sena]

### Kwalifika ġenerali (riproduzzjoni)

Għall-pubblikazzjonijiet tal-istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-Unjoni Ewropea (għajr għall-Kummissjoni Ewropea, li għandha formula partikolari), il-kwalifika normali rakkomandata mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet hija kif ġej:

© L-Unjoni Ewropea, [is-sena]
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Jekk meħtieġ, il-kwalifika normali tista' tiġi akkumpanjata minn riżervi addizzjonali jew formuli ta' ċaħda ta' responsabbiltà (ara t-Taqsima 5.4.3).

Il-Kunsill u l-Qorti tal-Awdituri approvaw, fid-9 ta' Ottubru 2017 u fis-16 ta' April 2019 rispettivament, deċiżjonijiet dwar l-użu mill-ġdid tad-dokumenti tagħhom. Għalhekk il-frażi "L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat" tista' tintuża, bħal fil-każ tal-pubblikazzjonijiet tal-Kummissjoni (ara hawn taħt). Għal dawn l-istituzzjonijiet, menzjonijiet tat-tliet kundizzjonijiet deskritti f'Taqsima 5.4.3 huma dejjem miżjuda (il-kliem tal-menzjonijiet jiddependi mill-istituzzjoni). Il-Qorti tal-Awdituri tista' wkoll tilliċenzja l-pubblikazzjonijiet tagħha taħt il-liċenzja tal-Creative Commons CC BY 4.0.

### Kwalifika speċifika għall-Kummissjoni Ewropea (użu mill-ġdid)

Il-Kummissjoni Ewropea implimentat politika ta’ użu mill-ġdid għad-dokumenti tagħha, skont id-Deċiżjoni 2011/833/UE tat-12 ta’ Diċembru 2011.

Għax-xogħlijiet tal-Kummissjoni Ewropea, għajr xi eċċezzjonijiet (ara l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni msemmija), fil-prinċipju tapplika l-formula tal-użu mill-ġdid. Barra minn hekk, skont id-dispożizzjonijiet ta’ dik id-Deċiżjoni, li tipprevedi l-possibbiltà ta’ kundizzjonijiet addizzjonali (ara t-Taqsima 5.4.3), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jirrakkomanda li jiddaħħal l-obbligu li l-utent isemmi s-sors tad-dokument:

> © L-Unjoni Ewropea, [is-sena]
> L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat **kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.**
> Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija bbażata fuq id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta’ Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta’ dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).

Il-Kummissjoni tista’ wkoll tilliċenzja l-pubblikazzjonijiet tagħha taħt il-liċenzja tal-Creative Commons CC BY 4.0.

> Jekk ikollok xi mistoqsija, ikkuntattja lis-servizz responsabbli għad-drittijiet tal-awtur fi ħdan l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet (OP-COPYRIGHT@publications.europa.eu).

## 5.4.3. Nota legali (formula ta’ twissija)

Minbarra l-avviż tad-drittijiet tal-awtur u l-kwalifikazzjoni, l-awtur jista’ jżid avviż legali.

### F’każ ta’ użu mill-ġdid

Għall-pubblikazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea, skont id-Deċiżjoni 2011/833/UE tat-12 ta’ Diċembru 2011, mal-prinċipju tal-użu mill-ġdid l-awtur jista’ jżid waħda jew aktar minn dawn it-tliet kundizzjonijiet:

(1) l-obbligu tal-utent mill-ġdid li jirrikonoxxi s-sors tad-dokumenti (**l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jirrakkomanda li dan l-obbligu jiżdied sistematikament**):

> L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

(2) l-obbligu li ma tinbidilx it-tifsira jew il-messaġġ oriġinali tad-dokumenti:

> Ma jistax isir tibdil fit-tifsira jew fil-messaġġ oriġinali ta’ dan id-dokument.

(3) l-assenza ta’ responsabbiltà tal-Kummissjoni għal kwalunkwe konsegwenza li tirriżulta minħabba l-użu mill-ġdid:

> Il-Kummissjoni Ewropea mhijiex responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza li tirriżulta minħabba l-użu mill-ġdid ta’ din il-pubblikazzjoni.

### F’każ ta’ riproduzzjoni

Il-formula standard hija din li ġejja (dan l-eżempju japplika għall-pubblikazzjonijiet tal-Kummissjoni li ma’ jaqgħux taħt il-politika dwar l-użu mill-ġdid iżda naturalment jista’ jiġi adattat għal istituzzjonijiet jew korpi oħrajn ta’ sors):

> La l-Kummissjoni Ewropea u lanqas kwalunkwe persuna li taġixxi f’isem il-Kummissjoni ma hija responsabbli mill-użu li jista’ jsir mit-tagħrif li ġej.

Jeżistu wkoll formuli oħrajn skont is-sors u/jew id-destinatarju tax-xogħol ippubblikat, u huma wkoll jistgħu jiġu adattati skont l-istituzzjoni jew il-korp ta’ sors:

| |
|---|
| Dan id-dokument ma jistax jitqies li jikkostitwixxi pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. |
| Dan ir-rapport bl-ebda mod ma jrendi l-Kummissjoni Ewropea responsabbli. |
| Il-kontenut ta' din il-pubblikazzjoni mhux bilfors jirrifletti l-pożizzjoni jew l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea. |
| L-avviżi espressi jorbtu biss lill-awtur (lill-awturi) u mhumiex se jitqiesu li jikkostitwixxu teħid ta' pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. |

## 5.4.4. Ir-riproduzzjoni ta' elementi artistiċi (tpinġijiet, ritratti, eċċ.)

Meta tinħoloq pubblikazzjoni, is-servizzi tal-awtur għandhom jikkunsidraw il-kwistjonijiet marbuta mad-drittijiet tal-awtur. Jekk hemm inkorporati elementi artistiċi li d-dritt tal-awtur jappartjeni lil ħaddieħor (id-dritt tal-awtur ta' parti terza), huwa kruċjali li jiġi żgurat li d-drittijiet kollha meħtieġa biex jintużaw dawn l-elementi ġew akkwistati. F'kull wieħed minn dawn il-każi, aċċerta ruħek li ma jkun hemm l-ebda inkonsistenza bejn il-kliem tal-avviż tad-drittijiet tal-awtur tal-elementi artistiċi fil-pubblikazzjoni u d-drittijiet miksuba mill-Unjoni Ewropea, mill-Euratom jew minn entità b'personalità ġuridika (BĊE, BEI, FEI u organizzazzjonijiet deċentralizzati) dwar dawn l-elementi.

### Elementi li jappartjenu lill-Unjoni Ewropea, lill-Euratom jew lil entità b'personalità ġuridika

Għall-elementi kollha akkwistati permezz ta'kuntratt (1) ma' kuntrattur estern, is-servizz tal-awtur għandu jiżgura li l-kuntratt fih klawżola li tikkonċedilu d-drittijiet tas-sjieda tal-elementi. F'dan il-każ, id-drittijiet tar-riproduzzjoni għandu jkollhom il-forma li ġejja:

| |
|---|
| Illustrazzjoni/Ritratt/eċċ. paġna ..., © L-Unjoni Ewropea, [is-sena] |
| Illustrazzjoni/Ritratt/eċċ. paġna ..., © Il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, [is-sena] |
| Illustrazzjoni/Ritratt/eċċ. paġna ..., © Il-Bank Ċentrali Ewropew, [is-sena] |
| Illustrazzjoni/Ritratt/eċċ. paġna ..., © [L-isem tal-aġenzija], [is-sena] |

### Elementi li jappartjenu lil partijiet terzi

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li mhuwiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-UE, Euratom jew ta' entità b'personalità ġuridika, għandu jintalab permess għal kull element direttament mingħand id-detentur tad-drittijiet. Avviż tad-drittijiet tal-awtur għandu jitpoġġa ħdejn kull element kif qed jintwera hawn taħt. Barra minn hekk, għandha tiddaħħal nota ġenerali fil-paġni preliminari:

| |
|---|
| Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li mhuwiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur. |
| Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li mhuwiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-... [l-isem tal-entità], għandu jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur. |

### Elementi li jappartjenu lil persuna individwali (parti terza jew membru tal-persunal fil-kapaċità privata tiegħu)

Għal kull element ipprovdut minn persuna esterna jew minn membru tal-persunal f'kapaċità privata, għandu jiġi ffirmat kuntratt ta' liċenzja li jiddeskrivi fil-qosor il-kundizzjonijiet tal-użu tal-element. Id-drittijiet tar-riproduzzjoni għandu jkollhom il-forma li ġejja:

| |
|---|
| Illustrazzjoni/Ritratt/eċċ. paġna ..., © [isem l-artist], [is-sena] |

(1) Ħolqa interna/dokument ta' ħidma għall-persunal tal-istituzzjonijiet Ewropej.

#### Elementi minn depożitu ta' stampi

Il-liċenzji proposti għandhom jiġu osservati strettament. L-avviż tad-drittijiet tal-awtur għandu jiġi indikat kif ġej:

Illustrazzjoni/Ritratt/eċċ. paġna ..., [isem l-artist], © [isem id-depożitu tal-istampi], [is-sena]

#### Liċenzji tal-Kreattività Komuni

Normalment dawn il-liċenzji jesiġu li jissemma s-sit fejn tinstab l-istampa u li tidher ħolqa li tippermetti lil kulħadd isib l-istampa fuq dak is-sit. Normalment l-użu ta' dawn l-istampi hu soġġett għal kundizzjonijiet speċjali u ma għandhomx jintużaw mingħajr parir legali.

### Dritt għal immaġini personali (persuni li jidhru f'ritratti jew vidjows)

Minbarra l-kuntratt li jorbot lis-servizz tal-awturi mal-awtur ta' ritratt jew filmat, il-persuni li jidhru f'ritratt jew filmat għandhom jiġu kkunsidrati (dritt għal immaġini personali).

Is-servizz tal-awturi għandu jinkludi klawsola fil-kuntratt mal-kuntrattur, jew jitlob lill-membru tal-persunal li huwa l-awtur tar-ritratt jew vidjow, li jiġi żgurat li kull persuna li tidher f'ritratt jew filmat tiffirma kuntratt standard li jawtorizza lill-Unjoni Ewropea biex tkun tista' turihom.

Għal kwalunkwe mistoqsija, ikkuntattja lis-servizz responsabbli mid-drittijiet tal-awtur fl-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet (OP-COPYRIGHT@publications.europa.eu).

## 5.5. Testi preliminari u finali

It-testi preliminari, imsejħa wkoll it-testi tal-bidu, jinkludu d-dedikazzjoni, il-kelmtejn qabel, id-daħla u l-introduzzjoni, filwaqt li l-indiċi huwa parti mit-testi finali.

### 5.5.1. Dedika

Id-dedika ġeneralment tkun qasira ħafna u stampata b'karattri iżgħar minn dawk użati fil-bqija tal-pubblikazzjoni. Hija titqiegħed kemm kemm 'il fuq miċ-ċentru ottiku tal-paġna. Il-wara tagħha jitħalla vojt.

### 5.5.2. Il-kelmtejn ta' qabel, il-prefazju u d-daħla

*Il-kelmtejn ta' qabel* jitqiegħed fil-bidu tax-xogħol; l-għan tiegħu huwa li jippreżenta lill-qarrej l-awtur tal-ktieb jew ix-xogħol li se jikkonsulta. Is-soltu l-awtur ma jagħmilx il-kelmtejn ta' qabel ta' xogħlu stess. Il-prefazju jsir f'karattri differenti mill-bqija tax-xogħol, ġeneralment bil-korsiv u probabbilment, ikbar.

*Il-prefazju*, miktub mill-awtur innifsu, huwa preżentazzjoni qasira tax-xogħol fejn l-awtur jesponi l-għanijiet tiegħu. Ġeneralment huwa miktub b'tipa Rumana.

*Id-daħla*, miktuba mill-awtur innifsu, għandha l-iskop li tippreżenta l-istruttura tax-xogħol lill-qarrej. Hija magħmula ġeneralment mill-istess karattri bħal dawk użati fix-xogħol.

### 5.5.3. Il-werrej

Il-werrej jitqiegħed, skont il-prassi tradizzjonali, fuq quddiem nett tax-xogħol. Huwa magħmul minn lista tat-titoli eżatti, estratti tat-test ta' kull subdiviżjoni tax-xogħol. Ma' kull titolu, ġeneralment konness permezz ta' punti gwida, jidher in-numru tal-paġna jew il-bidu tal-parti rilevanti.

Il-werrej ġenerali jista' jkun akkumpanjat minn werrej sussidjarju għal kull taqsima; il-livell ta' dettall għal kull wieħed huwa adattat skont kif jixraq.

Il-werrej jista' jiġi akkumpanjat minn tabella tal-illustrazzjonijiet u ta' lista ta' tabelli u graffs.

### 5.5.4. Bibljografiji

Il-bibljografiji normalment jitqiegħdu fl-aħħar tax-xogħol.

Għall-preżentazzjoni tar-referenzi bibljografiċi, ara t-Taqsima 5.9.4.

### 5.5.5. Indiċi

L-indiċijiet huma listi dettaljati li jikklassifikaw, kif spjegat hawn taħt, is-suġġetti meqjusa bħala importanti (kunjomijiet tal-persuni, ismijiet tal-postijiet, avvenimenti, kliem importanti, eċċ.) u li jispeċifikaw il-pożizzjoni tagħhom fil-pubblikazzjoni.

L-indiċijiet jistgħu jiġu stabbiliti skont kriterji differenti: b'mod alfabetiku, sistematiku, kronoloġiku, numerat, eċċ.

Spiss ikun hemm bosta sistemi ta' klassifikazzjoni soġġetti għal xulxin fl-istess indiċi.

Huwa possibbli li jsiru indiċijiet speċjalizzati (indiċi tal-awturi, tal-ismijiet ġeografiċi, eċċ.) jew li din l-informazzjoni kollha tingħabar f'indiċi ġenerali.

#### Preżentazzjoni tal-indiċi

Fil-proċess ta' produzzjoni, fil-każijiet fejn sar it-tqassim tal-paġni ta' xogħol, huwa s-servizz tal-awtur li jkollu d-dmir li jlesti u jivverifika l-indiċi (pereżempju, l-awtur ilesti l-impaġnar f'indiċi li jagħmel referenza għan-numri tal-paġni).

Jekk l-indiċi ta' xogħol jidher fil-forma ta' faxxiklu separat, it-titolu tiegħu jrid jindika l-awtur, it-titolu, il-post u d-data tal-pubblikazzjoni indiċjata, hekk kif jidhru fuq il-paġna tat-titolu.

It-titolu tal-indiċi ta' perjodiku jew ta' pubblikazzjoni f'serje, jirriproduċi t-titolu sħiħ, in-numru tal-volum u l-perjodu kopert mill-indiċi.

Fil-każ tal-perjodiċi, huwa rakkomandat li jiżdiedu l-indiċijiet kumulattivi għall-indiċijiet tal-volumi. Għalhekk ir-referenzi jridu jinkludu s-sena u n-numru tal-volum.

Jekk kull faxxilku ta' volum jiġi impaġnat b'mod separat, in-numru tal-faxxiklu jew id-data tiegħu, iridu jitniżżlu fir-referenza.

L-intestaturi kurrenti jridu jidhru fuq in-naħa ta' quddiem u fuq in-naħa ta' wara ta' kull paġna u jridu jsemmu, rispettivament, it-titolu tax-xogħol u n-natura tal-indiċi, ħlief f'każijiet partikolari. F'każ ta' indiċi voluminuż, huwa rakkomandat li jiġu indikati l-inizjali tal-ewwel u l-aħħar kelma, jew il-kelmiet innifishom, fir-rokna esterna ta' fuq ta' kull paġna.

Jekk l-indiċi jitqiegħed fil-bidu tal-pubblikazzjoni, l-impaġnar tiegħu jrid ikun distint minn dak tat-test.

L-indiċijiet tal-perjodiċi jew ta' pubblikazzjonijiet oħrajn f'serje, iridu jiġu ppubblikati volum b'volum u, jekk jista' jkun fil-frekwenza, ta' darba fis-sena. Bl-istess mod, l-indiċijiet kumulattivi huma ppubblikati f'intervalli regolari.

## 5.6. It-tqassim tat-test

It-test irid jiġi ppreżentat f'għamla ċara ħafna li tippermetti lill-qarrej li jaqraha mingħajr diffikultà. Għalhekk trid tiġi evitata preżentazzjoni kkremjata jew konfuża u l-kontenut irid jingħata struttura tajba. Għal dan l-għan, l-għadd ta' livelli ta' titoli, ma jridx jaqbeż is-sebgħa. Kull sottointestatura trid tiġi segwita minn test ta' biżżejjed kobor u li jkun ekwivalenti għall-istess livell loġiku fix-xogħol kollu.

### Is-sistema ta' numerazzjoni kumplessa

It-test jista' jiġi strutturat f'partijiet, titoli, kapitoli, taqsimiet, paragrafi, punti eċċ., bl-użu ta' ċifri, ittri, inċiżi u bullets. F'ordni mill-aktar importanti sal-anqas importanti, din is-sistema ta' numerizzazzjoni tiġi ppreżentata **ġeneralment** kif ġej:

— ċifri Rumani kapitali (I, II, III, IV, eċċ.),

— ittri kapitali (A, B, C, D, eċċ.),

— ċifri Għarab (1, 2, 3, 4, eċċ.),
— ittri żgħar bejn il-parentesijiet (a), (b), (c), (d), eċċ.,
— ċifri Rumani żgħar bejn il-parentesijiet (i), (ii), (iii), (iv), (v), eċċ.,
— inċiżi (—),
— punti forma ta' bullets (•).

NB:
— F'sottodiviżjonijiet ta' (a), (b) eċċ, għandhom jintużaw numri Rumai żgħar (i), (ii), (iii) eċċ. L-użu ta' punti forma ta' bullets b'tipa grassa għandu jiġi evitat meta jkunu qed jiġu editjati l-atti. Għar-regoli li jirrigwardaw il-Ġurnal Uffiċjali, ara l-Ewwel Parti, t-Taqsima 2.7 u "Tabelli fil-qosor".
— In-numri Rumani u l-ittri kapitali għandhom ikunu separati mit-titolu b'sing twil ("em-dash rule"); numri Għarab għandhom ikunu segwiti b'punt ta' waqfa; ittri żgħar u numri Rumani żgħar għandhom jingħalqu f'parentesijiet tondi: qatt ma għandu jitħalla barra l-ewwel parentesi.
— F'testi legali, l-awturi u t-tradutturi għandhom dejjem isegwu l-alfabett Ingliż meta jkunu qed jelenkaw bl-ittri f'testi legali tal-Istituzzjonijiet Ewropej. Din ġejja mill-kuntest bilingwi ġuridiku Malti u hi prassi ewlenija fit-testi legali Maltin li tħaffef it-tqabbil bejn il-verżjoni Ingliża u dik Maltija.

Tradizzjonalment test ikun suddiviż kif ġej:

L-Ewwel Parti
**L-ATTIVITÀ TAL-UNJONI**
Kapitolu I
L-IŻVILUPP TAL-UNJONI
**Taqsima I — Il-qagħda politika ġenerali**
A — Is-setgħat baġitarji
**1. Ir-rapport ewlieni**
(a) Id-Direttivi adottati

## Is-sistema bla numerazzjoni

Fejn ma jintużawx l-intestaturi tas-soltu (parti, kapitolu, eċċ.) u lanqas iċ-ċifri tal-ordni, importanti li jiġu indikati fuq id-dokument oriġinali t-titoli u s-sottotitoli meta jsir l-editjar u jiġu ddeterminati b'mod preċiż:

**L-ATTIVITÀ TAL-UNJONI**
L-IŻVILUPP TAL-UNJONI
**Il-qagħda politika ġenerali**
Is-setgħat baġitarji
**Ir-rapport ewlieni**
Id-Direttivi adottati

## Is-sistema ta' numerazzjoni deċimali

In-numerazzjoni tista' tkun ukoll deċimali:

**L-Ewwel Parti — L-ATTIVITÀ TAL-UNJONI**
Kapitolu I — *L-IŻVILUPP TAL-UNJONI*
**1. Il-qagħda politika ġenerali**
1.1. Is-setgħat baġitarji
**1.1.1. Ir-rapport ewlieni**

F'dan il-każ, il-livelli ta' sottotitoli għandhom ikunu limitati.

## Is-sistema ta' numerazzjoni kontinwa

Fl-aħħar nett, għal xogħlijiet ta' referenza li jkun fihom bosta referenzi minn parti għal oħra, spiss ikun prattiku li jiġu nnumerati l-paragrafi b'mod kontinwu. Għalhekk jaqbel li jintuża dan in-numru fir-referenza, li huwa indipendenti mill-ippaġnar finali.

In-numerazzjoni kontinwa tista’ wkoll tiġi kkumbinata ma’ waħda mis-sistemi l-oħra ta’ numerazzjoni.

# 5.7. In-numerazzjonijiet

## In-numerazzjoni sempliċi

In-numerazzjoni sempliċi kollha tiddaħħal permezz ta’ żewġ punti. Kull element jibda b’ittra żgħira u jispiċċa b’virgola jew permezz ta’ punt u virgola (skont it-tul tal-element jew il-preżentazzjoni tal-frażi):

> L-erba’ staġuni tas-sena huma:
>
> (1) ir-rebbiegħa,
>
> (2) is-sajf,
>
> (3) il-ħarifa,
>
> (4) ix-xitwa.

> Din il-proposta għandha żewġ għanijiet:
>
> — it-tfassil ta’ dispożizzjonijiet komuni tal-Unjoni f’dak li għandu x’jaqsam mas-sigurtà tal-pazjenti;
>
> — it-tneħħija tal-ostakli għall-iskambji li joriġinaw mid-differenzi fid-dispożizzjonijiet nazzjonali.

NB: Għar-regoli li jikkonċernaw il-Ġurnal Uffiċjali, ara t-Taqsima 3.5.

## In-numerazzjoni multipla

In-numerazzjoni multipla ssegwi r-regoli previsti għat-taqsimiet tat-test, biċ-ċifri, l-ittri, l-inċiżi u l-punti:

| Doppja | Tripla | Kwadrupla |
|---|---|---|
| Xxxxxxxx:<br>(1) xxxxxx:<br>    (a) xxxx,<br>    (b) xxxx,<br>    (c) xxxx;<br>(2) xxxx. | Xxxxxxxx:<br>(1) xxxxxx:<br>    (a) xxxx:<br>        — xxxx,<br>        — xxxx;<br>    (b) xxxx;<br>(2) xxxx. | Xxxxxxxx:<br>(1) xxxxxx:<br>    (a) xxxx:<br>        — xxxx;<br>        — xxxx:<br>            • xxxx,<br>            • xxxx;<br>    (b) xxxx;<br>(2) xxxx. |

# 5.8. L-enfasi

Fil-Malti, il-korsiv jintuża biex jiġbed l-attenzjoni tal-qarrej lejn kelma, frażi jew passaġġ li l-awtur jipprova juri, biex kliem barrani jinbidel fl-ilsien attwali jew biex jindika t-titolu sħiħ ta’ xogħol (ara t-Taqsima 5.9.4).

F’test bil-korsiv, il-kelmiet li jridu jiġu enfasizzati jsiru bir-Ruman.

Biex jiġi evitat il-korsiv, wieħed jista’ jirrikorri għall-virgoletti biex jiġu enfasizzati ċerti kelmiet. Madankollu, jaqbel li l-virgoletti u l-korsiv ma jintużawx flimkien.

L-enfasi tista’ ssir ukoll bl-għajnuna ta’ karattri b’tipa grassa, iżda kemm l-użu tat-tipa grassa u kemm tal-korsiv għandu jsir b’moderazzjoni.

Għar-regoli dettaljati dwar l-użu tal-korsiv, ara t-Taqsima 10.6.

# 5.9. Ir-referenzi

Ir-referenza hija mod preċiż kif tista’ ssib kwotazzjoni, li jissemma xogħol jew parti minn xogħol fir-rigward tas-suġġett li qed jiġi ttrattat jew li twassal għalih, kemm jekk tkun fit-test innifsu jew fin-noti ta’ qiegħ il-paġna. Għandha tiġi rispettata l-forma ta’ numerazzjoni oriġinali tar-Regolament, id-Direttiva, l-Artikoli tat-Trattati, il-kawżi tal-Qorti tal-Ġustizzja, eċċ. Għandha tiġi segwita wkoll it-traskrizzjoni eżatta tat-titoli f’każ ta’ kwotazzjoni ta’ dawn.

Meta jkunu integrati fit-test prinċipali, ir-referenzi jridu jkunu qosra u preferibbilment magħluqa f’parentesijiet.

## 5.9.1. Ir-referenzi għal-leġiżlazzjoni tal-UE

### Il-preżentazzjoni ta’ dikjarazzjonijiet differenti

Għall-preżentazzjoni ta’ referenzi għal-leġiżlazzjoni tal-UE fit-testi ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali u għan-numerazzjoni tal-atti, ara l-Ewwel Parti.

F’pubblikazzjonijiet li mhumiex dawk tal-Ġurnal Uffiċjali, it-titoli tal-atti jistgħu jiġu kkwotati b’mod inqas strett. Madankollu, għandu jiġi nnutat li, f’kull każ, il-komponenti tat-Titolu tal-Att (it-titolu tal-Att, in-numru, l-entità li kitbitu, id-data u t-titolu) ma jkunux isseparati b’virgoli u li it-titolu ma jiġix segwit minn virgola:

**Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 jistipula li […]**

**Ir-Regolament (UE) Nru 1204/2009 jistipula li […]**

**Ir-Regolament (KE) Nru 1186/2009 tal-Kunsill tas-16 ta’ Novembru 2009 dwar it-twaqqif ta’ skema Komunitarja ta’ dazji doganali jistipula li […]**

**Ir-Regolament (KE) Nru 1186/2009 tal-Kunsill dwar it-twaqqif ta’ skema Komunitarja ta’ dazji doganali jistipula li […]**

**Ir-Regolament (KE) Nru 1186/2009 dwar it-twaqqif ta’ skema Komunitarja ta’ dazji doganali jistipula li […]**

Naturalment, ma hemm xejn li jwaqqaf l-użu ta’ virgoli imposti mis-sintassi ġewwa titolu:

**Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1307/2008 tad-19 ta’ Diċembru 2008 li jiffissa, għas-sena tas-sajd 2009, il-prezzijiet ta’ referenza għal ċerti prodotti tas-sajd jistipula li […]**

Fl-atti emendatorji, it-titolu tal-Att ukoll irid jifforma massa unika (l-ebda punteġġatura bejn il-komponenti tal-atti emendati):

**Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1204/2009 tal-4 ta’ Diċembru 2009 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 968/2006 li jistipula regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 li jistabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità Ewropea […]**

### L-użu ta' "u" jew "sa"

F'pubblikazzjonijiet li mhumiex dawk tal-Ġurnal Uffiċjali, meta jkun hemm ġabra ta' bosta regolamenti, artikoli, eċċ., l-użu tal-forom "u" jew "sa" għandu jiġi ddeterminat mir-regoli li ġejjin.

— sa tliet numri għandha tintuża "u" u għandhom jiġu indikati n-numri kollha:

> Ir-Regolamenti (UE) 2015/17, 2015/18 u 2015/19
> *(atti bl-istess qasam)*

> Ir-Regolamenti (UE) 2015/17, 2015/18 u 2015/19 u (UE, Euratom) 2015/623
> *(atti b'oqsma differenti)*

> l-Artikoli 2, 3 u 4
> *(u mhux* "l-Artikoli minn 2 sa 4"*)*

— 'il fuq minn hekk:

> Ir-Regolamenti minn (UE) 2016/52 sa 2016/56

> l-Artikoli minn 2 sa 8

Għandu dejjem jiġi evitat l-użu tas-sing twil biex juri firxa ta' artikoli: forma bħalma hija "ir-Regolamenti (UE) 2016/52-2016/56" tista' tfisser kemm 2016/52 u 2016/56, kif ukoll minn 2016/52 sa 2016/56. Għalhekk il-preċiżjoni timponi l-użu esklussiv tal-forom "u" jew "sa".

### Ir-referenzi tal-Ġurnal Uffiċjali

Ara t-Taqsima 3.1.

## 5.9.2. Ir-referenzi għat-Trattati

Fir-referenzi għall-Artikoli tat-Trattati, għandha ssir attenzjoni partikolari għall-istadji storiċi differenti, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam man-numerazzjoni mill-ġdid tat-Trattat tal-UE. Wara kull emenda tat-Trattati, l-atti preċedenti għall-emenda bħal din iridu jippreservaw in-numerazzjoni u t-titolu tal-oriġini.

#### It-Trattat ta' Pariġi (1952)
(firma: 18.4.1951, dħul fis-seħħ: 23.7.1952)

Il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA) twaqqfet permezz tat-Trattat ta' Pariġi, li skada fit-23 ta' Lulju 2002.

#### It-Trattati ta' Ruma (1958)
(firma: 25.3.1957, dħul fis-seħħ:1.1.1958)

Il-Komunità Ekonomika Ewropea (KEE) u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom jew KEEA) inħolqu permezz tat-Trattati ta' Ruma.

#### It-Trattat ta' Brussell (1967)
(firma: 8.4.1965, dħul fis-seħħ: 1.7.1967)

It-Trattat ta' Brussell, magħruf ukoll bħala t-"Trattat li Jgħaqqad", kellu l-għan li jimmodernizza l-istituzzjonijiet Ewropej billi jistabbilixxi Kummissjoni unika u Kunsill uniku minflok it-tliet Komunitajiet li kien hemm dak iż-żmien (il-KEFA, il-KEE u l-Euratom). Dan tħassar permezz tat-Trattat ta' Amsterdam.

#### It-Trattat ta' Maastricht (1993)
(firma: 7.2.1992, dħul fis-seħħ: 1.11.1993)

Malli daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Maastricht, jew "it-Trattat tal-Unjoni Ewropea" (it-Trattat tal-UE, jew it-TUE), l-isem "Komunità Ekonomika Ewropea" ġie sostitwit b'dak ta' "il-Komunità Ewropea". It-Trattat tal-KEE nbidel u sar it-Trattat tal-KE.

It-Trattat tal-UE kien jikkonsisti minn Artikoli indikati permezz ta' ittri jew permezz ta' ittri u ċifri: "l-Artikolu A jew l-Artikolu K.1 tat-Trattat tal-UE"). Għandha tingħata attenzjoni biex ma jintużawx

referenzi żbaljati tat-tip “l-Artikolu 130 A tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea”, li hija referenza għat-Trattat tal-KE.

Bl-istess mod, ma għandhiex tintuża l-formula “hekk kif emendat(a) permezz tat-Trattat tal-UE” (pereżempju, għandu jinkiteb, “l-Artikolu 130 A tat-Trattat tal-KE”, u mhux “l-Artikolu 130 A tat-Trattat tal-KE hekk kif emendat permezz tat-Trattat tal-UE”).

### It-Trattat ta’ Amsterdam (1999)
(firma: 2.10.1997, dħul fis-seħħ: 1.5.1999)

Skont l-Artikolu 12 tat-Trattat ta’ Amsterdam, it-Trattat tal-UE kien soġġett għal numerazzjoni mill-ġdid tal-Artikoli (l-Artikoli A, B, C, eċċ. ġew numerati mill-ġdid biex saru l-Artikolu 1, 2, 3…), b’konformità ma’ tabella ta’ korrelazzjoni li tinsab fit-Trattat imsemmi.

It-Trattat ta’ Amsterdam:
https://publications.europa.eu/s/fp3W

### It-Trattat ta’ Nizza (2003)
(firma: 26.6.2001, dħul fis-seħħ: 1.2.2003)

It-Trattat ta’ Nizza kellu l-għan li jirriforma l-istituzzjonijiet biex jiżgura li l-UE tkun tista’ tkompli tiffunzjona effettivament wara t-tkabbir għal 25 Stat Membru.

### It-Trattat ta’ Liżbona (2009)
(firma: 13.12.2007, dħul fis-seħħ: 1.12.2009)

Skont l-Artikolu 5 tat-Trattat ta’ Liżbona, it-Trattat tal-UE reġa’ kien soġġett għal numerazzjoni mill-ġdid, b’konformità ma’ tabella ta’ korrelazzjoni mehmuża mat-Trattat ta’ Liżbona.

Tabella ta’ korrelazzjoni, it-Trattat ta’ Liżbona:
https://eur-lex.europa.eu/resource.html?uri=cellar:8d1c14fc-6be7-4d4e-8416-f28cfc7b3b60.0016.01/DOC_17&format=PDF

It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (it-Trattat tal-KE, jew TKE) ġie emendat u msejjaħ it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-Trattat FUE, jew TFUE).

Il-kunċett ta’ “Komunità Ewropea” fis-sens tat-Trattat tal-KE ġie sostitwit minn “Unjoni Ewropea”. B’konsegwenza ta’ dan, it-termini “Komunitarju/Komunitarji” u “tal-Komunità” jridu jiġu sostitwiti minn “tal-Unjoni” jew il-forom kollha xierqa:

| |
|---|
| il-politika tal-Unjoni *(u mhux* il-politika Komunitarja*)* |
| il-muniti ta’ Pajjiżi Terzi *(u mhux* il-muniti ta’ Pajjiżi mhux Komunitarji*)* |

NB: Madankollu, “Komunità” u “Komunitarja/Komunitarju” jibqgħu aċċettati f’dak li għandu x’jaqsam mal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (it-Trattat tal-Euratom) u għandom jibqgħu jintużaw f’referenzi storiċi.

Ara wkoll it-Taqsima 3.4.1 (l-ordni ta’ ċitazzjoni tat-Trattati fl-Atti).

## 5.9.3. Ir-referenzi għall-kawżi tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali

Pubblikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea: EU:C:2005:446 Pubblikazzjonijiet għajr dawk tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea: ECLI:EU:C:2005:446

## Pubblikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

### Ġabra diġitali tal-kawżi

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea adottat metodu ta' ċitazzjoni tal-ġurisprudenza li jgħaqqad l-ECLI (mingħajr l-akronimu "ECLI" innifsu) mal-isem tas-soltu tad-deċiżjoni u n-numru tal-kawża fir-reġistru. Dan huwa applikabbli għall-ġurisprudenza kollha sa mill-1954. Dan ġie applikat progressivament minn kull Qorti/Tribunal tal-UE sa mill-ewwel nofs tas-sena 2014, ġie armonizzat bejn il-Qrati tal-Unjoni Ewropea matul is-sena 2016:

**sentenza tat-12 ta' Lulju 2005, Schempp, C-403/03, EU:C:2005:446, punt 19**

Jekk id-deċiżjoni ma ġietx ippubblikata sħiħa fir-Rapporti, tiżdied il-formula "mhux ippubblikat(a)":

**sentenza tas-6 ta' Ġunju 2007, Walderdorff vs il-Kummissjoni, T-442/04, mhux ippubblikata, EU:T:2007:161**

**Għal aktar informazzjoni**

Is-sit tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea: Curia (https://curia.europa.eu/jcms/jcms/P_125997/mt)

**Identifikatur Ewropew tal-ġurisprudenza (ECLI)**

Ara t-Taqsima 4.5.

### Rapporti tal-kawżi fuq il-karta

Il-kawżi kienu ppubblikati fuq il-karta jew fil-*Ġabra tal-Ġurisprudenza quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali* (sal-2011), jew fil-*Ġabra tal-Qorti Ewropea — il-Ġabra tas-Servizz Pubbliku tal-Komunità Ewropea* (sal-2009).

Fir-referenzi għall-kawżi, il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ġenerali u t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kienu jużaw formola interna limitata għall-pubblikazzjonijiet tagħhom proprji (notevolment fir-Rapport tal-Kawżi quddiem il-Qorti) u ma kinux isemmu s-sena tar-rapport (fejn is-sena hija dik tas-sentenza):

**is-Sentenza tal-15 ta' Jannar 1986, il-Kummissjoni v il-Belġju (il-Każ 52/84, ECR 89, il-punt 12)**
**is-Sentenza tat-28 ta' Jannar 1992, Speybrouck v il-Parlament (il-Każ T-45/90, ECR II-33, il-punt 2)**
**is-Sentenza tad-9 ta' Frar 1994, Latham v il-Kummissjoni (il-Każ T-3/92, ECR I-A-23 u II-83, il-punt 2)**

NB: Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona fl-1 ta' Diċembru 2009, "il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej" saret "il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea" u "l-Qorti tal-Prim'Istanza" saret "il-Qorti Ġenerali".

## Pubblikazzjonijiet għajr dawk tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Il-ġurisprudenza tista' wkoll tiġi ċċitata f'pubblikazzjonijiet li mhumiex tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea: pubblikazzjonijiet ġenerali, atti legali ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali (b'mod partikolari deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar għajnuna mill-istat jew fużjoni, eċċ.).

Minħabba li pubblikazzjonijiet bħal dawn huma mmirati għal pubbliku mhux speċjalizzat, il-metodu ta' ċitazzjoni jinvolvi informazzjoni addizzjonali.

NB: Il-komunikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Ġurnal Uffiċjali ssegwi r-regola ta' ċitazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Mill-1 ta' Jannar 2015, il-metodu għar-referenzjar tal-ġurisprudenza jagħti ammont ta' flessibbiltà lill-awtur tat-test ewlieni, iżda jistandardizza ċ-ċitazzjoni tal-ECLI fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

### Test ewlieni

Ir-referenza tal-ġurisprudenza għandha tinkludi mill-inqas:

— it-tip ta' deċiżjoni (sentenza, ordni, eċċ.),

— l-isem tal-qorti.

Jistgħu jiżdiedu dawn l-elementi li ġejjin, jekk ikunu utli fil-kuntest:

- l-isem tas-soltu tal-kawża,
- id-data tad-deċiżjoni.

## Nota ta’ qiegħ il-paġna

Il-format standardizzat jinkludi dejjem dawn l-elementi li ġejjin, fl-ordni kif muri hawn taħt:

- it-tip ta’ deċiżjoni (sentenza, ordni, eċċ.),
- l-isem tal-qorti,
- id-data tad-deċiżjoni,
- l-isem tas-soltu tal-kawża,
- in-numru tal-kawża,
- l-ECLI tad-deċiżjoni,
- jekk meħtieġ, kull paragrafu partikolarment pertinenti.

**Ir-Regolament (KE) Nru 304/2003 ġie annullat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea** (1) **[...]**

(1) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta’ Jannar 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-178/03, ECLI:EU:C:2006:4, punti 60 sa 65.

**Fis-sentenza tagħha tal-10 ta’ Jannar 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u Il-Kunsill** (1)**, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat ir-Regolament (KE) Nru 304/2003 [...]**

(1) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta’ Jannar 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-178/03, ECLI:EU:C:2006:4, punt 60.

Jekk l-istess deċiżjoni hija msemmija għal ħafna drabi, l-aħjar li jkun deċiż, fl-ewwel okkorrenza tagħha, kif ser tidher aktar ’il quddiem:

**Ir-Regolament (KE) Nru 304/2003 ġie annullat mill-Qorti tal-Ġustizzja** (1) **(minn issa ’l quddiem imsejjaħ is-“sentenza tal-Kummissjoni vs Il-Parlament u Il-Kunsill)” [...]**

**Fis-sentenza tagħha tal-10 ta’ Jannar 2006, fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u Il-Kunsill** (1) **(minn issa ’l quddiem imsejjaħ is-“sentenza tal-10 ta’ Jannar 2006”), il-Qorti tal-Ġustizzja annullat ir-Regolament (KE) Nru 304/2003 [...]**

**Ir-Regolament (KE) Nru 304/2003 ġie annullat mill-Qorti tal-Ġustizzja** (1) **(minn issa ’l quddiem imsejjaħis-“sentenza fil-Kawża C-178/03”) [...]**

Dan il-metodu ta’ ċitazzjoni japplika kemm għar-referenzi tad-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja li ġew ippubblikati fuq il-karta fil-Ġabra u għal dawk li, aktar riċenti, kienu ppubblikati biss f’format diġitali.

**Sommarju f’tabella**

Mod ta’ ċitazzjoni f’pubblikazzjonijiet għajr dawk tal-Qorti tal-Ġustizzja (f’24 verżjoni tal-lingwa)

**Fejn issib l-ECLI**

Għal tiftixa ta’ malajr għall-ECLI ta’ kwalunkwe deċiżjoni, ittajpja n-numru tal-kawża fil-formola ta’ tiftix ta’:

- is-sit tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (attribut “Numru tal-kawża”) (https://curia.europa.eu/juris/recherche.jsf?language=mt),
- is-sit tal-EUR-lex (attribut “Tiftixa għat-test”) (https://eur-lex.europa.eu/advanced-search-form.html?locale=mt).

**Fejn issib l-isem tas-soltu tal-kawża**

L-isem tas-soltu tal-kawża huwa assenjat mill-Qorti tal-Ġustizzja. Jista’ jinstab permezz tal-konsultazzjoni fil-listi li jistgħu jiġu aċċessjati mis-sit tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (fil-paġna “Aċċess numeriku”) (https://curia.europa.eu/jcms/jcms/Jo2_7045/mt). Dawn il-listi jeżistu biss bl-Ingliż u bil-Franċiż.

**Qabel l-1 ta' Jannar 2015**

Fil-pubblikazzjonijiet għajr dawk tal-Qorti tal-Ġustizzja, għar-referenzi tal-ġurisprudenza, id-data tad-deċiżjoni u s-sena tal-ġabra tal-qorti kienu jkunu inklużi biex jiffaċilitaw ir-riċerka bibljografika tal-qarrej, li jista' jkun ma kienx ikun konxju tar-rabta bejn is-sena tal-pubblikazzjoni u s-sena tad-deċiżjoni:

— Qabel il-15 ta' Novembru 1989:
is-Sentenza tal-15 ta' Jannar 1986 fil-Każ 52/84, il-Kummissjoni v il-Belġju (ECR 1986, p. 89, il-punt 12)

— Wara l-15 ta' Novembru 1989 'il hemm (il-każijiet tal-Qorti u tat-Tribunal jiġu ppubblikati separatament):
is-Sentenza tat-30 ta' Jannar 1992 fil-Każ C-328/90, il-Kummissjoni v il-Greċja (ECR 1992, p. I-425, il-punt 2)

is-Sentenza tat-28 ta' Jannar 1992 fil-Każ T-45/90, Speybrouck v il-Parlament (ECR 1992, p. II-33, il-punt 2)

— Mill-1 ta' Jannar 1994 sal-31 ta' Diċembru 2005 (kawżi tas-servizz pubbliku biss):
is-Sentenza tad-9 ta' Frar 1994 fil-Każ T-3/92, Latham v il-Kummissjoni (ECRFP 1994, p. I-A-23 u II-83, il-punt 2)

— Mill-1 ta' Jannar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2014 (il-każijiet tal-persunal quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ġenerali u t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku):
is-Sentenza tad-9 ta' Novembru 2006 fil-Każ C-344/05 P *il-Kummissjoni* v *De Bry* (ECRFP 2006, p. I-B-2-19 u II-B-2-127)

is-Sentenza tat-8 ta' Ġunju 2006 fil-Każ T-156/03 *Pérez-Díaz* v *il-Kummissjoni* (ECRFP 2006, p. I-A-2-135 u II-A-2-649)

is-Sentenza tas-26 ta' Ottubru 2006 fil-Każ F-1/05 *Landgren* v *ETF* (ECRFP 2006, p. I-A-1-123 u II-A-1-459)

## 5.9.4. Ir-referenzi bibljografiċi

### Referenza għal xogħol sħiħ

Għandu jiġi adottat dan l-ordni:

(1) il-kunjom u l-inizjali tal-isem (ismijiet) tal-awtur, segwiti minn virgola;

(2) it-titolu tax-xogħol (bil-korsiv) u, jekk applikabbli, in-numru tal-edizzjoni;

(3) il-pubblikatur, il-post tal-pubblikazzjoni, is-sena tal-pubblikazzjoni, paġni rilevanti, eċċ.:

Wettinger, G., *Kliem Malti Qadim*, L-Istitut tal-Lingwistika u d-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta, Malta, 2006, p. 39.

### Referenza għal parti minn xogħol: kontribuzzjoni jew artikolu

Għandu jiġi adottat dan l-ordni:

(1) il-kunjom u l-inizjali tal-isem (ismijiet) jew l-isem tal-awtur, segwiti minn virgola;

(2) it-titolu tal-kontribuzzjoni jew l-artikolu (bejn il-virgoletti);

(3) it-titolu tax-xogħol fil-korsiv u, jekk applikabbli, in-numru tal-edizzjoni;

(4) il-pubblikatur, il-post tal-pubblikazzjoni, is-sena tal-pubblikazzjoni, paġni rilevanti, eċċ.:

Grima, A., "L-Analiżi Kritika tal-Poeżija", *Il-Qari tal-Letteratura: Bejn Esperjenza u Kritika*, Allied Publications, Malta, 2009, pp. 71–98.

### Referenza għal perjodiku jew għal pubblikazzjoni f'serje

Għandu jiġi adottat dan l-ordni:

(1) jekk hu magħruf, it-titolu tal-artikolu (bejn il-virgoletti);

(2) it-titolu tal-perjodiku jew tas-serje (bil-korsiv);

(3) in-numru, id-data jew il-frekwenza;

(4) il-pubblikatur, il-post tal-pubblikazzjoni, is-sena tal-pubblikazzjoni:

> “Economic transformation in Hungary and Poland”, *European Economy* Nru 43, Marzu 1990, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, il-Lussemburgu, 1990, pp. 151–167.

NB: Sat-30.6.2009: “L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej” iżda mill-1.7.2009: “L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea”. Ara li żżomm l-isem oriġinali.

### Kummenti ġenerali

Għall-konvenjenza, jintużaw l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin: ikomp., pp., Vol., eċċ. (ara l-Anness A3). Kull nota ta’ spjegazzjoni — frekwenza, post tal-pubblikazzjoni, eċċ. — trid titfassal fl-ilsien Malti.

## 5.10. Il-kwotazzjonijiet

Il-kwotazzjoni hija magħmula minn:

— passaġġi riprodotti minn xogħlijiet oħrajn,

— kliem u ħsibijiet rappurtati fi stil dirett.

Biex tittratta l-kwotazzjonijiet, it-tipografija toffri diversi sistemi, bħalma huma l-użu ta’ korp inferjuri ta’ test jew l-użu ta’ virgoletti jew inċiżi:

— il-kwotazzjonijiet normali (li jagħmlu frażijiet jew kliem iżolati rappurtati f’diskors dirett) isiru kompletament bejn virgoletti, fil-korp u t-tipa tat-test;

— il-kwotazzjonijiet li jinkludu kwotazzjonijiet oħra (kwotazzjonijiet sekondarji) jinvolvu virgoletti distinti minn xulxin (ara t-Taqsima 4.2.3).

Jekk kelma jew parti minn kwotazzjoni titneħħa mit-test, hija għandha tiġi sostitwita minn tliet punti (b’konformità mar-regoli deskritti hawn fuq).

Jekk jitneħħa passaġġ sħiħ, dan jiġi sostitwit minn tliet punti f’parentesijiet kwadri, u dan kollu jitqiegħed bejn żewġ spazji vojta:

> “Xxxxx xxxxx xxxxxxxxx.
> […]
> Xxxxx xxxxx xxxxxxxx.”

### Il-punteġġatura fil-kwotazzjonijiet

#### Kwotazzjonijiet, tliet punti u parentesijiet kwadri

It-tliet punti jissostitwixxu passaġġ li jitħalla barra minn kwotazzjoni; f’dan il-każ, jitqiegħdu f’parentesijiet kwadri, u jkunu preċeduti minn spazju normali:

> “Il-Kunsill ried jieħu bosta miżuri […]; fl-aħħar mill-aħħar, irrinunzja li jagħmel dan.”

> “Wasal ftit wara […]. Kollox kien spiċċa. […]”

Din il-formula tintuża wkoll biex tevita konfużjoni mat-tliet punti mqiegħda mill-awtur innifsu, kif juri l-passaġġ li ġej ta’ N. Sarraute:

> “[…] Perfetta … sorpriża ta’ veru, xorti tajba … armonija affaxxinanti, din il-purtiera tal-bellus, bellus oħxon ħafna, […] ħadra skura […]”

NB: Meta d-dipartiment ta' oriġini ma jużax il-parentesijiet kwadri għall-passaġġi li tħallew barra fi kwotazzjoni, is-servizzi tal-qari tal-provi tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, minħabba li ma jkunux jistgħu jistabbilixxu distinzjoni bejn passaġġ li tħalla barra u s-sospensjoni tal-idea, ikollhom jadottaw formula konvenzjonali tax-xogħol. It-tliet punti allura jiġu preċeduti u segwiti minn spazju normali, u dan jiġri fil-każijiet kollha:

"Il-Kunsill ried jieħu bosta miżuri ... fl-aħħar mill-aħħar, irrinunzja li jagħmel dan."

"Wasal ftit wara ... Kollox kien spiċċa ..."

"Il-Kummissjoni pproponiet ... ir-Regolament dwar ... l-opportunitajiet indaqs ..."

### Il-kwotazzjonijiet fil-virgoletti (virgoletti, żewġ punti, punt finali ta' waqfa)

Meta l-kwotazzjoni tkun issegwi l-frażi inizjali, iż-żewġ punti jridu jiġu evitati u l-punt finali ta' waqfa jitqiegħed wara l-virgoletti (il-punteġġatura tirrispetta s-sekwenza loġika tal-frażi). Din ir-regola tapplika wkoll jekk il-parti li qiegħda fil-virgoletti tkun fil-forma ta' paragrafu ġdid:

Fil-kwistjoni rilevanti, il-Qorti tiddikjara li "l-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti [...] hija probabbli ħafna".

Fil-kwistjoni rilevanti, il-Qorti tiddikjara li
"l-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti [...] hija probabbli ħafna".

Meta l-kwotazzjoni tkun preċeduta minn żewġ punti, hija tibda b'ittra kapitali u tieħu l-punt finali ta' waqfa qabel il-virgoletti ta' għeluq. Din ir-regola tapplika wkoll jekk il-parti kkwotata li qiegħda bejn il-virgoletti tkun fil-forma ta' paragrafu ġdid:

Fil-kwistjoni rilevanti, il-Qorti tiddikjara: "L-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti [...] hija probabbli ħafna".

Fil-kwistjoni rilevanti, il-Qorti tiddikjara:
"L-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti [...] hija probabbli ħafna."

Jekk wara l-kwotazzjoni jkun hemm nota ta' qiegħ il-paġna, il-punt finali ta' waqfa jitqiegħed wara n-nota ta' qiegħ il-paġna fil-każijiet kollha:

Fil-kwistjoni rilevanti, il-Qorti ddikjarat: "L-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti [...] hija probabbli ħafna" (1).

Fil-kwistjoni rilevanti, il-Qorti ddikjarat li "l-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti [...] hija probabbli ħafna" (1).

Meta jkun hemm kwotazzjoni ta' partijiet introduttivi ta' Atti tal-Unjoni (ċitazzjonijiet, premessi, eċċ.), il-punteġġatura oriġinali titniżżel bħala parti mill-kwotazzjoni:

Il-Kummissjoni biddlet it-tielet premessa kif ġej: "(3) Il-Ftehim għandu għaldaqstant jiġi ffirmat u approvat,".

NB: Għal-livelli differenti ta' virgoletti, ara t-Taqsima 4.2.3.

## 5.11. Il-materjal artistiku (l-illustrazzjonijiet)

### Ir-ritratti, l-istampi, id-dijagrammi u l-graffs

L-oriġinali ta' ritratti bla kulur iridu jkunu ta' kwalità tajba u b'kuntrast tajjeb, preferibbilment fuq karta bajda tleqq, bl-iskop ta' riproduzzjoni fidila tal-half-tones (slide, emistikju, eċċ.). Id-dokumenti jridu jitqiegħdu kif suppost u ma jintwewx.

Id-dokumenti fornuti f'forma elettronika jew maħsuba biex jiġu skennjati jridu jkunu ta' kwalità għolja, preferibbilment fil-format finali tal-immaġini. Għall-Internet, il-fajls jistgħu jiġu kkompressati, iżda jridu jkunu kkompressati fi kwalità għolja.

### Il-captions

Il-captions ma jridux ixekklu l-illustrazzjonijiet li qegħdin jakkumpanjaw, iżda għandhom jispjegawhom b'mod ċar. Test qasir u preċiż huwa dejjem preferibbli.

### L-użu tal-kuluri

L-użu tal-kuluri f'illustrazzjoni ta' xogħol irid ikun adattat għall-kontenut tiegħu u għall-preżentazzjoni tiegħu kollha kemm hi. Barra minn hekk, l-għadd ta' kuluri użati għandu influwenza diretta fuq il-kumplessità tal-produzzjoni u fuq l-ispiża finali.

Pereżempju, l-istampar tar-ritratti bil-kulur jirrikjedi l-użu ta' karta adattata (karta miksija), li minħabba li jkollha wiċċ lixx u kumpatt tippermetti riproduzzjoni perfetta tal-isfumaturi tal-kulur.

Min-naħa l-oħra, l-islides bl-outline (graffs, dijagrammi, eċċ.), jippermettu kompożizzjoni aktar sempliċi. F'dan il-każ, għall-istampar, tista' tintuża karta inqas għalja (karta rraffinata, illixxata).

## 5.12. It-tabelli

It-tabella sservi biex turi jew tispjega t-test b'iktar jew b'inqas dettalji. Għalhekk huwa importanti li tiġi ppreżentata b'mod sempliċi kif ukoll ċar kemm jista' jkun.

L-intestaturi tal-kolonni tat-tabella kif ukoll in-nomenklaturi ma jridx ikollhom abbrevjazzjonijiet; barra minn dan, għandu jiġi evitat li l-kliem jinkiteb kollu b'ittri kapitali.

Għall-ispjegazzjonijiet ulterjuri kollha li jidhru fil-qiegħ tat-tabella u li mhumiex noti, huwa rakkomandat li tintuża n-NB:

NB: m.d. = mhux determinat.

### Ix-xogħlijiet jew it-tabelli multilingwi

Fil-każ ta' xogħol multilingwi, il-verżjonijiet lingwistiċi differenti jridu jsegwu l-ordni alfabetiku komuni tal-ismijiet ta' oriġini tal-lingwi, stabbiliti fuq l-ortografija oriġinali tagħhom (ara t-Taqsima 7.2.1).

## It-Tielet Parti

# Konvenzjonijiet komuni għal-lingwi kollha

Huma segwiti konvenzjonijiet ta’ ħidma rigward struzzjonijiet tipografiċi u preżentazzjoni standardizzata biex jitħejjew pubblikazzjonijiet armonizzati f’ambjent multilingwi.



# 6. Istruzzjonijiet tipografiċi u r-reviżjoni tat-test

Huma segwiti konvenzjonijiet ta’ ħidma rigward struzzjonijiet tipografiċi u preżentazzjoni standardizzata biex jitħejjew pubblikazzjonijiet armonizzati f’ambjent multilingwi.

## 6.1. Il-qari tal-manuskritt

Il-preżentazzjoni tal-manuskritt li jasal mis-servizz tal-awtur kienet diskussa fit-Taqsima 4.2.

Il-qarrejja tal-provi tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jaqraw il-manuskritt kollu u jippreparawh għat-typesetting.

Il-qarrejja tal-provi għandhom jagħtu ħarsa sħiħa lix-xogħol. L-għan hu li jifhmu l-istruttura tat-test sabiex japplikaw ir-regoli stabbiliti f’din il-Gwida tal-Istil. Ta’ spiss huma obbligati li jaħdmu fuq taqsimiet jew paġni individwali, li tfisser li jitilfu l-fil tas-sustanza tas-suġġett.

Kwalunkwe problemi li jinqalgħu matul il-preparazzjoni tal-manuskritt jiġu notifikati lis-servizz tal-awturi.

(Ara wkoll it-Taqsimiet 4.1.2 u 4.1.3).

## 6.2. Il-qari tal-manuskritt elettroniku

Fil-preparazzjoni tal-manuskritti elettroniċi l-iżbalji li jinstabu jistgħu jkunu kkorreġuti bil-faċilità tal-kompjuter “search and replace”.

Jistgħu jintużaw programmi speċifiċi biex tiġi ċċekkjata l-konsistenza tan-notamenti u l-istrutturi tat-test u l-applikazzjoni tal-istil intern. Il-konvenzjonijiet komuni ta’ stil huma essenzjali biex wieħed jagħmel użu sħiħ ta’ dawn il-programmi.

(Ara wkoll it-Taqsima 4.2).

## 6.3. Is-sinjali tal-qari tal-provi

It-typesetter jibgħat l-ewwel prova lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet sabiex il-kwalità tad-dokument tkun iċċekkjata. Dan ma jgħoddx għax-xogħlijiet camera-ready għaliex ma jinvolvix typesetting.

Il-qarrejja tal-provi jqabblu l-prova mal-manuskritt u jużaw sinjali konvenzjonali tal-qari tal-provi (ara hawn taħt) biex jindikaw kwalunkwe korrezzjonijiet neċessarji. Dawn il-korrezzjonijiet huma indikati b’mod ċar fit-test u fil-ġenb tal-prova. Wieħed għandu jifhem li t-typesetter jista’ ma jifhimx il-lingwa li biha jinkiteb id-dokument.

| Istruzzjonijiet lill-istampatur | Sinjal | Eżempji | |
|---|---|---|---|
| | | ***Fit-test*** | ***Fil-ġenb*** |
| Biex jitneħħa karattru jew kelma | | Kunsill jew jew Parlament | |
| Karattri li jridu jkunu korretti | | Hewn diversi żbelji li jrudu<br>jissewwaw. | a jew a (x2)<br>i e |
| Grupp ta' karattri li jridu jkunu korretti | | Ittri li jridu jkunu korrekti. | tt |
| Karattru jew kelma li trid tiżdied | | Kelma nieqa. | s |
| Test li jrid jiżdied | | 1. Jannar<br>12. Diċembru | out see copy |
| Karattri jew kliem li trid tittrasponi | jew | Dawn l-ittri li jridu jkunu trasopsti. | |
| Ċaqlaq il-kliem jew gruppi ta' kliem | | Ċaqlaq il-kelma jew il-linja jew il-pargrafi il-kliem | |
| Ittrasponi l-linji | | trasposti.<br>Dawn il-linji huma | |
| Żid spazju bejn il-kelmiet | jew | Hawnspazju nieqeshawn. | # |
| Naqqas l-ispazju bejn il-kelmiet | | Dawn l-ispazji huma kbar wisq. | equal spacing |
| Agħlaq l-ispazju | | Hawn spa żju mhux sew hawn. | |
| Neħħi u agħlaq l-ispazju | | Kun sill | jew |
| Neħħi iżda żomm l-ispazju | | Pjan t'azzjoni | |
| Żid spazju bejn il-linji | # | Dawn il-linji huma<br>wisq ma' xulxin. | # |
| Naqqas l-ispazju bejn il-linji | | Dawn il-linji huma<br>spazjati wisq. | |
| Niżżel jew tella' t-test | | Din il-linja mhix dritta. | |
| Ġenneb it-test (ċaqlaq lejn il-lemin) | | L-ewwel linja tat-test hija mbiegħda<br>wisq lejn ix-xellug. | |
| Ġenneb it-test (ċaqlaq lejn ix-xellug) | | L-ewwel linja tat-test hija mbiegħda<br>wisq lejn il-lemin. | |
| Iċċentra t-test | | Iċċentra<br>t-test | |
| Oħloq paragrafu ġdid | | … linja. Hawn għandu jibda paragrafu<br>ġdid. | |
| It-test irid ikompli (l-ebda paragrafu ġdid) | | … linja.<br>L-ebda paragrafu ġdid hawn. | |
| Poġġi lura fil-linja preċedenti | | Dan is-sing-<br>qasir għandu jkun evitat. | |
| Ċaqlaq għal-linja li jmiss | | Dan is-sing mhu-<br>x f'postu. | |
| Biddel għal korsiv | | Ad infinitum | ital. |
| Biddel minn korsiv għal ruman | | *rapporteur* | rom. |
| Biddel l-ittri kapitali għal ittri żgħar | | UNESCO | l.c. |
| Biddel għal ittri kapitali jew ittri kapitali żgħar | | Ġorġ camilleri AD 1857-1910 | caps s.c. |
| Biddel għal tipa skura | | Din il-kelma hija importanti | bold |
| Meħtieġ karattru sopraskritt | | Id-Direttiva tal-Kunsill (1). | 1 |
| Meħtieġ karattru sottoskritt | | CO2 | 2 |
| Stet (ħalli t-test oriġinali) | •••• | Din it-tiswija hija żbaljata | |

NB: Tiswija fit-test għandha dejjem ikollha sinjal korrispondenti fil-ġenb għax jista' jiġri li titħalla barra meta jsiru l-korrezzjonijiet. Meta l-istruzzjonijiet jew il-kummenti jinkitbu fil-ġenb, għandhom dejjem ikunu ċċirkondati biex tindika li m'għandhomx ikunu stampati. Fejn hemm ħafna żbalji f'kelma waħda, huwa aħjar li tikteb il-kelma sħiħa mill-ġdid, speċjalment jekk il-kelma m'għandhiex aktar minn tliet jew erba' ittri.

## 6.4. Is-sinjali tal-punteġġatura u l-ispazji fil-programmi tal-Word

Ir-regoli ddettaljati ppreżentati fit-tabella ta' hawn taħt huma r-riżultat ta' ftehim interistituzzjonali. Għal ċerti sinjali hemm kodiċi tipografiċi nazzjonali li jvarjaw. Għaldaqstant, f'għieħ iċ-ċarezza u l-konkordanza, kif ukoll minħabba l-ambjent multilingwi tagħna, ċerti għażliet saru b'kooperazzjoni nazzjonali sabiex ikun hemm konvenzjoni bejn il-lingwi kollha.

| | Sinjal tipografiku | Preżentazzjoni fil-Word | Kodiċi alfanumeriku | Preżentazzjoni tipografika (stampaturi u desktop publishing) |
|---|---|---|---|---|
| | **(a) Sinjali tal-punteġġatura u sinjali oħra** | | | |
| (1) | , | xx, xx | | xx,■xx (00,00) |
| | ; | xx; xx | | xx;■xx |
| (1) | . | xx. Xx | | xx.■Xx (00.00) |
| | : | xx: xx | | xx:■xx |
| | ! | xx! Xx | | xx!■Xx |
| | ? | xx? Xx | | xx?■Xx |
| | - | xx-xx | | xx-xx |
| | — | xx — xx | *Alt 0151* | xx■—■xx |
| | / | xx/xx | | xx/xx |
| | ( ) | xx (xx) xx | | xx■(xx)■xx |
| | [ ] | xx [xx] xx | | xx■[xx]■xx |
| (2) | “ ” | xx “xx” xx | *Alt 0147* xx *Alt 0148* | xx■“xx”■xx |
| (2) | ‘ ’ | xx ‘xx’ xx | *Alt 0145* xx *Alt 0146* | xx■‘xx’■xx |
| | % | 00●% | | 00⧫% |
| (3) | + | +●00 | | +⧫00 |
| | – | –●00, 00–00 | *Alt 0150* | –⧫00, 00–00 |
| | ± | ±●00 | *Alt 241* | ±⧫00 |
| | °C (°F) | 00●°C | | 00⧫°C |
| | ° | 00° | | 00° |
| | & | xx & xx | | xx■&■xx |
| | … | xx … xx | *Alt 0133* jew *Ctrl-Alt-punt (.)* | xx■…■xx |
| | **(b) Noti ta' referenza u noti f'qiegħ il-paġna** | | | |
| (4) | xx (10) | xx● (10)<br>(uża l-buttuna tan-nota f'qiegħ il-paġna) | | xx⧫ (10) |

(1) Ara t-Taqsima 6.5.
(2) Jekk is-software jiddistingwi bejn il-ftuħ u l-għeluq tal-virgoletti, ipprova użahom fil-forma preċiża kif teħtieġ, f'singli jew doppji. Ara wkoll it-Taqsimiet 4.2.3 (il-virgoletti) u 5.10 (il-punteġġatura fil-kwotazzjonijiet).
(3) Eċċezzjoni: fin-numri tat-telefown (ara l-punt 9.3), quddiem il-prefiss tal-pajjiż jintuża s-sinjal “+” mingħajr spazju (+32 2202020).
(4) Meta qed toħloq in-noti f'qiegħ il-paġna b'mod awtomatiku, wara d-dħul tal-marka tan-nota f'qiegħ il-paġna fil-vers li qed tikteb fih, ħafna programmi word processing ma jpoġġux in-numri fil-parentesi. Huwa meħtieġ li dawn il-parentesi jiddaħħlu fid-dokumenti (f'dokumenti intiżi għall-istampar dan ix-xogħol jagħmlu l-istampatur).

NB: ■ = spazju ordinarju.

⧫ = spazju żgħir fiss (spazju rqiq).

● = spazju fiss (l-użu tal-ispazju żgħir fiss u l-ispazju ddettat għandhom jinżammu limitati, għax jistgħu joħolqu ċerti problemi fis-sħuħija tat-test).

## 6.5. Il-punteġġatura fiċ-ċifri

Fil-pubblikazzjonijiet Maltin, Ingliżi u Irlandiżi, bl-eċċezzjoni tal-Ġurnal Uffiċjali, jintuża punt biex jissepara n-numri sħaħ mid-deċimali. Fil-lingwi kollha l-oħra tintuża l-virgola u anke f'testi multilingwi. Jintuża spazju biex jiġu indikati l-eluf fin-numri s-sħaħ (mhux virgola). Id-deċimali jibqgħu f'unità waħda:

152 231.324567

Fil-Ġurnal Uffiċjali tintuża virgola biex tissepara numri sħaħ mid-deċimali għal raġunijiet tekniċi, biex titħaffef il-produzzjoni.

### *Data* tal-baġit: miljun jew biljun

Fil-Malti uża biljun biex tfisser 1 000 miljun (ara t-Taqsima 10.4).

Meta qed taħdem bid-*data* baġitarja, hija rrakkomandata l-forma li ġejja.

— Sa tliet postijiet deċimali, żomm sal-unità xierqa:

1.326 biljun *(mhux* 1 326 miljun*)*

— Aktar minn tliet postijiet deċimali, uża unità iżgħar:

1 326.1 miljun *(mhux* 1.3261 biljun*)*

B'hekk iċ-ċifri jistgħu jkunu eħfef biex jinqraw u jitqabblu.

# 7. Il-pajjiżi, il-lingwi, il-muniti u l-abbrevjazzjonijiet tagħhom

Il-konvenzjonijiet komuni jissimplifikaw u jarmonizzaw il-kitba tal-ismijiet tal-pajjiżi, il-lingwi, il-muniti u l-abbrevjazzjonijiet tagħhom, flimkien mal-ordni tal-elenkar tagħhom skont kif ikun il-każ.

## 7.1. Il-pajjiżi

Ir-regoli konvenzjonali japplikaw għad-denominazzjonijiet, l-abbrevjazzjonijiet u l-ordni tal-elenkar tal-Istati Membri, tal-pajjiżi kandidati u tal-pajjiżi mhux membri tal-UE.

### 7.1.1. Ismijiet u taqsiriet

(Ara wkoll l-Annessi A5 u A6).

#### Stati Membri

L-ismijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għandhom jinkitbu u jitqassru skont ir-regoli li ġejjin:

— għandu jintuża l-kodiċi ISO b'żewġ ittri (ISO 3166 alpha-2), bl-eċċezzjoni tal-Greċja, li għaliha it-taqsiria EL hija rrakkomandata,

— l-ordni tal-protokoll tal-Istati Membri hu bbażat fuq l-ordni tal-Istati Membri tal-ismijiet ġeografiċi tagħhom fil-lingwa(i) oriġinali (ara wkoll it-Taqsima 7.1.2).

| Isem qasir, lingwa(i) oriġinali (isem ġeografiku) (1) | Titolu uffiċjali, lingwa(i) oriġinali (isem tal-protokoll) | Isem qasir tal-pajjiż bil-Malti (isem ġeografiku) | Titolu uffiċjali tal-pajjiż bil-Malti (isem tal-protokoll) | Kodiċi tal-pajjiż (2) | Taqsira preċedenti (3) |
|---|---|---|---|---|---|
| Belgique/België | Royaume de Belgique/ Koninkrijk België | il-Belġju | ir-Renju tal-Belġju | BE | B |
| България (4) | Република България | il-Bulgarija | ir-Repubblika tal-Bulgarija | BG | — |
| Česko | Česká republika | iċ-Ċekja | ir-Repubblika Ċeka | CZ | — |
| Danmark | Kongeriget Danmark | id-Danimarka | ir-Renju tad-Danimarka | DK | DK |
| Deutschland | Bundesrepublik Deutschland | il-Ġermanja | ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja | DE | D |
| Eesti | Eesti Vabariik | l-Estonja | ir-Repubblika tal-Estonja | EE | — |
| Éire/Ireland (5) | Éire/Ireland | l-Irlanda | l-Irlanda | IE | IRL |
| Ελλάδα (6) | Ελληνική Δημοκρατία | il-Greċja | ir-Repubblika Ellenika | EL | EL |
| España | Reino de España | Spanja | ir-Renju ta' Spanja | ES | E |
| France | République française | Franza | ir-Repubblika Franċiża | FR | F |
| Hrvatska | Republika Hrvatska | il-Kroazja | ir-Repubblika tal-Kroazja | HR | — |
| Italia | Repubblica italiana | l-Italja | ir-Repubblika Taljana | IT | I |
| Κύπρος (7) | Κυπριακή Δημοκρατία | Ċipru | ir-Repubblika ta' Ċipru | CY | — |
| Latvija | Latvijas Republika | il-Latvja | ir-Repubblika tal-Latvja | LV | — |
| Lietuva | Lietuvos Respublika | il-Litwanja | ir-Repubblika tal-Litwanja | LT | — |
| Luxembourg | Grand-Duché de Luxembourg | il-Lussemburgu | il-Gran Dukat tal-Lussemburgu | LU | L |
| Magyarország | Magyarország | l-Ungerija | l-Ungerija | HU | — |

| Isem qasir, lingwa(i) oriġinali (isem ġeografiku) (1) | Titolu uffiċjali, lingwa(i) oriġinali (isem tal-protokoll) | Isem qasir tal-pajjiż bil-Malti (isem ġeografiku) | Titolu uffiċjali tal-pajjiż bil-Malti (isem tal-protokoll) | Kodiċi tal-pajjiż (2) | Taqsira preċedenti (3) |
|---|---|---|---|---|---|
| Malta | Repubblika ta' Malta | Malta | ir-Repubblika ta' Malta | MT | — |
| Nederland (8) | Koninkrijk der Nederlanden | in-Netherlands | ir-Renju tan-Netherlands | NL | NL |
| Österreich | Republik Österreich | l-Awstrija | ir-Repubblika tal-Awstrija | AT | A |
| Polska | Rzeczpospolita Polska | il-Polonja | ir-Repubblika tal-Polonja | PL | — |
| Portugal | República Portuguesa | il-Portugall | ir-Repubblika Portugiża | PT | P |
| România | România | ir-Rumanija | ir-Rumanija | RO | — |
| Slovenija | Republika Slovenija | is-Slovenja | ir-Repubblika tas-Slovenja | SI | — |
| Slovensko | Slovenská republika | is-Slovakkja | ir-Repubblika Slovakka | SK | — |
| Suomi/Finland | Suomen tasavalta/ Republiken Finland | il-Finlandja | ir-Repubblika tal-Finlandja | FI | FIN |
| Sverige | Konungariket Sverige | l-Iżvezja | ir-Renju tal-Iżvezja | SE | S |

(1) L-isem qasir fil-lingwa(i) oriġinali jintuża biex ikun iffissat l-ordni tal-protokoll u jintuża f'dokumenti multilingwi (ara t-Taqsima 7.1.2).
(2) It-taqsira li għandha tintuża = il-kodiċi ISO, bl-eċċezzjoni tal-Greċja, li għaliha hija rrakkomandata it-taqsira EL (minflok il-kodiċi tal-ISO GR).
(3) It-taqsiriet il-qodma (ġeneralment meħuda mill-kodiċi internazzjonali għall-karozzi) baqgħu jintużaw sat-tmiem tal-2002.
(4) Traslitterazzjoni Latina: България = Bulgaria.
(5) M'għandhiex tintuża r-"Repubblika tal-Irlanda". Għalkemm din id-denominazzjoni tinsab f'ċerti dokumenti, din m'għandha l-ebda status uffiċjali.
(6) Traslitterazzjoni Latina: Ελλάδα = Elláda.
(7) Traslitterazzjoni Latina: Κύπρος = Kýpros.
(8) Uża "in-Netherlands" mhux l-Olanda peress li hija biss parti min-Netherlands (żewġ provinċji).

## Pajjiżi mhux membri

Fil-każ tal-pajjiżi mhux membri, wieħed ta' min juża l-kodiċi ISO b'żewġ karattri (ISO 3166 alpha-2).

Għall-format ta' preżentazzjoni (l-isem qasir, it-titolu uffiċjali, il-lista tal-kodiċi ISO), ara l-Annessi A5 u A6.

Għall-ordni rakkomandat, ara t-Taqsima 7.1.2.

## Pajjiżi kandidati

| Isem qasir fil-lingwa oriġinali (isem ġeografiku) | Isem qasir bil-Malti (isem ġeografiku) | Titolu uffiċjali bil-Malti (isem tal-protokoll) | Kodiċi tal-pajjiż |
|---|---|---|---|
| Bosna i Hercegovina/Босна и Херцеговина | il-Bożnija-Ħerzegovina | il-Bożnija-Ħerzegovina | BA |
| Crna Gora/Црна Гора | il-Montenegro | il-Montenegro | ME |
| Republica Moldova | il-Moldova | ir-Repubblika tal-Moldova | MD |
| საქართველო (1) | il-Georgia | il-Georgia | GE |
| Северна Македонијafn (2) | Il-Maċedonja ta' Fuq | ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq | MK |
| Shqipëria | l-Albanija | ir-Repubblika tal-Albanija | AL |
| Srbija/Србија | is-Serbja | ir-Repubblika tas-Serbja | RS |
| Türkiye | it-Turkija | ir-Repubblika tat-Turkija | TR |
| Україна (3) | l-Ukrajna | l-Ukrajna | UA |

(1) Traslitterazzjoni Latina: საქართველო = Sakartvelo.
(2) Traslitterazzjoni Latina: Северна Македонија = Severna Makedonija.
(3) Traslitterazzjoni Latina: Україна = Ukraina.

### Titolu uffiċjali jew isem qasir?

Il-**forma t-twila** (it-titolu uffiċjali) hija użata meta l-Istat huwa kkunsidrat bħala entità legali:

> **Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.**
>
> **Ir-Repubblika Franċiża hija awtorizzata li...**

NB: Jekk ir-rikorrenza tal-isem tal-Istat fit-test twassal għal preferenza tal-użu tal-forma qasira, din tkun introdotta bil-frażi "minn hawn 'il quddiem imsemmija bħala".

Il-**forma l-qasira** (l-isem qasir) hija użata meta l-Istat jissemma fil-kuntest ġeografiku jew ekonomiku:

> **Ħaddiema li huma residenti fi Franza...**
>
> **L-esportazzjonijiet mill-Greċja...**

NB: Għal ċerti stati, il-forma t-twila u l-forma l-qasira huma identiċi:

**Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana**

**Ir-Rumanija**

## 7.1.2. L-ordni tal-pajjiżi fil-lista

### Stati Membri

#### Test

L-Istati Membri għandhom ikunu elenkati b'mod alfabetiku skont il-lingwa oriġinali (l-ordni tal-protokoll) (ara t-Taqsima 7.1.1).

#### Tabelli

L-ismijiet tal-pajjiżi għandhom jinkitbu fil-lingwa tal-pubblikazzjoni (każ A). Madankollu, f'xi każijiet, għal raġunijiet tekniċi (kompożizzjoni unika ta' tabelli għal dokumenti multilingwi), il-pajjiżi jistgħu jinkitbu fil-lingwa oriġinali tagħhom (każ B). Fiż-żewġ każijiet, l-Istati huma elenkati skont l-ordni tal-protokoll.

| Każ A | | |
|---|---|---|
| **Stat Membru** | **Data tal-firma** | **Dħul fis-seħħ** |
| il-Belġju | 21.12.1990 | 1.1.1991 |
| il-Bulgarija | 1.2.2007 | 15.2.2007 |
| iċ-Ċekja | 10.10.2005 | 1.1.2006 |
| id-Danimarka | 10.10.1991 | 1.1.1992 |
| il-Ġermanja | 1.9.1990 | 1.1.1991 |
| l-Estonja | 1.9.2005 | 1.1.2006 |
| l-Irlanda | 12.12.1990 | 1.1.1991 |
| il-Greċja | 10.10.1990 | 1.1.1991 |
| Spanja | 3.2.1991 | 1.6.1991 |
| Franza | 3.3.1991 | 1.6.1991 |
| il-Kroazja | 1.1.2013 | 1.7.2013 |
| l-Italja | 10.10.1991 | 1.1.1992 |
| Ċipru | 10.10.2005 | 1.1.2006 |

| Każ B | | |
|---|---|---|
| **Stat Membru** | **Data tal-firma** | **Dħul fis-seħħ** |
| Belgique/België | 21.12.1990 | 1.1.1991 |
| България | 1.2.2007 | 15.2.2007 |
| Česko | 10.10.2005 | 1.1.2006 |
| Danmark | 10.10.1991 | 1.1.1992 |
| Deutschland | 1.9.1990 | 1.1.1991 |
| Eesti | 1.9.2005 | 1.1.2006 |
| Éire/Ireland | 12.12.1990 | 1.1.1991 |
| Ελλάδα | 10.10.1990 | 1.1.1991 |
| España | 3.2.1991 | 1.6.1991 |
| France | 3.3.1991 | 1.6.1991 |
| Hrvatska | 1.1.2013 | 1.7.2013 |
| Italia | 10.10.1991 | 1.1.1992 |
| Κύπρος | 10.10.2005 | 1.1.2006 |

| Każ A | | |
|---|---|---|
| **Stat Membru** | **Data tal-firma** | **Dħul fis-seħħ** |
| il-Latvja | 10.10.2005 | 1.1.2006 |
| il-Litwanja | 10.10.2005 | 1.1.2006 |
| il-Lussemburgu | 10.10.1990 | 1.1.1991 |
| l-Ungerija | 10.10.2005 | 1.1.2006 |
| Malta | 10.10.2005 | 1.1.2006 |
| in-Netherlands | 11.11.1990 | 1.1.1991 |
| l-Awstrija | 10.12.1990 | 1.1.1991 |
| il-Polonja | 10.10.2005 | 1.1.2006 |
| il-Portugall | 1.3.1991 | 1.6.1991 |
| ir-Rumanija | 1.2.2007 | 15.2.2007 |
| is-Slovenja | 10.10.2005 | 1.1.2006 |
| is-Slovakkja | 10.10.2005 | 1.1.2006 |
| il-Finlandja | 1.2.1991 | 1.6.1991 |
| l-Iżvezja | 3.3.1991 | 1.1.1992 |

| Każ B | | |
|---|---|---|
| **Stat Membru** | **Data tal-firma** | **Dħul fis-seħħ** |
| Latvija | 10.10.2005 | 1.1.2006 |
| Lietuva | 10.10.2005 | 1.1.2006 |
| Luxembourg | 10.10.1990 | 1.1.1991 |
| Magyarország | 10.10.2005 | 1.1.2006 |
| Malta | 10.10.2005 | 1.1.2006 |
| Nederland | 11.11.1990 | 1.1.1991 |
| Österreich | 10.12.1990 | 1.1.1991 |
| Polska | 10.10.2005 | 1.1.2006 |
| Portugal | 1.3.1991 | 1.6.1991 |
| România | 1.2.2007 | 15.2.2007 |
| Slovenija | 10.10.2005 | 1.1.2006 |
| Slovensko | 10.10.2005 | 1.1.2006 |
| Suomi/Finland | 1.2.1991 | 1.6.1991 |
| Sverige | 3.3.1991 | 1.1.1992 |

## Il-pajjiżi mhux membri u l-pajjiżi mhux membri magħqudin mal-Istati Membri

### Test

Fit-test, meta hemm lista ta’ pajjiżi mhux membri jew lista ta’ pajjiżi mhux membri magħqudin mal-Istati Membri, l-ordni li jelenka l-pajjiżi tvarja skont il-verżjoni lingwistika. Fil-pubblikazzjonijiet bil-Malti uża l-ordni alfabetiku Malti:

> l-Awstralja, id-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġappun, ir-Rumanija, Spanja, eċċ.

### Tabelli

Il-kompożizzjoni unika tat-tabelli teħtieġ l-adozzjoni ta’ sistema ta’ klassifikazzjoni identika għal-lingwi kollha. Għal din ir-raġuni l-pajjiżi huma elenkati fl-ordni alfabetiku tal-kodiċi. Wieħed hu tal-parir li dawn il-kodiċi jiddaħħlu fl-ewwel kolonna tat-tabelli sabiex il-klassifikazzjoni tkun ċara għall-qarrej, kif qed jidher hawn taħt.

| Kodiċi tal-pajjiż | Parti kontraenti | Produzzjoni (tunnellati) | Persuni impjegati (1 000) |
|---|---|---|---|
| AT | l-Awstrija | 50 000 | 75 |
| AU | l-Awstralja | 70 000 | 120 |
| BE | il-Belġju | 25 500 | 38 |
| CH | l-Iżvizzera | 12 500 | 15 |
| CN | iċ-Ċina | 750 000 | 1 500 |
| DK | id-Danimarka | 22 000 | 40 |
| JP | il-Ġappun | 150 000 | 150 |
| NL | in-Netherlands | 32 000 | 45 |
| NZ | in-New Zealand | 45 000 | 51 |
| SE | l-Iżvezja | 10 000 | 15 |
| US | l-Istati Uniti | 350 000 | 220 |

Jekk l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea huma elenkati flimkien f'ras it-tabella, għandhom ikunu elenkati skont l-ordni tal-protokoll (ara t-Taqsima 7.1.1 l-ewwel tabella).

Fit-tieni kolonna, l-ismijiet tal-pajjiżi għandhom jidhru dejjem bil-Malti. Jekk jintużaw biss dawn il-kodiċi, għandhom ikunu spjegati fi glossarju li għandu jitqiegħed fil-bidu tal-pubblikazzjoni.

NB: Wara l-ħruġ mill-Unjoni Ewropea, ir-Renju Unit huwa kkunsidrat bħala pajjiż mhux tal-UE bħal kwalunkwe pajjiż ieħor u m'għandux jingħata l-ebda pożizzjoni speċjali. Pereżempju, fil-grafiċi jew tabelli li jelenkaw lill-Istati Membri segwiti minn pajjiżi taż-ŻEE u mbagħad numru ta' pajjiżi oħra mhux tal-UE, ir-Renju Unit jingħadd ma' dawn tal-aħħar skont l-ordni alfabetiku tal-kodiċijiet ISO.

## 7.2. Il-lingwi

Regoli differenti japplikaw għall-elenkar tal-verżjonijiet lingwistiċi kif ukoll fl-elenkar tal-lingwi.

### 7.2.1. L-ordni tal-verżjonijiet tal-lingwa u l-kodiċi ISO (testi multilingwi)

#### Regola ġenerali

Il-verżjonijiet tal-lingwa għandhom jidhru fl-ordni alfabetiku tat-titoli formali fil-forom oriġinali miktuba. Il-kodiċi użati huma l-kodiċi ISO 639-1 fis-seħħ, kodiċi alfa-2.

Dan l-ordni huwa meħtieġ, pereżempju, għat-titolu ta' pubblikazzjoni fuq qoxra multilingwi, għas-sekwenza tal-lingwi f'pubblikazzjoni multilingwi, għall-paġna ewlenija u għall-għażla tal-lingwi f'sit web multilingwi, eċċ.

NB: L-ordni tal-verżjonijiet tal-lingwa ma għandux jitħawwad mal-ordni tal-elenkar tal-lingwi (ara Taqsima 7.2.2).

| Titolu tal-lingwa sors (1) | Titolu bil-Malti | Kodiċi ISO (2) |
|---|---|---|
| български (3) | il-Bulgaru | bg |
| español (4) | l-Ispanjol | es |
| čeština | iċ-Ċek | cs |
| dansk | id-Daniż | da |
| Deutsch | il-Ġermaniż | de |
| eesti keel | l-Estonjan | et |
| ελληνικά (5) | il-Grieg | el |
| English | l-Ingliż | mt |
| français | il-Franċiż | fr |
| Gaeilge | l-Irlandiż (6) | ga |
| hrvatski | il-Kroat | hr |
| italiano | it-Taljan | it |
| latviešu valoda | il-Latvjan | lv |
| lietuvių kalba | il-Litwan | lt |
| magyar | l-Ungeriż | hu |
| Malti | il-Malti | mt |
| Nederlands | l-Olandiż | nl |
| polski | il-Pollakk | pl |

*(Ikompli)*

| Titolu tal-lingwa sors (1) | Titolu bil-Malti | Kodiċi ISO (2) |
|---|---|---|
| português | il-Portugiż | pt |
| română | ir-Rumen | ro |
| slovenčina (slovenský jazyk) | is-Slovakk | sk |
| slovenščina (slovenski jezik) | is-Sloven | sl |
| suomi | il-Finlandiż | fi |
| svenska | l-Iżvediż | sv |

(1) Ittra inizjali kbira jew żgħira: segwi l-forma miktuba fit-titolu tal-lingwa oriġinali.
(2) Il-kodiċi ISO għal-lingwi jinkitbu b'ittri żgħar; madankollu jistgħu jinkitbu wkoll b'ittri kbar għal raġunijiet ta' preżentazzjoni tipografika.
(3) Traslitterazzjoni Latina: български = bulgarski.
(4) Fl-Ispanjol, it-terminu *lengua española* jew *español* jieħu post *castellano* fuq talba tal-awtoritajiet Spanjoli. Dan tal-aħħar hu l-isem uffiċjali tal-lingwa imma jintuża biss biex ikun iddeterminat il-post.
(5) Traslitterazzjoni Latina: ελληνικά = elliniká.
(6) Tużax il-kelma "Gaeliku", iż-żewġ termini mhumiex sinonimi. Ara t-Taqsima 7.2.4.

Din ir-regola tidħol strettament fis-seħħ fil-verżjonijiet finali (il-paġni tal-firma) tat-trattati u l-ftehim.

### Każijiet speċjali

Fil-każ tad-dokumenti multilingwi li jinħarġu fuq livell nazzjonali skont it-testi adottati mill-Kunsill (il-passaporti, il-kard Ewropea tas-saħħa), l-ordni huwa ġeneralment determinat individwalment b'att mill-Kunsill. Il-lingwi l-aktar diffużi fl-Istati Membri rispettivi jidhru fil-bidu, ġeneralment b'dan il-mod:

(a) lingwa nazzjonali;

(b) l-Ingliż;

(c) il-Franċiż;

(d) lingwi oħrajn fl-ordni indikat fit-tabella hawn fuq.

### Il-pajjiżi kandidati

| Titolu tal-lingwa oriġinali | Titolu bil-Malti | Kodiċi ISO |
|---|---|---|
| bosanski/босански | il-Bożnjan | bs |
| crnogorski/црногорски | il-Montenegrin | cnr (1) |
| ქართული (2) | il-Georgjan | ka |
| македонски (3) | il-Maċedonjan | mk |
| română (4) | ir-Rumen | ro |
| shqip | l-Albaniż | sq |
| srpski/српски | is-Serb | sr |
| türkçe | it-Tork | tr |
| українська мова (5) | l-Ukren | uk |

(1) Kodiċi ISO 639-2.
(2) Traslitterazzjoni Latina: ქართული = kartuli.
(3) Traslitterazzjoni Latina: македонски = makedonski.
(4) Deżinjazzjoni li għandha tintuża għal-lingwa uffiċjali tal-Moldova.
(5) Traslitterazzjoni Latina: українська мова = ukrainska mova.

## 7.2.2. L-elenkar tal-lingwi fit-test (testi unilingwi)

Fit-test, l-ordni tal-elenkar tal-lingwi jvarja skont il-verżjoni lingwistika. Fil-pubblikazzjonijiet bil-Malti, il-lingwi għandhom jidhru fl-ordni alfabetiku bil-Malti: il-Bulgaru, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Estonjan, il-Finlandiż,

il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ingliż, l-Irlandiż (1), , il-Kroat, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, l-Olandiż, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol, it-Taljan, l-Ungeriż u l-Iżvediż.

Meta ftehim jinkiteb b'lingwa ta' pajjiż kontraenti mhux tal-Unjoni, il-lingwi tal-Unjoni jiġu qabel il-lingwa msemmija hawn fuq għal raġunijiet ta' protokoll:

**Dan il-ftehim inkiteb bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bl-Ingliż, bil-Malti, bit-Taljan u bl-Għarbi.**

## 7.2.3. Indikazzjoni tal-lingwi ppubblikati

Meta jigu elenkati l-verżjonijiet tal-lingwi ta' pubblikazzjoni (pereżempju, fil-katalogi tal-pubblikazzjoni), ta' min wieħed isegwi l-formuli li ġejjin (skont ir-regola ppreżentata fit-Taqsima 7.2.1):

| | |
|---|---|
| BG/ES/CS/DA/DE/ET/EL/EN/FR/GA/HR/IT/LV/LT/HU/MT/NL/PL/PT/RO/SK/SL/FI/SV<br>jew kwalunkwe parti magħquda | *It-test huwa ppubblikat f'kull lingwa msemmija fl-istess volum.* |
| BG, ES, CS, DA, DE, ET, EL, EN, FR, GA, HR, IT, LV, LT, HU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SL, FI, SV<br>jew kwalunkwe parti magħquda | *It-test huwa ppubblikat f'kull lingwa msemmija fil-volumi individwali skont il-lingwa.* |
| BG-ES-CS-DA-DE-ET-EL-EN-FR-GA-HR-IT-LV-LT-HU-MT-NL-PL-PT-RO-SK-SL-FI-SV<br>jew kwalunkwe parti magħquda | *Testi differenti huma ppubblikati bi wħud mil-lingwi msemmija, fl-istess volum.* |

NB: Il-kodiċi ISO għal-lingwi jinkitbu b'ittri żgħar; madankollu, jinkitbu wkoll b'ittri kbar għal raġunijiet ta' preżentazzjoni tipografika.

## 7.2.4. Ir-regoli li jirregolaw il-lingwi fl-istituzzjonijiet

L-Artikolu 290 tat-Trattat tal-KE (issa l-Artikolu 342 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea) u l-Artikolu 190 tat-Trattat tal-Euratom jagħtu r-responsabbiltà lill-Kunsill li, b'vot unanimu, jiddetermina r-regoli li jirregolaw il-lingwi tal-istituzzjonijiet tal-Komunità, "mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet previsti fl-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea".

Abbażi ta' dan, il-Kunsill adotta fil-15 ta'April 1958, ir-Regolament Nru 1 li jiddetermina l-lingwi li għandhom jintużaw fil-Komunità Ekonomika Ewropea, regolament li kien emendat b'atti varji ta' adeżjoni.

Bħalissa, hemm 24 lingwa uffiċjali u ta' ħidma tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni (ara t-Taqsima 7.2.1).

### L-Irlandiż

Sal-31 ta' Diċembru 2006, l-Irlandiż ma kienx magħdud bħala waħda mil-lingwi ta' ħidma tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Skont ftehim li sar fl-1971 bejn l-Irlanda u l-Komunità, l-Irlandiż kien ikkunsidrat bħala lingwa uffiċjali tal-Komunità, ħaġa li madankollu kienet tfisser li l-leġiżlazzjoni primarja biss kellha titfassal b'din il-lingwa.

Mill-1 ta' Jannar 2007, l-Irlandiż huwa lingwa uffiċjali sħiħa tal-UE, b'deroga temporanja għal perjodu rinnovabbli ta' ħames snin (ara r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005 tat-13 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 156, 18.6.2005, p. 3)). Dan ir-Regolament jgħid li "l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea ma għandhomx ikunu marbuta bl-obbligu li jfasslu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom f'dik il-lingwa f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*", ħlief għar-regolamenti adottati b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill. Din id-deroga ġiet estiża sal-31 ta' Diċembru 2016 bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1257/2010 (ĠU L 343, 29.12.2010, p. 5). Din ġiet estiża mill-ġdid bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2015/2264 (ĠU L 322, 8.12.2015, p. 1). Id-deroga għall-Irlandiż ma baqgħetx tapplika mill-1 ta' Jannar 2022.

(1) Tużax il-kelma "Gaeliku", iż-żewġ termini mhumiex sinonimi. Ara l-kaxxa, Taqsima 7.2.4.

**L-Irlandiż jew il-Gaeliku?**

Kuntrarju għal ċerta użanza, dawn it-termini mhumiex sinonimi.

**Il-Gaeliku = il-grupp lingwistiku Ċeltiku tal-Irlanda u l-Iskozja**
**L-Irlandiż = il-grupp lingwistiku Ċeltiku tal-Irlanda**

L-ewwel lingwa uffiċjali tal-Irlanda hija l-Irlandiż, it-tieni hija l-Ingliż.

### Il-Malti

Fl-2007 l-Kunsill waqqaf id-deroga (ara r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 930/2004 tal-1 ta' Mejju 2004 (ĠU L 169, 1.5.2004, p.1)) ta' tliet snin fl-obbligu li l-atti kollha jitfasslu u jkunu ppubblikati bil-Malti f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għaldaqstant l-atti kollha tal-istituzzjonijiet tal-UE qegħdin ikunu ppubblikati bil-Malti wkoll.

## 7.3. Il-muniti

Hemm regoli konvenzjonali għall-użu tal-euro u muniti oħra dwar kif għandhom jiġu elenkati, il-modi differenti kif jinkitbu, liema punteġġatura tintuża, eċċ.

## 7.3.1. L-euro u s-cent

### L-euro



Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew milħuqa f'Madrid f'Diċembru tal-1995, il-munita unika hija l-"**euro**" (suddiviżjoni: **cent**; simbolu: **€**; kodiċi ISO: **EUR**).

#### Iż-żona tal-euro

It-terminu "iż-żona tal-euro" huwa t-terminu uffiċjali għall-grupp ta' pajjiżi li adottaw l-euro bħala l-munita unika tagħhom. Termini oħra, bħalma huma "eurolandja" u "żona euro", għandhom ikunu evitati.

#### L-euro u l-ecu

Fl-1 ta' Jannar 1999, l-euro ħa post l-ecu bir-rata ta' wieħed għal wieħed (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1103/97 (ĠU L 162, 19.6.1997, p. 1); ara wkoll ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 (ĠU L 139, 11.5.1998, p. 1)). Referenzi storiċi għall-ecu (qabel l-1999) għandhom jibqgħu fl-ecu.

### Is-cent



Fil-prinċipju, it-terminu "cent" jintuża fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE. Madankollu, "cent" ma jimpedix l-użu komuni tal-varjanti ta' dan it-terminu fl-Istati Membri (skont il-premessa 2 tar-Regolament (KE) Nru 974/98 tat-3 ta' Mejju 1998).

Fil-Malti, jekk jinqala' każ fejn jista' jinħoloq xi dubju, jista' jintuża t-terminu "ċenteżmu" (plural: "ċenteżmi").

Il-forma preferuta fit-testi tal-UE hija "cent" (**obbligatorja fit-testi legali kollha**).

Ara wkoll it-Taqsima 7.3.3, "Ir-regoli dwar kif għandhom jinkitbu l-unitajiet monetarji":

— regoli dwar l-użu (euro, EUR jew €);
— il-pożizzjoni tal-kodiċi ISO jew is-sinjal tal-euro fl-ammonti;
— miljun jew biljun.

## 7.3.2. L-ordni tal-muniti u l-kodiċi ISO

Meta jintużaw it-taqsiriet tal-muniti, għandu jintuża l-kodiċi ISO 4217 (ara l-Anness A7 u s-sit web tal-aġenzija tal-manutenzjoni).

## Muniti tal-Istati Membri

Għall-muniti tal-Istati Membri, elenka t-taqsiriet monetarji f'ordni alfabetiku, bl-eċċezzjoni tal-euro, li jiġi l-ewwel (il-kodiċi ISO 4217).

| Kodiċi ISO | Munita |
|---|---|
| EUR | euro |
| BGN | lev |
| CZK | krona Ċeka |
| DKK | krona Daniża |
| HUF | forint |
| PLN | zloty |
| RON | leu Rumen |
| SEK | krona Żvediża |

## Muniti oħra

Għal raġunijiet ta' protokoll, il-muniti l-oħra għandhom isegwu l-muniti tal-Istati Membri u għandhom ikunu elenkati skont l-istess kriterji, i.e. fl-ordni alfabetiku tal-kodiċi tal-munita (il-kodiċi ISO 4217). L-istess regola tapplika għal-lista tal-muniti fit-test kurrenti jekk m'hemm l-ebda kriterji oħra għall-klassifikazzjoni.

| Kodiċi ISO | Munita |
|---|---|
| CAD | dollaru Kanadiż |
| CHF | frank Żvizzeru |
| JPY | yen |
| USD | dollaru Amerikan |

Ara l-Anness A7 għal-lista tal-kodiċi tal-munita.

## Muniti antiki

Il-muniti tal-Istati Membri li ħadilhom posthom l-euro kienu dawn li ġejjin:

| Kodiċi ISO | Munita |
|---|---|
| ATS | schilling Awstrijak |
| BEF | frank Belġjan |
| CYP | lira Ċiprijotta |
| DEM | mark Ġermaniż |
| EEK | kroon |
| ESP | peseta Spanjola |
| FIM | marka Finlandiża |
| FRF | frank Franċiż |
| GRD | drachma |
| HRK | kuna |

| Kodiċi ISO | Munita |
|---|---|
| IEP | lira Irlandiża |
| ITL | lira Taljana |
| LTL | litas |
| LUF | frank Lussemburgiż |
| LVL | lats |
| MTL | lira Maltija |
| NLG | guilder Netherlandiż |
| PTE | escudo Portugiż |
| SIT | tolar |
| SKK | koruna Slovakka |

### Il-pajjiżi kandidati

| Kodiċi ISO | Pajjiż | Munita |
|---|---|---|
| ALL | l-Albanija | lek |
| BAM | il-Bożnija-Ħerzegovina | mark konvertibbli |
| EUR | il-Montenegro | euro |
| GEL | il-Georgia | lari |
| MDL | il-Moldova | leu Moldovan |
| MKD | il-Maċedonja ta' Fuq | denar |
| RSD | is-Serbja | dinar Serb |
| TRY | it-Turkija | lira Torka |
| UAH | l-Ukrajna | hryvnia |

## 7.3.3. Ir-regoli dwar kif għandhom jinkitbu l-unitajiet monetarji

### Meta tuża l-isem (euro)

Meta unità monetarja tissemma b'mod ġenerali iżda l-ammont mhux inkluż, għandha tinkiteb f'ittri, bl-eċċezzjoni tat-tabelli (ara "Meta tuża l-kodiċi ISO (EUR)"):

| | |
|---|---|
| | ammont ta' euro *(fit-testi bil-Malti, m'hemmx plural)* |
| | somma ta' liri sterlini |

### Meta tuża l-kodiċi ISO (EUR)

#### Test

Meta unità monetarja tkun ma' ammont, uża l-kodiċi ISO "EUR" segwit bi spazju fiss (*control*, *shift*, *space bar*) u l-ammont f'ċifri (**obbligatorju f'testi legali**):

| | |
|---|---|
| | L-ammont meħtieġ huwa EUR 12 500. |
| | Kienet innotata differenza ta' EUR 1 550. |

### Tabelli

Meta tindika l-unitajiet ewlenin għat-tabella kollha l-kodiċi ISO u kwalunkwe multiplikatur jidhru fil-parentesi fuq it-tabella, mġennbin fuq il-lemin. F'dan il-każ tintuża t-tipa korsiva:

| | |
|---|---|
| | *(EUR)* |
| | *(EUR miljun)* |
| | *(EUR biljun)* |

## Atti Legali — Il-Ġurnal Uffiċjali

**Euro**

F'testi bil-Malti ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali, għandu jintuża l-kodiċi ISO "EUR" u l-ammonti għandhom jinkitbu f'ċifri:

EUR 10 000
EUR 1 000 000 *(mhux* EUR 1 miljun*)*

**Muniti oħrajn**

F'testi bil-Malti, għal muniti oħrajn, meta l-unità monetarja tkun ma' ammont, uża l-kodiċi ISO rilevanti għall-munita segwita bi spazju fiss u l-ammont f'ċifri:

Intlaqgħet somma ta' GBP 300 u ntefqet is-somma ta' GBP 250.

## Il-Qorti tal-Awdituri

F'testi bil-Malti għall-Qorti tal-Awdituri, għandu jintuża l-kodiċi ISO "EUR" u l-ammonti għandhom jinkitbu f'ċifri:

nefqa ta' EUR 15 000

## Meta jintuża s-sinjal tal-euro (€)

Is-sinjal tal-euro jintuża fil-grafika. Madankollu, l-użu tiegħu huwa permess ukoll f'xogħlijiet popolari u pubblikazzjonijiet promozzjonali (eż. katalogi tal-bejgħ) kif ukoll fi stqarrijiet għall-istampa.

F'sistemi ta' word processing, is-sinjal tal-euro jinġieb billi wieħed jagħfas simultanjament jew il-buttuna *Shift* u n-numru 3 jew il-buttuna *Alt* fuq ix-xellug u 0128. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-sinjal tal-euro jistgħu jitniżżlu mis-sit web tal-euro tal-Kummissjoni (https://ec.europa.eu/info/about-european-commission/euro/history-euro/design-euro_en#constructing-the-euro-symbol-for-professionals).

NB: Fl-HTML, għandhom jitqiesu l-preżentazzjoni finali u l-konfigurazzjoni ta' dokument. Bħalissa t-testi maħluqa bl-użu tal-Unicode ma jippreżentaw l-ebda problema iżda f'testi antiki maħluqa bl-użu tal-ISO 8859, il-kodiċi HTML "€" juri s-sinjal tal-euro fuq l-iskrin iżda ma jidhirx fuq il-karta stampata. (Din il-problema ġiet superata bl-użu tal-illustrazzjoni *gif* jew *jpg* għas-sinjal tal-euro.) Għal testi li se jintużaw fi proċess ta' produzzjoni u intiżi għat-trasferiment awtomatiku għal sit tal-intranet jew l-Internet, aħjar li tevita l-użu tas-sinjal tal-euro (uża l-kodiċi ISO "EUR" minflok).

## Il-pożizzjoni tal-kodiċi ISO (EUR) fl-ammonti

Il-kodiċi ISO "EUR" huwa segwit bi spazju fiss u l-ammont:

| | |
|---|---|
| | somma ta' EUR 30 |

NB: L-istess regola tapplika fl-Ingliż u l-Irlandiż. Fil-lingwi uffiċjali l-oħra tal-UE l-ordni hu bil-maqlub; l-ammont hu segwit bi spazju fiss u l-kodiċi ISO "EUR":

| | |
|---|---|
| | une somme de 30 EUR |

## Il-pożizzjoni tas-sinjal tal-euro (€) fl-ammonti

Is-sinjal tal-euro huwa segwit bl-ammont mingħajr spazju:

somma ta' €30

NB: L-istess regola tapplika fl-Ingliż, l-Irlandiż u l-Olandiż. Fil-lingwi uffiċjali l-oħra tal-UE l-ordni hu bil-maqlub; l-ammont hu segwit bi spazju fiss u s-sinjal tal-euro:

une somme de 30 €

## Mal-miljun jew il-biljun

Il-forom li ġejjin jistgħu jintużaw meta qiegħed tirreferi għall-miljun/i jew il-biljun/i:

— iċ-ċifri kollha:

EUR 10 000 000

— mal-kelmiet miljun jew biljun:

EUR 10 miljun

EUR 15-il biljun

— fit-titoli tat-tabelli (ġeneralment bejn il-parentesi):

miljun EUR, biljun GBP
m EUR, bn GBP

10 miljun EUR, 10 biljun GBP
10 m EUR, 10 bn GBP

NB: “m EUR” jew “bn EUR” jistgħu jintużaw biss meta m'hemmx biżżejjed spazju għall-kitba.

### Miljun/biljun mad-deċimali

Meta qed taħdem bid-*data* baġitarja, hija rrakkomandata l-forma li ġejja.

— Sa tliet postijiet deċimali, żomm sal-unità xierqa:

1.326 biljun *(mhux* 1 326 miljun*)*

— Aktar minn tliet postijiet deċimali, uża unità iżgħar:

1 326.1 miljun *(mhux* 1.3261 biljun*)*

B'hekk iċ-ċifri jistgħu jkunu eħfef biex jinqraw u jitqabblu.

# 8. In-noti ta' qiegħ il-paġna u r-referenzi tagħhom

## 8.1. Referenzi għan-noti ta' qiegħ il-paġna

Ir-referenzi għan-noti ta' qiegħ il-paġna għandhom jidhru b'mod identiku fil-verżjonijiet lingwistiċi kollha; jistgħu jidhru f'dawn il-forom:

— iċ-ċifra b'tipa sopraskritta bejn il-parentesi bl-istess valur fit-test, ippreċeduta bi spazju fiss (fuq il-kompjuter issir hekk: *control*, *shift*, *space bar*) u segwit bi kwalunkwe sinjal ta'punteġġatura:

> Referenzi għar-Regolament tal-Kunsill (1) jidhru wkoll fil-komunikazzjoni tal-Kunsill (2); iżda mhux fit-test tal-Qorti tal-Ġustizzja (3).

— asterisk b'tipa sopraskritta bejn il-parentesi bl-istess valur fit-test, preċedut bi spazju fiss u segwit bi kwalunkwe punteġġatura; dan is-sinjal hu applikat f'nota li tidher f'dokument aktar minn darba u li dejjem għandha l-istess tifsira.

> Iċ-ċifri kollha ġejjin mill-Eurostat (*).

— b'eċċezzjoni, ittra b'tipa sopraskritta żgħira tista' tintuża f'tabella b'ċifri b'tipi żgħar sabiex ikunu evitati l-iżbalji u l-konfużjoni.

Ġeneralment ir-referenzi għan-noti ta' qiegħ il-paġna huma nnumerati fl-istess paġna u stampati fil-qiegħ tal-paġna korrispondenti b'tipa iżgħar minn dik użata fit-test (ġeneralment, żewġ punti iżgħar) separati mit-test b'linja u spazju ta' linja. Jistgħu jkunu nnumerati wkoll f'kontinwità u mlaqqgħin fl-aħħar tal-kapitolu jew il-volum.

Fil-Ġurnal Uffiċjali, in-noti ta' qiegħ il-paġna huma nnumerati waħda wara l-oħra, u huma nnumerati separatament fl-att jew fit-test prinċipali tad-dokument u fl-annessi individwali.

Ir-referenza għal nota tal-qiegħ (inklużi l-parentesi) tinkiteb dejjem bit-tipa Rumana (anke f'testi jew titoli miktubin bil-korsiv jew b'tipa grassa).

Meta nota tal-qiegħ tidher f'tabella n-nota għandha tkun parti mit-tabella u konsegwentement tidher fil-kwadru tat-tabella.

> In-noti ta' qiegħ il-paġna u r-referenzi tagħhom: tħejjija tat-test/struzzjonijiet għall-ittajpjar:
>
> ara t-Taqsima 4.2.3.

## 8.2. L-ordni tan-noti ta' qiegħ il-paġna

F'qiegħ il-paġna jistgħu jidhru elementi oħra: asterisk, NB, sors(i).

L-ordni hija identika fil-verżjonijiet lingwistiċi kollha:

> (*) Deċiżjoni temporanja tal-Kummissjoni.
>
> (1) Dawn il-prezzijiet huma r-riżultat tal-applikazjoni ta' tnaqqis massimu.
>
> (2) Għas-sena kurrenti tal-marketing, dan il-prezz jiżdied bi primjum speċjali.
> NB: Ċifri proviżorji.
> *Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali.

NB:
- Noti nnumerati, inkluża nota li tibda b'asterisk, huma separati min-noti li jsegwu permezz ta' spazju rqiq ta' linja.
- In-noti tal-qiegħ jispiċċaw dejjem b'punt.

Fil-pubblikazzjonijiet kollha barra l-Ġurnal Uffiċjali, f'każ li n-noti ta' qiegħ il-paġna huma identiċi, in-nota "ara nota x, paġna y", għandha tintuża minflok *idem* jew *ibidem*, li jistgħu joħolqu konfużjoni. Il-qarrej tal-provi jew jirriproduċi n-nota tal-qiegħ b'mod sħiħ jew idaħħal in-numerazzjoni korretta fil-prova.

Fil-Ġurnal Uffiċjali, it-test tan-noti ta' qiegħ il-paġna li jkunu bħal xulxin jiġi riprodott b'mod sħiħ kull darba li jissemmew.

# 9. Konvenzjonijiet oħra

Konvenzjonijiet oħra jikkonċernaw indirizzi, indirizzi elettroniċi, numri tat-telefown, iċ-ċitazzjoni tax-xogħlijiet, l-istruttura amministrattiva tal-Unjoni Ewropea, eċċ.

## 9.1. L-indirizzi

Fil-prinċipju, il-format internazzjonali dejjem jintuża fix-xogħlijiet tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea; il-lingwa użata tiddependi fuq jekk ix-xogħol huwiex unilingwi jew multilingwi.

### 9.1.1. L-indirizzi: prinċipji ġenerali

L-analiżi tal-metodi ta' kif jinkitbu l-indirizzi hija ħidma diffiċli u kumplessa billi m'hemmx sistema unika għall-pajjiżi kollha. Kif ukoll, il-preżentazzjoni tal-indirizzi hija differenti għall-posta nazzjonali u dik internazzjonali. Fil-prinċipju, il-format internazzjonali huwa dejjem użat fix-xogħlijiet tal-istituzzjonijiet Ewropej.

Għal dettalji preċiżi dwar il-preżentazzjoni tal-indirizzi, jekk jogħġbok irreferi għas-siti web individwali tas-servizzi postali nazzjonali. Links għal dawn huma disponibbli fuq is-sit tal-Unjoni Postali Universali (UPU) (https://www.upu.int/en/Postal-Solutions/Programmes-Services/Addressing-Solutions).

L-UPU tagħmel ukoll diversi rakkomandazzjonijiet ta' natura ġenerali, iżda għax-xogħlijiet tal-istituzzjonijiet Ewropej, limitazzjoni addizzjonali li trid tiġi kkunsidrata hija jekk ix-xogħol jikkonċernax dokumenti monolingwi jew multilingwi.

**Links utli**

UPU, sistemi ta' indirizzi (EN, FR):
https://www.upu.int/en/Postal-Solutions/Programmes-Services/Addressing-Solutions

UPU, sistemi ta' indirizzi postali f'pajjiżi membri (EN, FR):
https://www.upu.int/en/Postal-Solutions/Programmes-Services/Addressing-Solutions#scroll-nav_5

UPU, Universal POST*CODE® DataBase (EN, FR):
https://www.upu.int/en/Postal-Solutions/Programmes-Services/Addressing-Solutions#scroll-nav_1

#### Lingwi u karattri li għandhom jintużaw

Il-parti tal-indirizz li tindika l-pajjiż ta' destinazzjoni għandha tkun miktuba skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-pajjiż li qed jibgħat (preferibbilment fil-lingwa tal-pajjiż li qed jibgħat jew f'lingwa li hija magħrufa internazzjonalment).

L-isem tal-pajjiż ta' destinazzjoni għandu jidher f'ittri kapitali fuq l-aħħar linja tal-indirizz.

Minħabba li r-rakkomandazzjonijiet ivarjaw skont l-użu tal-ittri kapitali fl-aħħar/fl-aħħar żewġ/fl-aħħar tliet linji, ġie deċiż li ssir armonizzazzjoni tal-preżentazzjoni: l-isem tal-pajjiż biss ikun jidher b'ittri kapitali.

Jekk il-pajjiż ta' destinazzjoni juża alfabett ieħor barra dak Ruman jew alfabett li mhuwiex imfisser biżżejjed, l-isem tal-pajjiż tad-destinazzjoni u possibbilment l-isem tal-belt, għandhom ikunu rrepetuti f'lingwa magħrufa internazzjonalment biex jiġu evitati problemi waqt it-tranżitu f'pajjiżi intermedji.

Il-bqija tal-indirizz għandu jsegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-pajjiż ta' destinazzjoni.

#### Kodiċi postali

Il-kodiċi postali ta' qabel, li kienu użati għat-trasferiment ta' posta internazzjonali (kodiċi speċifiċi fl-Ewropa wara rakkomandazzjoni mill-Konferenza tal-Amministrazzjonijiet Postali u Telekomunikazzjonijiet Ewropej fl-1965, u ISO 3166 alfa-2 kodiċi għal pajjiżi oħra), ġew irtirati jew mibdula f'ħafna pajjiżi.

Fl-ewwel ta’ April 2024, seba’ Stati Membri tal-UE biss kienu għadhom jużaw kodiċi tal-pajjiż: il-Kroazja (HR), Ċipru (CY), il-Latvja (LV), il-Litwanja (LT), il-Lussemburgu (L), il-Finlandja (FI) u l-Iżvezja (SE).

NB: Għal-Latvja, il-kodiċi jiġi wara l-isem tal-belt, wara virgola u spazju:

Riga, LV-1073

Il-kodiċi tal-pajjiż ta’ qabel ma għandux jiġi użat għall-Istati Membri l-oħra. Fil-Ġermanja, jekk ikun hemm il-kodiċi tal-pajjiż ta’ qabel, l-oġġett jista’ jinżamm lura mill-magna li tagħżel l-posta.

Għal aktar informazzjoni fuq kodiċi postali fl-Istati Membri, jekk jogħġbok ara t-Taqsima 9.1.5.

## 9.1.2. L-indirizzi f’dokumenti monolingwi

Jekk l-indirizzi huma ppreżentati b’tali mod li tintuża l-istess struttura fil-verżjonijiet lingwistiċi kollha ta’ pubblikazzjoni (pereżempju, f’tabella li fiha lista ta’ indirizzi li jidhru fl-istess faċċata fil-verżjonijiet kollha), aħna nużaw ir-regoli għal xogħlijiet multilingwi (ara t-Taqsima 9.1.3).

### Posta ddestinata għal pajjiż li juża alfabett Ruman

F’xogħlijiet monolingwi tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni Ewropea, l-indirizzi huma ta’ sikwit miktuba fil-lingwa tal-pajjiż li qed jippubblika/jibgħat. Dan hu l-każ b’mod partikolari għall-ismijiet ta’ bliet u pajjiżi:

Il-Kummissjoni Ewropea
Ir-Rappreżentazzjoni fil-Portugall
Iċ-Ċentru Jean Monnet
1069-068 **Liżbona**
**IL-PORTUGALL**

Madankollu, l-informazzjoni li tippreċiedi l-ismijiet tal-belt u tal-pajjiż tista’ tiġi ppreżentata wkoll fil-lingwa tal-pajjiż ta’ destinazzjoni; għandha tingħata preferenza lil dik il-preżentazzjoni minħabba li huwa iżjed ċar għas-servizzi postali tal-pajjiż destinarju:

**Comissão Europeia**
**Representação em Portugal**
**Largo Jean Monnet**
1069-068 Liżbona
IL-PORTUGALL

Bil-ħsieb li jiġu evitati problemi waqt it-tranżitu f’pajjiż intermedjarju, huwa rrakkomandat li jiżdied l-isem tal-pajjiż ta’ destinazzjoni (u possibbilment il-belt) f’lingwa li hija magħrufa internazzjonalment. Pereżempju, fil-każ ta’ oġġett mibgħut mill-Polonja għall-Ġermanja:

Herrn E. Muller
Goethestr. 13
22767 Hamburg
**NIEMCY/GERMANY**

F’xogħlijiet Bulgari u Griegi, l-indirizzi jinkitbu b’karattri Rumani, jekk possibbli fil-lingwa tal-pajjiż ta’ destinazzjoni, inkella bl-Ingliż.

### Posta ddestinata għal pajjiż li mhux membru li ma jużax alfabett Ruman

Għal posta ddestinata għal pajjiż terz li mhux membru li ma jużax alfabett Ruman (iċ-Ċina, il-Ġappun, l-Arabja Sawdija, eċċ.) l-indirizz, b’mod partikolari l-isem tal-pajjiż, jinkiteb f’lingwa li hija magħrufa

internazzjonalment (ta' sikwit l-Ingliż); il-parti tal-indirizz li tikkonċerna t-triq tista' tinkiteb billi tintuża traslitterazzjoni sempliċi bir-Ruman:

European Commission
Representation in Beijing
15 Dong Zhi Men Wai Daije, Sanlitun
100600 Beijing
CHINA

## Posta ddestinata għal Stat Membru tal-UE li ma jużax alfabett Ruman (il-Bulgarija, il-Greċja u Ċipru)

F'xogħlijiet Maltin, l-indirizzi għal posta ddestinata għall-Bulgarija, għall-Greċja u għal Ċipru jinkitbu f'karattri Rumani (bi traslitterazzjoni jekk neċessarju, pereżempju, tal-isem tat-triq).

Il-Kummissjoni Ewropea
Ir-Rappreżentazzjoni fil-Bulgarija
**Moskovska** 9
1000 Sofija
BULGARIJA

Il-Kummissjoni Ewropea
Ir-Rappreżentazzjoni fil-Greċja
**Vassilissis Sofias** 2
106 74 Ateni
GREĊJA

Il-Kummissjoni Ewropea
Ir-Rappreżentazzjon f'Ċipru
Iris Tower, 8th Floor
**Agapinoros** 2
1076 Nikosija
ĊIPRU

F'xogħlijiet Bulgari u Griegi, l-ismijiet tal-belt u tal-pajjiż għandhom jiżdiedu f'karattri Rumani (bl-Ingliż).

Европейска комисия
Представителство
в България
ул. „Московска" № 9
1000 София/**Sofia**
БЪЛГАРИЯ/**BULGARIA**

Ευρωπαϊκή Επιτροπή
Αντιπροσωπεία
στην Ελλάδα
Βασιλίσσης Σοφίας 2
106 74 Αθήνα/**Athens**
ΕΛΛΑΔΑ/**GREECE**

Ευρωπαϊκή Επιτροπή
Αντιπροσωπεία
στην Κύπρο
Iris Tower, 8ος όροφος
Αγαπήνωρος 2
1076 Λευκωσία/**Nicosia**
ΚΥΠΡΟΣ/**CYPRUS**

## Il-każ partikolari tar-Reġjun Kapitali ta' Brussell

Fit-testi tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenżiji tal-Unjoni Ewropea, il-kitba tal-indirizzi tal-posta ddestinata għar-Reġjun Kapitali ta' Brussell bilingwi għandha ssegwi r-regoli li ġejjin.

### Kitbiet monolingwi bil-Franċiż jew bl-Olandiż

***Il-Franċiż***
***(indirizzi bil-FR biss)***
Conseil de l'Union européenne
Rue de la Loi 175
1048 Bruxelles
BELGIQUE

***L-Olandiż***
***(indirizzi bl-NL biss)***
Raad van de Europese Unie
Wetstraat 175
1048 Brussel
BELGIË

### Kitbiet uniligwi f'lingwa oħra tal-Unjoni Ewropea

L-ewwel parti tal-indirizz tista' tinkiteb jew fil-format bilingwi jew f'lingwa waħda, preferebbilment f'lingwa rikonoxxuta internazzjonalment. Madankollu, l-ismijiet tat-triq, il-belt u l-pajjiż għandhom jinkitbu fil-format bilingwi:

Conseil de l'Union européenne/
Raad van de Europese Unie
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Council of the European Union
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

## Indirizzi f'pajjiżi li jitkellmu bil-Franċiż

Fil-Belġju, fi Franza u fil-Lussemburgu, il-preżentazzjoni tal-isem u n-numru tat-triq issegwi prinċipji differenti li jridu jiġu rrispettati.

| | |
|---|---|
| IL-BELĠJU<br>Rue de la Source 200 | *L-isem tat-triq segwit min-numru (mingħajr virgola)* |
| FRANZA 24<br>rue de l'Allée-au-Bois | *In-numru segwit mill-isem tat-triq (mingħajr virgola)* |
| IL-LUSSEMBURGU<br>2, rue Mercier | *In-numru segwit mill-isem tat-triq (b'virgola)* |

## 9.1.3. L-indirizzi f'dokumenti multilingwi

F'xogħlijiet multilingwi tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni Ewropea, il-listi ta' indirizzi huma normalment komposti darba biss biex ikunu armonizzati u konsistenti.

NB: F'xogħlijiet monolingwi, jekk l-indirizzi huma ppreżentati b'tali mod li tintuża l-istess struttura fil-verżjonijiet lingwistiċi kollha (pereżempju, f'tabella li fiha lista ta' indirizzi li jidhru fl-istess faċċata ta' pubblikazzjoni fil-verżjonijiet kollha) aħna nużaw ir-regoli għal xogħlijiet multilingwi.

### L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea

Għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, kull indirizz huwa ppreżentat fil-lingwa oriġinali, filwaqt li għandhom jitqiesu r-rimarki li ġejjin.

— Għall-Belġju, l-indirizzi huma mogħtija bil-Franċiż u bl-Olandiż (sar ftehim mal-awtoritajiet Belġjani li l-Ġermaniż, it-tielet lingwa nazzjonali, ma jkunx irrappreżentat).

— Għall-Bulgarija, għall-Greċja u għal Ċipru, l-indirizzi huma mogħtija darba f'karattri tal-alfabett oriġinali u darba f'karattri Rumani (traskrizzjoni bl-Ingliż). Fil-verżjoni ta' karattri Bulgari u Griegi, l-ismijiet tal-belt u tal-pajjiż jidhru wkoll f'karattri Rumani (traskrizzjoni bl-Ingliż).

— Għall-Irlanda, l-indirizzi huma mogħtija bl-Irlandiż u bl-Ingliż.

— Għal Malta, l-indirizzi huma mogħtija bil-Malti u bl-Ingliż.

— Għall-Finlandja, l-indirizzi huma mogħtija bil-Finlandiż u bl-Iżvediż.

Għal eżempju ta' lista multilingwi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ara t-Taqsima 9.1.4.

### Pajjiżi terzi

Għal pajjiżi terzi li ma jużawx alfabett Ruman (iċ-Ċina, il-Ġappun u pajjiżi li jużaw lingwi Għarab), l-indirizzi jeħtieġu traslitterazzjoni f'lingwa li tuża alfabett Ruman. L-isem tal-pajjiż, u possibbilment dak tal-belt, jidher f'lingwa tal-Unjoni li hija magħrufa internazzjonalment, li s-soltu tkun l-Ingliż.

## 9.1.4. L-indirizzi fl-Istati Membri: preżentazzjoni u eżempji

L-eżempju li ġej juri lista multilingwi. L-indirizzi użati huma msemmija biss biex juru l-preżentatazzjoni, u d-*data* ma għandhiex tiġi kkunsidrata kurrenti. Għal *data* kurrenti (triq, numru, telefown, eċċ.) jekk jogħġbok uża sors aġġornat.

### Il-Belġju

Commission européenne
Représentation en Belgique
Rue Archimède 73
1000 Bruxelles
BELGIQUE

Tél. +32 22953844
Fax +32 22950166

Europese Commissie
Vertegenwoordiging in België
Archimedesstraat 73
1000 Brussel
BELGIË

Tel. +32 22953844
Fax +32 22950166

### Il-Bulgarija

Европейска комисия
Представителство в България
ул. „Московска“ № 9
1000 София/Sofia
БЪЛГАРИЯ/BULGARIA

Тел. +359 29335252
Факс +359 29335233

European Commission
Representation in Bulgaria
Moskovska 9
1000 Sofia
BULGARIA

Tel. +359 29335252
Fax +359 29335233

### Iċ-Ċekja

Evropská komise
Zastoupení v Česku
Pod Hradbami 17
160 00 Praha 6
ČESKO

Tel. +420 224312835
Fax +420 224312850

*indirizz postali:*

PO Box 192
160 41 Praha 6
ČESKO

### Id-Danimarka

Europa-Kommissionen
Repræsentation i Danmark
Højbrohus
Østergade 61
1004 København K
DANMARK

Tlf. +45 33144140
Fax +45 33111203

### Il-Ġermanja

Europäische Kommission
Vertretung in Berlin
Unter den Linden 78
10117 Berlin
DEUTSCHLAND

Tel. +49 302280-2000
Fax +49 302280-2222

### L-Estonja

Euroopa Komisjon
Esindus Eestis
Kohtu 10
10130 Tallinn
EESTI/ESTONIA

Tel +372 6264400
Faks +372 6264439

### L-Irlanda

An Coimisiún Eorpach
Ionadaíocht in Éirinn
Áras na hEorpa
12-14 Sráid an Mhóta Íochtar
Baile Átha Cliath 2
D02 W710
ÉIRE

Teil. +353 16341111
Facs +353 16341112

European Commission
Representation in Ireland
Europe House 12-14
Lower Mount Street
Dublin 2
D02 W710
IRELAND

Tel. +353 16341111
Fax +353 16341112

### Il-Greċja

Ευρωπαϊκή Επιτροπή
Αντιπροσωπεία στην Ελλάδα
Βασιλίσσης Σοφίας 2
106 74 Αθήνα/Athens
ΕΛΛΑΔΑ/GREECE

Τηλ. +30 2107251000
Φαξ +30 2107244620

European Commission
Representation in Greece
Vassilissis Sofias 2
106 74 Athens
GREECE

Tel. +30 2107251000
Fax +30 2107244620

### Spanja

Comisión Europea
Representación en España
Paseo de la Castellana, 46
28046 Madrid
Madrid
ESPAÑA

Tel. +34 914315711
Fax +34 915760387

### Franza

Commission européenne
Représentation en France
288 boulevard Saint-Germain
75007 Paris
FRANCE

Tél. +33 140633800
Fax +33 145569417

### il-Kroazja

Europska komisija
Predstavništvo u Hrvatskoj
Ulica Augusta Cesarca 2
HR-10000 Zagreb
HRVATSKA

Tel. +385 14691300
Faks +385 14627499

### L-Italja

Commissione europea
Rappresentanza in Italia
Via IV Novembre 149
00187 Roma RM
ITALIA

Tel. +39 06699991
Fax +39 066791658

## Ċipru

Ευρωπαϊκή Επιτροπή
Αντιπροσωπεία στην Κύπρο
Iris Tower, 8ος όροφος
Αγαπήνωρος 2
CY-1076 Λευκωσία/Nicosia
ΚΥΠΡΟΣ/CYPRUS

Τηλ. +357 22817770
Φαξ +357 22768926

European Commission
Representation in Cyprus
Iris Tower, 8th Floor
Agapinor Street 2
CY-1076 Nicosia
CYPRUS

Tel. +357 22817770
Fax +357 22768926

## Il-Latvja

Eiropas Komisija
Pārstāvniecība Latvijā
Jēkaba kazarmas
Torņu iela 4–1C
Rīga, LV-1050
LATVIJA

Tālr. +371 7325270
Fakss +371 7325279

## Il-Litwanja

Europos Komisija
Atstovybė Lietuvoje
Naugarduko g. 10
LT-01141 Vilnius
LIETUVA/LITHUANIA

Tel. +370 52313191
Faks. +370 52313192

## Il-Lussemburgu

Commission européenne
Représentation au Luxembourg
Bâtiment Jean Monnet
Rue Alcide De Gasperi
L-2920 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tél. +352 4301-1
Fax +352 4301-34433

Office des publications de l’Union européenne
20, rue de Reims
L-2417 Luxembourg
LUXEMBOURG

*Indirizz postali:*

Office des publications de l’Union européenne
L-2985 Luxembourg
LUXEMBOURG

## L-Ungerija

Európai Bizottság
Magyarországi Képviselete
Budapest
Bérc u. 23.
1016
MAGYARORSZÁG/HUNGARY

Tel. +36 12099700
Fax +36 14664221

## Malta

Il-Kummissjoni Ewropea
Rappreżentanza ta’ Malta
Dar l-Ewropa
254, Triq San Pawl
Valletta
VLT 1215
MALTA

European Commission
Representation in Malta
Dar l-Ewropa
254, Triq San Pawl
Valletta
VLT 1215
MALTA

Tel. +356 2342500
Faks +356 21344897

## In-Netherlands

Europese Commissie
Vertegenwoordiging in Nederland
Korte Vijverberg 5
2513 AB Den Haag
NEDERLAND

Tel. +31 703135300
Fax +31 703646619

## L-Awstrija

Europäische Kommission
Vertretung in Österreich
Kärntnerring 5-7
1010 Wien
ÖSTERREICH

Tel. +43 151618-0
Fax +43 15134225

## Il-Polonja

Przedstawicielstwo
Komisji Europejskiej w Polsce
Centrum Jasna
ul. Jasna 14/16a
00-041 Warszawa
POLSKA/POLAND

Tel. +48 225568989
Faks +48 225568998

## Il-Portugall

Comissão Europeia
Representação em Portugal
Largo Jean Monnet 1-10.°
1069-068 Lisboa
PORTUGAL

Tel. +351 213509800
Fax +351 213509801/02/03

## Ir-Rumanija

Comisia Europeană
Reprezentanța din România
Str. Jules Michelet nr. 18, sector 1
010463 București
ROMÂNIA

Tel. +40 212035400
Fax +40 212128808

## Is-Slovenja

Evropska komisija
Predstavništvo v Sloveniji
Dunajska 20
1000 Ljubljana
SLOVENIJA

Tel. +386 12528800
Faks +386 14252085

| Is-Slovakkja | Il-Finlandja | L-Iżvezja |
|---|---|---|
| Európska komisia<br>Zastúpenie Slovensko<br>Panská 3<br>811 01 Bratislava SLOVENSKO/<br>SLOVAKIA<br><br>Tel. +421 254431718<br>Fax +421 254432972 | Euroopan komissio<br>Suomen-edustusto<br>Pohjoisesplanadi 31<br>FI-00100 Helsinki<br>SUOMI/FINLAND<br><br>P. +358 96226544<br>F. +358 9656728<br><br>Europeiska kommissionen<br>Representationen i Finland<br>Norra esplanaden 31<br>FI-00100 Helsingfors<br>FINLAND<br><br>Tfn +358 96226544<br>Fax +358 9656728 | Europeiska kommissionen<br>Representationen i Sverige<br>Regeringsgatan 65, 6 tr.<br>Box 7323<br>SE-103 90 Stockholm<br>SVERIGE<br><br>Tfn +46 856244411<br>Fax +46 856244412 |

## Forom ta' preżentazzjoni oħra possibbli (il-Belġju u l-Finlandja)

| Il-Belġju | Il-Finlandja |
|---|---|
| Commission européenne/<br>Europese Commissie<br>Rue Archimède/Archimedesstraat 73<br>1000 Bruxelles/Brussel<br>BELGIQUE/BELGIË<br><br>Tél./tel. +32 22953844<br>Fax +32 22950166 | Akateeminen Kirjakauppa /<br>Akademiska Bokhandeln<br>Pohjoisesplanadi 39 /<br>Norra esplanaden 39<br>PL/PB 128<br>FI-00101 Helsinki/Helsingfors<br>SUOMI/FINLAND<br><br>P./tfn +358 96226544<br>F./fax +358 9656728 |

NB: Dawn in-numri tat-telefown huma mniżżlin fil-format internazzjonali tagħhom. Meta ċċempel nazzjonalment, l-aħħar normi tal-organizzazzjoni tal-komunikazzjoni tat-telefown għall-pajjiż rilevanti għandhom jiġu segwiti. Dawn in-normi jvarjaw minn pajjiż għall-ieħor u huma fi stat kostanti ta' evoluzzjoni u għaldaqstant mhux prattiku li tniżżilhom u żżommhom aġġornati hawnhekk. In-normi jinkludu:

— l-użu ta' ċifra(i) addizzjonali f'ċerti pajjiżi (eż. "0" fil-Belġju u fi Franza, "06" fl-Ungerija);

— iż-żieda tal-kodiċi tal-belt meta mhux fiż-żona tal-belt (eż. il-Litwanja);

— iż-żieda ta' "0" meta mhux fiż-żona urbana rilevanti;

— l-użu ta' kodiċi kumplimentari għal fornituri alternattivi ta' servizzi; kif ukoll

— il-portabilità tan-numru tat-telefown (li tagħmel il-kodiċi taż-żona bla użu u l-fattur tal-post irrilevanti).

# 9.1.5. L-indirizzi fl-Istati Membri: karatteristiċi speċifiċi

## Il-kodiċi postali, l-Eircode u l-kodiċi tal-pajjiżi

It-tabella li ġejja tiddeskrivi preċiżament l-istruttura tal-kodiċi fl-Istati Membri kollha.

| Pajjiż | Kodiċi postali/ Eircode (1) | Kodiċi tal-pajjiż | Kummenti |
|---|---|---|---|
| Il-Belġju | 4 ċifri | | |
| Il-Bulgarija | 4 ċifri | | |
| Iċ-Ċekja | 5 ċifri | | Hemm spazju bejn it-tielet u r-raba' ċifra. Hemm żewġ spazji bejn il-kodiċi postali u l-isem tal-belt. |
| Id-Danimarka | 4 ċifri | | |

*(Ikompli)*

| Pajjiż | Kodiċi postali/ Eircode (1) | Kodiċi tal-pajjiż | Kummenti |
|---|---|---|---|
| Il-Ġermanja | 5 ċifri | | Qatt tuża kodiċi ta' pajjiż (D- jew DE-) qabel il-kodiċi postali. Jekk tagħmel hekk tista' twassal għal dewmien tal-posta li tintgħażel bil-magna. |
| L-Estonja | 5 ċifri | | |
| L-Irlanda | 7 karattri alfanumeriċi (Eircode) | | Żid, jekk possibbli, il-kodiċi tas-settur f'Dublin. L-Eircode għandu jitqiegħed f'linja separata, 'il fuq mill-isem tal-pajjiż. |
| Il-Greċja | 5 ċifri | | Hemm spazju bejn it-tielet u r-raba' ċifra. |
| Spanja | 5 ċifri | | Daħħal l-isem tal-provinċja f'linja separata wara l-isem tal-belt — ara l-lista fuq is-sit web tal-UPU (EN). |
| Franza | 5 ċifri | | |
| Il-Kroazja | 5 ċifri | HR | Il-kodiċi postali jrid ikun ippreċedut minn "HR-". |
| L-Italja | 5 ċifri | | Daħħal l-abbrevjazzjoni tal-provinċja wara l-isem tal-belt — ara l-lista fuq is-sit web tal-UPU (EN). |
| Ċipru | 4 ċifri | CY | Il-kodiċi postali jrid ikun ippreċedut minn "CY-". |
| Il-Latvja | 4 ċifri (lejn il-lemin) | LV | Il-kodiċi postali jrid ikun ippreċedut minn "LV-". Din tinsab lejn il-lemin tal-isem tal-belt, minn liema kelma hija mifruda b'virgola. |
| Il-Litwanja | 5 ċifri | LT | Il-kodiċi postali jrid ikun ippreċedut minn "LT-". |
| Il-Lussemburgu | 4 ċifri | L | Il-kodiċi postali jrid ikun ippreċedut minn "L-". |
| L-Ungerija | 4 ċifri | | L-isem tat-triq għandu jitpoġġa taħt l-isem tal-belt. Il-kodiċi postali għandu jitpoġġa f'linja separata, fuq l-isem tal-pajjiż. |
| Malta | 3 ittri + 4 ċifri | | Il-kodiċi postali għandu jitpoġġa taħt l-isem tal-belt, bi spazju bejn l-ittri u ċ-ċifri. |
| in-Netherlands | 4 ċifri + 2 ittri | | Hemm spazju bejn iċ-ċifri u l-ittri. Hemm żewġ spazji bejn il-kodiċi postali u l-isem tal-belt. |
| L-Awstrija | 4 ċifri | | |
| Il-Polonja | 5 ċifri | | Hemm sing bejn it-tieni u t-tielet ċifra. |
| Il-Portugall | 7 ċifri | | Hemm sing bejn ir-raba' u l-ħames ċifra. |
| Ir-Rumanija | 6 ċifri | | |
| Is-Slovenja | 4 ċifri | | |
| Is-Slovakkja | 5 ċifri | | |
| Il-Finlandja | 5 ċifri | FI | Il-kodiċi postali jrid ikun ippreċedut minn "FI-" (jew minn "AX-" għall-Gżejjer Åland). |
| L-Iżvezja | 5 ċifri | SE | Il-kodiċi postali jrid ikun ippreċedut minn "SE-". Hemm spazju bejn it-tielet u r-raba' ċifra. |

(1) Sakemm mhux indikat mod ieħor, il-kodiċi postali jidher fuq ix-xellug tal-isem tal-belt. Jintuża biex jiddefinixxi grupp ta' indirizzi. Min-naħa l-oħra, l-Eircode, imniedi l-Irlanda f'Lulju 2015, huwa kodiċi uniku assenjat lil kull indirizz residenzjali u kummerċjali.

NB: Għal raġunijiet prattiċi (sinottiżmu fil-verżjonijiet lingwistiċi kollha) l-lista qiegħda f'ordni ta' protokoll.

## Osservazzjonijiet oħra

Xi Stati Membri (il-Belġju, l-Irlanda, Malta u l-Finlandja) għandhom żewġ jew aktar lingwi uffiċjali li jintużaw bħala lingwi proċedurali fl-istituzzjonijiet Ewropej. (Għalkemm Ċipru għandu l-Grieg u t-Tork bħala lingwi uffiċjali, jintuża biss il-Grieg bħala lingwa proċedurali fl-istituzzjonijiet Ewropej.) Ta' min jinnota li għall-Belġju, permezz ta' ftehim mal-awtoritajiet Belġjani, il-format tal-indirizz multilingwi ma jinkludix il-verżjoni Ġermaniża. Għal kull wieħed minn dawn l-Istati Membri qed jintużaw żewġ lingwi uffiċjali meta jinkitbu l-indirizzi: Il-Franċiż u l-Olandiż għall-Belġju; l-Irlandiż u l-Ingliż għall-Irlanda; il-Malti u l-Ingliż għal Malta u l-Finlandiż u l-Iżvediż għall-Finlandja.

F'xi pajjiżi għandhom jitqiesu ċerti alfabeti distinti (il-Bulgarija, il-Greċja/Ċipru).

Il-kitba tal-indirizzi għal destinazzjoni f'wieħed mill-pajjiżi ta' dawn iż-żewġ gruppi tiddependi fuq il-lingwa(i) tal-pubblikazzjoni u fuq jekk ix-xogħol huwiex monolingwi jew multilingwi.

### Indirizzi għal destinazzjoni fil-Belġju, fl-Irlanda, f'Malta jew fil-Finlandja

#### Xogħlijiet monolingwi

— Xogħlijiet f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-pajjiż ta' destinazzjoni: fil-prinċipju, l-indirizzi huma biss f'dik il-lingwa.

— Xogħlijiet f'lingwa oħra tal-UE: l-indirizzi huma fiż-żewġ lingwi uffiċjali tal-pajjiż ta' destinazzjoni (bħal ma jiġri fil-każ ta' xogħlijiet multilingwi).

#### Xogħlijiet multilingwi

L-indirizzi huma mogħtija fiż-żewġ lingwi uffiċjali tal-pajjiż ta' destinazzjoni.

### Indirizzi għal destinazzjoni fil-Bulgarija, fil-Greċja jew f'Ċipru

#### Xogħlijiet monolingwi

— Xogħlijiet bil-Bulgaru jew bil-Grieg: l-indirizzi huma fil-lingwa tal-pubblikazzjoni iżda l-ismijiet tal-belt u tal-pajjiż jiżdiedu bl-Ingliż.

— Xogħlijiet fil-lingwi l-oħra tal-UE: l-indirizzi huma f'karattri Rumani (bi traslitterazzjoni jekk neċessarja, pereżempju, tal-isem tat-triq).

#### Xogħlijiet multilingwi

L-indirizzi jingħataw bil-Bulgaru/bil-Grieg u l-ismijiet tal-belt u tal-pajjiż jiżdiedu bl-Ingliż. L-indirizz sħiħ jingħata wkoll f'karattri Rumani (traskrizzjoni bl-Ingliż).

## 9.2. L-indirizzi elettroniċi

Informazzjoni dwar l-indirizzi elettroniċi għandha tingħata kif indikat hawn taħt:

— "Email:" (uża ż-żewġ punti):

**Email: isem.kunjom@ec.europa.eu**

— "Internet:" (uża ż-żewġ punti):

**Internet: https://europa.eu**

Għal raġunijiet ta' armonizzazzjoni, it-taqsira URL ma għadhiex tintuża fl-introduzzjoni ta' indirizz elettroniku.

Aħna nistgħu nindikaw l-indirizzi elettroniċi mingħajr it-terminu introduttorju, b'mod partikolari jekk l-ispazju huwa limitat:

**isem.kunjom@ec.europa.eu**

**https://www.europarl.europa.eu**

NB: Għal indirizzi tal-Internet huwa preferit li jinżamm il-protokoll tat-trasferiment (http://, https://, ftp://, eċċ.), b'mod partikolari biex tiġi żgurata l-konfigurazzjoni korretta ta' links meta jitniżżlu paġni mill-Internet.

# 9.3. In-numri tat-telefown

Il-modi ta' kif jinkitbu n-numri tat-telefown huma kkontrollati minn standards internazzjonali varji maħruġa mill-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (prinċipalment ir-rakkomandazzjonijiet ITU-T E.122, E.123 u E.126).

Fil-prattika, madankollu, dawn in-normi joħolqu diversi diffikultajiet, speċjalment dawk li jikkonċernaw il-forom irrakkomandati ta' preżentazzjoni. Għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni, l-awtoritajiet tal-UE qablu fuq preżentazzjoni uniformi fil-lingwi kollha tal-UE, skont il-prinċipji li ġejjin.

— Indika n-numru fil-forma internazzjonali tiegħu.

— Agħmel il-prefiss tal-kodiċi tat-telefonati internazzjonali b'sinjal ta' plus "+" (mhux segwit bi spazju) li jindika l-bżonn li żżid il-prefiss għal telefonati internazzjonali.

— Wara l-kodiċi internazzjonali u spazju, ikteb in-numru sħiħ fi blokka waħda, inkluż il-kodiċi reġjonali jekk hemm waħda:

**+33 140633900**

— Numru ta' estensjoni jinfired min-numru prinċipali b'sing. Tagħmilx il-figuri tan-numru tal-estensjoni flimkien. Huma jidhru fi blokka waħda:

**+32 222020-43657**

NB: Għal telefonata nazzjonali, in-numru internazzjonali għandu jiġi mmodifikat skont l-aħħar normi tal-organizzazzjoni tal-komunikazzjoni tat-telefown tal-pajjiż (eż. tinkludi prefiss lokali bejn il-kodiċi internazzjonali u n-numru tat-telefown attwali). Minħabba l-arranġamenti nazzjonali li jvarjaw u l-evoluzzjoni kostanti tagħhom, in-numri tat-telefown dejjem se jkunu ppreżentati fil-format internazzjonali tagħhom fix-xogħlijiet tal-istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni Ewropea.

## Numri tat-telefown ragruppati

Meta tindika aktar minn numru tat-telefown wieħed, ifridhom billi tuża żbarra (solidus) bi spazju ma' kull naħa:

**+33 140633900 / 140678900 / 140123456**

Meta jiġu indikati numri konsekuttivi b'mod imqassar, għandu jintuża numru magħqud mingħajr spazju. Għandu jintuża sing biex ikun indikat il-bidu ta' parti varjabbli tan-numri tat-telefown, bl-istess mod bħan-numri tal-estensjoni (ara r-raba' punt hawn fuq):

**+33 1406339-00/01/02**

## Espressjonijiet introduttorji

L-espressjonijiet li ġejjin huma ġeneralment użati biex jintroduċu numri ta' kuntatt:

— "Tel." jew "tel." (b'punt imma mingħajr iż-żewġ punti);

— "Faks" jew "faks" (mingħajr punt u mingħajr iż-żewġ punti);

— "Telex" jew "telex" (mingħajr iż-żewġ punti);

— "Mowbajl" jew "mowbajl" (mingħajr iż-żewġ punti).

Alternattivament, jista' jintuża simbolu grafiku:

**☎+33 1406339-00/01/02**

NB: Tużax it-terminu "GSM" għal "mowbajl". GSM huwa norma waħda fost ħafna (GPRS, UMTS, eċċ.).

**Europe Direct**

Qiegħda ssir eċċezzjoni għan-numru tat-telefown tal-Europe Direct (normalment jidher fuq il-qoxra ta' wara tal-paġna titolari ta' pubblikazzjoni), u allura għandu jidher dejjem hekk:

**00 800 6 7 8 9 10 11**

# 9.4. Il-kwotazzjoni ta' xogħlijiet u referenzi għall-Ġurnal Uffiċjali

## Kwotazzjoni ta' xogħlijiet

Il-kwotazzjonijiet ta' xogħlijiet fil-bibljografija għandhom kollha jinkludu l-komponenti fl-istess ordni u jkollhom l-istess preżentazzjoni, li hija identika fil-verżjonijiet lingwistiċi kollha.

Għal regoli ddettaljati, jekk jogħġbok ara t-Taqsima 5.9.4.

## Referenzi għall-Ġurnal Uffiċjali

Ara wkoll it-Taqsima 3.1.

Fil-pubblikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja barra testi ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali, tintuża wkoll il-forma li ġejja:

| |
|---|
| ĠU L, 2023/2387 |
| ĠU C, C/2023/90 |

NB: Għal referenzi qabel l-introduzzjoni tal-pubblikazzjoni att b'att tal-Ġurnal Uffiċjali fl-1 ta' Ottubru 2023, jintużaw il-forom li ġejjin:

— Sal-31 ta' Diċembru 1967:

ĠU 1963 190, p. 3077

— Mill-1 ta' Jannar 1968 sat-30 ta' Settembru 2023:

ĠU 2009 L 195, p. 1

ĠU 2010 C 48, p. 14

# 9.5. L-istruttura amministrattiva tal-Unjoni Ewropea: it-titoli uffiċjali u l-ordni tal-kwotazzjoni tagħhom

L-istruttura amministrattiva tal-Unjoni Ewropea tikkonsisti f'istituzzjonijiet u korpi, servizzi interistituzzjonali, aġenziji u organizzazzjonijiet oħra.

## 9.5.1. L-istituzzjonijiet u l-korpi

L-istituzzjonijiet u l-korpi għandhom ikunu elenkati **f'ordni protokollari**.

Il-lista li ġejja tindika t-titolu uffiċjali u ssegwi l-ordni protokollari mill-1 ta' Diċembru 2009 (dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lizbona). Il-lista hija segwita b'tabella li tindika l-forma tat-titolu skont it-tip ta' pubblikazzjoni kif ukoll it-taqsira rilevanti u l-post tas-sede.

Ara wkoll L-Anness A9 — Istituzzjonijiet, korpi, servizzi interistituzzjonali u organizzazzjonijiet: lista multilingwi

## (a) L-istituzzjonijiet

- il-Parlament Ewropew
- il-Kunsill Ewropew
  - il-President tal-Kunsill Ewropew
- il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
- il-Kummissjoni Ewropea
- il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
  - il-Qorti tal-Ġustizzja
  - il-Qorti Ġenerali

> NB: It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, maħluq fl-2004, temm l-attivitajiet tiegħu fl-1 ta' Settembru 2016 wara li ttrasferixxa l-kompetenzi tiegħu lill-Qorti Ġenerali.

- il-Bank Ċentrali Ewropew
- il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

### Tliet Kunsilli (Tħallathomx)

#### Fl-Unjoni Ewropea

#### Il-Kunsill Ewropew

Il-laqgħat tal-Kapijiet tal-Istat jew tal-Gvern (il-presidenti jew il-prim ministri) u tal-president tal-Kummissjoni Ewropea, bi prinċipju jitlaqqgħu erba' darbiet fis-sena. Dawn il-laqgħat huma magħrufa wkoll bħala "summits". Il-Kunsill Ewropew jiffissa l-linji gwida politiċi ġenerali tal-Unjoni.

#### Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Il-ministri tal-Istati Membri jiltaqgħu regolarment fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Jiddependi mill-materja li jkun hemm fuq l-aġenda, kull pajjiż ikun rappreżentat mill-ministru responsabbli għal dik il-materja. Huwa l-organu ewlieni tal-Unjoni Ewropea li jieħu d-deċiżjonijiet u jiddetermina ħafna mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea.

#### Barra l-Unjoni Ewropea

#### Il-Kunsill tal-Ewropa

Il-Kunsill tal-Ewropa huwa organizzazzjoni intergovernattiva iżda mhix istituzzjoni tal-UE.

## (b) Il-korp tal-politika esterna

- is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna
  - ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

## (c) Il-korpi konsultattivi

- il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
- il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

## (d) Korpi oħra

- il-Bank Ewropew tal-Investiment
  - il-Fond Ewropew tal-Investiment
- l-Ombudsman Ewropew

— il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

— il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

| ISTITUZZJONIJIET U KORPI — Forom differenti ta' titoli | | | |
|---|---|---|---|
| **Isem sħiħ** | **Isem qasir** (1) | **Taqsira** | **Sede** |
| il-Parlament Ewropew | il-Parlament | PE | Strasburgu (2) |
| il-Kunsill Ewropew | — | — | Brussell |
| il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea | il-Kunsill<br>NB: Fit-taħdit popolari:<br>— F'sens ġeneriku: Il-Kunsill<br>— F'sens speċifiku: eż. Kunsill Agrikoltura u Sajd | — | Brussell |
| il-Kummissjoni Ewropea | il-Kummissjoni | — | Brussell (3) |
| il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (*istituzzjoni*) | il-Qorti tal-Ġustizzja | QĠUE | il-Lussemburgu |
| • il-Qorti tal-Ġustizzja (*istanza*) | il-Qorti | — | il-Lussemburgu |
| • il-Qorti Ġenerali | — | — | il-Lussemburgu |
| il-Bank Ċentrali Ewropew | — | BĊE | Frankfurt am Main |
| il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (4)<br>*Fil-Ġurnal Uffiċjali*: il-Qorti tal-Awdituri | il-Qorti tal-Awdituri, il-Qorti | QEA | il-Lussemburgu |
| is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna | — | SEAE | Brussell |
| il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew | il-Kumitat | KESE (5) | Brussell |
| il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni (6)<br>*Fil-Ġurnal Uffiċjali, is-serje L:* il-Kumitat tar-Reġjuni | il-Kumitat | KtR | Brussell |
| il-Bank Ewropew tal-Investiment | — | BEI | il-Lussemburgu |
| l-Ombudsman Ewropew | l-Ombudsman | — | Strasburgu (7) |
| il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* | il-Kontrollur | KEPD | Brussell |
| il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* | il-Bord | EDPB | Brussell |

(1) Il-forma mqassra għandha tintuża biss jekk m'hemm l-ebda possibbiltà ta' konfużjoni (notevolment bejn "Qorti" u "Kumitat"). L-espressjoni sħiħa għandha dejjem tintuża l-ewwel darba li tissemma.
(2) Is-sede tal-Parlament hi fi Strasburgu. Sessjonijiet addizzjonali jinżammu fi Brussell. Is-Segretarjat jinsab fil-Lussemburgu.
(3) Il-Kummissjoni għandha s-sede tagħha fi Brussell, iżda għandha xi servizzi bbażati fil-Lussemburgu.
(4) "Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri" huwa t-titolu fl-użu ġenerali. Madankollu, it-titolu uffiċjali li jintuża f'testi purament legali jibqa' "Il-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea" (sat-30.11.2009: "Il-Qorti tal-Awdituri tal-Komunitajiet Ewropej"), anke jekk rarament jinstab fit-testi. Il-forma l-qasira "Il-Qorti tal-Awdituri" tintuża fil-Ġurnal Uffiċjali.
(5) Tużax il-forma l-qasira "Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali" jew it-taqsira "KES".
(6) "Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni" huwa l-isem użat b'mod ġenerali. F'testi purament ġuridiċi u fil-Ġurnal Uffiċjali, is-serje L, uża d-denominazzjoni uffiċjali "Il-Kumitat tar-Reġjuni". It-taqsira użata ma għandhiex tinbidel (kif mitlub mill-Kumitat).
(7) Is-sede tal-Ombudsman hija dik tal-Parlament Ewropew.

## 9.5.2. Is-servizzi interistituzzjonali

Is-servizzi interistituzzjonali għandhom x'jaqsmu amministrattivament mal-Kummissjoni Ewropea (ara wkoll it-Taqsima 9.6).

| Isem | Isem qasir | Taqsira | Sede | Att ta' referenza *(att fundatur)* (1) | Tibdiliet |
|---|---|---|---|---|---|
| is-Servizz taċ-Ċibersigurtà għall-Istituzzjonijiet, il-Korpi, l-Uffiċċji u l-Aġenziji tal-Unjoni (2) | — | CERT-UE | Brussell | ĠU L, 2023/2841, 18.12.2023 | Emenda tal-forma bil-miktub |

| Isem | Isem qasir | Taqsira | Sede | Att ta' referenza *(att fundatur)* (1) | Tibdiliet |
|---|---|---|---|---|---|
| l-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (3)<br>• l-Iskola Ewropea tal-Amministrazzjoni (4) | l-Uffiċċju għas-Selezzjoni tal-Persunal<br>• l-Iskola tal-Amministrazzjoni | EPSO (*)<br>• EUSA | Brussell | ĠU L 197, 26.7.2002, p. 53<br>• ĠU L 37, 10.2.2005, p. 14 | |
| l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (5) | l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet | OP (*) | il-Lussemburgu | ĠU L 168, 30.6.2009, p. 41<br>*(ĠU 152, 13.7.1967, p. 18)* | |

(*) Taqsira unika għall-verżjonijiet lingwistiċi.
(1) Fil-prinċipju, l-att ta' referenza huwa l-att kostituttiv. Jekk att kostituttiv ikun ġie "irriformulat" jew tkun saret "verżjoni kodifikata" tiegħu, jew ikun tħassar u nbidel b'att ġdid, dan l-att modifikat isir l-att bażiku l-ġdid (l-att kostituttiv oriġinali jiġi indikat fil-parentesi bħala tfakkira).
(2) Amministrattivament għandha x'taqsam mad-Direttorat Ġenerali għas-Servizzi Diġitali.
(3) L-isem komuni.
(4) Amministrattivament għandha x'taqsam mal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal.
(5) Sat-30.6.2009: "L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej".

## 9.5.3. L-organizzazzjonijiet deċentralizzati (aġenziji)

L-organizzazzjonijiet deċentralizzati (aġenziji) jinħolqu b'atti leġiżlattivi partikolari u jingħataw ħidma speċifika.

Ġeneralment, l-organizzazzjonijiet huma elenkati **fl-ordni alfabetiku tal-lingwa tal-pubblikazzjoni**.

| Isem | Taqsira | Sede | Att ta' referenza *(att fundatur)* (1) | Tibdiliet (2) |
|---|---|---|---|---|
| l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent | EEA | Copenhagen | ĠU L 126, 21.5.2009, p. 13 | |
| l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta | Frontex (*) | Varsavja | ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1<br>*(ĠU L 349, 25.11.2004, p. 1)* | |
| l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd | EFCA | Vigo | ĠU L 83, 25.3.2019, p. 18<br>*(ĠU L 128, 21.5.2005, p. 1)* | |
| l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini | EMA (*) | Amsterdam | ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1 | Att emendatorju (sede):<br>ĠU L 291, 16.11.2018, p. 3 |
| l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima | EMSA | Liżbona | ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1 | |
| l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol | EU-OSHA (*) | Bilbao | ĠU L 30, 31.1.2019, p. 58<br>*(ĠU L 216, 20.8.1994, p. 1)* | |
| l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi | ECHA (*) | Helsinki | (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1) | Rettifika:<br>ĠU L 136, 29.5.2007, p. 3 |
| l-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC (isem qasir: l-Uffiċċju tal-BEREC) | — | Riga | ĠU L 321, 17.12.2018, p. 1<br>*(ĠU L 337, 18.12.2009, p. 1)* | |
| l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi | EUDA (*) | Liżbona | ĠU L 166, 30.6.2023, p. 6 | Dħul fis-seħħ: 1.7.2023<br>EMCDDA issir EUDA: 2.7.2024 |
| l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà | ENISA (*) | Heraklion | ĠU L 151, 7.6.2019, p. 15<br>*(ĠU L 77, 13.3.2004, p. 1)* | |
| l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali | FRA (*) | Vjenna | ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1 | Emenda tal-forma bil-miktub |
| l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil | EUAA | Malta | ĠU L 468, 30.12.2021, p. 1 | |
| l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji | ERA | Lille-Valenciennes | ĠU L 138, 26.5.2016, p. 1<br>*(ĠU L 164, 30.4.2004, p. 1)* | |
| l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali | Eurojust | The Hague | ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138<br>*(ĠU L 63, 6.3.2002, p. 1)* | |

*(Ikompli)*

| Isem | Taqsira | Sede | Att ta' referenza ***(att fundatur)*** (1) | Tibdiliet (2) |
|---|---|---|---|---|
| l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi | Europol | The Hague | ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53<br>*(ĠU C 316, 27.11.1995, p. 1)* | |
| l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija | ACER (*) | Ljubljana | ĠU L 158, 14.6.2019, p. 22<br>*(ĠU L 211, 14.8.2009, p. 1)* | |
| l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali | EUSPA | Praga | ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69 | |
| l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi | CEPOL | Budapest | ĠU L 319, 4.12.2015, p. 1<br>*(ĠU L 256, 1.10.2005, p. 63)* | |
| l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja | eu-LISA (*) | Tallinn | ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99<br>*(ĠU L 286, 1.11.2011, p. 1)* | |
| l-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea | EASA | Cologne | ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1<br>*(ĠU L 240, 7.9.2002, p. 1)* | |
| l-Awtorità Bankarja Ewropea | EBA | Pariġi | ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12 | Att emendatorju (sede):<br>ĠU L 291, 16.11.2018, p. 1 |
| l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel | EFSA (*) | Parma | ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1 | |
| l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol | EIOPA | Frankfurt am Main | ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48 | |
| l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq | ESMA | Pariġi | ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84 | |
| l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol | — | Bratislava | ĠU L 186, 11.7.2019, p. 21 | Stabbiliment: l-31.7.2019 |
| l-Awtorità għall-Partiti Politiċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej | — | Brussell | ĠU L 317, 4.11.2014, p. 1 | Emenda tal-forma bil-miktub |
| il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni | SRB | Brussell | ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1 | |
| iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali | Cedefop (*) | Salonka | ĠU L 30, 31.1.2019, p. 90<br>*(ĠU L 39, 13.2.1975, p. 1)* | |
| iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga | EMCDDA | Liżbona | ĠU L 376, 27.12.2006, p. 1<br>*(ĠU L 36, 12.2.1993, p. 1)* | Att emendatorju:<br>ĠU L 166, 30.6.2023, p. 6<br>Dħul fis-seħħ: 1.7.2023<br>EMCDDA issir EUDA: 2.7.2024 |
| iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard | ECDC (*) | Stokkolma | ĠU L 142, 30.4.2004, p. 1 | Emenda tal-forma bil-miktub |
| iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà | | Bucharest | ĠU L 202, 8.6.2021, p. 1 | |
| iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea | CdT (*) | il-Lussemburgu | ĠU L 314, 7.12.1994, p. 1 | Emenda tal-forma bil-miktub |
| il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ | ETF (*) | Turin | ĠU L 354, 31.12.2008, p. 82<br>*(ĠU L 131, 23.5.1990, p. 1)* | |
| il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiettal-Ħajja u tax-Xogħol | Eurofound (*) | Dublin | ĠU L 30, 31.1.2019, p. 74<br>*(ĠU L 139, 30.5.1975, p. 1)* | Emenda tal-forma bil-miktub |
| l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi | EIGE (*) | Vilnius | ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9 | |
| l-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti | CPVO | Angers | ĠU L 227, 1.9.1994, p. 1 | Att emendatorju fi stadju ta' tħejjija |
| l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea | EUIPO | Alicante | ĠU L 154, 16.6.2017, p. 1<br>*(ĠU L 11, 14.1.1994, p. 1)* | |
| l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew | UPPE | il-Lussemburgu | ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1 | |

*(Ikompli)*

| Isem | Taqsira | Sede | Att ta' referenza *(att fundatur)* (1) | Tibdiljiet (2) |
|---|---|---|---|---|
| **Modifika adottata** | | | | |
| — | — | | | — |
| **Fi proċess ta' tħejjija**<br>Diversi proċeduri li huma ppjanati jew li qed isiru bħalissa jistgħu jwasslu għal modifiki fl-ismijiet ta' diversi aġenziji. | | | | |
| l-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti<br>*Proposta*:l-Aġenzija Ewropea tal-Varjetajiet tal-Pjanti | CPVO<br>*Proposta*:EAP'<br>(?) | | *Proċedura*: COM(2013) 262 – 2013/137 (COD)<br>Għandha tiġi mmonitorjata (il-PE talab lill-Kummissjoni biex tirtira l-proposta tagħha u tipproponi oħra ġdida) | |
| **Fi stadju tal-ippjanar (aġenziji ġodda)** | | | | |
| Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu | AMLA | | *Proċedura*: COM(2021) 421 – 2021/240 (COD) | |

(*) Taqsira unika għall-verżjonijiet lingwistiċi.

(1) Fil-prinċipju, l-att ta' referenza huwa l-att kostituttiv. Jekk att kostituttiv ikun ġie "irriformulat" jew tkun saret "verżjoni kodifikata" tiegħu, jew ikun tħassar u nbidel b'att ġdid, dan l-att modifikat isir l-att bażiku l-ġdid (l-att kostituttiv oriġinali jiġi indikat fil-parentesi bħala tfakkira).

(2) It-tipi differenti ta' modifiki huma kif ġej.

- "Rettifika", "att emendatorju" (jew oħrajn): modifiki tal-att bażiku fir-rigward tal-isem, tat-taqsira jew tas-sede.
- "Emenda tal-forma bil-miktub": għall-korp inkwistjoni, il-forma bil-miktub użata fir-regolament bażiku ġiet emendata biex tikkonforma mal-konvenzjonijiet interistituzzjonali dwar il-kitba, b'mod partikolari r-regoli dwar l-ittri kapitali u l-ittri żgħar (bi ftehim mal-ġuristi-lingwisti tal-Kunsill, m'hemmx bżonn ta' rettifika).

NB: Ara wkoll id-Deċiżjoni 2004/97/KE, Euratom tat-13 ta' Diċembru 2003 dwar il-post ta' ċerti uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 29, 3.2.2004, p. 15).

### Il-politika barranija u ta' sigurtà *komuni*

| Isem | Taqsira | Sede | Att ta' referenza *(att fundatur)* (1) |
|---|---|---|---|
| l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża | AED | Brussell | ĠU L 266, 13.10.2015, p. 55<br>*(ĠU L 245, 17.7.2004, p. 17)* |
| iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea | Satcen | Torrejón de Ardoz | ĠU L 188, 27.6.2014, p. 73<br>*(ĠU L 200, 25.7.2001, p. 5)* |
| l-Istitut tal-Unjoni Ewropea għall-Istudji fuq is-Sigurtà | EUISS | Pariġi | ĠU L 41, 12.2.2014, p. 13<br>*(ĠU L 200, 25.7.2001, p. 1)* |

(1) Fil-prinċipju, l-att ta' referenza huwa l-att kostituttiv. Jekk att kostituttiv ikun ġie "irriformulat" jew tkun saret "verżjoni kodifikata" tiegħu, jew ikun tħassar u nbidel b'att ġdid, dan l-att modifikat isir l-att bażiku l-ġdid (l-att kostituttiv oriġinali jiġi indikat fil-parentesi bħala tfakkira).

## 9.5.4. L-aġenziji eżekuttivi

Dawn l-aġenziji huma entitajiet legali stabbiliti skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 (ĠU L 11, 16.1.2003) bil-ħsieb li jkunu fdati b'ċerti ħidmiet relatati mal-ġestjoni ta' wieħed jew aktar mill-programmi tal-Unjoni Ewropea. Dawn l-aġenziji jitwaqqfu għal perjodu determinat.

| Isem | Taqsira | Sede | Att ta' referenza (+ rettifika jew att emendatorju) |
|---|---|---|---|
| l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura | EACEA (*) | Brussell | ĠU L 50, 15.2.2021, p. 9 |
| l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent | CINEA (*) | Brussell | ĠU L 50, 15.2.2021, p. 9 |
| l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-SMEs | Eismea (*) | Brussell | ĠU L 50, 15.2.2021, p. 9 |

| Isem | Taqsira | Sede | Att ta' referenza<br>(+ rettifika jew att emendatorju) |
|---|---|---|---|
| l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tar-Riċerka | ERCEA (*) | Brussell | ĠU L 50, 15.2.2021, p. 9 |
| l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka | REA (*) | Brussell | ĠU L 50, 15.2.2021, p. 9 |
| l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali | HADEA (*) | Brussell | ĠU L 50, 15.2.2021, p. 9 |

(*) Taqsira unika għall-verżjonijiet lingwistiċi kollha.

## 9.5.5. Korpi u aġenziji tal-Euratom

Dawn l-aġenziji u korpi nħalqu biex jappoġġaw l-għanijiet tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (Euratom).

| Isem | Taqsira | Sede | Att ta' referenza |
|---|---|---|---|
| l-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom | — | il-Lussemburgu | ĠU L 41, 15.2.2008, p. 15 |
| l-Impriża Konġunta "Fusion for Energy" (1) | F4E (*) | Barċellona | ĠU L 90, 30.3.2007, p. 58 (en) |

(*) Taqsira unika għall-verżjonijiet lingwistiċi kollha.
(1) L-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni.

## 9.5.6. Organizzazzjonijiet oħra

| Isem komuni | Isem qasir | Taqsira | Sede | Att ta' referenza |
|---|---|---|---|---|
| l-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa (1) | — | — | Brussell | ĠU L 427, 30.11.2021, p. 17 |
| l-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika (2) | — | — | Brussell | ĠU L 427, 30.11.2021, p. 17 |
| l-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew | l-Impriża Konġunta EuroHPC | — | il-Lussemburgu | ĠU L 256, 19.7.2021, p. 3 |
| l-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif (3) | — | — | Brussell | ĠU L 427, 30.11.2021, p. 17 |
| l-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva (4) | — | — | Brussell | ĠU L 427, 30.11.2021, p. 17 |
| L-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti | — | — | Brussell | ĠU L 427, 30.11.2021, p. 17 |
| l-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 (5) | — | — | Brussell | ĠU L 427, 30.11.2021, p. 17 |
| L-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 | — | — | Brussell | ĠU L 427, 30.11.2021, p. 17 |
| l-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea (6) | — | — | Brussell | ĠU L 427, 30.11.2021, p. 17 |
| l-Impriża Konġunta taċ-Ċipep (7) | — | — | Brussell | ĠU L 229, 18.9.2023, p. 55 |
| l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija | — | EIT (*) | Budapest | ĠU L 189, 28.5.2021, p. 61 |

(*) Taqsira unika għall-verżjonijiet lingwistiċi kollha.
(1) Tissostitwixxi l-Impriża Konġunta Clean Sky 2.
(2) Tissostitwixxi l-Impriża Konġunta dwar l-Industriji b'bażi Bijoloġika.
(3) Tissostitwixxi l-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2.
(4) Tissostitwixxi l-Impriża Konġunta għall-IMI 2.
(5) Tissostitwixxi l-Impriża Konġunta SESAR.
(6) Tissostitwixxi l-Impriża Konġunta Shift2Rail.
(7) Tissostitwixxi l-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin.

# 9.6. Id-direttorati ġenerali u s-servizzi tal-Kummissjoni: It-titoli uffiċjali

Il-kodiċi tal-ittri (għall-użu intern biss) u l-kodiċi numeriċi (għall-użu esklussiv tal-IT).

Ara wkoll:
Link għas-sit web tad-Direttorati Ġenerali
Link għal-lista tal-Kummissarji.

| Isem sħiħ u ordni tal-elenkar | Isem qasir | Taqsira l-aktar użata | Kodiċi tal-ittri (għall-użu intern) (1) | Kodiċi numeriċi (2) (inviżibbli) | Qasam (Oqsma) |
|---|---|---|---|---|---|
| is-Segretarjat Ġenerali | | SG | SG | 31 | Is-Segretarjat Ġenerali |
| is-Servizz Legali | | SJ | SJ | 32 | Is-Servizz Legali |
| id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni | DĠ Komunikazzjoni | | COMM | 61 | Komunikazzjoni |
| IDEA – Ispira, iddibatti, involvi ruħek u aċċellera l-azzjoni | | | IDEA | 46 | Ispira, iddibatti, involvi ruħek u aċċellera l-azzjoni |
| id-Direttorat Ġenerali għall-Baġit | DĠ Baġit | | BUDG | 19 | Baġit |
| id-Direttorat Ġenerali tar-Riżorsi Umani u tas-Sigurtà | DĠ Riżorsi Umani u Sigurtà | | HR | 09 | Riżorsi Umani u Sigurtà |
| id-Direttorat Ġenerali għas-Servizzi Diġitali | DĠ Servizzi Diġitali | | DIGIT | 50 | Servizzi Diġitali |
| is-Servizz tal-Verifika Interna | | | IAS | 25 | Is-Servizz tal-Verifika Interna |
| l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi | | OLAF | OLAF | 57 | L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi |
| id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji | DĠ Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji | | ECFIN | 02 | Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji |
| id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs | DĠ Suq Intern, Industrija, Intraprenditorija u SMEs | | GROW | 62 | Suq Intern, Industrija, Intraprenditorija u SMEs |
| id-Direttorat Ġenerali għall-Industrija tad-Difiża u l-Ispazju | DĠ għall-Industrija tad-Difiża u l-Ispazju | | DEFIS | 26 | Industrija tad-Difiża u l-Ispazju |
| id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni | DĠ Kompetizzjoni | | COMP | 04 | Kompetizzjoni |
| id-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni | DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni | | EMPL | 05 | Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni |
| id-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali | DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali | | AGRI | 06 | Agrikoltura u Żvilupp Rurali |
| id-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport | DĠ Mobbiltà u Trasport | | MOVE | 07 | Mobbiltà u Trasport |
| id-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija | DĠ Enerġija | | ENER | 27 | Enerġija |
| id-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent | DĠ Ambjent | | ENV | 11 | Ambjent |

*(Ikompli)*

| **Isem sħiħ u ordni tal-elenkar** | **Isem qasir** | **Taqsira l-aktar użata** | **Kodiċi tal-ittri (għall-użu intern)** (1) | **Kodiċi numeriċi** (2) **(inviżibbli)** | **Qasam (Oqsma)** |
|---|---|---|---|---|---|
| id-Direttorat Ġenerali għall-Azzjoni Klimatika | DĠ għall-Azzjoni Klimatika | | CLIMA | 87 | Azzjoni Klimatika |
| id-Direttorat Ġenerali tar-Riċerka u l-Innovazzjoni | DĠ Riċerka u Innovazzjoni | | RTD | 12 | Riċerka u Innovazzjoni |
| id-Direttorat Ġenerali għan-Networks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija | DĠ Networks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija | Connect | CNECT | 13 | Networks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija |
| il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka | | JRC | JRC | 53 | Il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka |
| id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd | DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd | | MARE | 14 | Affarijiet Marittimi u Sajd |
| id-Direttorat Ġenerali għall-Istabilità Finanzjarja, is-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali | DĠ Stabilità Finanzjarja, Servizzi Finanzjarji, u Unjoni tas-Swieq Kapitali | | FISMA | 15 | Stabilità Finanzjarja, Servizzi Finanzjarji, u Unjoni tas-Swieq Kapitali |
| id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana | DĠ Politika Reġjonali u Urbana | | REGIO | 16 | Politika Reġjonali u Urbana |
| id-Direttorat Ġenerali għall-Appoġġ għar-Riformi Strutturali | DĠ għall-Appoġġ għar-Riformi Strutturali | | REFORM | 35 | Appoġġ għar-Riformi Strutturali |
| id-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Għaqda Doganali | DĠ Tassazzjoni u Għaqda Doganali | | TAXUD | 21 | Tassazzjoni u Għaqda Doganali |
| id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ, l-Isport u l-Kultura | DĠ Edukazzjoni, Żgħażagħ, Sport u Kultura | | EAC | 63 | Edukazzjoni, Żgħażagħ, Sport u Kultura |
| id-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari | DĠ Saħħa u Sikurezza Alimentari | | SANTE | 64 | Saħħa u Sikurezza Alimentari |
| Awtorità għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa | | HERA | HERA | 30 | |
| id-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni | DĠ Migrazzjoni u Affarijiet Interni | | HOME | 65 | Migrazzjoni u Affarijiet Interni |
| id-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi | DĠ Ġustizzja u Konsumaturi | | JUST | 76 | Ġustizzja u Konsumaturi |
| id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ | DĠ għall-Kummerċ | | TRADE | 67 | Kummerċ |
| id-Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir | DĠ Viċinat u Negozjati għat-Tkabbir | | NEAR | 69 | Viċinat u Negozjati għat-Tkabbir |
| id-Direttorat Ġenerali għas-Sħubijiet Internazzjonali | DĠ Sħubijiet Internazzjonali | | INTPA | 55 | Sħubijiet Internazzjonali |
| id-Direttorat Ġenerali għall-Protezzjoni Ċivili u l-Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej (ECHO) | DĠ Protezzjoni Ċivili u Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej (ECHO) | ECHO | ECHO | 51 | Protezzjoni Ċivili u Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej (ECHO) |
| Eurostat | | Eurostat | ESTAT | 34 | Eurostat |
| id-Direttorat Ġenerali tal-Interpretazzjoni | DĠ Interpretazzjoni | | SCIC | 38 | Interpretazzjoni |

*(Ikompli)*

| Isem sħiħ u ordni tal-elenkar | Isem qasir | Taqsira l-aktar użata | Kodiċi tal-ittri (għall-użu intern) (1) | Kodiċi numeriċi (2) (inviżibbli) | Qasam (Oqsma) |
|---|---|---|---|---|---|
| id-Direttorat Ġenerali għat-Traduzzjoni | DĠ Traduzzjoni | DGT | DGT | 47 | Traduzzjoni |
| l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea | l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet | OP | OP | 43 | L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet |
| is-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija | | | FPI | 59 (3) | Is-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija |
| l-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali | | | PMO | 40 | |
| l-Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika fi Brussell | | | OIB | 39 | |
| l-Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika fil-Lussemburgu | | | OIL | 41 | |
| l-Uffiċċju għas-Selezzjoni tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej | l-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (4) | EPSO | EPSO | 42 | |
| l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-SMEs | | Eismea | EISMEA | 81 | |
| l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura | | EACEA | EACEA | 82 | |
| l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent | | CINEA | CINEA | 84 | |
| l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tar-Riċerka | | ERCEA | ERCEA | 85 | |
| l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka | | REA | REA | 86 | |
| l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali | | HaDEA | HaDEA | 90 | |
| | | | | 89 (5) | |

(1) Il-kodiċi huwa strettament riżervat għall-użu intern. Għad-dokumenti kollha intiżi għall-pubblikazzjoni (karta stampata jew forma elettronika), uża t-taqsiriet u l-akronomi konvenzjonali.
(2) F'ċerti sistemi tal-kompjuter, jintuża **l-kodiċi 60** għall-kabinetti.
(3) F'ċerti sistemi tal-kompjuter, jintuża **l-kodiċi 66** għall-FPI.
(4) L-isem komuni. L-isem sħiħ jintuża biss fit-testi legali li għandhom x'jaqsmu mal-istatuti tal-EPSO.
(5) **Il-kodiċi 89** jintuża għall-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (ara t-Taqsima 9.5.3, l-organizzazzjonijiet deċentralizzati (aġenziji)).

## Ir-Raba’ Parti

# Pubblikazzjonijiet bil-Malti

Ir-regoli u l-konvenzjonijiet speċifiċi tal-lingwa Malti, flimkien ma’ lista ta’ xogħlijiet ta’ referenza, jikkomplementaw il-konvenzjonijiet komuni.



# 10. Regoli interni għall-preżentazzjoni tat-test

Lista ta' għodod li jagħmlu t-test preżentabbli u li jinqara tajjeb, skont regoli għat-testi miktubin bil-Malti.

## 10.1. Il-punteġġatura

Pupazz imsejken qalb l-elementi ortografiċi, il-punteġġatura ħafna drabi tintuża b'mod fantasjuż: virgoli bejn is-suġġett u l-verb jew il-verb u l-oġġett dirett, virgola qabel konjugazzjoni, nuqqas ta' virgoletti tal-ftuħ jew l-għeluq, punti ta' sospensjoni wara argument twil minflok l-eċċ., inċiżi la Ingliża (b'virgoletta waħda), u oħrajn.

Daqqa t'għajn estensiva fl-istadju tal-qari preliminari tal-manuskritt, tista' tevita biċċa kbira minn dawn l-inkonvenjenzi.

Il-punteġġatura fil-Malti tintuża l-istess bħal fl-Ingliż b'differenza waħda — il-virgoletti. Fejn fil-Malti nużaw il-virgoletti doppji meta qed nikkwotaw diskors dirett, fl-Ingliż jużaw virgoletti singli.

### 10.1.1. Il-punt (.)

Il-punt normalment ma jinkitibx f'titolu, sottotitolu, kliem li qiegħed f'lista jew wara espressjonijiet li mhumiex sentenzi, u xogħlu fl-aħħar tas-sentenza hu li juri t-tmiem assolut tas-sentenza. Ara l-appendiċi fl-aħħar ta' dan il-ktejjeb.

"Eċċetra" għandu jkollha punt wieħed (eċċ.) meta tkun fit-tarf tas-sentenza u dan il-punt jitqies bħala punt finali wkoll. L-eċċ. għandha tkun ippreċeduta minn virgola:

> [...] kontra l-importazzjoni ta' ċertu frott taċ-ċitru preparat jew priżervat, eċċ.

L-abbrevjazzjonijiet jiġu segwiti minn punt sakemm ma jispiċċawx bl-ittra li tispiċċa biha l-kelma oriġinali. Pereżempju, niktbu Nru (bla punt) għax Nru tispiċċa bl-u bħalma tispiċċa l-kelma oriġinali numru; l-istess Dr, għax Dottor tispiċċa bir-r, iżda niktbu Art. (bil-punt) għax Artikolu tispiċċa bl-u u mhux bit-t u allura nagħmlu punt biex nuru li l-aħħar ittra f'dik l-abbrevjazzjoni fil-fatt mhix l-aħħar ittra tal-kelma oriġinali; para. (paragrafu), kap. (kapitolu), eż. (eżempju) u p. (paġna):

> Ikkonsulta l-Kap. 2, l-Art. 7, para. 1 ta' dan id-dokument.

Qatt ma niktbu punt qabel punt interrogattiv jew punt esklamattiv, madankollu jista' jkun hemm abbrevjazzjoni li tispiċċa b'punt qabel punt interrogattiv jew esklamattiv.

In-noti ta' qiegħ il-paġna dejjem jispiċċaw b'punt fl-aħħar:

> ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.

### 10.1.2. Il-virgola (,)

Niktbu virgola (,) biex nindikaw pawsa jew l-iċken intervall fis-sentenza:

> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 727/2007 tas-26 ta' Ġunju 2007 li jemenda l-Annessi I, III, VII u X tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistipula regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni ta' ċerti enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli.

> Il-Protokoll għall-ftehim ta' stabbilizzazzjoni u assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kroazja, min-naħa l-oħra, sabiex tiġi kkonsidrata l-adeżjoni tar-Repubblika [...]

> [...] jadottaw u josservaw, kif jagħmlu l-Istati Membri l-oħra, it-testi tal-Ftehim, kif ukoll id-Dikjarazzjonijiet Konġunti, u d-Dikjarazzjonijiet Unilaterali [...]

Eċċ. dejjem tieħu virgola qabilha:

> L-Azzjoni Konġunta tad-9 ta' Ġunju 1997 adottata mill-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, sabiex jiġu rfinati l-kriterji għall-kontrolli mmirati, il-metodi ta' selezzjoni, eċċ.

## 10.1.3. Il-punt u l-virgola (;)

Meta jkollok serje ta' temi jew lista li tkun twila u kkumplikata jew li tinvolvi punteġġatura interna, dawn għandhom jiġu separati bil-punt u l-virgola għal raġunijiet ta' ċarezza:

> L-applikanti għandhom:
>
> 1. ikunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE;
> 2. ikollhom grad universitarju [...] dottorat;
> 3. ikollhom mill-inqas 15-il sena esperjenza [...] maniġerjali; [...]

Nużaw il-punt u l-virgola biex nisseparaw partijiet importanti ta' frażijiet li ma jkunux magħquda b'konġunzjoni (u, ukoll/wkoll, iżda, imma, jew, inkella) jew li jkun fihom virgola waħda jew iżjed:

> L-Unjoni għandha timmira li tippromwovi l-progress ekonomiku u soċjali [...] skont id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Trattat; li tafferma l-identità tagħha [...] skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 17; li ssaħħaħ il-protezzjoni [...] ta' ċittadinanza tal-Unjoni; li żżomm u tiżviluppa l-Unjoni bħala spazju ta' libertà [...] kontra l-kriminalità; [...]

Il-punt u l-virgola jagħti wkoll dak id-distakk bejn żewġ elementi indipendenti jew iżjed f'sentenza, illi kieku kienu waħedhom kienu jistgħu jagħmlu sens b'mod awtonomu u komplut iżda, mifrudin, jikkontribwixxu aħjar għas-sħuħija tas-sens tat-test:

> Ebda ftehim ma jorbot lil Stat Membru li r-rappreżentant tiegħu fil-Kunsill jiddikjara li l-Istat jeħtieġ jaderixxi mar-regoli tal-proċeduri kostituzzjonali tiegħu; il-membri l-oħra tal-Kunsill jistgħu jaqblu, madankollu, li l-ftehim għandu japplika b'mod proviżorju.

## 10.1.4. Iż-żewġ punti (:)

Tużax iż-żewġ punti fit-tmiem ta' titoli jew biex tintroduċi tabella jew graff li tkun fit-test.

Kemm il-punt u l-virgola kif ukoll iż-żewġ punti jitqiegħdu dejjem qrib tal-ittra jew in-numru ta' qabilhom u mhux bi spazju bejniethom. L-ispazju, madankollu, isir qabel tibda t-tieni parti tas-sentenza.

Nużaw iż-żewġ punti wkoll meta nkunu qed nintroduċu diskors dirett, kwotazzjoni, spjegazzjoni, numerazzjoni jew eżempju.

## 10.1.5. Il-parentesi tondi ()

Il-parentesi tondi jilqgħu fihom kumment/frażi li jippreċiżaw fatt fid-diskors ewlieni:

> Magħmul f'Maastricht fis-seba' jum ta' Frar tas-sena elf disa' mija u tnejn u disgħin (lista ta' plenipotenzjarji mhux riprodotta).

Il-parentesi normalment ma jkunux ippreċeduti b'xi punteġġatura, u jekk ikun hemm sentenza sħiħa bejn il-parentesi, il-punt jitqiegħed qabel tagħlaq it-tieni u l-aħħar parentesi.

## 10.1.6. Il-parentesi kwadri []

Jekk fi kwotazzjoni jkun hemm kelma jew parti mill-kwotazzjoni nieqsa, din għandha tiġi indikata bi tliet puntini bejn parentesi kwadri.

Il-parentesi kwadri jintużaw ukoll biex jiżolaw preċiżazzjoni fid-diskors prinċipali:

> F'kull wieħed mill-Istati Membri, il-Bank għandu [...] minn proprjetà mobbli jew immobbli u jista' jkun parti minn proċeduri legali [*Ara wkoll l-Artikolu 9(4) tat-Trattat ta' Amsterdam, li jaqra hekk*: Il-Komunitajiet Ewropej għandhom igawdu, fit-territorji tal-Istati Membri, dawk il-privileġġi u [...] jirrigwarda l-Bank Ċentrali Ewropew, l-Istitut Monetarju Ewropew, u l-Bank Ewropew tal-Investiment]. Il-proprjetà tal-Bank [...]

## 10.1.7. Il-virgoletti doppji jew singli (“ ” jew ‘ ’)

Il-virgoletti ġeneralment jintużaw biex jinkwadraw kwotazzjoni jew terminu jew frażi:

> Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
>
> (1) “Ilma tal-wiċċ”, “ilma ta' taħt l-art”, “ilma intern”, “ilmijiet temporanji”, “ilma tal-kosta” u “baċir ta' xmara” għandhom l-istess tifsira bħal fid-Direttiva 2000/60/KE;
>
> (2) “Awtorità kompetenti” tfisser l-awtorità jew awtoritajiet ta' Stat Membru [...];
>
> (3) “L-istaġun tal-għawm” tfisser il-perjodu li matulu numru kbir ta' għawwiema [...];
>
> (4) “Miżuri ta' mmaniġġjar” tfisser il-miżuri li ttieħdu fir-rigward tal-ilma għall-għawm [...];

Meta nużaw il-virgoletti ma nagħmlux spazju la fil-bidu u lanqas fl-aħħar. Kwotazzjoni nagħmluha bejn virgoletti doppji (“ ”) iżda nużaw virgoletti singli (‘ ’) meta nkunu qed nikkwotaw kwotazzjoni ġo kwotazzjoni:

> Rapport maħruġ mill-UE saħaq li “it-triq għall-progress hija t-teknoloġija u l-iżvilupp sostenibbli u mhux kif qal l-ambaxxatur Iraqi ‘l-investiment fl-armi tal-qerda tal-massa’”.

Il-punteġġatura fil-kwotazzjonijiet għandha titqiegħed skont is-sens tal-istess kwotazzjoni; jekk il-punteġġatura hija parti mill-kwotazzjoni tintuża, jekk le ma nikkwotawhiex (jiġifieri ma tidħolx bejn il-virgoletti). Ara wkoll it-Taqsimiet 4.2.3 (il-virgoletti) u 5.10 (il-punteġġatura fil-kwotazzjonijiet).

Ismijiet ta' kotba, espressjonijiet jew kliem mhux bil-Malti ma jitqegħdux bejn il-virgoletti għax dawn ġeneralment ikunu diġà miktubin korsiv. Mhux meħtieġ li tpoġġihom f'virgoletti u korsiv jew b'tipa skura fl-istess ħin.

## 10.1.8. Is-sing qasir (-)

Ir-regoli tas-sing qasir (-, hyphen) jimxu mar-regoli grammatikali tal-Malti u niktbuh fl-artiklu (eż. iz-zokkor, iċ-ċifra, is-seduta, eċċ.), fin-numri bejn ħdax u dsatax (li jemenda għal ħdax-il darba [...], perjodu massimu ta' ħmistax-il xahar wara l-adeżjoni [...], it-Tmintax-il Direttiva tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 1989 [...]), f'ċerti każijiet wara l-kelma “kemm” biż-żieda tal-partiċella “-il” (eż. jekk kemm-il darba l-liġi nazzjonali [...], jinżammu responsabbli kemm-il darba l-prodott finalizzat [...]).

Is-sing qasir jintuża wkoll f'bosta ismijiet ta' pajjiżi, ftehimiet, summits, strateġiji, eċċ.

> EU-27
>
> Ftehim ta' Sħubija AKP-KE
>
> Summit UE-LAC
>
> Strateġija Konġunta UE-Afrika

## 10.1.9. Is-sing twil (—) (–)

Hemm żewġ tipi ta' sing twil li jintużaw għal skopijiet differenti:

a) em-dash, — (*Alt 0151*): dan is-sing twil għandu l-irwol li jdaħħal fit-test kunċett sekondarju, iżda li jimxi id f’id mal-kunċett ewlieni tas-sentenza billi jkollu rabta tematika mill-qrib mal-bqija tas-sentenza:

> Il-partijiet kontraenti għolja — waqt li jixtiequ jagħtu dettalji iktar kompleti dwar is-sistema ta’ negozju applikabbli għall-importazzjonijiet fil-Komunità Ekonomika Ewropea ta’ prodotti petroliferi irfinati fl-Antilles Olandiżi — ftiehmu dwar id-dispożizzjonijiet [...]

Is-sing twil jintuża wkoll biex jippreżenta l-elementi differenti f’lista, kif ukoll biex jindika *data* nieqsa fil-listi jew fit-tabelli.

b) en-dash, – (*Alt 0150*): dan is-sing twil jintuża biex jindika sensiela ta’ paġni jew firxa ta’ snin. Jintuza wkoll bħala simbolu matematiku (minus) biex jindika kwantità negattiva:

> pp. 12–28 *(fil-ĠU* p. 12–28*)*
>
> 2009–10 *(iżda* 1999–2010*)*
>
> – 2 °C
>
> – 10 %

## 10.1.10. Il-puntini ([...])

Il-puntini ([...]) huma sinjal ta’ interruzzjoni biex jindikaw espressjoni mhux kompluta li t-tifsira tagħha tista’ tinftiehem, biex jindikaw pawsa jew biex jippreparaw lill-qarrej li ġejja metafora.

Sabiex tiġi evitata l-konfużjoni jkun aħjar jekk il-puntini ma jintużawx qrib l-abbrevjazzjoni, eċċ.

Il-puntini qatt ma jkunu itwal minn tliet punti [...] u jekk jinzertaw fit-tarf ta’ sentenza, il-punt ma nżiduhx.

## 10.1.11. L-iżbarra (solidus) (/)

L-iżbarra (/) fit-test isservi biex turi alternattivi għas-sentenza (u/jew), tfisser ukoll *għal kull* (km/h) kif ukoll fi frazzjonijiet (3/4).

Is-snin finanzjarji, skolastiċi, sportivi u snin oħrajn li ma jaħbtux mas-sena kalendarja jużaw l-iżbarra bħal pereżempju 2002/2003 tfisser sena ta’ 12-il xahar, iżda 2002–2003 tfisser perjodu ta’ ammont ta’ snin (f’dan il-każ sentejn).

## 10.1.12. Il-punt interrogattiv (?)

Kull mistoqsija għandha tiġi segwita dejjem bil-punt interrogattiv (?). L-ittra li jkun imiss wara tinkiteb dejjem kapitali:

> Għidli, ja xemx, fil-mixja ta’ kull sena,
> li tkejjel biha l-ġrajja tal-bnedmin,
> qatt rajt ħaġa isbaħ minn Sant’Jiermu tagħna?
> Qatt rajt iljuni eħrex mill-Maltin? [...]
> (silta meħuda mill-poeżija *L-Għanja tar-Rebħa* ta’ *Dun Karm*)

## 10.1.13. Il-punt esklamattiv (!)

Il-punt esklamattiv (!) jintuża wara kelma, sentenza jew frażi esklamatorja.

> Omm! ... xi ħlewwa, xi tjieba ta’ isem!
> Omm, il-kelma tal-faraġ fil-hemm, [...]
> (silta meħuda mill-poeżija *Waħdi* ta’ *Dun Karm*)

## 10.2. Għajnuna ortografika

Xi għajnuna dwar kif għandek tikteb tajjeb.

### 10.2.1. Indikazzjonijiet dwar l-ortografija

Il-bażi tal-Malti huwa s-Semitiku. Iżjed tard il-Malti beda jiġi influwenzat ħafna mill-Isqalli, it-Taljan, u riċentement l-Ingliż ukoll. Peress li dawn kollha ġejjin minn familji lingwistiċi totalment differenti li flimkien jiffurmaw il-Malti, importanti li nżommu f'moħħna li r-regoli bażiċi tas-Semitiku, tar-Rumanz u tal-Ġermaniku ma jistgħux jintużaw kif ġieb u laħaq.

Is-Semitiku jimxi skont l-għerq (trilitteru jew kwadrilitteru): eż. fittex, għażel, fehem u oħrajn. L-għerq jinstab billi wieħed jistaqsi "Huwa x'għamel?" fl-ewwel forma; għaldaqstant l-għerq ta' dawn il-verbi huma f-t-x, għ-ż-l u f-h-m. Kull kelma mnissla minnhom, għandha żżomm is-sekwenza tal-ittri tal-għerq, jiġifieri **f**i**tt**i**x**tilhom, **f**i**tt**i**x**nihomlhom, **għ**a**ż**i**l**t, a**għż**e**l**, **f**e**h**e**m**hielha, **f**e**hm**a, eċċ.

Ir-Rumanz u l-Ġermaniku għandhom sistema kompletament differenti. Dawn iż-żewġ familji lingwistiċi jimxu skont iz-zokk morfemiku u kull kelma mnissla minnhom tinbena billi jiżdiedu l-prefissi jew is-suffissi maz-zokk morfemiku. Bħala regola, iz-zokk morfemiku ma jintmissx. Hekk pereżempju:

| | |
|---|---|
| żvilupp: | niżviluppa, żviluppajna, żviluppaturi, żviluppat |
| integra: | integrazzjoni, nintegraw, diżintegrat |
| informa: | informajtek, informattiv, ma informajtux |

L-ittri taz-zokk morfemiku mhux biss ma jibdlux il-pożizzjoni, iżda ma jistgħux jaqgħu anki jekk jaħbtu wara kelma b'vokali, għas-sempliċi raġuni li l-ittri kollha taz-zokk morfemiku huma importanti għall-fehim tat-tifsira tagħha:

| | |
|---|---|
| Ir-riżoluzzjoni tal-PE hija parti integrali [...] | *(u mhux* parti ntegrali*)* |
| Proposta biex tiġi użata iktar forza [...] | *(u mhux* tiġi wżata*)* |
| [...] dwar l-informazzjoni inkluża [...] | *(u mhux* informazzjoni nkluża*)* |
| [...] ta' impjieg temporanju bi ħlas [...] | *(u mhux* ta' mpjieg/ta' mpieg*)* |
| [...] l-approprjazzjoni hija intiża sabiex [...] | *(u mhux* hija ntiża*)* |

Tajjeb inżommu f'moħħna wkoll li l-prefissi in, im, il (u oħrajn) ma jintmessux lanqas għax dawn huma fissi. Hekk per eżempju:

| | |
|---|---|
| [...] kwalunkwe attività illegali [...] | *(u mhux* attività llegali*)* |
| [...] wasalna indirettament [...] | *(u mhux* wasalna ndirettament*)* |
| Ġbir ta' numru insuffiċjenti ta' kampjuni [...] | *(u mhux* numru nsuffiċjenti*)* |

### 10.2.2. Singular jew plural?

Il-korpi u l-istituzzjonijiet (u l-maġġoranza tal-pajjiżi) ġeneralment jieħdu verb singular:

L-Unjoni Ewropea hija [...]

Il-Kunsill huwa [...]

Madankollu, hemm eċċezzjoni meta l-membri individwali ta' korp (pajjiż, istituzzjoni, eċċ.) qed jiġu enfasizzati:

Il-membri tal-Kunsill kienu [...]

Tliet pajjiżi mill-EU-27 ma ffirmawx [...]

Fil-Malti, in-nomi li jiġu wara n-numri li jispiċċaw minn tnejn sa għaxra (eż. 2, 4, 6, 102, 104, 106, 806, 808, eċċ.) biss jieħdu l-plural, il-bqija dejjem jieħdu s-singular:

**Pajjiż** minnhom ivvota favur. **Tliet pajjiżi** vvutaw kontra u **disa' pajjiżi** oħra astjenew. **Għoxrin pajjiż** ma attendewx għal-laqgħa u **erbgħin pajjiż** ieħor irrifjutaw il-ftehim.

L-aġġettivi jibqgħu fis-singular u l-verbi fil-plural:

**Ħmistax-il pajjiż** kbir attendew […]

In-numri minn tnejn sa għaxra jistgħu jieħdu t-t marbuta:

Tlett ifliexken tkissru […]

Ħamest itfal instabu […]

Sebat ibnadar twaħħlu […]

Tmint iqtates mietu […]

Disat ifrieħ twieldu […]

## 10.3. L-ittri kapitali u l-ittri ż-żgħar

Tużax l-ittri kapitali b’abbundanza. Fi ċrieki kummerċjali u amministrattivi l-ittri kapitali ħafna drabi jintużaw iżjed milli suppost. Meta tiġi fid-dubju uża l-ittri ż-żgħar.

Ir-regola ewlenija għad-differenza bejn jekk wieħed jiktibx il-kelma b’ittra kapitali jew żgħira hija jekk it-tifsira tal-kelma nnifisha fil-kuntest tkunx f’sens ġenerali jew speċifiku. L-ittri kapitali jintużaw meta jkun hemm sens speċifiku. Dawn li ġejjin huma xi eżempji:

(a) innota d-differenza bejn: id-Direttur Ġenerali tal-Microsoft qal […] *u* l-pożizzjoni ta’ direttur ġenerali hija pożizzjoni għolja […]. L-ewwel waħda għandha sens partikolari/speċifiku, tat-tieni għandha sens ġenerali. Il-Membru Parlamentari, is-Sur D. Casa […]; *iżda* l-membri parlamentari ddibattew bil-ħerqa […]. L-Espert Nazzjonali Sekondat tal-Greċja wissa […]; *iżda* l-kariga ta’ espert nazzjonali sekondat hija kariga temporanja;

(b) l-ittri kapitali juru isem proprju: is-Sinjura Sant hija traduttriċi; is-Sur Pisani laħaq president;

(c) titolu jew isem ta’ kariga li jirreferi għal persuna partikolari jinkiteb b’ittra kbira: l-Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Arċisqof Pawlu Cremona. L-ewwel ittra ta’ titolu mqassar tinkiteb dejjem kbira: is-Sur Pawlu Vella, Dr Mario Mifsud, il-Prof. Charles Grima;

(d) il-partijiet ta’ ismijiet ġeografiċi jew diviżjonijiet politiċi: il-Gżejjer Solomon, *iżda* l-gżejjer Ewropej; l-Afrika t’Isfel *iżda* l-qgħad naqas fin-naħa t’isfel tal-Italja. L-aġġettiv li jitnissel mill-isem tal-post jinkiteb b’ittra kbira: ir-reġjun Bask mimli siġar;

(e) l-isem tan-nies tal-post, l-ismijiet tal-lingwi u tal-familji tal-lingwi jinkitbu b’ittra kbira: Maltija, Ewropew, il-Malti, l-Ingliż, ir-Rumanz;

(f) fl-ismijiet xjentifiċi tal-ispeċi, l-ewwel kelma (il-ġenus) tinkiteb dejjem b’ittra kbira, filwaqt li t-tieni kelma (l-ispeċi) tinkiteb dejjem b’ittra żgħira: il-*Pistacia lentiscus*, il-*Monticola solitarius*; iżda ismijiet popolari tal-flora, il-fawna, l-elementi kimiċi, eċċ. jinkitbu b’ittri żgħar: l-oleandru, il-pitirross, l-aluminju;

(g) l-ismijiet proprji ta’ istituzzjonijiet u għaqdiet internazzjonali: il-Kummissjoni, *iżda* xi kumitati waqqfu kummissjoni; il-Parlament Spanjol *iżda* l-parlamenti kollha Ewropej huma eletti demokratikament; il-Gvern Malti *iżda* kwalunkwe gvern huwa mistieden;

(h) id-denominazzjonijiet ta’ partiti, movimenti, għaqdiet u reliġjonijiet jinkitbu b’ittra kbira: il-Partit tal-Ħodor *iżda* l-partiti politiċi Ewropej; il-Grupp Soċjalista, il-Partit Demokristjan, is-Soċjalisti, id-Demokristjani, il-Barokk, l-Iżlam;

(i) fit-titoli l-ewwel ittra biss tkun kapitali: Il-leġiżlazzjoni dwar il-frott, Żona ta’ sigurtà, libertà u ġustizzja, L-ambitu tal-applikazzjoni, Proċedura ta’ kumitat;

(j) l-ismijiet tal-jiem, ix-xhur, u l-warda tal-irjieħ jinkitbu b’ittri kbar: il-Ħamis, Novembru, ir-riħ ġej mil-Lvant b’imbatt mix-Xlokk, Lvant Nofsani, l-ekonomija tal-ex Ġermanja tal-Punent;

(k) l-ismijiet tal-istaġuni u s-sekli jinkitbu b'ittri żgħar: ir-rebbiegħa, il-ħarifa, mis-seklu dsatax sas-seklu wieħed u għoxrin;

(l) l-isem tal-muniti jinkiteb b'ittra żgħira: tliet euro, lira sterlina, dollaru Amerikan;

(m) ir-referenzi għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni: ikteb Regolament, Deċiżjoni, Direttiva, Anness u Artikolu (segwiti bin-numru rispettiv) bl-ewwel ittra kapitali jekk dawn qed jirreferu għal atti speċifiċi tal-Unjoni; iżda uża ittri żgħar għal referenzi lejn direttivi, regolament/i, eċċ. f'sens ġenerali u meta qed tirreferi għal abbozz leġiżlattiv (jew fi kliem ieħor: abbozz ta' regolament jew deċiżjoni);

**Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 105/2007 tal-1 ta' Frar 2007 [...]**

**Huma diversi regolamenti u direttivi li jillimitaw l-aċċess għall-[...]**

(n) l-ismijiet sħaħ ta' konferenzi, konvenzjonijiet, eċċ.: [...] dwar il-Konferenza ta' Reviżjoni tal-2006 tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi, [...] rigward il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità;

(o) ir-rapporti u pubblikazzjonijiet importanti tal-Unjoni: Il-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali, ir-Rapport Ġenerali għall-2007, [...] dwar ir-Rapport Annwali 2005 tal-Qorti tal-Awdituri, [...] fuq il-Programm dwar l-Attivitajiet tal-EURES; *iżda* [...] il-ħtieġa għal rapport ta' espert indipendenti, jeżistu ħafna programmi ta' għajnuna [...].

## 10.4. In-numri, id-dati u l-ħin

In-numri minn wieħed sa disgħa għandhom jinkitbu fi kliem, filwaqt li minn 10 'l fuq għandhom jinkitbu f'ċifri. Meta jkollok numri iżjed u inqas minn 10 flimkien, ikteb iċ-ċifri:

**minn 5 sa 14 *(mhux* minn ħamsa sa 14*)***

Meta numru li jinkiteb f'ċifri jieħu t-t marbuta, it-t marbuta tiġi pronunzjata imma ma tinkitibx:

**5 104 idjar tkissru fil-maltemp**

Iċ-ċifri jinkitbu dejjem sabiex nippreċiżaw espressjonijiet matematiċi, kejl metriku, dati, kodiċi postali, numri ta' paġni, paragrafi u artikoli, kif ukoll f'testi xjentifiċi u storiċi.

Madankollu, japplikaw l-eċċezzjonijiet li ġejjin:

(a) uża l-abbrevjazzjoni Nru (singular) u Nri (plural). Qatt tagħmel punt wara l-abbrevjazzjoni Nru jew Nri; Nru u Nri għandhom ikunu segwiti minn ċifri u mhux minn numru miktub bħala kelma eż.: Iż-żiemel Nru 1 wasal fit-tielet post. L-istudenti kandidati Nri 2, 3, u 6 weħlu mill-eżami;

(b) in-numri ordinali jsegwu l-istess proċess ta' hawn fuq: fis-seklu sebgħa, fis-17-il seklu;

(c) iċ-ċifri jiġu dejjem qabel kwantitajiet jew kwalunkwe forma oħra ta' kejl u dejjem qabel abbrevjazzjoni: 6 kg, 7 snin, 14-il metru, 10 000 rapport, 12-il °C;

(d) somom: EUR 2 000 000, 50 000 tunnellata. Id-deċimali imperjali (u kif dejjem tgħallimniehom Malta) ma jintużawx fil-kuntest legali Ewropew. Fil-Ġurnal Uffiċjali, sabiex ikun hemm konkordanza bejn it-testi multilingwi kollha tintuża l-forma Ewropea, għaldaqstant niktbu 20 000 mhux 20,000; 2,50 mhux 2.50 (ara t-Taqsima 6.5); 1 000 000 mhux 1,000,000. F'numri kbar il-virgoli huma mibdula bi spazji ċkejkna bejn in-numri. Dan japplika biss għall-kuntest legali. Meta t-test ikun ta' natura soċjali għandhom jintużaw id-deċimali lokali;

(e) biljun ifisser 1 000 miljun. Sabiex ma tinħoloqx ambigwità, maġenb l-ewwel okkorrenza tal-kelma biljun ikteb 1 000 miljun fil-parentesi. Evita l-kelma miljard;

(f) il-frazzjonijiet qatt ma nżidulhom sing fin-nofs: żewġ terzi tal-kamra, tliet kwarti tal-ħin;

(g) persentaġġi: 15 % (meta jkollok numru uża s-sinjal tal-persentaġġ bi spazju fiss bejnu u bejn in-numru — *control*, *shift*, *space bar*), iżda meta jkollok kliem ikteb fil-mija,

pereżempju, sebgħin fil-mija qalu; fl-istatistika, iżjed milli f’każijiet oħrajn, kull deċimu, anki jekk żero, iżid fil-preċiżjoni: 3.5 % mhux l-istess bħal 3.50 % jew 3½ %. Il-frazzjoni hija aktar approssimattiva. Kun af id-distinzjoni bejn % u punti ta’ persentaġġ;

(h) il-paġni: p. 250; p. 22. Meta għandek p. 31–5, oqgħod attent għax dan jista’ jfisser minn paġna 31 sa 35, jew minn 31 sa 5, speċjalment meta jkunu dokumenti xjentifiċi. Ikteb minn 50 sa 100 jew 50–100 iżda tikteb qatt *minn 50–100*. Meta tkun qed tirreferi għal iżjed minn paġna waħda agħmel pp. 29–39 (Iżda mhux f’atti leġiżlattivi għax fil-ĠU tintuża dejjem “p.” fil-lingwi kollha minħabba raġunijiet ta’ konsistenza.);

(i) meta numru jibda sentenza dan għandu jinkiteb sħiħ. Evita li tibda sentenzi bis-sena: eż. minflok 1992, ikteb Fl-1992 il-Kunsill [...];

(j) id-dati fit-test għandhom dejjem ikunu fil-forma sħiħa tagħhom: [...] u fid-9 ta’ Marzu 2007, il-Parlament [...], iżda fin-noti ta’ qiegħ il-paġna dan mhux il-każ. Fin-noti ta’ qiegħ il-paġna d-dati jinkitbu dejjem fil-qosor: 9.3.1979, u *mhux* 9.3.79 *la* tad-9.3.1979 u *lanqas* 09.03.1979;

(k) il-ħin: jintużaw kemm is-sistema Amerikana (24 siegħa (1400, 1932)), kif ukoll is-sistema Latina (a.m. u p.m.); eż. 17.30 (mingħajr h jew hrs) u 5.30 p.m. huma t-tnejn tajbin (innota l-ispazju bejn iż-żero u l-p.m.); il-ħin eżatt jinkiteb bl-użu taż-żeri inklużi: 14.00 (2 p.m.); hemm każijiet fejn 12.00 tinkiteb nofsinhar u 24.00 tinkiteb nofsillejl;

(l) ċifri li tridhom magħqudin bl-ispazju mal-kelma jew is-sillaba ta’ qabel għandom ikunu ppreċeduti bi spazju fiss (*control*, *shift*, *space bar*). Dan jgħodd ukoll għad-dati. eż. Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 96/102 (spazju fiss qabel is-96); is-17 ta’ Mejju 2007 (spazju fiss bejn 17 u ta’, bejn ta’ u Mejju u bejn Mejju u 2007);

(m) innota li fil-każijiet li ġejjin, in-numri minn 1 sa 9 m’għandhomx jinkitbu fi kliem: sekondi, minuti, sigħat, ġranet/jiem, ġimgħat, xhur, snin. Imma fil-każ ta’ deċennji u sekli: żewġ deċennji, tliet sekli.

## 10.5. L-unitajiet ta’ kejl

Is-simboli tal-unitajiet ta’ kejl ma jiġux tradotti għall-Malti, iżda jibqgħu kif inhuma għaliex dawk huma simboli internazzjonali. Fost dawn insibu s-simboli km/h, cm, mm, kw, °C, kg, km, mg, EUR, t (għal tunnellata/i), kg/t, l (għal litru), u oħrajn.

L-unitajiet ta’ kejl u s-sinjali xjentifiċi bħal km, mg, cm u oħrajn ma jiħdux il-punt fl-aħħar. Lanqas jinkitbu eżatt man-numru (ħalli spazju) u ma għandhomx plural.

## 10.6. Il-korsiv

L-użu tal-korsiv huwa ristrett għal:

(a) l-isem sħiħ tal-Ġurnal Uffijali:

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

(b) titoli ta’ kotba, films, perjodiċi u oħrajn. Peress li ħafna drabi l-isem ta’ affarijiet bħal dawn ikun bl-Ingliż, u ħafna drabi t-traduzzjonijiet għall-Malti jsiru mill-Ingliż, tajjeb li ninnutaw li jekk l-isem ta’ xi ktieb ikun bl-Ingliż faċilment joħloq konfużjoni fil-moħħ tal-qarrej fit-test Ingliż stess, speċjalment jekk il-qarrej ma jkunx familjari mat-test. Għaldaqstant it-tradutturi Ingliżi spiss jagħmlu dawn l-ismijiet bejn il-virgoletti, iżda ladarba t-test jinqaleb għall-Malti u l-isem jibqa’ bl-Ingliż il-virgoletti mhemmx għalfejn jintużaw;

(c) kliem Latin:

*ad hoc, ad infinitum, ad interim, ad litem, ad litteram, ad valorem, de facto, de iure, de minimis, ex ante, ex post, inter alia, litis denutatio, mutatis mutandis, per capita, prima facie, res iudicata, status quo, sui generis*

Kliem li ġej mill-Ingliż jew mill-Franċiż ma jinkitibx korsiv.

(d) l-ismijiet xjentifiċi bil-Latin ta' flora u fawna;

(e) il-formuli matematiċi; fil-formoli matematiċi għandu jkun hemm distinzjoni ċara bejn l-ittra l u n-numru 1, bejn l-ittra kapitali O u n-numru 0 u bejn in-numru Ruman I u l-ittra kapitali I.

L-ismijiet ta' nies, pajjiżi, istituzzjonijiet, kumpaniji, ismijiet ta' prodotti, postijiet u żoni ma jinkitbux korsiv.

## 10.7. L-abbrevjazzjonijiet u l-akronimi

Innota d-differenza bejn abbrevjazzjoni propja, fejn l-aħħar parti tal-kelma hija maqtugħa (bħal pereżempju, vol., ink., kont.), u t-tip ta' abbrevjazzjoni l-oħra fejn insibu sospensjoni tal-ittri fin-nofs minbarra l-ewwel u l-aħħar ittra (bħal pereżempju, Dr, Ltd). Dawn tal-aħħar dejjem jinkitbu mingħajr il-punt finali filwaqt li fl-oħrajn iżommuh.

Akronimu huwa kelma ffurmata mill-ittri inizjali ta' kelmiet oħra (NATO, Unesco) u bħala prinċipju ġenerali, fl-akronimi ma nagħmlux punt bejn il-kapitali. L-akronimi għandhom jiġu evitati jekk it-tifsira tagħhom mhix ċara jew magħrufa. Sabiex ikunu ċċarati, wieħed għandu jispjega l-akronimu fl-ewwel okkorrenza tiegħu u jżid l-akronimu fil-parentesi fl-aħħar. Inkella wieħed jista' jagħmel lista tal-abbrevjazzjonijiet li l-qarrej se jsib fid-dokument fil-paġna ta' wara l-werrej:

> **Dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) għas-sena finanzjarja 2007**

Sabiex jiffaċilita l-konkordanza bejn it-testi multilingwi, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet adotta dawn iż-żewġ regoli għal-lingwi tal-Unjoni kollha:

— akronimu jew abbrevjazzjoni, inklużi l-ismijiet ta' programmi, b'sitt ittri jew iżjed li jinqraw bħala kelma jinkitbu b'ittra kapitali fil-bidu u l-bqija ittri żgħar (Unesco, Esprit);

— akronimu jew abbrevjazzjoni, inklużi l-ismijiet ta' programmi, b'ħames ittri jew inqas minn ħames ittri jinkitbu kapitali (ŻEE, UE, AIDS, KEFA).

## 10.8. Mixxellanji

Evita l-użu tas-sinjal § li fl-Ingliż ifisser taqsima u f'lingwi oħra jfisser paragrafu.

Evita l-użu tal-aferesi f'testi legali: ma għandu *mhux* m'għandu, ta' April *mhux* t'April, ta' importanza *mhux* t'importanza, għal darba oħra *mhux* għal darb'oħra.

F'punti ta' lista nużaw l-ittri tal-alfabett Ingliż (a, b, c, d, e, f, g, h, i, j, k, l, m, n, o, p, q, r, s, t, u, v, w, x, y, z, aa, bb, cc, dd, ee, ff, eċċ.) għax fil-liġi Maltija jintużaw l-ittri tal-alfabett Ingliż.

Meta għandek artiklu qabel akronimu, l-artiklu dejjem jimxi skont il-ħoss tal-kelma, pereżempju, is-CEPOL, l-EUROPOL, is-SAPARD, il-PESD, is-SEBĊ, id-WTO.

Meta għandek kelma/frażi b'ġens newtrali (eż.: Official — Uffiċjal, Person — Persuna) il-kliem li jsegwi dik il-kelma/frażi ma hemmx għalfejn ikun jirreferi kemm għall-maskil u kemm għall-femminil (the official may apply for parental leave — l-uffiċjal jista' japplika għal-liv tal-ġenituri (minflok l-uffiċjal j/tista' j/tapplika), the appointed person shall act — il-persuna maħtura għandha taġixxi (minflok għandu/ha j/taġixxi)).

# 11. Xogħlijiet ta' referenza

L-attenzjoni għall-konsistenza fl-ortografija u l-preżentazzjoni tat-test hija importanti, u għandu jsir kull sforz sabiex ir-regoli bażiċi tal-Malti jiġu osservati anki fix-xogħol tradott. Dan għandu jgħin biex jillimita u jnaqqas konsiderevolment il-varjazzjonijiet u nuqqasijiet oħra li jistgħu joħolqu konfużjoni lill-qarrej jew lil min ikun qed ifittex ix-xogħol ippubblikat.

Minħabba l-irwol interistituzzjonali tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jeħtieġ li jkun hemm standard stilistiku tal-Unjoni komuni bejn l-awturi kollha. Għaldaqstant, l-Uffiċċju jirreferi għat-Tagħrif tal-Akkademja bħala s-sors ta' referenza ewlenija fil-liġi Maltija u għall-aħħar ħarġiet ta' pubblikazzjonijiet oħra meta jkun qed jaħdem fuq dokumenti bil-Malti:

— l-Akkademja tal-Malti, *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija II*, Ħal Tarxien, Gutenberg Press, 2004.

— Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, *Deċiżjonijiet 1*: http://www.kunsilltalmalti.gov.mt/filebank/documents/Decizjonijiet1_25.07.08.pdf

— Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, *Deċiżjonijiet 2*: http://www.kunsilltalmalti.gov.mt/filebank/documents/filebank/documents/decizjonijiet2/ dec2shih.pdf

Filwaqt li t-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija II (li jinkludi t-Tagħrif, iż-Żieda u l-Aġġornament) jibqa' s-sors uffiċjali, wieħed jista' jikkonsulta wkoll il-pubblikazzjonijiet li ġejjin sakemm dawn ma jkunux f'kunflitt mat-Tagħrif u dment li ma jiġix indikat mod ieħor mill-Kunsill tal-Malti:

— Agius Albert W., *It-Teżawru*, Ħal Tarxien, Gutenberg Press, 2000,

— Aquilina Joseph, *Concise Maltese — English, English — Maltese Dictionary*, Malta, Midsea Books Ltd., 2006,

— Aquilina Joseph, *English — Maltese Dictionary Vol. 1 - 4*, Malta, Midsea Books Ltd., 1999,

— Aquilina Joseph, *Maltese — English Dictionary Vol. 1 & 2*, Malta, Midsea Books Ltd., 1999,

— Azzopardi Carmel, *Gwida għall-Ortografija*, Sta Venera, Klabb Kotba Maltin, 2003/2007,

— Bugeja Pawlu, *Kelmet il-Malti*, Il-Marsa, Grima Printing & Publishing Industries, 1999,

— Cachia Lawrence, *Grammatika Ġdida tal-Malti*, Ħaż-Żabbar, Veritas Press, 1994,

— Cassar Emmanuel u Calleja David, *Dizzjunarju Malti — Ingliż*, L-Imġarr, Colour Image Malta, 1998,

— Schembri Ludovik, *Vokabularju Malti Ingliż Taljan*, L-Imġarr, Colour Image Malta, 1997,

— Serracino Inglott Mario, *Id-Dizzjunarju Malti u Teżawru ta' Malti Mħaddem*, Ħal Tarxien, Gutenberg Press, 2003.

# Annessi

L-annessi jippreżentaw, fost affarijiet oħra, ġabriet tad-data ta’ referenza verifikati u validati, ippreżentati fil-forma ta’ listi u tabelli.



# Anness A1 Gwida għall-grafiki għall-emblema Ewropea

## Il-Kunsill tal-Ewropa • Il-Kummissjoni Ewropea

### Il-Bandiera Ewropea

*Din hija l-bandiera Ewropea. Hija s-simbolu tal-Unjoni Ewropea imma hi wkoll simbolu tal-għaqda u tal-identità tal-Ewropa f'sens iktar wiesa'. Iċ-ċirku tal-istilel tad-deheb jirrappreżenta s-solidarjetà u l-armonija bejn il-popli tal-Ewropa.*

*In-numru tal-istilel ma għandux x'jaqsam man-numru tal-Istati Membri. Hemm 12-il stilla għax in-numru 12 huwa tradizzjonalment simbolu ta' perfezzjoni, sħuħija u unità. Għalhekk il-bandiera ma tinbidilx mat-tkabbir tal-Unjoni Ewropea.*



### Storja tal-bandiera

*Mill-ħolqien tiegħu fl-1940, il-Kunsill tal-Ewropa kien konxju tal-bżonn li l-Ewropa tingħata simbolu li l-poplu Ewropew seta' jidentifika ruħu miegħu. Nhar il-25 ta' Ottubru 1955, l-Assemblea Parlamentari għażlet b'unanimità li tadotta ċirku ta' 12-il stilla tad-deheb fuq sfond ikħal bħala emblema. Fit-8 ta' Diċembru 1955, il-Kumitat tal-Ministri adotta din il-bandiera Ewropea.*

*L-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa esprimiet bosta drabi x-xewqa li tara lill-organizzazzjonijiet Ewropej l-oħrajn jadottaw dan is-simbolu Ewropew sabiex tissaħħaħ il-komplimentarjetà, is-solidarjetà u s-sentiment ta' għaqda tal-Ewropa demokratika.*

*Huwa l-Parlament Ewropew li ħa l-inizjattiva li juża bandiera għall-Komunità Ewropea. Il-proposta ta' riżoluzzjoni tressqet għal dan l-għan fl-1979, wara l-ewwel elezzjonijiet tal-Parlament miżmuma b'vot universali dirett. Fir-riżoluzzjoni tiegħu adottata f'April 1983, il-Parlament Ewropew saħaq li l-bandiera Ewropea hi dik maħluqa mill-Kunsill tal-Ewropa fl-1955. F'Ġunju tal-1984, il-Kunsill Ewropew, waqt il-laqgħa tiegħu ta' Fontainebleau, enfasizza l-bżonn li jitħeġġu l-identità u l-immaġini tal-Ewropa maċ-ċittadini u fid-dinja. Għaldaqstant, il-Kunsill Ewropew approva, waqt il-laqgħa tiegħu f'Milan f'Ġunju 1985, il-proposta tal-Kumitat Adonnino li kienet tistipula l-adozzjoni ta' bandiera għall-Komunità. Il-Kunsill tal-Ewropa approva l-użu mill-Komunità Ewropea ta' bandiera Ewropea li kienet adottata fl-1955 u l-istituzzjonijiet komunitarji daħħluha fil-bidu tal-1986.*

*Kemm il-Kunsill tal-Ewropa kif ukoll l-Unjoni Ewropea huma rrappreżentati mill-bandiera u s-simbolu Ewropew. Dan sar is-simbolu preminenti tal-identità Ewropea u ta' Ewropa magħquda.*

*Il-Kunsill tal-Ewropa u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea huma kuntenti bl-interess dejjem akbar li ċ-ċittadini juru għall-bandiera. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill tal-Ewropa jaraw li jsir użu b'rispett tad-dinjità ta' dan is-simbolu u jieħdu, fejn meħtieġ, il-passi meħtieġa biex jintervenu kontra l-użi abbużivi tal-emblema Ewropea.*

### Introduzzjoni

Dan il-manwal tal-grafika hu maħsub li jgħin lill-utenti jipproduċu l-emblema Ewropea tajjeb. Jinkludi istruzzjonijiet ta' kif toħloq l-emblema u definizzjoni ta' kuluri standard.

### Deskrizzjoni simbolika

Fuq l-isfond ta' sema ikħal, 12-il stilla Ewropea jiffurmaw ċirku li jirrappreżenta l-għaqda tal-popli Ewropej. In-numru tal-istilel huwa ffissat għal 12, is-simbolu tal-perfezzjoni u l-għaqda.

### Deskrizzjoni eraldika

Fuq l-isfond ta' 12-il stilla tad-deheb li l-ponot tagħhom ma jmissux.

## Deskrizzjoni ġeometrika

L-emblema hi forma ta' bandiera rettangolari kaħla li tagħha l-bandiera hi darba u nofs it-tul tal-issar. 12-il stilla tad-deheb jinsabu f'intervalli ndaqs jiffurmaw ċirku inviżibbli li ċ-ċentru tiegħu huwa l-punt ta' fejn jiltaqgħu d-dijagonali tar-rettangolu. Ir-raġġ taċ-ċirku hu daqs terz tat-tul tal-issar. Kull waħda mill-istilel għandha ħames ponot li jinsabu fiċ-ċirkumferenza ta' ċirku inviżibbli li r-raġġ tiegħu hu daqs wieħed minn 18 tat-tul tal-issar. L-istilel kollha huma dritti — jiġifieri, b'punt wieħed vertikali u żewġ ponot f'linja dritta b'angoli dritti mal-arblu. Iċ-ċirku hu rranġat sabiex l-istilel jidhru f'pożizzjoni tas-sigħat fuq il-wiċċ tal-arloġġ. In-numru tagħhom ma jinbidilx.




## Regolamenti tal-kuluri

### L-emblema għandha dawn il-kuluri:

Ikħal pantomiku rifless għall-wiċċ tar-rettangolu: isfar pantomiku għall-istilel. L-iskala pantomika internazzjonali faċli ssibha u aċċessibli wkoll għad-dilettanti.




### Proċess b'erba' kuluri

Jekk il-proċess ta' erba' kuluri jintuża, mhux possibbli li tuża ż-żewġ kuluri standard. Huwa għalhekk neċessarju biex toħloqhom billi tuża l-proċess ta' erba' kuluri. L-isfar pantomiku jista' jinkiseb billi tuża 100 % "proċess isfar". Billi tħallat 100 % "proċess blu fl-aħdar" u 80 % "proċess maġenta" wieħed jista' jikseb kulur simili ħafna għall-ikħal pantomiku rifless.

### Internet

Ikħal pantomiku rifless jikkorrispondi għall-kulur web-palette RGB:0/51/153 (ħeksadeċimali:003399) isfar pantomiku jikkorrispondi għall-kulur web-palette RGB:255/204/0 (ħeksadeċimali: FFCC00).

### Proċess Monokromiku ta' riproduzzjoni

Jekk l-iswed biss huwa disponibbli, ħażżeż ir-rettangolu fuq l-iswed u stampa l-istilel fuq l-iswed u l-abjad.

Fl-eventwalità li l-ikħal ikun l-uniku kulur disponibbli (irid ikun ikħal rifless), uża 100 % bl-istilel riprodotti fl-abjad negattiv u l-isfond 100 % ikħal.



## Ipproduċi mill-ġdid fuq sfond ikkulurit

L-emblema hija prodotta għall-preferenza fuq sfond abjad. Evita sfond b'ħafna kuluri, u fi kwalunkwe każ wieħed li ma jmurx mal-blu. Jekk m'hemmx alternattiva għall-isfond ikkulurit, poġġi burdura bajda mar-rettangolu, b'wisa' li hu daqs 1/25 tal-għoli tar-rettangolu.



## Eżempji ta' riproduzzjoni ħażina

1. L-emblema tkun ta' taħt fuq.



2. L-istilel mhumiex dritti.



3. L-istilel huma f'pożizzjoni ħażina fiċ-ċirku: huma jridu jidhru fil-pożizzjoni tas-sigħat fuq il-wiċċ tal-arloġġ.



## Użu minn partijiet terzi

Il-prinċipji tal-użu tal-emblema Ewropea minn partijiet terzi ġew stipulati fi ftehim amministrattiv mal-Kunsill tal-Ewropa. Dan il-ftehim ġie ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni* Ewropea (ĠU C 271, 8.9.2012, p. 5).

Skont dan il-Ftehim, kull persuna naturali jew legali ("utent terz") jista' juża l-emblema Ewropea jew kwalunkwe mill-elementi tagħha, sakemm dan l-użu

(a) ma joħloqx l-impressjoni jew l-assunzjoni li hemm konnessjoni bejn l-utent terz u xi wieħed mill-istituzzjonijiet, l-entitajiet, l-uffiċċji, l-aġenziji u l-organi tal-Unjoni Ewropea jew il-Kunsill tal-Ewropa meta din il-konnessjoni ma tkunx teżisti;

(b) ma twassalx lill-pubbliku jaħseb li l-utent igawdi mill-appoġġ, l-isponsorizzazzjoni, l-approvazzjoni jew il-kunsens ta' xi wieħed mill-istituzzjonijiet, l-organi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni Ewropea jew tal-Kunsill tal-Ewropa fejn dan ma jkunx il-każ;

(c) ma jsirx b'konnessjoni ma' xi għan jew attività li mhux kompatibbli mal-għanijiet u l-prinċipji tal-Unjoni Ewropea jew tal-Kunsill tal-Ewropa, jew b'xi mod ieħor ikun illegali.

Jekk l-użu tal-emblema Ewropea jkun jikkonforma mal-kundizzjonijiet ta' hawn fuq, m'hemmx bżonn jintalab permess bil-miktub.

Mhijiex aċċettabbli r-reġistrazzjoni tal-emblema Ewropea, jew imitazzjoni araldika tagħha, bħala marka kummerċjali jew bħala xi dritt ieħor ta' proprjetà intellettwali.

Dwar mistoqsijiet marbuta mal-użu tal-emblema Ewropea, ara:
https://europa.eu/european-union/abouteuropa/legal_notices_mt#emblem

### Talbiet minn stati li mhumiex membri tal-UE

Council of Europe
Directorate of Legal Advice and Public International Law (Dlapil)
67075 Strasbourg Cedex
FRANCE

Tel. +33 388412000
Fax +33 388412052
E-mail: legal.advice@coe.int

L-oriġinali ta' dawn id-dokumenti jistgħu jitniżżlu minn hawnhekk:
http://europa.eu/about-eu/basic-information/symbols/flag/index_mt.htm

# Anness A2 L-emblemi

Mingħajr ebda preġudizzju għall-kondizzjonijiet speċifiċi ffissati minn kull istituzzjoni, korp, servizz interistituzzjonali jew aġenzija għall-użu tagħhom fir-riproduzzjoni, l-emblemi ta' hawnhekk huma riprodotti għal skopijiet ta' informazzjoni biss.

Xi emblemi għandhom jinkludu l-isem tal-istituzzjoni, l-organu jew l-aġenzija; f'xi każijiet ivarjaw skont il-lingwa. Biex tkun issimplifikata l-preżentazzjoni, ismijiet varjabbli tħallew barra f'dawn l-emblemi.

Ara wkoll it-Taqsima 9.5 (It-titoli uffiċjali u l-ordni tal-kwotazzjoni tagħhom).

## Istituzzjonijiet u korpi

| | | |
|---|---|---|
| **L-Unjoni Ewropea** | | |
| **Il-Parlament** | | |
| **Il-Kunsill Ewropew** | | |
| **Il-Kunsill** | | |
| **Il-Kummissjoni** [1] | | |
| **Il-Qorti tal-Ġustizzja** | | |
| **Il-Bank Ċentrali Ewropew** | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Il-Qorti tal-Awdituri** | | |
| **Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna** | | |
| **Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew** | | |
| **Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni** | | |
| **Il-Bank Ewropew għall-Investiment** | | |
| **Il-Fond Ewropew għall-Investiment** | | |
| **L-Ombudsman** | | |
| **Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data** | | |

(1) Minn Frar tal-2012, l-emblema tal-Kummissjoni Ewropea għandha tintuża wkoll minn dawn l-aġenziji eżekuttivi (ara 9.5.4. L-aġenziji eżekuttivi). Madankollu, l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka tibqa' tuża l-emblema tagħha stess.

## Aġenziji u servizzi interistituzzjonali (organizzazzjonijiet deċentralizzati)

| | | |
|---|---|---|
| **L-Aġenzija Ewropea għad-Difiża** | EUROPEAN DEFENCE AGENCY | EUROPEAN DEFENCE AGENCY |
| **L-Aġenzija Ewropa għall-Ambjent** | | |
| **L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta** | FRONTEX | |
| **L-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd** | EFCA | EFCA |
| **L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini** | EUROPEAN MEDICINES AGENCY SCIENCE MEDICINES HEALTH | EUROPEAN MEDICINES AGENCY SCIENCE MEDICINES HEALTH |
| **L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol** | | |
| **L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima** | EMSA | EMSA |
| **L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi** | ECHA EUROPEAN CHEMICALS AGENCY | ECHA EUROPEAN CHEMICALS AGENCY |
| **L-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka** (1) | erc | erc |

| | | |
|---|---|---|
| L-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom | | |
| L-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC | | |
| L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà | | |
| L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali | | |
| L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil | | |
| L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji | | |
| L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali | | |
| L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi | | |
| L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija | | |

| | | |
|---|---|---|
| L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali | EUSPA European Union Agency for the Space Programme | EUSPA European Union Agency for the Space Programme |
| L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi | CEPOL | CEPOL |
| L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja | EU-LISA | EU-LISA |
| L-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea | EASA European Aviation Safety Agency | |
| L-Awtorità Bankarja Ewropea | EBA EUROPEAN BANKING AUTHORITY | |
| L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel | efsa | efsa |
| L-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol | eiopa | eiopa |
| L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq | ESMA European Securities and Markets Authority | ESMA European Securities and Markets Authority |
| L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol | ELA | ELA |

| | | |
|---|---|---|
| **Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjon** | Single Resolution Board | Single Resolution Board |
| **Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali** | cedefop | cedefop |
| **Iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga** | | |
| **Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard** | ecdc | ecdc |
| **Iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea** | SATCEN EUROPEAN UNION SATELLITE CENTRE | SATCEN EUROPEAN UNION SATELLITE CENTRE |
| **Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea** | www.cdt.europa.eu | www.cdt.europa.eu |
| **L-Eurostat** | eurostat | eurostat |
| **Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ** | ETF Working together Learning for life | ETF Working together Learning for life |
| **Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol** | Eurofound | |

| | | |
|---|---|---|
| **L-Impriża Konġunta “Fusion for Energy”** | FUSION FOR ENERGY | FUSION FOR ENERGY |
| **L-Iskola Ewropea tal-Amministrazzjoni** | | |
| **L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi** | EIGE | EIGE |
| **L-Istitut tal-Unjoni Ewropea għall-Istudji fuq is-Sigurtà** | euiss European Union Institute for Security Studies | euiss European Union Institute for Security Studies |
| **L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal** | eu careers | eu careers |
| **L-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti** | | |
| **L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea** | EUIPO | EUIPO |
| **L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew** | EPPO EUROPEAN PUBLIC PROSECUTOR'S OFFICE | EPPO EUROPEAN PUBLIC PROSECUTOR'S OFFICE |
| **L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea** | | |

(1) Minn Frar tal-2012, l-emblema tal-Kummissjoni Ewropea għandha tintuża wkoll minn dawn l-aġenziji eżekuttivi (ara 9.5.4. L-aġenziji eżekuttivi). Madankollu, l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka tibqa' tuża l-emblema tagħha stess.

# Anness A3 L-abbrevjazzjonijiet u s-sinjali li jintużaw

## 1. Titoli ċivili

| | |
|---|---|
| Sur | Sinjuri |
| Sinjura | — |
| Sinjorina | — |
| Dr | — |
| Prof. | — |
| Eċċ. | Eċċellenza |
| ET | L-Eċċellenza Tiegħu/Tagħha |

Meta tindirizza verbalment jew issejjaħ persuna direttament tużax l-artiklu, eż. "Nista' nkellmek ftit Sur Borġ?", "Kemm ilek taħdem magħna Sinjura Borġ?" Iżda meta qiegħed tindirizza ittra lil xi ħadd jew tirreferi għalih/ha fil-kitba jew id-diskors, uża l-artiklu, eż. "Is-Sur Ġanni Borg ta' Triq il-Qasam, San Ġwann", "Il-ġimgħa l-oħra rajt lis-Sinjura Cachia".

## 2. Unitajiet ta' kejl

Is-simboli tal-unitajiet ta' kejl ma jiġux tradotti għall-Malti, iżda jibqgħu kif inhuma għaliex dawk huma simboli internazzjonali. L-unitajiet ta' kejl u s-sinjali xjentifiċi ma jiħdux il-punt fl-aħħar, ma għandhomx plural u ma jinkitbux eżatt man-numru iżda daħħal spazju fiss (*shift*, *control*, *space bar*) bejniethom.

| | |
|---|---|
| mm | millimetru |
| cm | ċentimetru |
| m | metru (uża $m^2$) |
| km | kilometru (uża $km^2$) |
| mg | milligramm |
| g | gramm |
| kg | kilogramm |
| ml | millilitru |
| l | litru |
| A | ampere |
| cd | candela |
| Hz | hertz (*tużax il-ħ Maltija*) |
| V | volt |
| W | watt |
| kW | kilowatt |
| MW | megawatt = $10^3$ kW |
| kWh | kilowatt-siegħa |
| MWh | megawatt-siegħa |
| GWh | gigawatt-siegħa |
| °C | grad Celsius (*tużax iċ-ċ Maltija*) |

## 3. Numri ordinali

L-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt, is-seba', it-tmien, id-disa' (ikteb in-numri mill-wieħed sad-disgħa b'mod sħiħ).

Iżda l-10, il-11, ... il-21, it-22, it-23, l-24, eċċ.

Għaldaqstant tista' tikteb is-seklu sebgħa jew is-seba' seklu iżda mhux is-seklu 7 jew is-7 seklu; tista' tikteb is-seklu 17 jew is-17-il seklu iżda mhux is-seklu sbatax jew is-sbatax-il seklu.

## 4. Simboli u taqsiriet tal-istatistika

| | |
|---|---|
| — | xejn |
| 0 | negliġibbli (ġeneralment anqas min-nofs tal-iżgħar unità jew deċimali tat-titolu) |
| : | ċifra mhux disponibbli jew sigrieta |
| ≠ | mhux ugwali għal |
| * | stima |
| p | ċifra proviżorja |
| r | ċifra riveduta |
| | or — | diskontinwità fis-serje |
| ⊥ | waqfa fit-tqabbil |
| % | persentaġġ |
| % AT | varjazzjoni ta’ persentaġġ |
| D | differenza |
| Ø | medja |
| AM | tkabbir annwali medju |
| < | anqas minn |
| > | iżjed minn |
| S | total |
| ∃ | “magħmul minn”: rendikont sħiħ ta’ total |
| ∍ | “fost oħrajn”: rendikont parzjali ta’ total |
| θ | id-dinja |
| 1990–92 | perjodu ta’ snin diversi (eż. mill-1.1.1990 sal-31.12.1992) |
| 1991/92 | perjodu ta’ 12-il xahar konsekuttiv (eż. sena ta’ taxxa minn April sa Marzu) |

## 5. Taqsiriet oħra

| | |
|---|---|
| EU-6 | l-ewwel sitt pajjiżi tal-KE |
| EU-9 | l-ewwel disa’ pajjiżi tal-KE |
| EU-10 | l-ewwel 10 pajjiżi tal-KE |
| EU-12 | l-ewwel 12-il pajjiż tal-KE |
| EU-15 | l-ewwel 15-il pajjiż tal-UE |
| EU-25 | l-ewwel 25 pajjiż tal-UE |
| EU-27 | L-Ewropa tas-sebgħa u għoxrin: tirreferi jew għas-27 Stat Membru li kienu jiffurmaw l-Unjoni Ewropea bejn l-1 ta’ Jannar 2007 u t-30 ta’ Ġunju 2013, jew għas-27 Stat Membru li jiffurmaw l-Unjoni Ewropea wara l-ħruġ tar-Renju Unit fil-31 ta’ Jannar 2020. Jekk ikun hemm riskju ta’ konfużjoni bejn dawn it-tnejn, għandu jiġi speċifikat liema konfigurazzjoni qed issir referenza għaliha bl-abbrevjazzjoni użata, possibbilment f’forma ta’ nota ta’ qiegħ il-paġna. |
| EU-28 | l-ewwel 28 pajjiż tal-UE |
| SA | *société anonyme* |
| SARL | *société à responsabilité limitée* |
| SPRL | *société de personnes à responsabilité limitée* |
| GmbH | *Gesellschaft mit beschränkter Haftung* |
| SNC | *società in nome collettivo* |
| SpA | *società per azioni* |
| BV | *besloten vennootschap* |
| NV | *naamloze vennootschap* |

It-taqsiriet li ġejjin jintużaw l-aktar fin-noti ta’ qiegħ il-paġna u l-bibljografiji; fit-test prinċipali hija ppreferuta l-forma sħiħa:

| | |
|---|---|
| Art. (Arti) | Artikol(i) |
| Fig. | Figura |
| ikomp. | ikompli |
| Ill. | Illustrazzjoni |
| Kap. | Kapitolu |
| p. | paġna |
| pp. | paġni |
| Tab. | Tabella |
| Vol. | Volum |

# Anness A4 L-akronimi ewlenin u l-abbrevjazzjonijiet

A B C D E F G H I J K L M N O P Q R S T U V W

## A

| | |
|---|---|
| AAĊ | Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili |
| AASM | Stati Afrikani Assoċjati u l-Madagaskar |
| AEA | (ara EEA) |
| AED | Aġenzija Ewropea għad-Difiża |
| AEK | Assoċjazzjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni |
| AEKĦ | Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles |
| AFE | (ara ERA) |
| AIDS | sindromu ta' defiċjenza immunitarja akkwiżita (acquired immune deficiency syndrome) |
| AIE | Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija |
| AIEA | Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika |
| AKP | Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku |
| ANC | Kungress Nazzjonali Afrikan (African National Congress) |
| ASCII | kodiċi standard Amerikan għall-iskambju tal-informazzjoni (American standard code for information interchange) |
| ASEAN | Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tal-Asja tax-Xlokk (Association of South-East Asian Nations) |

## B

| | |
|---|---|
| BĊE | Bank Ċentrali Ewropew |
| BEI | Bank Ewropew tal-Investiment |
| BEREC | Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Body of European Regulators for Electronic Communications) |
| BERŻ | Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp |

## C

| | |
|---|---|
| CAD | computer-aided design |
| CCAMLR | Kummissjoni għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi Ħajjin tal-Baħar Antartiku (Commission for the Conservation of Antarctic Marine Living Resources) |
| Cedefop | Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali |
| CELEX | sistema interistituzzjonali ta' dokumentazzjoni kompjuterizzata għal-liġi Komunitarja |
| CEN | Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (Comité européen de normalisation) |
| Cenelec | Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (Comité européen de normalisation électrotechnique) |
| CEPOL | l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi |
| CEPT | Konferenza Ewropea tal-Amministrazzjonijiet tal-Posta u tat-Telekomunikazzjoni (Conférence européenne des administrations des postes et des télécommunications) |
| CERN | Organizzazzjoni Ewropea għar-Riċerka Nukleari |
| ĊESP | Ċentru Ewropew ta' Strateġija Politika |
| CFCA | (ara EFCA) |
| ĊIDIKP | Ċentru għall-Informazzjoni, id-Diskussjoni u l-Iskambju dwar il-Kenn Politiku |
| CIF | il-prezz, l-assigurazzjoni u l-ġarr (cost, insurance and freight) (Incoterms 2010) |
| CITES | Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (Convention on International Trade in Endangered Species of Wild Fauna and Flora) |
| ĊKR | Ċentru Konġunt tar-Riċerka |

| | |
|---|---|
| CORDIS | Servizz Komunitarju ta' informazzjoni dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp (Community Research and Development Information Service) |
| COREPER | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti |
| COST | Kooperazzjoni Ewropea fix-Xjenza u t-Teknoloġija (European cooperation in science and technology) |

## D

| | |
|---|---|
| DGN | Dħul Gross Nazzjonali |
| DECT | telekomunikazzjonijiet diġitali Ewropej mingħajr fili (digital European cordless telecommunications) |
| DELTA | żvilupp għal tagħlim Ewropew permezz ta' avvanz teknoloġiku (development of European learning through technological advance) |
| DĠ | Direttorat Ġenerali |
| DRAM | memorja dinamika b'aċċess każwali (dynamic random access memory) |
| DRIVE | infrastruttura tat-toroq iddedikata għas-sigurtà tal-vetturi fl-Ewropa (dedicated road infrastructure for vehicle safety in Europe) |

## E

| | |
|---|---|
| EAS | (ara EUSA) |
| ECDC | Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (European Centre for Disease Prevention and Control) |
| ECHA | Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (European Chemicals Agency) |
| ECHO | Direttorat Ġenerali għall-Protezzjoni Ċivili u l-Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej (ECHO) |
| EĊL | Ewropa Ċentrali u tal-Lvant |
| Ecofin | Kunsill għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji |
| Ecosoc | Kunsill Ekonomiku u Soċjali (Economic and Social Council) |
| ECU | Unità ta' valuta Ewropea (European currency unit) |
| EEA | Aġenzija Ewropea għall-Ambjent |
| EFCA | Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (European Fisheries Control Agency)<br>(Sal-31.12.2011: Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd (Community Fisheries Control Agency)) |
| EFSA | Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (European Food Safety Authority) |
| Eionet | Network Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent |
| EMEA | Aġenzija Ewropea għall-Mediċina (European Medicines Agency) |
| ERA | Aġenzija Ferrovjarja Ewropea |
| EUAA | Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil |
